# Nagħmlu Festa

## L-ewwel mitt sena ta' ħidma tal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri

Joseph A. Bugeja

VO/0877

Lil marti
Karen

## Daħla

Dan il-ktieb li għandna f'idejna, mhux sempliċiment rakkont ta' ġrajjiet li għadda minnhom il-Kumitat Festi Esterni fil-parroċċa ta' San Ġorġ Martri f'Ħal Qormi. Dan il-ktieb huwa xhieda tal-imħabba u d-devozzjoni li l-poplu ta' Ħal Qormi kellu u għad għandu lejn il-Kbir Qaddis Martri San Ġorġ. Dawn il-mitt sena huma xhieda ta' impenn minn tant nies li offrew l-ħin u l-ħila tagħhom, biex il-Belt Pinto titlibbes l-isbaħ libsa fil-ġranet tal-festa tal-patrun tagħha San Ġorġ. Aħna u nħarsu lura lejn dawn il-mitt sena, nimtlew ukoll bil-kuraġġ għall-ġejjieni. Tul dawn is-snin l-Kumitat għadda minn kull tip ta' sitwazzjoni, imma minkejja kollox, bit-tħabrik tal-membri, baqa' dejjem għaddej sal-ġurnata tal-lum. Huwa dan l-impenn li ma jaqtalniex qalbna, minkejja xi diffikultajiet li nistgħu niltaqgħu magħhom. Il-ħeġġa ta' tant żgħażagħ li joffru l-ħin, l-impenn u t-talent tagħhom fi ħdan dan il-Kumitat, żgur li ser jżomm lil dan il-Kumitat għaddej. B'dan il-ktieb, nixtiequ nroddu ħajr lil dak kollha li ħadmu matul dawn il-mitt sena u li permezz tagħhom illum aħna nistgħu ngawdu dan il-patrimonju. Inrodd ħajr ukoll lill-membri preżenti li minkejja l-ħafna impenji tal-ħajja, isibu l-ħin ukoll biex jagħtu s-sehem tagħhom fi ħdan il-Kumitat b'risq il-festa ta' San Ġorġ. Aħna u naqraw dawn il-paġni tal-istorja, nittamaw ukoll li ħafna oħrajn jitħeġġu u jingħaqdu magħna biex jagħtu s-sehem tagħhom. Nawguraw li dawk li ġejjin warajna jkollhom iċ-ċans li bħalna jgawdu dan il-patrimonju u jgħadduh huma wkoll lil ta' warajhom. San Ġorġ Martri jbierek u jħares lill-membri kollha u lill-benefatturi ħajjin ta' dan il-kumitat.

**Rev. Mario Mangion**
**Arċipriet Parroċċa San Ġorġ**

## Messaġġ mis-Sindku

Ħal Qormi huwa xxurtjat bil-bosta li fi ħdanu għandu diversi għaqdiet. Għaqdiet sportivi, soċjali, mużikali u reliġjużi. Għaqdiet attivi, li tul is-snin sawru l-istorja soċjo-kulturali ta' beltna. L-istorja ta' din il-belt tagħna hija bħal jigsaw puzzle kbira, fejn kull għaqda hija tassell. Wieħed ma jistax ikollu stampa sħiħa jekk ma jkollux it-tasselli kollha f'posthom.

Kien b'dan il-ħsieb li l-Kunsill Lokali, wara li investa fil-pubblikazzjoni tal-istorja ġenerali ta' beltna, ħaseb sabiex jgħin kemm jista' biex l-għaqdiet Qriema wkoll jippubblikaw l-istorja tagħhom.

Din il-publikazzjoni dwar l-istorja tal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri, hija pass ieħor lejn dan il-għan. Publikazzjoni storika bbażata fuq riċerka u dokumentazzjoni awtentika, li tagħmel ġieħ lil beltna. Inħossni kburi li għal darba oħra qed ninvestu f'publikazzjoni ta' dan il-livell, publikazzjoni li żgur ser tkompli tgħinna napprezzaw ħidmet diversi persuni sabiex jindokraw u jsaħħu l-patrimonju ta' beltna.

Ninsab kuntent ukoll li din il-kitba ħarġet mill-pinna ta' Qormi, kif ukoll ta' diversi Qriema huwa x-xogħol relatat mal-issettjar.

Inħeġġeġ lill-għaqdiet Qriema jieħdu dan l-eżempju u jinvestu f'publikazzjonijiet simili sabiex il-ġenerazzjonijiet futuri jkollhom xhieda ta' dak kollu li sawwar l-isem tal-Belt Pinto.

**Jesmond Aquilina**

Ippubblikat għall-ewwel darba minn
Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri Qormi, Malta 2019

Dritt Letterarju © Joseph A. Bugeja

joseph.ant.bugeja@gmail.com

Drittijiet ta' din l-edizzjoni © Joseph A. Bugeja

Il-jeddijiet kollha miżmuma. Dan il-ktieb ma jistax jerġa' jinbiegħ, jissellef jew jingħata b'xejn mingħajr il-permess miktub tal-publikatur u l-awtur. Lanqas ma jista' jiġi stampat, iffotokopjat b'xi mod mekkaniku, elettroniku, diġitali, jew irrekordjat jew isir fih tibdil fil-forma jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr l-istess permess. Kwotazzjonijiet mill-ktieb jistgħu jsiru biss billi magħhom jiġi ddikjarat minn liema ktieb ġew meħuda u min hu l-awtur tagħhom.

**ISBN:** 978-99957-1-473-4

**Qari tal-Provi:** George Sammut u Christopher Bonnici
**Issettjat:** George Spiteri
**Stampat:** Print Right Ltd.

# Werrej


1. L-oriġini tal-kult u l-festa. 1

L-oriġini tal-festi; Il-prokura ta' Dun Ġużepp Mifsud; Il-Prokura tal-Kappillan Pace.

2. It-twaqqif u l-ewwel snin: 1919-1925 17

Bżonn ta' mod ġdid kif titmexxa l-festa; L-ewwel Kumitat; Organizzazzjoni; Il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi.

3. L-aħħar deċennju ta' paċi: 1925-1936 31

Tmexxija ġdida; Il-piroteknika; Finanzjament u organizzazzjoni; Armar ġdid u restawr; L-Orkestra San Francesco Saverio; Il-baned fil-festa; Il-festi ċentinarji tal-1936

4. Il-ħolqien ta' parroċċa ġdida. 59

L-effett fuq il-baned; L-impatt fuq l-għaqdiet l-oħra; Il-kwistjoni tal-armar.

5. Ventennju bi sfidi kbar: 1937-1955 71

L-aħħar festa ta' qabel il-gwerra; Ix-xalata tal-għada tal-festa; Is-snin tal-gwerra; Innu popolari ġdid; L-ewwel snin ta' wara l-gwerra; Il-festa tinfirex lejn inħawi ġodda; Il-festi ċinkwantinarji tas-sena 1953; Il-kwistjoni ta' Triq Anici; Diżgwid intern.

6. It-tmexxija ta’ Dun Ġerald Frendo: 1955-1978 99

L-ewwel snin tal-Arċipriet Frendo; L-għabex tal-piroteknika Qormija; Il-kwistjoni Politiko-Reliġjuża; Il-Kumpanija Tejatrali Anici; Il-festa fl-era post Kolonjali; Il-kwistjoni tan-nar.

7. Entużjażmu ġdid: 1978-1999 127

Riorganizazzjoni; Aktar baned fil-festa; Traġedja u s-sehem mill-ġdid tal-Banda Pinto; Ħeġġa akbar; Tiġdid piroteknikú u tnaqqis fl-attività tejatrali; Il-kwistjoni tal-festa tal-Ħlas; L-aħħar snin tal-Arċipriet Edgar Attard; Arċipriet ġdid u banda ġdida; Rigal lil San Ġorġ; Ħidma fil-qasam tal-armar.

8. Millennju ġdid bi sfidi ġodda: 2000-2019 155

Il-festi ċentinarji tal-2003; Impenn soċjali u kulturali; Qalb waħda mal-Ġorġjani barra minn xtutna; Innijiet ġodda; Impenn fil-qasam tal-armar; Ċentru ġdid tal-armar; Lejn awtonomija sħiħa; Sena indimentikabbli; Jitfakkru l-ewwel mitt sena ta’ ħidma.

Appendiċi A: Il-Kumitati Festi Esterni 185

Appendiċi B: Sotto Kumitati u Kooperaturi 199

1. Il-Kumitat Amministrattiv tal-Casino San Giorgio
2. Sotto Kumitati Vitorja
3. Pirotekniċi Qriema
4. Għaqda Nisa Ġorġjani
5. Sezzjoni Żgħażagħ

Appendiċi Ċ: Kappillani/Arċiprieti tal-Parroċċa San Ġorġ 204

Appendiċi D: Sehem il-baned tal-parroċċa fil-festa 205

Appendiċi E: Baned mistiedna għall-festa ta' San Ġorġ 212

Appendiċi F: Dati meta kienet iċċelebrata l-festa ta' San Ġorġ 226

Appendiċi Ġ: Skrizzjoni fuq il-pedestall tar-relikwa irregalat mid-dilettanti tan-nar 229

Appendiċi G: Artisti u artiġġjani li sawru l-armar tal-festa ta' San Ġorġ 230

Appendiċi GĦ: Armar fir-rotta tal-purċissjoni 231

Biblijografija 271

Indiċi 277

# Abrevjazzjonijiet

**Arkivji**

| | |
|---|---|
| AAM | Arkivju Arċiveskovili ta' Malta |
| ANV | Arkivju Notarili, Valletta |
| ASM | Archivio di Stato, Messina |
| KFE | Arkivju Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri, Ħal Qormi |
| NAM | National Archives Malta |
| NSO | National Statistical Office |

**Kliem Ieħor**

| | |
|---|---|
| ibid. | L-istess sorsi ta' tagħrif |
| idem. | L-istess awtur |
| Nru. | Numru |
| passim. | F'partijiet varji tat-test riferut |
| supra. | Aktar qabel f'din il-publikazzjoni |
| Vol. | Volum |

# Introduzzjoni

Hi ħaġa sabiħa ħafna li okkażjonijiet speċjali fil-ħajja tagħna jiġu kommemorati u mfakkra. Tul il-ħajja nassistu għal diversi kommemorazzjonijiet fuq skala nazzjonali biex jitfakkru avvenimenti partikolari li jkunu seħħew numru ta' snin qabel, l-aktar dawk ċentinarji. L-istess jgħodd għall-istorja lokali ta' belt jew raħal fejn in-nies tal-post jingħaqdu biex ifakkru xi ġrajja speċjali tal-imgħoddi. Jgħodd ukoll għall-parroċċi Maltin u Għawdxin fejn isiru akkademji, diskorsi u festi li fihom ikun mistieden jipparteċipa l-poplu kollu. Iżda dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, għalkemm sbieħ, ta' min ifaħħarhom u għandhom jibqgħu jiġu organizzati, x'aktarx jintesew mal-milja tas-snin u jibqgħu biss fil-memorja, kultant imdallma, ta' min ikun ippartеċipa fihom. Għaldaqstant, dejjem hi ħaġa ħafna importanti li dawn ikunu supplimentati mill-kitba; għax il-kitba tibqa' teżisti u ma tmut qatt, tibqa' ħaġa ħajja li mhux biss tfakkar l-avvenimenti partikolari iżda wkoll tgħallem lill-ġenerazzjonijiet li jiġu wara.

Fil-parroċċa tagħna, San Ġorġ Megalomartri ta' Ħal Qormi, seħħew diversi avvenimenti parrokkjali li baqgħu kommemorati fil-pubblikazzjoni ta' diversi kotba li permezz tagħhom nistgħu ngħidu li nsibu miktuba l-istorja ta' raħalna u l-parroċċa tagħna. Ovvjament, dawn jinkludu xi tagħrif, x'aktarx leġġer, dwar l-istituzzjonijiet jew għaqdiet parrokkjali. Waħda minn dawn l-għaqdiet, dejjem attiva, hi l-Kumitat Festi Esterni li, fl-2019, qed jiċċelebra il-mitt sena mit-twaqqif tiegħu nhar l-Imnarja tal-1919.

Ovvjament, il-Kumitat ħaseb biex dan iċ-ċentinarju jkun iċċelebrat kif jixraq b'diversi attivitajiet. Il-Kumitat kien għaqli wkoll li għażel li jippubblika ktieb riċerkat professjonalment li fih tinkiteb l-istorja tiegħu sabiex dawn l-ewwel mitt sena tiegħu ma jintesewx iżda jibqgħu ħajjin fl-

imħuħ kemm tal-Ġorġjani tallum kif ukoll dawk tal-ġejjieni biex huma wkoll ikunu jistgħu japprezzaw ħidmet missierijiethom għall-ġid komuni tal-parroċċa.

Importanti li ktieb bħal dan jilħaq lil kulħadd, kemm l-ispeċjalista kif ukoll lid-dilettant. Mhix ħaġa ħafifa li jinlaħaq għan bħal dan, jiġifieri pubblikazzjoni li tkun tista' tinqara minn kulħadd skont il-lenti tiegħu. Ix-xogħol inkiteb, bħalma wieħed jistenna, bil-Malti iżda b'lingwa kemm jista' jkun mexxejja għalkemm, ovvjament, kultant jista' jkun li tintuża xi terminoloġija teknika. Min-naħa l-oħra, in-narrattiva hi kollha kemm hi annotata biex b'hekk jidher ċar daqs il-kristall li, l-ewwel nett, kollox hu mibni fuq sisien verifikabbli u sodi u, t-tieni nett, jista' jservi ta' spinta għal aktar riċerka profonda fil-ġejjieni. Importanti wkoll li fil-kitba tinżamm kronoloġija tajba ħalli l-qarrej iħossu aktar komdu biex jifhem dak li hemm ippreżentat quddiemu. L-indiċi fi tmiem ktieb hu ntiż biex ikabbar l-użu tax-xogħol partikolari għal skopijiet ta' referenza.

Ir-riċerkatur Joseph A. Bugeja daħal għal din il-biċċa xogħol b'entużjażmu u nħoss li l-kitba li qed jippreżentalna hi ta' kwalità tajba immens għax tilħaq l-għanijiet li għadni kemm elenkajt. Fil-kumpless, dan hu ktieb ta' storja ħajja, fis-sens ta' History, u mhux xi rakkont fittizju. Hi ħaġa magħrufa u aċċettata li l-kitba serja tal-Istorja hi l-aktar tip diffiċli ta' komunikazzjoni li tista' tkun attwata għax l-istoriku, għall-kuntrarju tar-rumanzier li jikteb xogħlijiet fittizji wkoll jekk ikunu bbażati fuq ġrajjiet li seħħew tabilħaqq (*historical novels*), irid jinsa l-immaġinazzjoni u jikkonċentra fuq il-fatti filwaqt li jkun konxju li ma jaqax fil-preġudizzju jew ixaqleb lejn naħa jew oħra. L-istoriku serju għandu dejjem jibqa' fidil għas-suġġett li jkun qed jesponi u għall-intelliġenza tal-qarrejja tiegħu. Naħseb li s-Sur Bugeja jgħaddi minn dan l-eżami, biex insejjaħlu hekk, bl-unuri u nħoss li l-livell tal-kitba tiegħu hi tajba ferm.

Bħalma jagħmel kull riċerkatur serju, s-Sur Bugeja ma bediex il-kitba tiegħu billi beda jesponi s-suġġett eżattament mill-ewwel jum, li f'dan il-każ kien id-29 ta' Ġunju 1919, tal-ġrajja tiegħu iżda mar lura lejn l-anteċedenti, jiġifieri x'kien seħħ fis-snin preċedenti biex il-qarrej ikun jaf eżatt x'kienet is-sitwazzjoni attwali meta jibda r-rakkont tiegħu. Għaldaqstant, l-ewwel kapitlu tal-ktieb hu dwar l-oriġini tal-kult u l-festa fejn l-awtur imur lura sekli sħaħ biex ipoġġi quddiem għajnejna kif żviluppat il-festa Maltija, u dik Ġorġjana, sakemm naslu lejn il-bidu tas-Seklu Għoxrin, eżattament is-sena 1903, meta Ħal Qormi, li dak iż-żmien kien parroċċa waħda, iċċelebra s-Sittax il-Ċentinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ.

U min hawn tibda tiżvolġi l-istorja tal-Kumitat Festi Esterni. Fit-tieni kapitlu, li jkopri s-snin 1919-25, naraw il-bżonn li jinħatar dan il-Kumitat fi ħdan il-parroċċa u l-ewwel snin tiegħu b'dawk li bl-Ingliż insejħulhom it-*teething troubles* iżda l-awtur jispjega kif intrebħu l-ostakli kollha u l-festa organizzawha kif kien xieraq tul dawn is-snin. Sal-1925, il-presidenza kienet f'idejn il-Kappillan innifsu. Punt li nixtieq insemmi hu li kienet deċiżjoni kuraġġuża tal-Kappillan Azzopardi li waqqaf dan il-Kumitat eżattament f'sena meta kien hawn tant inkwiet f'Malta. Bizzejjed insemmu l-irvellijiet tas-*Sette Giugno* li kienu seħħew tliet ġimgħat qabel u bl-inkwiet jilħaq ukoll lil Ħal Qormi, apparti l-faqar li kien hawn wara li ntemmet l-Ewwel Gwerra Dinjija tal-1914-18. Barra minn hekk, kienu qed isiru xogħlijiet ta' rikostruzzjoni fin-navi tal-knisja parrokkjali. Iżda hawn napprezzaw il-fiduċja li l-kappillan kellu fil-parruċċani tiegħu.

Is-Sur Bugeja jkompli l-kitba kronoloġika tiegħu fit-tielet kapitlu li jwassalna sal-1937, kważi sal-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija li faqqgħet fl-1939. Kien perjodu meta l-Presidenza u s-Segretarjat għaddew f'idejn il-lajċi għalkemm rappreżentanza tal-kleru baqgħet dejjem hemm. Sar avvanz kbir fl-aspetti kollha tal-organizzazzjoni – l-armar u l-piroteknika fost l-oħrajn – iżda kien ukoll iż-żmien li fih Ħal Qormi inqasam f'żewġ

parroċċi, avveniment li ħoloq diżgwid, inkwiet u problemi ġodda li l-awtur jiddiskutihom fir-raba' kapitlu li hu ddedikat kompletament għal dan is-suġġett, tema delikata ħafna li s-Sur Bugeja jagħraf jispjegaha u jiddeskriviha b'abbiltà kbira. L-anedott dwar kif il-Qormin akkwistaw ir-riċetti tat-taħlit tan-nar hi tassew ħelwa.

Il-ħames kapitlu jkopri l-aħħar sentejn tat-Tletinijiet, l-effetti tat-Tieni Gwerra Dinjija, iċ-ċelebrazzjonijiet kbar tat-53 Ċinkwantinarju mill-martirju ta' San Ġorġ u l-inkwiet li ġabet magħha l-kwistjoni ta' Triq Anici. Ovvjament, hemm diversi ħwejjeġ oħra li seħħew iżda ta' min isemmi d-diversi opri li bdew isiru li naturalment kien ifisser li kulħadd kien qed iħabbat fuq l-istess bibien tant li l-ġbir għall-festa beda jbati; iżda ma dawn inżidu żewġ fatti oħra, jiġifieri t-tnedija ta' Innu Popolari ġdid ta' San Ġorġ – il-*Fjur ta' Martri* – u li l-parroċċa saret Arċipretali fl-1953.

Il-kapitlu ta' wara jkopri l-parrokat ta' Dun Ġerald Frendo mill-1955 sal-1977, perjodu movimentat mhux biss mil-lat parrokkjali iżda wkoll minn avvenimenti nazzjonali li affettwaw kemm lill-parroċċa ġenerali kif ukoll il-ħidma tal-Kumitat. Hekk, il-kwistjoni politika-reliġjuża tas-snin sittin ġabet firda mhux biss fost il-poplu Qormi iżda wkoll fi ħdan il-Kumitat u kellhom jgħaddu s-snin qabel kollox reġa' lura għan-normal. L-Arċipriet Frendo kien jieħu sehem attiv fil-laqgħat tal-Kumitat u effettivament il-Presidenza għaddiet mill-ġdid f'idejn ir-ragħaj spiritwali tal-parroċċa; dan għen biex jitranġaw xi nuqqasijiet li kienu bdew jidhru fis-snin ta' qabel il-parrokat tiegħu, apparti li beda jkun hemm ko-ordinazzjoni aħjar bejn Kumitat u Knisja Parrokkjali. Fatt interessanti wkoll hu li l-Kumpanija Teatrali Anici għenet xi ftit finanzjarjament lill-Kumitat li, sfortunatament, kellu wkoll problemi interni minħabba nuqqas ta' qbil mal-grupp ta' dilettanti tax-xaqliba tal-Vitorja flimkien ma' problemi bejn l-Arċipriet Frendo u l-ħaddiema tan-nar. Kien żmien ukoll fejn naqas in-numru ta' nies attivi fi ħdan il-Kumitat.

Is-seba' kapitlu jismu *Entużjażmu Ġdid* u jkopri s-snin 1979-99 u jwassalna lejn tmiem is-Seklu Għoxrin. Dan il-perjodu ra qawmien u ħeġġa ġdida mal-miġja tal-Arċipriet il-Kanonku Dun Pawl Attard. Kien hawn diversi ċelebrazzjonijiet parrokkjali, il-Kumitat ma baqax responsabbli mill-piroteknika, sar armar ġdid u ġie restawrat l-antik inkluż il-palk prinċipali tas-Seklu Dsatax, u fl-1991 saret għotja ta' sandli tad-deheb lill-vara titulari fl-okkażjoni tal-miġja tagħha f'Ħal Qormi 250 sena qabel, jiġifieri fl-1741.

It-tmien u l-aħħar kapitlu jwassalna sallum il-ġurnata. Fost l-avvenimenti l-aktar importanti kienu ċ-ċelebrazzjonjiet kbar tal-2003 u l-2016 – is-sbatax-il ċentinarju tal-martirju ta' San Ġorġ u r-restawr tal-vara titulari li saret f'għeluq il-275 sena mill-miġja tagħha f'Ħal Qormi. Ittieħdu inizjattivi soċjo-kulturali bħalma kienu l-Festival tal-Inbid u l-Festival tar-Rebbiegħa, twaqqaf radju tal-kommunità (*Leħen il-Belt Ġorġjana*), saru innijiet ġodda, statwi ġodda biex jiżżejnu t-toroq fosthom tal-ewwel qaddis Malti San Ġorġ Preca, ċentru ġdid tal-armar, u l-Kumitat sar aktar awtonomu.

F'din l-introduzzjoni rreferejt biss lejn xi partijiet saljenti mill-Istorja tal-Kumitat. Ma nistax inħalli barra l-kumpilazzjoni tal-biblijografija għax fiha ġabra ta' pubblikazzjonijiet dwar Ħal Qormi u l-parroċċa li l-qarrej għandu jsib utli għal skopijiet ta' referenza; inżid ukoll disa' appendiċi fejn insibu, fost tagħrif ieħor, listi tal-membri li servew fil-Kumitat tul is-snin, sotto-kumitati, il-baned li ġew mistiedna jdoqqu fil-festa tul seklu sħiħ, u d-dati meta ġiet iċċelebrata l-festa. Ix-xogħol hu kollu annotat b'mhux anqas minn madwar 500 nota ta' referenza fin-naħa t'isfel ta' kull faċċata (*footnotes*) biex ikun aktar faċli għall-qarrej jara minn fejn ittieħed it-tagħrif li hemm fit-test. L-awtur għamel użu sħiħ mill-kotba tal-Minuti tal-Kumitat, gazzetti kontemporanji u l-pubblikazzjonijiet relevanti. Hawnhekk infaħħar lill-membri tal-Kumitat għall-mod kif dejjem

żammew u kkonservaw il-Minuti tal-laqgħat, ħaġa li sfortunatament ġie li nsib nieqsa f'soċjetajiet oħrajn meta nkun qed nirriċerka.

Fi programm tar-radju nazzjonali, dan l-aħħar saqsewni x'valur fihom pubblikazzjonijiet tal-lokalitajiet vis-à-vis l-istorja nazzjonali. Dejjem inwieġeb li l-istorja hi l-ġrajja tan-nies u, jekk wieħed jgħaqqad flimkien il-kitbiet tal-istorja tal-lokalitajiet flimkien (li llum hawn numru konsiderevoli minnhom), ikun qiegħed jippreżenta l-istorja ħajja tal-poplu fl-aspetti kollha tiegħu, jiġifieri dawk reliġjużi, soċjali u ekonomiċi. Inqis li, bir-riċerka metikoluża li żvolġa f'dan il-ktieb, is-Sur Bugeja qiegħed jippreżentalna b'mod tassew tajjeb ħolqa oħra f'dik il-katina aktar profonda li twassalna biex nistgħu nifhmu u napprezzaw dejjem aħjar il-ħsibijiet, l-aspirazzjonijiet u l-ħidmiet tal-poplu Qormi fl-isfond tal-għan aktar wiesgħa tal-istorja tal-poplu Malti in ġenerali.

**Dr Joseph F. Grima**

## Introduzzjoni mill-awtur

Għażiż Qarrej,

Ix-xogħol relatat ma' din il-kitba kien ferm differenti minn kwalunkwe xogħol simili li kont dħalt għalih fil-passat. Ir-riċerka u l-kitba relatati ma' dan ix-xogħol kienu interzjati b'mewġa ta' nostalġija u tifkiriet. Kull min bħali jinsab fuq in-naħa l-ħażina taċ-ċinkwanta, ikun għex bosta mill-ġrajjiet hawn imsemmija. Biss għalija, li qattajt parti kbira minn tfuliti u żogħżiti fil-ħanut ta' missieri, bħal spettatur wara l-kwinti, dawn il-ġrajjiet rajthom iseħħu quddiemi u sirt naf personalment lill-persuni involuti u s-sagrifiċċji li dawn kienu jagħmlu.

Jiena u niġbor in-noti, bħal mill-ġdid bdejt nisma l-ilħna ta' Ġużi Baldacchino (il-Paċċ), Ġużeppi Agius (Baskal), Ġorġ Baldacchino (Ċanċi) u lil missieri jirrakkuntawli l-ġrajjiet li kienu qed joħorġu mid-dokumenti li kont qiegħed inqalleb. It-tektik fuq it-tastiera tal-laptop bħal ġieb fuq ġwienaħ imdehba, bosta mit-tifkiriet tfuliti. Dawk il-jiem sbieħ ta' Mejju u Ġunju meta flimkien ma' ċorma tfal konna nintasbu fuq il-karru, bejn qtajja' ta' anġli u qaddisin, idejna miftuħa nżommu dawn l-istatwi, bħallikieku biex inżomuhom retti fit-traġitt tagħhom bejn il-maħżen u l-pedestall tagħhom.

Bosta mill-persuni msemmija f'din il-kitba m'għadhomx magħna. Is-sehem tagħhom qiegħed jintesa ma' kull ġenerazzjoni ġdida. Kien għalhekk li għamilt bħala għan tiegħi li permezz ta' din il-kitba, bbażat fuq dokumentazzjoni awtentika, innaqqax fuq din il-karta ħidmet dawk kollha li b'xi mod taw is-sehem tagħhom b'risq il-festa sabiex b'hekk is-sagrifiċċji u d-dedikazzjoni tagħhom tibqa mfakkra għaż-żmien li ġej.

**Joseph A. Bugeja**



***Il-pjazza tal-knisja armata għall-festa lejn tmiem is-Seklu Dsatax***

## Kapitlu 1

# L-Oriġini tal-Kult u l-Festa

Iċ-ċelebrazzjoni tal-festi jikkostitwixxu waħda mill-attivitajiet importanti fil-kalendarju soċjo-kulturali tal-maġġor parti tal-ibliet u l-irħula ta' pajjiżna. Il-festa hija bħal spettaklu tejatrali, b'atturi u udjenza, xenarji u effetti sonori. It-triq issir palk, id-djar plateja u d-divin u l-profan jitwaħħdu, jikkumplimentaw u jikkuntrastaw lil xulxin. F'era fejn il-konfini ġeografiċi tal-ibliet u l-irħula tagħna qed jisfumaw, il-festa hija waħda mill-azzjonijiet komunitarji li jiddefinixxu l-identità tal-lokalità. Iċ-ċelebrazzjoni ta' dawn il-festi ma tkunx possibbli jekk ma jkunx hemm nukleju ta' persuni li, matul is-sena, jaħdmu bla heda sabiex din il-manifestazzjoni soċjo-reliġjuża isseħħ. Għal dawn il-gruppi ta' nies l-organizazzjoni tal-festa tikkostwixxi wieħed mir-*raison d'être* ta' ħajjithom. Wieħed minn dawn il-gruppi huwa l-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi li tul dawn l-aħħar mitt sena ħa ħsieb iċ-ċelebrazzjonijiet esterni relatati mal-festi f'ġieħ San Ġorġ Martri ċċelebrati fil-Belt Pinto.

### L-ORIĠINI TAL-FESTI

Il-kult Ġorġjan f'Ħal Qormi jmur lura għal żmien il-Medju Evu, meta wara kważi tliet sekli ta' ħakma Għarbija, liema ħakma kważi eradikat ir-reliġjon Kristjana minn dawn il-gżejjer, l-knisja Maltija bdiet tixxettel mill-ġdid fis-soċjetà Maltija. Il-Professur Godfrey Wettinger[1] jargumenta, li t-tħaddin tal-Kristjaneżmu mill-abitanti Misilmin ta' Malta, aktar milli att ta' konvinzjoni kien aktar att sabiex tkun evitata l-ordni t'espulsjoni ta' Federiku II. Il-Maltin, sabiex juru b'mod tanġibbli t-tħaddin tar-reliġjon Nisranija, bdew jibnu numru ta' knejjes u kappelli f'kull rokna

1 Wettinger G (1986), 99.

tal-gżejjer Maltin. Wettinger, bħall-Professur Mario Buhagiar, jisħaq li r-rikristjanizzazzjoni tal-gżejjer Maltin saret mill-patrijiet Bażiljari tal-knisja tal-Lvant.[2] Dan għaliex, minkejja li kienu kostretti jibdlu dinhom, dawn l-abitanti ta' Malta għażlu li jħaddnu r-rit tal-Lvant aktar milli r-rit latin tal-ħakkiema l-ġodda.[3] Għaldaqstant, waqt li wieħed isib li fl-Imdina u l-*Castrum Maris*, l-imqades Kristjani kienu b'dedikazzjonijiet ta' qaddisin Latini, il-maġġor parti tal-knejjes tal-kampanja kienu b'dedikazzjonijiet marjani popolari fil-knisja tal-Lvant bħall-Assunta u l-Annunzjata jew qaddisin tal-Lvant bħal San Nikola, Santa Katerina u San Ġorġ.[4] Il-kappelli fit-territorju Qormi ma kinux eċċezzjoni. F'xi żmien qabel l-1436, kappella ddedikata lil San Ġorġ saret il-parroċċa tal-medda t'art minn taħt id-dell tal-għolja tal-Ħlas, konfinata miż-żewġ widien, sax-*Xagħjra l-Mewwijja* (l-għolja ta' Sceberras). Mons. Pietro Dusina, fil-Vista Appostolika tiegħu, jelenka xejn anqas minn dsatax-il kappella fit-territorju ta' Casal Curmi.[5] Dusina jirraporta li lejlet u nhar il-festa tal-qaddis kien isir l-għasar u quddiesa tal-festa.[6] Kien madwar dawn il-kappelli u l-funzjonijiet reliġjużi li nibtu l-ewwel festi esterni.

Il-festi esterni fis-sekli Ħmistax, Sittax u Sbatax kienu pjuttost modesti. Il-popolin tal-ħâra tal-kappella, wara l-Għasar kien jinġabar madwar il-kappella u jgħaddi l-lejl bid-daqq u l-għana.[7] Wieħed ma jeskludix li kien ikun hemm xi forma ta' armar primittiv. Fil-*Mandati* tal-Katidral tal-Imdina, insibu l-ħlas għal daqqaqa u armar għall-festa ta' Corpus (Mdina).[8] L-armar kien ikun fil-forma ta' bnadar[9] u festuni tal-liedna.[10]

2 Buhagiar M (2007), 59.
3 Vella Ch (2013), 37-64.
4 Buhagiar M (2002), 262-263. Fost il-kappelli fil-blat insibu dik ta' San Ġorġ ta' Dejr Magħlaq, in-naħa ta' Ġebel Ciantar is-Siġġiewi.
5 Aquilina G u Fiorini S (2001), 98-101 u 107-109.
6 *Ibid*, 100.
7 Cassar Pullicino J. (1956), 41.
8 Fiorini S. (1992), 90 Mandati 2, 74 O:229 5.ix.1524.
9 *Ibid*, 92: Mandati 2, 95 O:269, 27.v.1524, ħlas lil Paulu Brincato għall-bnadar.
10 *Ibid*, 156: Mandati 3 O:448, 25.v.1537, ħlas lil Joanni Calleia għall-provediment ta' arblu.

Min-naħa l-oħra l-mużika kienet tkun provduta jew mir-raħħala nfushom jew minn mużiċisti liċenżjati mill-Università. Fost il-mużiċisti liċenzjati nsibu lil Petru Muscatu u Micheli Galdes li fl-1476 kienu xxierku sabiex jipprovdu mużika waqt tiġijiet u l-festi rurali.[11] Permessi simili kienu nkisbu minn Gian Paolo Caruana u Giovann Xikluna, żewġ daqqaqa Qriema.[12] L-illuminazzjoni kienet tkun permezz ta' ħġejjeġ jew f'ċerti każi torċi.[13] Il-festi ċċelebrati fl-Imdina kienu wkoll jinkludu logħob tan-nar, hekk li fis-sena 1538 nsibu l-Kapitlu tal-Katidral iħallas lil Pietru Falsuni għal spejjeż relatati ma' kastell artifiċjali tan-nar fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pietru u San Pawl.[14] Ħlas bħalu kien sar lil Joanni Calleya għal xogħol simili.[15]

Il-miġja tal-Kavallieri ġabet tibdil fil-mod kif kienu ċċelebrati l-avvenimenti fl-ibliet. L-Ingress tal-Gran Mastru kien ikun karatterizzat minn tiżjin b'arki trijonfali, funtani tal-inbid u daqq ta' baned[16] waqt li t-toroq kienu jkunu mżejna b'damask, skrizzjonijiet u statwi.[17] Iżda dawn it-tipi ta' ċelebrazzjonijiet kienu limitati biss għall-festi organizzati mill-Kavallieri u, sa ċertu punt, mill-ġurati tal-Imdina. Ħal Qormi, minkejja l-qrubija tiegħu lejn il-belt Valletta u l-Imdina, il-festa patronali baqgħet waħda pjuttost modesta. Ir-raġuni ewlenija żgur kienet in-nuqqas ta' mezzi finanzjarji. Wieħed irid iqis, li dan ir-raħal żgħir ta' madwar 700 familja[18] kien daħal għal proġett ambizzjuż, dak li jibni knisja parrokjali kbira, xogħol li dam għaddej għal aktar minn seklu sħiħ sakemm intemm kif nafuh illum. Iż-żjara tal-Gran Mastru De Paule f'Ħal Qormi, nhar il-festa tas-sena 1623, tagħtina ħjiel tal-mod kif kienet tkun iċċelebrata l-festa patronali f'dan ir-raħal. Il-Qriema kienu laqgħu lill-Gran Mastru bl-isparar tal-arkibuġi

11 Vella Bondin J. (1999), 373-385.
12 Vella Bondin J. (2000), 146.
13 Fiorini S. (1992), 22: Miscellania 36, 492, 9.xii.1523, ħlas lil Alvaro Caseres għal torċi tan-nar fil-festa ta' San Pawl.
14 *Ibid*, Mandati 3, 591 O:296, 10.vii.1538.
15 *Ibid*, Mandati 3, 611 O:331, 11.iv.1538.
16 Vella Bondin J. (2000), Pġn 91.
17 Zammit Gabarretta A. (1958), 148 u 149.
18 Grima J.F. (2000), 86.

(speċi ta' arma tan-nar b'kanna twila). Il-Gran Mastru attenda għall-quddiesa solenni mmexxija mill-kappillan u wara attenda għal riċeviment fid-dar tal-istess kappillan. L-uniku armar li jissemma hi arma tal-Gran Mastru mad-dar tal-Kappillan u epigramma bi kliem ta' tifħir għal Gran Mastru.[19] Għaldaqstant, wieħed jikkonkludi li, sal-bidu tas-Seklu Tmintax, il-festa patronali kienet waħda kkonċentrata fuq il-funzjonijiet reliġjużi, bil-kant tal-għosrien u quddiesa soleni bil-mużika u paniġierku.[20] F'dan il-perjodu jissemma wkoll il-*Maestro di Cappella* tal-parroċċa.[21]

Kien biss lejn it-tieni nofs tas-Seklu Tmintax li l-festi parrokkjali bdew jinfirxu 'l barra mill-għatba taz-zuntier. F'Ħal Qormi, l-ewwel pass seħħ fis-sena 1738 meta l-Kappillan Dun Ġużepp Vella nieda l-ġbir sabiex tissawwar vara proċessjonali.[22] Il-vara, ikkumissjonata għand l-iskultur Qormi Pietru Felici, kienet lesta minn kollox fis-sena 1741 u ħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba nhar it-23 t'April ta' dik is-sena. B'hekk mal-funzjonijiet reliġjużi tal-festa issa żdiedet il-proċessjoni bl-istatwa. Dan l-avveniment kien ġibed lejn Ħal Qormi folol kbar ta' nies, hekk li fid-djarju tiegħu, Rev. Injazju Saverju Mifsud kiteb "meta ħarġet il-purċissjoni kien hemm tant folla ta' nies li tarbija li kienet fi ħdan ommha sfat fgata[23]." Fl-1796, il-Kappillan Dun Gejtanu Palma kkummisjona lil Giuseppe Saliba[24] sabiex isawwar relikwarju fuq stil Barokk biex dan jintuża fil-festa titulari[25]. L-aħħar nofs



***L-ostensorju kkummissjonat mill-Kappillan Gejtanu Palma fl-1796***

19 *Ibid*, 84-85.
20 *Ibid*, 124.
21 Vella Bondin J. (2000), 136.
22 Grima J.F. (1984), 95.
23 Grima J.F. (2003), 67.
24 Vella E. (2016), 92.
25 L-ewwel ostensorju sar fl-1741 u tħallas minn Tereża de Decos, eks-skjava Musulmana li kkonvertiet għall-Kristjaneżimu. Sussegwentament fl-1936 fi żmien il-kappillan Dun Anton Vella, din il-parti ta' fuq inbidlet għal kif nafuha llum. Ara Schembri Ġ (1984), 110; *idem* (1979), 7; Grima J.F. (2003), 61 inkluża nota 13.


Nell'anno 1741 doppo essere scolpita nelli 23 Aprile giorno
di Domenica essendo festa del nostro Glorioso titolare San
Georgio Martire comparve la prima volta in processione
la sua figura, quale con licenza dell'Illmo e Revmo Monsig.r
Vescovo Fra Paolo Alferan, e stata nel giorno antecedente
da me D. Giuseppe Vella Rettore benedetta, essendo presente
il popolo del Curmi nella Parrochia quivi raccolto per assistere
alla S.ta Messa. La spesa della quale e stata fatta tutta
dal Popolo senza sborsar ne pur un quadrino la Chiesa
la spesa poi distinta e stata la seguente cioe cento e
dieci scudi la figura di S. Georgio quaranta scudi i quattro
puttini che vi sono a torno il piede stallo, dodeci scudi i se:
rafini vi sono ne quattro prospetti dello stesso piedestallo in:
siso nella detta soma lo scudo dell'Illmo e Revmo Monsig. Vesco:
vo Fra Paolo Alferan de Bussan sei scudi per
scoltura delle mensole sopra le quali stan sedendo i sopra
scritti quattro puttini. sei scudi per ferri da rassodare bene
la figura nel suo piede stallo settanta tre scudi tutto il ma:
teriale e sua fattura del piedestallo ma li eredi cioe Fratelli
e sorella del fu Mro Eustachio Gambin quale avea trava:
gliato d.to piedestallo han rilasciato delli 73 scudi per elemo:
sina in suffragio dell'anima del fu loro fratello Mro Salva:
vatore falegname 30 scudi siche il popolo pago soli 43 scudi
p il materiale e fattura del piedestallo.
Spesa dell'indoratura di detta figura fatta dal Mro Fortunato
Grech ascende a scudi cento e settanta
Spesa delli colori dati a detta fig.ura dal Sig. Gio Nicola Buhagiar

Spesa dello sgraffire

***In-nota ta' Dun Ġużepp Vella dwar il-wasla tal-vara titulari ġdida f'April tal-1741***

tas-Seklu Tmintax, influwenzati mill-idjoma Barokka, il-festeġġjamenti tal-Kavallieri bdew ikunu aktar sfarzjużi. Dawn il-metodi ġodda ta' festeġġjamenti bdew jipperkolaw ukoll fil-festi patronali tal-irħula. Il-festi

organizzati fin-Naxxar fl-1787[26] u f'Ħal Kirkop fl-1791[27] jagħatuna ħjiel dwar kif kienu l-festi esterni f'dik l-epoka. Fin-Naxxar, fl-okkażjoni tal-miġja tal-korpsant ta' San Victorius, kien armat ark trijonfali fil-pjazza prinċipali. Dan l-ark kien miżbugħ bħal bl-irħam (irħamat) b'iskrizzjonijiet u armi. Nhar Lejlet il-Festa kien hemm illuminazzjoni permezz ta' mijiet ta' tazzi taż-żejt. Banda ta' madwar għoxrin mużiċista (bi flawti, fagotti, trombi u tnabar) ferrħu lil dawk kollha li telgħu in-Naxxar. Il-ħruq ta' sfafar, bombi u nar ieħor komplew iżidu mal-briju. Il-festi għalqu b'logħob tan-nar artistiku fil-pjazza tal-knisja. B'mod simili ffesteġġjaw il-Koppin fl-okkażjoni tal-wasla tal-korpsant ta' San Benedittu (1791), fejn l-ispettaklu piroktekniku kien fdat f'idejn il-Balliju Descaliar.[28]

Il-ħakma Franċiża (1798-1800), speċjalment fi żmien l-mblokk, kienet perjodu ta' tbatija u għaks kbir, iżda minkejja dan il-gwaj, il-Maltin ma kinux jitilfu l-okkazjoni, bħal ngħidu aħna r-rebħa navali kbira tal-Ingliżi fuq il-Franċiżi fil-Bajja ta' Aboukir fl-Eġittu fl-1798, sabiex jiċċelebraw permezz tal-baned u l-mixegħela tal-knejjes.[29]

Il-miġja tal-Ingliżi tat spinta lil wieħed mill-komponenti tal-festa Maltija - il-baned. Il-flotta fil-port bil-baned tagħha jimmarċjaw fit-toroq tal-belt, bl-uniformijiet, galluni u b'pass wieħed, impressjonaw. Il-baned militari bdew ikunu mistiedna jdoqqu fil-festi u l-purċissjonijiet.[30] Il-Maltin bdew ikunu wkoll ngaġġati fil-baned tal-milizzja, tal-*Malta Fencible Regiment* u tar-*Royal Navy* fil-grad ta' *bandmaster*.[31] Dan kollu wassal sabiex il-gruppi ta' mużiċisti Maltin ittrasformaw ruħhom f'orkestri u baned. Għall-ħabta tas-sena 1855 issemma' li f'Ħal Qormi kien hawn orkestra li kienet tiegħu

26 Vella E. (2016), 70-73.
27 *Ibid.*, 74-75.
28 *Ibid.*
29 Testa C. (1997), 727.
30 Bugeja J.A. 2014), 3.
31 Frendo H. (1991), 211.

sehem fil-festi esterni tal-parroċċa.[32] Lejn nofs is-seklu Dsatax, apparti l-element mużikali, f'Ħal Qormi kien diġà magħruf għall-piroteknika. Il-ġurnal *The Malta Times* tal-24 t'April 1849 jirraporta li Lejlet il-Festa ttellgħet esebizzjoni kbira ta' logħob tan-nar.[33] L-istess ġurnal jirraporta li l-għada, Jum il-Festa, folol kbar kienu ġew Ħal Qormi sabiex jassistu għall-proċessjoni. Lejn it-tieni nofs tas-seklu Dsatax, il-prokura tal-festa għaddiet f'idejn Dun Ġużepp Mifsud.[34] F'idejn dan is-saċerdot ħabrieki, il-festa titulari ta' San Ġorġ bdiet tieħu l-forma li nafuha llum.

## IL-PROKURA TA' DUN ĠUŻEPP MIFSUD



***Dun Ġużepp Mifsud***
***Prokuratur tal-festa bejn l-1854 u l-1895***

Dun Ġużepp Mifsud ingħata l-prokura tal-festa għall-ħabta tas-sena 1854 u baqa' responsabbli tagħha għal aktar minn erbgħin sena.[35] Il-prokura tal-knisja kienet tinkludi wkoll l-organizzazzjoni tal-festa titulari. Dun Ġużepp Mifsud mill-ewwel xammar il-kmiem u ntefa' b'ruħu u ġismu sabiex, qabel xejn isebbaħ il-knisja b'opri artistiċi li jżejnuha fi żmien il-festa. Fl-ewwel snin tal-prokura tiegħu, huwa kkonċentra l-ħidmietu fuq l-armar tal-artal maġġur. Kien bit-tħabrik tiegħu li fuq disinji ta' Nikola Zammit, saru t-terħa, il-kanupew u l-ventartal irrakmati. Kien fil-ħsieb ta' Dun Ġużepp Mifsud li l-maġġur jiżżejjen b'sett gandlieri tal-fidda. Sfortunatament, dan il-proġett ma seħħlux iżda, bil-flus miġbura

32 Mifsud Bonnici R. (1956).

33 "On Sunday evening (22 April) there was a grand exhibition of fireworks at Casal Curmi".

34 Dun Ġużepp Mifsud, saċerdot Qormi, iben Ġanni Mifsud miet fl-1903 fl-età ta' 72 sena – ara Grima J.F (1984), 151. Dun Ġużepp Mifsud kien Duttur tat-Teoloġija u fis-sena akkademika 1869-1870, inħatar Professur tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta – ara Schembri Ġ. (1979), 6.

35 *Malta Taghna* 29.iv.1896.

u mill-imgħaxijiet tagħhom, ikkummissjona t-tużell tal-festa, xogħol ieħor fuq disinn ta' Nikola Zammit.[36] Din l-opra żżanżnet fil-festa tas-sena 1878. Fl-istess epoka il-fratellanzi ta' San Mikiel, tas-SS. Sagrament u ta' San Ġużepp kienu żejnu l-artali tagħhom bi trieħi rrakmati. Fis-snin Disgħin tas-seklu dsatax, bit-tħabrik ta' dan il-prokuratur kienu saru messalli tal-bellus u fidda, fjuretti tal-ganutell għall-Via Sagra (li għadna narawhom sallum), il-gwarniċ tal-fidda għall-artal maġġur u s-sopraporti u l-purtieri fuq il-bibien li jagħtu għas-sagristiji[37]. Fi żmien il-prokura ta' Dun Ġużepp Mifsud, saru wkoll tliet qniepen ġodda, il-qanpiena l-kbira fl-1878,[38] il-qanpiena magħrufa bħala l-Mewt fl-1862 kif ukoll waħda mill-qniepen



***L-artal maġġur armat għall-festa tal-1898***

36 Schembri Ġ (1979), 5.

37 *Malta Tagħna,* 6.v.1893.

38 Din il-qanpiena proprjament kienet kummisjonata għal-knisja parrokjali tal-Furjana iżda wara xi disgwid bejn il-kommittenti u l-funditur Ġulju Cauchi, Dun Ġużepp Mifsud xtara din il-qanpiena għal knisja parrokjali ta' San Ġorġ.

fil-kampnar tal-arloġġ fl-1872. Fl-1878, Mikelanġ Sapiano kien installa arloġġ mekkanizzat fil-kampnar tal-lemin u nkorpora fih iż-żewġ qniepen eżistenti.[39]

Il-ħidma ta' Dun Ġużepp Mifsud ma kinitx limitata biss għat-tiżjin tal-knisja. Huwa kien strumentali sabiex it-toroq minn fejn kienet tgħaddi l-purċissjoni jiżżejnu kif jixraq.[40] Fl-1868, insibu referenza għal palk tal-orkestra li ntrama fil-pjazza ta' quddiem il-knisja ta' San Franġisk.[41] Dan il-palk kellu forma piramidali fuq stil gotiku u dam jintrama' sal-ewwel deċennju tas-seklu Għoxrin.[42] Fis-snin Sebgħin, saru numru ta' piramidi u armar tal-ħadid li magħhom kienu jiddendlu numru ta' tazzi taż-żejt. Dawn il-piramidi kienu mżejna b'simboli relatati ma' San Ġorġ, l-aktar komuni s-sejf u l-elmu.[43] Fis-snin Tmenin tas-seklu Dsatax, it-toroq Qormin bdew jiżżejnu b'opri artistiċi li ħafna minnhom għadhom jitgawdew sallum.



***Il-palk tal-orkestra***

39 Schembri Ġ. (1984), 120.
40 Sas-sena 1911 il-purċissjoni kienet tasal sa ħdejn il-knisja ta' San Franġisk.
41 Grima J.F (1984), 95.
42 Schembri G (1994). Lejn il-bidu tas-seklu għoxrin fuq dan il-palk kienu jitilgħu jdoqqu l-aħwa Karmnu u Ġużeppi Fenech.
43 *In-Nahla,* 19.iv.1879.


***L-istatwa tal-Prinċipessa, xogħol Giovanni Darmanin 1884***

Fl-1884, fuq disinn tal-Perit Luigi Vella,[44] iżżanżan il-palk prinċipali.[45] Aktarx li dan il-palk huwa wieħed minn żewġ palki li żżanżnu f'dik is-sena. Fis-sena 1884 kienu żżanżanu wkoll pedestall u l-istatwa tal-principessa,[46] xogħol l-istatwarju Giovanni Darmanin[47]. Ftit snin wara, fl-1890, il-pjazza tal-knisja żżejnet b'kuruna kbira tal-metall, miżmuma minn erba' anġli, xogħol fil-kartapesta attribwiti lil Karlu Darmanin.[48] Fl-1893 il-palk prinċipali kien modifikat: saritlu tribuna sabiex fuqha tintrama l-istatwa tal-Gran Mastru Pinto, xogħol l-istatwarju Karlu Darmanin. Fl-istess sena, (1893) l-istatwarju Vincenzo Cremona kien kummissjonat jaħdem żewġ statwi li jirrappreżentaw lill-ġenituri ta' San Ġorġ. Dawn iż-żewġ statwi flimkien mal-pedestalli tagħhom iżżanżnu fis-sena ta' wara u kienu jintramaw fil-kantuniera tal-Casino San Giorgio (il-post fejn illum hemm il-każin tan-nar). In-nar tal-festa ma kienx responsabilità ta' xi għaqda, iżda kien jiddependi fuq

44 Il-pjanta tal-palk iġġib id-data 1881.

45 Fl-1894 sar rikors mill-Kappillan sabiex Ġużeppi Sammut f'jum il-Ħadd huwa jkun jista' jagħmel xogħol ta' tħaffir u tqegħid ta' pedamenti għal dan il-palk.

46 *Malta Taghna,* 4.v.1904.

47 Faure G. (faxxikli), 1128.

48 Mangion S. u Magro Ch. (2010), 52.



***It-triq tal-knisja armata għall-festa.***
***Jidher fuq il-lemin wieħed mil-palkijiet tal-banda li żżanżan fl-1884***

l-inizjattiva ta' individwi u każini eżistenti.[49] Fis-snin Sittin u Sebgħin kien isir spettaklu ta' logħob tan-nar tal-art fil-wied[50] waqt li fis-sena 1873, insibu l-ewwel referenza għal nar tal-art fl-Aħħar Jum tat-Tridu.[51]

Is-sehem tal-baned fil-festa kien beda jikber ukoll. Lejn l-ewwel nofs tas-snin Sittin tas-seklu Dsatax twaqqfet f'Ħal Qormi il-*Banda dei Curmini*. Din il-banda kienet magħmula minn allievi u mużiċisti li kienu jiffurmaw parti mill-kappella tar-Rev. Giuseppe Spiteri Fremond,[52] il-*Maestro di*

49 *Il-Verita,* 12.v.1894 ittra *Bombi tal-Putassa.*
50 *NAM Pol 2, Occorenze*: 22.iv.1874 u 22.iv.1866.
51 *ibid, Occorrenze:* 22.iv.1873 rapport minn Giovanni Portelli.
52 Bugeja J. A. (2014), 10.



***Il-Casino San Giorgio (illum il-każin tal-għaqda tan-nar) lejn l-aħħar tas-seklu Dsatax***

*Cappella* tal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Il-bidla tal-*Maestro di Cappella,* fl-1872, wassal għal diżgwid bejn il-prokuratur tal-festa u l-*Banda dei Curmini,* hekk li f'dik is-sena twaqqaf il-*Casino San Giorgio* b'Giorgio Bonnici bħala President. L-għan ewlieni wara t-twaqqif ta' dan il-każin kien li titwaqqaf banda ġdida bl-isem ta' *Società Musicale San Giorgio Martire.* Jidher li t-tentattiv li titwaqqaf banda falla iżda dan il-każin xorta baqa' jiffunzjona bħala każin tal-festa.[53] Fl-1888 insibu lil Giuseppe Bezzina bħala l-President ta' dan il-każin u li bosta minn dawk li kienu jiffrekwentaw dan il-każin kienu ħaddiema tal-faħam.[54] Jidher b'mod ċar li kien hemm rabta kbira bejn dan il-każin u Dun Ġużepp Mifsud. Fl-1884 dan il-każin kien strumentali biex jinħadem wieħed mil-palkijiet (x'aktarx il-palk prinċipali) li żżanżnu dik is-sena.[55]

Fis-snin Sebgħin, ir-relazzjonijiet bejn il-*Banda dei Curmini* u l-prokuratur tal-festa ma kinux fost l-aħjar, hekk li l-banda Qormija ma kinitx qed tkun mistiedna u minflok kienet tkun mistiedna il-Banda La Stella tal-Belt (illum magħrufa bħala l-Banda King's Own).[56] Minn rapporti fil-ġurnali

53 Grima J F (1993), 49-50, *idem* (1994), 118-9.
54 *NAM Pol 2 Occorrenze,* 29.xii.1888.
55 Bugeja J. A. (2014), 12.
56 *In-Nahla,* 19.iv.1879.

tal-epoka jidher li l-festa kienet diġà nfirxet fuq tlett ijiem u li l-marċ ta' Jum il-Festa filgħodu mill-banda tal-lokal kien diġà stabbilit. Id-diżgwid bejn il-prokuratur tal-festa u l-banda tal-lokal, flimkien mal-esklużjoni tal-baned mill-purċissjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa f'Malta kollha fl-1879 b'ordni veskovili, jidher li kien ta daqqa ta' ħarta kbira, jekk mhux mortali, lill *Banda dei Curmini*[57]. Fl-1889, il-benestant Andrea Abela, waqqaf il-*Casino Pinto*[58] u ftit xhur wara, fil-5 ta' Ġunju 1890, f'dan il-każin twaqqfet banda ġdida bl-isem ta' *Filarmonica Pinto*. Din il-banda ġdida, taħt id-direzzjoni tas-surmast Giuseppe Portelli, ħadet sehem għall-ewwel darba fil-festa ta' San Ġorġ tas-sena 1891.[59] Il-Banda l-ġdida jidher li tat sehem sħiħ fil-festa ta' dik is-sena b'servizz nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu, Lejlet il-Festa u nhar il-festa filgħodu. Minbarra l-Banda Pinto kienu wkoll jiġu mistiedna bosta baned oħra.

Kwistjoni Politiko-Reliġjuża dwar l-amministrazzjoni tal-legati taż-żwieġ li qamet f'Lulju tas-sena 1893 u l-pożizzjoni li ħadet l-amministrazzjoni tal-Banda Pinto wasslu għal animożità bejn il-prokuratur tal-festa u l-każin tal-Banda Pinto.[60] Riżultat ta' din il-kwistjoni, numru ta' soċi mmexxija minn Giuseppe Farrugia, flimkien ma' persuni li sa ftit snin qabel kienu jiffurmaw parti mill-amministrazzjoni tal-*Banda dei Curmini*, fil-*Casino San Giorgio* waqqfu banda ġdida bl-isem *Filarmonica San Giorgio*, banda appoġġjata bis-sħiħ minn Dun Ġużepp Mifsud. Issa dan il-każin minbarra r-responsabbilità tal-armar ta' Triq il-Kbira, beda jipparteċipa fil-festa permezz tal-banda tiegħu kif ukoll beda jieħu ħsieb ukoll tan-nar.[61] Għall-festa tas-sena 1894, il-prokuratur tal-festa, li minbarra l-banda l-ġdida kien stieden diversi baned oħra, naqas li jistieden lil Banda Pinto. Din is-

57 Bugeja J. A. (2014), 10.
58 *AAM Suppliche*, Supplika Nru 199 15.iii.1895.
59 *Il-Habbar Cattolicu*, 10.iv.1891.
60 Bugeja J (2014), 18.
61 *Il-Verità, 12.v.1894*: ittra: *Bombi tal-Putassa.*

sitwazzjoni rrepetiet ruħha s-sena ta' wara (1895) ukoll.[62] Id-diriġenti tal-Banda Pinto kienu ppreżentaw supplika lill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi[63] u l-Kurja ddeċidiet li fil-festa titulari jieħdu sehem iż-żewġ baned. Din id-deċiżjoni kienet sussegwentament infurzata b'ordni tal-pulizija datata 30 ta' Mejju 1895.[64] Minkejja d-deċiżjoni  tal-kurja u l-ordni tal-pulizija, diversi prokuraturi tal-fratellanzi flimkien mal-prokuratur tal-festa ostinaw li ma jistednux lill-Banda Pinto,  deċiżjoni li wasslet għall-inkwiet waqt waħda mill-festi sekondarji.[65] Il-kwistjoni ġiet fi tmiemha b'ordni tal-Kurja sabiex il-prokuraturi kollha jirriżenjaw u jgħaddu l-prokuri lill-Kappillan Dun Manwel Pace.[66] Fil-kwistjoni bejn il-Kappillan Pace u l-prokuraturi kien iżżeffen ukoll il-*Casino San Giorgio*. Il-kappillan Pace sabiex jasserixxi l-awtorità tiegħu, kien ħa l-pussess tal-lok fejn kien hemm il-*Casino San Giorgio* (issa mwaħħad mal-*Filarmonica San Giorgio*) u keċċa lil din l-għaqda minn dan il-lok, ħa f'idejh l-armar li kien hemm fl-imħażen u waqqaf kumitat ġdid biex imexxi l-lok li baqa' jġib l-isem l-antik ta' *Casino San Giorgio.*

## IL-PROKURA TAL-KAPPILLAN PACE

Sussegwentament għall-kwistjoni dwar is-sehem tal-baned fil-festa, il-prokura tal-festa għaddiet f'idejn il-Kappilan Pace.[67]  Il-Kappillan Pace minnufih naqqas l-importanza tal-festi tal-fratellanzi u tefa' l-enfasi fuq il-festa titulari. Fil-frattemp kien sar qbil bejn il-baned sabiex jalternaw is-sehem tagħhom fil-festa titulari billi l-Banda Pinto, fis-snin żwieġ, tagħmel servizzi nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu, Lejlet il-Festa u nhar il-festa filgħodu, bil-Banda San Ġorġ tagħmel l-istess fis-snin fard. Fl-1903, il-parroċċa

62 *Il-Habbar,* 1.v.1895.
63 Ara *supra,* nota 57.
64 *La Gazzetta di Malta,* 6.vi.1895.
65 *NAM Pol 2 Occorrenze,* 25.viii.1895 u *Il-Gazzetta tal-Poplu,* 2.v.1896.
66 *Malta Taghna,* 8.iv.1896.
67 *Malta Taghna,* 17.i.1905.

San Ġorġ iċċelebrat is-Sittax-il Ċentinarju mill-Martirju tal-qaddis. Bi tħejjija għal dan iċ-ċentinarju, fl-1899 kien beda x-xogħol fuq l-artal tal-kor fejn il-prospettiva barokka inbidlet għal dekorazjoni neoklassika. Il-programm tal-festi kien mifrux fuq ħdax-il ġurnata. Il-festi esterni kienu ffukati fuq l-aħħar tlett ijiem bil-Banda King's Own tal-Belt Valletta kienet il-mistiedna prinċipali ta' dawn il-festi.[68]



***1899 - Waqt ix-xogħlijiet fuq l-artal tal-kor***

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi ċentinarji tal-1903 jidhru li kienu nisslu entużjażmu ġdid fost il-Qriema. Diversi residenti ta' toroq li kienu 'l bogħod mir-rotta tal-purċissjoni ffurmaw kumitati biex jieħdu ħsieb it-tiżjin tat-triq tagħhom. L-armar issa nfirex 'il barra mit-triq tal-proċessjoni, li sa qabel l-1918 kienet titla lejn il-kappella ta' Qrejqċa, tikser lejn il-pjazza ta' quddiem il-kappella ta' San Franġisk u tiġbed lura lejn il-knisja. Fl-1904 nsibu referenza għal kumitati tal-armar in-naħa tal-Bon Kunsill (ħdejn l-istatwa ta' San Pawl) u kumitat ieħor in-naħa tal-knisja ta' San Sebastjan.[69] Jidher li dawn il-kumitati tal-armar kienu ferm attivi, hekk li l-armar f'dawk l-inħawi kien żdied bis-sħiħ. L-armar ta' Pjazza San Francesco kien f'idejn grupp ta' persuni minn dawk l-inħawi.[70] F'dan il-perjodu, il-mastrudaxxa Vittorio Fenech, min-Naxxar, kien kummissjonat biex jaħdem palk ġdid għal din il-pjazza.[71] Jidher li dan il-palk kien diġà lest sas-sena 1906, hekk li f'dik is-sena żżanżnet għal fuqu l-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ, xogħol l-istatwarju Vincenzo Cremona.[72]

68 *ibid,* 16.iv.1903.
69 *ibid,* 14.v.1904.
70 KFE Minuti, Seduta Nru 19, 29.x.1922.
71 *Malta Taghna,* 21.i.1905.
72 *ibid,* 18.iv.1906.




***Id-dilettanti ta' Pjazza San Franġisk waqt l-armar tal-palk ta' dik il-pjazza***

Iċ-ċentinarju Ġorġjan tas-sena 1903 bl-aktar mod definittiv ħareġ il-festa 'l barra miz-zuntier tal-knisja. Il-festa esterna bdiet issir realtà distinta mill-funzjonijiet reliġjużi. Beda jsir aktar evidenti  li l-mod t'amministrazzjoni permezz ta' prokuratur responsabbli mill-knisja kif ukoll mill-festi esterni ma kienx aktar fattibbli. Kien wasal iż-żmien ta' bidla fil-mod kif titmexxa l-festa esterna.

Kapitlu 2

# It-Twaqqif u l-Ewwel Snin, 1919-1925

*"Mingħajr pedamenti sodi ma jinħoloq xejn dejjiemi"*[73]

Il-festi relatati mas-Sittax-il Ċentinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ, għenu sabiex xeddew il-festa Qormija bl-elementi kollha li jsawru festa tradizzjonali Maltija. Il-kompetizzjoni bandistika kienet fl-aqwa tagħha, l-armar ta' barra kien żdied qatigħ, waqt li kien ikun hemm logħob tan-nar ma' Ħal Qormi kollu.[74] Iżda mhux kollox kien ward u żahar.

## BŻONN TA' MOD ĠDID KIF TITMEXXA L-FESTA

Il-kwistjoni tas-sehem tal-baned fil-festa kif ukoll l-animożità bejn l-eks prokuraturi tal-festi sekondarji u l-Kappillan Pace kien qiegħed iwassal sabiex il-Kappillan Pace ftit kien qiegħed isib għajnuna speċjalment fejn jirrigwarda l-armar tal-festa. Il-mod kif kien imexxi kien qiegħed igerrex il-Qriema mill-organizazzjoni tal-festa. It-tentattiv li fil-*Casino San Giorgio* jinġabru fih grupp ta' persuni sabiex jgħinu lill-kappillan fl-organizzazzjoni tal-festa kien falla. Numru ta' ittri li dehru fil-ġurnal *Malta Tagħna*[75] jagħtu stampa xejn sabiħa tal-istat li fih kien jinsab l-armar tal-festa. L-awtur ta' dawn l-ittri jsemmi li l-plakka li kien hemm mal-pedestall tal-prinċipessa kienet saret illeġibbli waqt li l-armar l-ieħor kellu ħsarat kbar. Il-Kappillan Pace kien qed ikun kostrett iqabbad persuni, bi ħlas, sabiex jarmaw u jżarmaw l-armar tal-festa. Milli jidher, bħalma jiġri dejjem meta x-xogħol ma jsirx b'amor propju, dawn il-persuni kienu jkunu aktar interessati li jfittxu jeħilsu u għalhekk, waqt iż-żarmar, l-armar kien qed jintrefa' fl-imħażen bl-addoċċ. F'dawn l-ittri nsibu l-ewwel appell sabiex mill-aktar fis jitwaqqaf kumitat li jieħu f'idejh l-armar tat-triq tal-knisja.

73 Eric Oppenheimer.
74 *Malta Taghna,* 4.v.1901 u *Daily Malta Chronicle,* 20.iv.1901.
75 *Malta Taghna,* 14.v.1904.

Ma nafux jekk il-Kappillan Pace kellux f'moħħu li jgħaddi l-amministrazzjoni tal-festa f'idejn xi kumitat ġdid; jekk kellu dan il-ħsieb żgur tħarbatlu fl-1906 hekk kif faqqgħet kwistjoni fi ħdan iż-żewġ baned tal-parroċċa, kwistjoni li wasslet sabiex jitfaċċaw żewġ baned ġodda, l-*Unione San Giorgio* u l-*Pinto* (magħrufa bħala *taz-zokk*), li ftit żmien wara ingħaqdu f'banda waħda bl-isem ta' *Pinto,* ukoll magħrufa bħala *taz-Zokk.*[76] Il-ħolqien tal-banda l-ġdida, apparti l-pretensjonijiet sabiex din tieħu sehem fil-festa, wassal ukoll għal kawża ċivili bejn id-diriġenti taż-żewġ baned *Pinto,* kawża li damet tkarkar għal diversi snin.[77] Fl-1919 jidher li kien sar tentattiv sabiex titwaqqaf banda ġdida oħra fiċ-*Circolo La Stella.*[78]



***Il-palk ta' Misraħ San Franġisk***

76 Bugeja J. A. (2014) , 78-79.

77 *Leħen il-Belt Pinto,* Ħarġa Jannar-Frar 1956, *Il-Banda Pinto – Biċċa Storja.* Skont dan l-artiklu s-sentenza definittiva ngħatat nhar il-15 t'April 1920.

78 *Il-Hmar* 7.vi.1919 u 9.viii.1919.

Il-parrokat tal-Kappillan Pace wasal fi tmiemu fl-1918. Bħala Kappillan ġdid tal-parroċċa San Ġorġ, issa nħatar Dun Vinċenz Azzopardi li ħa l-pussess nhar l-Għid il-Kbir, li dik is-sena ħabat nhar il-31 ta' Marzu. Fost l-ewwel deċiżjonijiet tal-Kappillan Azzopardi kien hemm dik li jibdel ir-rotta tal-purċissjoni sabiex tibda tgħaddi mill-akkwati tal-knisja tal-Vitorja u l-knisja ta' San Sebastjan.[79] Il-firxa tal-festa lejn dawn l-akkwati l-ġodda, il-ħtieġa ta' aktar attenzjoni lejn l-armar u biex jevita li jerġa' jsib ruħu f'nofs il-kwistjonijiet ta' bejn il-baned, żgur li kienu fost il-mottivi li wassluh biex nhar id-29 ta' Ġunju, 1919, fil-*Casino San Giorgio,* laqqa' l-ewwel seduta tal-*Giunta della Festa* jew, kif beda jkun magħruf aktar 'il quddiem, il-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri.



***Dun Vinċenz Azzopardi President 1919-1925***

## L-EWWEL KUMITAT

L-ewwel Kumitat Festi Esterni kien iffurmat mill-Kappillan Dun Vinċenz Azzopardi, bħala President, Dun Giovanni Battista (magħruf bħala Ġwann) Porsella Flores bħala Segretarju u Dun Vinċenz Borg bħala Teżorier. Bħala membri nħatru Carmelo Mallia, Giorgio Stivala, Giorgio Cassar, Giuseppe Scerri, Paolo Caruana, Giorgio Borg, Paolo Caruana, Luigi Cassar, Vincenzo Agius, Antonio Azzopardi, Giuseppe Camilleri, Giorgio Zammit, Giorgio Zarb, GioMaria Scicluna u Carmelo Galea.[80] Fit-tieni seduta, ingħaqdu ma' dan il-kumitat



***Giorgio Zarb.***
***Surmast tal-baned Pinto u San Ġorġ u fost l-ewwel membri tal-Kumitat Festi Esterni***
***Ritratt: Arkivju Banda San Ġorġ M.***

79 *Unjoni Maltija*, 12.iv.1919.
80 KFE Minuti, Seduta Nru 1, 29.vi.1919.

Vincenzo Pulis u Spiridione Cini.[81] Sena wara, il-kumitat kiber bl-ingress ta' Giuseppe Azzopardi, Rosario Schembri, Carmelo Psaila, Giuseppe Borg u Giorgio Baldacchino.[82]

Dan il-kumitat ġdid kien jinkorpora fih bilanċ bejn mgħallmin ta' snajja' relatati mal-armar kif ukoll amministraturi ta' stoffa. Fost il-persuni tas-sengħa nsibu lil Carmelo Mallia (il-Lhudi), statwarju stabbilit li kien tħarreġ mal-istatwarju Karlu Darmanin,[83] GioMaria Scicluna (Ta' Randa), mastrudaxxa mqabbad u Giorgio Cassar, bennej prim li s-sengħa tiegħu kienet meħtieġa għall-bini tal-pedamenti sabiex fuqhom ipoġġu l-pedestalli. Bħala persuna ntiża fil-qasam bandistiku nsibu lil Giorgio Zarb,[84] l-aħħar surmast tal-*Banda Dei Curmini* u persuna involuta fit-twaqqif tal-baned Pinto u San Ġorġ. Il-Kappillan Azzopardi ħa ħsieb ukoll li jinkludi amministraturi kapaċi bħal Dun Giovanni Battista Porsella Flores, Dun Vinċenz Borg u Giorgio Zammit,[85] persuni b'viżjoni u li kienu stumentali sabiex dan il-kumitat ġdid jilħaq l-għan li twaqqaf għalih.



***Karmenu Mallia***

Il-kumitat il-ġdid kien ukoll responsabbli mit-tmexxija tal-*Casino San Giorgio*. Sabiex l-amministrazzjoni ta' dan il-każin tkun waħda effiċjenti u mhux ta' piż fuq dan il-kumitat ġdid, nhar is-16 ta' Marzu 1920, inħatar sotto-kumitat li kellu l-inkarigu li jmexxi dan il-lok. Dan il-kumitat kien magħmul minn Carmelo Mallia bħala President, Antonio Azzopardi bħala Segretarju, Paolo Caruana bħala Kaxxier waqt li Vincenzo Agius,

81 *ibid*, Seduta Nru 2, 21.ix.1919
82 *Ibid*, Minuti, Seduta Nru 7, 16.v.1920.
83 Schembri Ġ (1994), 21.
84 KFE Minuti, Seduta Nru 7, 16.v.1920.
85 Giorgio Zammit, dak iż-żmien kien student tal-liġi. Aktar tard bħala avukat lill Dott Zammit insibuh jippromwovi l-każ tal-parroċċa San Ġorġ fil-kwistjoni ta' Triq Anici.

Luigi Cassar, Spiridione Cini, Carmelo Sammut u Antonio Frendo kienu membri. Giuseppe Calleja kien fdat bl-amministrazzjoni tal-bottegin.

Il-kumitat il-ġdid mill-ewwel kellu jsib saqajh u jiffaċċja żewġ problemi kbar li ma jixħtux dawl sabiħ fuq l-amministrazzjoni preċedenti. L-ewwel problema kienet li għall-festa ta' dik is-sena (1919) kienu waslu xi statwi ġodda iżda min ordna dawn l-istatwi ma kienx ħaseb għall-pedestalli fuqiex jittellgħu.[86] Il-problema jidher li kienet aċċentwata mill-fatt li, apparti l-istatwi l-ġodda, l-amministrazzjoni preċedenti kienet ordnat ukoll żewġ gruppi statwarji ġodda[87], li l-wasla tagħhom kienet imminenti u li anki għal dawn ma kinux ħasbulhom għall-pedestalli.[88] Kien għalhekk li fl-ewwel seduta ġie deċiż li jsir id-disinn tal-pedestalli għall-istatwi li kienu waslu u sa Settembru, il-kumitat kien għażel id-disinn tal-Qormi Vincenzo Scicluna. Ix-xogħol tal-karpinterija ta' dawn il-pedestalli ngħata lil Michelangelo Cassar (Mastranġ)[89] fejn il-kumitat kien intrabat li jipprovdi l-injam għall-ewwel pedestall waqt li l-injam għall-kumplament jipprovdih il-mastrudaxxa nnifsu. Michele Grixti, bennej minn Ħal Lija kien kummisjonat jaħdem seba' blajjet taż-żonqor sabiex iservu bħala pedamenti għall-pedestalli l-ġodda.[90] Jidher li



***San Ġorġ jgħallem f'Beirut. Grupp statwarju xogħol Karmenu Mallia***

86 KFE Minuti, Seduta Nru 1, 29.vi.1919.

87 Mangion S. (2018) 27-28: L-abbozz ta' dawn l-istatwi kien sar minn Karlu Darmanin, li iżda miet qabel sawwarhom. Dawn l-istatwi eventwalment saru minn Karmenu Mallia.

88 *ibid*, 28.

89 Michelangelo Cassar kien missier Giorgio Cassar membru tal-kumitat

90 KFE Minuti, Seduta Nru 6, 22.ii.1920.

l-amministrazzjoni preċedenti kienet ħasbet għal dawn il-blajjet, peress li Michele Grixti kien obbligat li juża l-ħames blajjet li kienu jinsabu fil-każin tal-festa.[91] Għal dan ix-xogħol, Michele Grixti tħallas is-somma ta' tliet liri sterlini u ħmistax-il xelin. Fir-rigward tal-pedestalli tal-gruppi tal-istatwi kienet iffurmata kummissjoni magħmula minn tliet membri tal-kumitat biex jipproponi disinji għal dawn il-pedestalli.[92]



***Gianmarì Scicluna***

L-obbligi finanzjarji li sab ma' wiċċu dan l-ewwel kumitat ma kinux żgħar, hekk li biex jiffinanzja dawn il-pedestalli, l-membri tal-kumitat ħarġu bejniethom is-somma ta' tletin lira sterlina,[93] waqt li Giorgio Zammit offra li jħallas l-ispiża tal-blajjet bil-kundizzjoni li dawn il-flus jintraddu lilu bil-mod.[94] Apparti l-bżonn ta' pedestalli ġodda jidher li l-armar tal-parti ta' Triq il-Kbira kellu bżonn manutenzjoni urġenti, hekk li f'Novembru 1919 kienet ivvutata s-somma ta' lira u nofs sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa.[95]

L-ewwel festa organizzata mill-Kumitat Festi Esterni, jidher li kienet suċċess. Il-funzjonijiet dik is-sena tmexxew mill-Isqof Dom Mauro Caruana, minbarra ż-żewġ baned tal-parroċċa, kienu mistiedna diversi baned oħra. Sabiex jiffinanzja l-ewwel festa, apparti l-ġbir mid-djar, organizzaw it-tombla fil-każin[96] u fiera nhar l-Għid il-Kbir.[97]

91 Dawn il-blajjet jidher li ma kinux kompluti, peress li Michele Grixti ngħata l-inkarigu li jtaqqabhom biex fihom jidħol is-serratizz li jorbot il-pedestall mal-pedament.

92 Il-persuni magħżula kienu Giorgio Zarb, Giorgio Cassar u Gianmarì Scicluna.

93 KFE Minuti, Seduta Nru 16, 26.ii.1922.

94 *Ibid.*

95 KFE Minuti, Seduta Nru 4, 2.xi.1919.

96 *ibid*, Seduta Nru 6, 22.ii.1920.

97 *Ibid.*

F'dik l-epoka l-illuminazzjoni tat-toroq fil-jiem tal-festa kienet tkun permezz tat-tazzi taż-żejt, ta' kuluri differenti li kienu jinxtegħlu u jiddendlu ma' speċi ta' siġar tal-ħadid. It-temp xejn klementi ta' April kien iwassal sabiex mal-ewwel buffura riħ, il-fjamma f'dawn it-tazzi kienet tintefa'. Il-kumitat il-ġdid, sabiex jevita din il-problema, minnufih beda jaħdem sabiex l-illuminazzjoni tat-triq prinċipali tkun permezz tad-dawl tal-aċitilena. F'Jannar inxtraw l-ewwel gassometri sabiex parti minn Triq il-Kbira tinxtegħel b'din is-sistema.[98] Jidher li l-illuminazzjoni bis-sistema tal-aċitilena fil-festa tas-sena 1920 intgħoġbot, hekk li għall-festa segwenti (1921), il-kumitat iddeċieda li l-Palk Prinċipali kellu jinxtegħel b'din is-sistema wkoll.[99] Għal dan il-għan, minbarra li kienu modifikati l-gandilabri, kien hemm ix-xewqa li jiżdiedu erba' anġli tal-kartapesta (wieħed f'kull kantuniera tal-palk) li kellhom jinxtegħlu bis-sistema tal-aċitilena. Il-kummisjoni ta' dawn l-erba' anġli kienet fdata f'idejn l-istatwarju Carmelo Mallia (il-Lhudi), membru tal-istess kumitat, għall-prezz ta' £2-il wieħed.[100] Il-kumitat kien obbliga lill-istatwarju Carmelo Mallia, fuq penali ta' £8, li jikkonsenja dawn l-istatwi sa Marzu tas-sena ta' wara (1921). Fl-istess seduta l-kumitat kien approva x-xiri ta' tank tal-gass, biex jintrama fuq il-bejt tal-każin tal-festa. Mallia, għal xi raġuni, ma kienx laħaq lesta l-istatwi, iżda l-palk prinċipali xorta nxtegħel bis-sistema tal-aċitilena permezz tal-gandilabri. Responsabbli mill-mixegħla bis-sistema tal-aċitilena kienu Giuseppe Scerri u persuna oħra jismu Mosè.[101]

In-nuqqas min-naħa ta' Carmelo Mallia li jikkonsenja l-istatwi fiż-żmien stipulat wasslet għall-kawża fil-qorti, fejn Mallia kien ordnat jindennizza

98 KFE Minuti, Seduta Nru 5, 11.i.1920.
99 *ibid*, Seduta Nru 8, 21.x.1920.
100 KFE Minuti, Seduta Nru 9, 9.i.1921.
101 *ibid*, Seduta Nru 17, 18.vi.1922.

lill-kumitat is-somma ta' 12-il lira sterlina u 18-il xelin (£12.18s.).[102] Mallia u l-kumitat waslu fi ftehim li, permezz tiegħu Mallia kellu jpaċi d-debitu tiegħu billi jaħdem tnax-il puttin ġdid li, apparti li kellhom ikunu



***Qabel l-1921 l-illuminazzjoni tal-festa permezz ta' tazzi taż-żejt imdendla ma' pilandri forma ta' siġar***

102 *ibid*, Seduta Nru 14, 13.xi.1921.

ta' kwalità tajba u b'għajnejhom tal-ħġieġ, minnhom kellu wkoll jgħaddi tubu sabiex dawn jinxtegħlu wkoll bl-aċitilena. Dawn il-puttini jidher li kienu lesti sal-festa tas-sena ta' wara (1922)[103] għalkemm mhux kollha nxtegħlu bl-aċitilena. Sabiex jinxtegħlu dawn il-puttini, f'kull pedestall kien tqiegħed tank żgħir.[104] Ix-xogħol tal-installazzjoni u l-mixegħla bis-sistema tal-aċitilena kienu saru minn Michele Aquilina.[105]

L-illuminazzjoni bis-sistema tal-aċitilena, apparti r-riħa pessima li tagħmel, kienet sistema xi ftit perikoluża peress li kien ikun hemm tank bil-kimika f'kull pedestall. Il-manutenzjoni ta' din is-sistema kienet ukoll qed tkun ta' piż fuq ir-riżorsi tal-kumitat. Għaldaqstant wara l-festa tas-sena 1923, il-kumitat beda jevalwa sistema ta' illuminazzjoni permezz tal-elettriku.[106] Antonio Zammit (Ta' Xiffa) kien inkarigat sabiex jistudja din l-għażla. Din id-deċiżjoni kienet waħda pjuttost kuraġġuża meta wieħed iqis li s-sistema elettrika ma kinitx għadha estiża lejn Ħal Qormi.[107] L-armar tal-festa nxtegħel għall-ewwel darba permezz tas-sistema elettrika fil-festa ta' San Ġorġ tas-sena 1925. Is-sistema ta' illuminazzjoni elettrika kienet estiża għat-toroq l-oħra sas-sena 1930. Ix-xogħol fuq l-illuminazzjoni elettrika kien jingħata bl-appalt.[108]

## ORGANIZZAZZJONI

L-ewwel membri tal-ġunta tal-festa, sa mill-ewwel laqgħat, kienu konxji li kienu daħlu għal sfidi kbar. Minnufih sabu ma' wiċċhom sitwazzjoni inkwetanti: armar bi bżonn urġenti ta' restawr, statwi li m'għandhomx pedestalli għalihom, statwi ordnati li iżda m'hemmx fondi minn fejn

103 Mallia ntrabat li jikkonsenja dawn il-puttini fuq penali ta' £15. Peress li ma hemm l-ebda riferenza li din il-penali kienet imposta wieħed jassumi li Mallia kien onora l-obbligi kuntrattwali tiegħu.

104 KFE Minuti, Seduta Nru 23, 25.i.1923.

105 *ibid*, Seduta Nru 17, 18.vi.1922.

106 *ibid*, Seduta Nru 28, 18.xi.1923.

107 Schembri G (1994), 23: l-ewwel dawl elettriku f'Ħal Qormi nxtegħel nhar is-17 ta' Diċembru 1924.

108 KFE Minuti, Seduta Nru 52, 17.ii.1929.



***Uħud mill-persuni involuti fil-festa. Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin: Anton Muscat Fenech (President Banda Pinto sal-1905), Dun Ġwann Porsella Flores u Dott Federico Maempel***

jitħallsu, poplu b'aspettattiva kbira iżda li kien finanzjarjament batut. Il-qagħda finanzjarja fil-pajjiż ma kinitx mill-aħjar. Fi tmiem l-ewwel gwerra, il-prezzijiet tal-ikel, fosthom il-ħobż, kienu għolew tant li f'Ġunju 1919 kienu wasslu għal irvellijiet kbar ankè f'Ħal Qormi.[109] Fl-istess żmien, fil-knisja parrokkjali kien għaddej il-proġett tan-navi, fejn tħattew il-prospettivi Barokki tal-artali tal-ġnub. Dawn l-ewwel membri kellhom għalhekk jaraw kif, qabel kollox ippoġġu l-organizzazzjoni finanzjarja fuq sisien sodi.

L-introjtu ewlieni kien jiġi mill-ġbir. Għal dan il-għan, il-kumitat dejjem ħaseb sabiex ikun hemm persuna jew aktar responsabbli mill-ġbir. Żgur li xogħol dawn il-persuni ma kienx wieħed faċli, speċjalment meta wieħed iqis li dawn kienu qed iħabbtu l-istess bibien li kienu qed iħabbtu l-promuturi tal-proġett tan-navi kif ukoll id-diversi gruppi l-oħra li kienu qed jaħdmu għall-festa. Sabiex tinħoloq sinerġija, il-Kumitat beda jaħdem biex jiġbor fi ħdanu wħud minn dawn id-diversi gruppi. Wieħed minn dawn il-gruppi kien il-*Casino Vallone,*[110] li l-membri tiegħu kienu jieħdu ħsieb in-nar ta' Lejlet il-Festa. Wara numru ta' laqgħat, il-membri ta' dan il-każin bdew jiffurmaw parti mill-Kumitat Festi Esterni. Attentat simili sar mal-Każin San Francesco, każin li kien jieħu ħsieb l-armar ta' Pjazza San Franġisk, iżda dan it-tentattiv sfuma fix-xejn.[111]

109 NAM Pol 2 Occorrenze Nru 138, 139, 140; 10.vi.1919 u Nru 34, 20.viii.1919

110 KFE Minuti, Seduta Nru 24, 28.i.1923. Fost il-membri tal-Casino Vallone insibu lill Giorgio Azzopardi, Giuseppe Falzon, Michele Falzon, Giovanni Farrugia u Salvatore Debono.

111 *ibid*, Seduta Nru 19, 29.x.1922, kif ukoll Sammut P. (2000), 78.



***Casino Vallone (snin sebgħin)***

Apparti l-ġbir, il-kumitat b'mod frekwenti kien jorganizza l-fieri. Għal dawn il-fieri, sabiex jattira aktar nies, il-kumitat kien jistieden il-baned. Waqt li l-banda tal-lokal San Giorgio kienet toffri s-servizz tagħha mingħajr ħlas,[112] baned oħra, bħall-Banda La Valette tal-Belt, kienu jitolbu ħlas jew sehem mill-qligħ.[113] Dawn il-fieri kienu jkunu organizzati kemm f'Ħal Qormi,[114] kif ukoll f'ġonna pubbliċi bħall-Argotti fil-Furjana u San Anton f'Ħal Balzan.[115] Sors ta' dħul ieħor kien mit-tombli u l-qligħ mill-bottegin. Mhux l-ewwel darba li f'ċerti festi, bħall-Milied, kienu jorganizzaw tombli li d-dħul minnhom kien ikun b'risq il-festa.[116]

Minkejja dawn l-isforzi, l-ispiża tal-festa kemm-il darba kienet qed tisboq sew id-dħul. Hekk ġara għall-festa tas-sena 1921, fejn l-ispiża kienet kważi Dsatax fil-mija (19%) aktar mid-dħul. L-imħabba u ż-żelu li kellhom dawn l-ewlenin membri huwa rifless fil-fatt li, kważi kull sena, kienu jagħmlu tajjeb

112 *ibid*, Seduta Nru 54, 16.x.1928.
113 KFE Minuti, Seduta Nru 53, 14.x.1928.
114 *ibid*, Seduta Nru 6, 22.ii.1920.
115 *ibid*, Seduta Nru 53, 14.x.1928.
116 *ibid*, Seduta Nru 54, 21.x.1928.

minn buthom għall-iżbilanċ tal-festa. Hekk, biex nagħtu eżempju, wara l-festa tas-sena 1927, fejn l-iżbilanċ ammonta għal £26.14s.9d, Dun Vinċenz Borg, Giorgio Zammit, Giorgio Baldacchino, Giorgio Borg u Giorgio Azzopardi kienu ħarġu kull wieħed somma flus sabiex ikun kopert dan l-iżbilanċ.[117]



***Il-Martirju ta' San Ġorġ.***
***Wieħed mill-grupp statwarju mħallsa minn Giorgio Baldacchino***

Minkejja li dawn l-ewwel membri kienu, minn buthom, jagħmlu tajjeb għall-iżbilanċ rikorrenti tal-festa, xejn ma qatgħu qalbhom milli jfasslu fuq programm estensiv ta' armar ġdid kif ukoll tar-restawr tal-armar eżistenti. Ħafna drabi, dawn il-proġetti kienu jkunu possibbli billi l-membri tal-kumitat kienu jisilfu l-flus meħtieġa bil-kundizzjoni li meta l-kumitat ikollu l-fondi, dawn jintraddu lura. Hekk ġara meta waslu ż-żewġ gruppi ta' statwi[118]. Dakinhar sabiex jitħallas l-istatwarju, Giorgio Baldacchino offra li joħroġ il-flus hu.[119] L-istess seħħ meta wasal il-kont tal-pedestalli għal dawn il-gruppi statwarji: dakinhar, il-Kappillan, Giorgio Zammit, Carmelo Briffa, Dun Ġwann Porsella, Antonio Azzopardi, Giorgio Stivala u Giuseppe Azzopardi kienu ħarġu bejniethom is-somma ta' £30 bħala self.[120] Ix-xogħol tal-karpinterija fuq dawn il-pedestalli kien sar minn Michelangelo Cassar, waqt li Karlu Tonna (mir-Rabat) kien ħadem l-iskultura.

117 *ibid,* Seduta Nru 41, 12.vi.1927. Giorgio Azzopardi huwa riferut bħala Giorgio Bamba (mil-laqam tiegħu).
118 Il-grupp li jirrappreżenta lil San Ġorġ quddiem l-Imperatur u l-grupp li jirrappreżenta l-martirju tal-qaddis.
119 KFE Minuti, Seduta Nru 10, 15.v.1921.
120 *ibid,* Seduta Nru 16 26.ii.1922.

Armar ieħor li sar f'dik l-epoka kienu l-pedestalli għat-tnax-il puttin li kien ħadem l-istatwarju Mallia u sett ta' erba' trofej[121] li nħadmu minn Michele Mamo mill-Belt.[122] F'dan iż-żmien, fuq parir tal-istatwarju Karmenu Mallia, sar tibdil fit-tqassim tal-armar, b'pedestall b'anġlu jalterna ma' trofej.[123]

### IL-BNIEDEM JIPPROPONI U ALLA JIDDISPONI


*Il-Funeral ta' Mikiel Zammit*

Fil-ftit snin li kien ilu jeżisti, il-Kumitat Festi Esterni ħadem qatigħ sabiex, sena wara l-oħra, jkun hemm progress fl-oqsma kollha relatati mal-festa. Il-programm għall-festa tas-sena 1924 kien jisboq lil dawk tas-snin ta' qabel. Għal dik is-sena kienu tlestew l-aħħar minn sett ta' tnax-il pedestall għall-puttini li nħadmu minn Antonio Borg mill-Birgu.[124] It-tnax-il puttin li kien ħadem Mallia sarulhom il-gandilabri[125] u, bil-ħidma ta' Giuseppe Xerri u Michele Aquilina, saret il-komunikazzjoni sabiex jinxtegħlu bl-aċitilena. Dik is-sena wkoll kienu żżanżnu żewġ piramidi li tħallsu minn Carmelo Cassar,[126] waqt li kien sar ukoll xogħol fuq il-palk li fuqu kienet titellà l-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ. Fil-qasam tal-piroteknika kienu bdew iġibu esperti Taljani sabiex itellgħu l-ispettaklu ta' Lejlet il-Festa. Nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu, waqt il-programm li tellgħet fuq il-palk prinċipali, il-Banda San Ġorġ Martri kienet żanżnet bandalora ġdida.[127] Iżda dawn il-preparamenti kollha sfumaw mad-duħħan tal-bombi li nħarqu sabiex

121 KFE Minuti, Seduta Nru 27, 13.v.1923.
122 KFE, Riċevuta datata 22.x.1927.
123 Mangion S. (2018), 18.
124 KFE Minuti, Seduta Nru 20, 14.xi.1922.
125 *ibid*, Seduta Nru 27, 13.v.1923.
126 *ibid*, Seduta Nru 10, 15.v.1921.
127 Bugeja J. A. (2014), 119.

jakkumpanjaw il-kant tat-Te Deum. Waqt il-ħruq ta' dan in-nar, Mikiel Zammit, koperatur tal-festa, tilef ħajtu traġikament meta waħda minn dawn il-bombi sparat f'wiċċu. Il-Kumitat, fuq xewqa tal-familja, kompla bil-festa, iżda saret bla nar u fost swied il-qalb kbir.[128] Il-kumitat ħa wkoll id-deċiżjoni li jieħu fuq spallejh l-organizzazzjoni tal-funeral tal-vittma.[129] Il-funeral sar l-għada tal-festa. Il-korteo funebri telaq mill-knisja ta' San Sebastjan u kien akkumpanjat mir-rappreżentanti tal-baned kollha li kellhom jieħdu sehem fil-festa ta' dik is-sena. Il-Banda San Ġorġ Martri[130] (u aktarx il-Filamonica Pinto wkoll) kienu akkumpanjaw bid-daqq tal-marċi funebri.

L-esperiment tal-Kappillan Azzopardi kien irnexxa bis-sħiħ. F'dawn l-ewwel snin kienu nxteħtu l-pedamenti għal tmexxija sostenibbli tal-festa u ngħatat id-direzzjoni li fuqhom kellha tissawwar l-amministrazzjoni tal-festa esterna fis-snin ta' wara.



***L-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ kif ħarġet mill-bottega tal-istatwarju Vincenzo Cremona***

128 Skont il-Minuti tal-Banda San Ġorġ, din il-banda kienet ħassret il-marċ ta' Lejlet il-Festa filgħodu.
129 KFE Minuti, Seduta Nru 29, 28.iv.1924
130 Bugeja J.A. (2014), 120.

Kapitlu 3

# L-Aħħar Deċennju ta' Paċi, 1925-1936

*"L-eċċellenza diffiċli tiksibha iżda malajr titlifha"*

L-ewwel ħames snin kienu prova konkreta kemm id-deċiżjoni li l-festi esterni jkunu amministrati minn kumitat, kienet waħda għaqlija. Fl-għaxar snin li segwew, iċ-ċelebrazzjoni tal-festa patronali f'Ħal Qormi, laħqet livell ferm għoli, hekk li din il-festa tqieset fost il-festi prinċipali ta' pajjiżna u li għaliha kienu jikkonkorru eluf ta' nies minn kull rokna ta' Malta.

## TMEXXIJA ĠDIDA



***Federico Maempel***
***President 1925-1949***

Il-Kappillan Dun Vinċenz Azzopardi, hekk kif ftit snin qabel kien ħa l-pass kuraġġuż li jafda l-organizzazjoni tal-festi esterni f'idejn il-lajċi, fis-sena 1925 wettaq it-tieni pass billi għadda l-Presidenza f'idejn persuna lajka, it-Tabib Federico Maempel. Bħal Segretarju nħatar Dun Giorgio Scicluna[131] waqt li bħala Teżorier kompla Dun Vinċenz Borg. Sabiex jgħinuhom kienu nħatru wkoll Dun Ġwann B. Porsella Flores (Viċi President), Antonio Azzopardi (Sotto Segretarju) u Carmelo Psaila, Paolo Caruana, Giuseppe Azzopardi, Giorgio Baldacchino (Tal-Paċċ), Giorgio Baldacchino (Ċanċi), Giorgio Cassar, Giorgio Stivala, Giuseppe Scerri, GioMaria Scicluna, Carmelo Fava, Giovanni Borg, Salvatore Sammut, Luigi Cassar, Salvatore Spiteri u Vincenzo Agius bħala membri. Ma'

131 KFE Minuti, Seduta Nru 31, 10.v.1925. Bħala Segretarju oriġinarjament kien inħatar Dun Giorgio Borg iżda dan ma aċċettax in-nomina u minflok kien appuntat ir-Rev Giorgio Scicluna.

dawn il-persuni kienu nominati l-Avukat Giuseppe Mifsud Speranza,[132] Giorgio Gatt,[133] Emmanuele Bonnici u Salvatore Mangion li kienu persuni nominati mill-amministrazzjoni tal-Filarmonika Pinto. Sena wara, minflok Dun Giorgio Scicluna, bħala Segretarju nħatar Antonio Azzopardi, sabiex b'hekk l-aktar żewġ karigi importanti issa kienu f'idejn il-lajċi.


*Dun Ġwann Porsella Flores*

Il-kumitat il-ġdid issa kien ħa dimensjoni ta' entità rappreżentattiva tal-poplu Qormi u beda jkun konsultat f'materji li m'għandhomx x'jaqsmu biss mal-festa. Waħda minn dawn il-materji kienet tirrigwarda l-post fejn kellha tinbena lIiskola Primarja. Fis-seduta li nżammet nhar l-20 ta' Mejju 1926, it-Tabib Maempel, rappreżentant ta' Ħal Qormi fl-Assemblea Leġislattiva, kien talab l-opinjoni tal-membri fuq it-tliet postijiet[134] li kienu qed ikunu kkunsidrati mill-gvern. Dakinhar, b'vot kważi unanimu, il-membri kienu wrew ix-xewqa li l-iskola tinbena f'tarf Triq il-Barrakki, il-post fejn eventwalment inbniet.

## IL-PIROTEKNIKA

Għalkemm hi parti integrali mill-festa Maltija, sal-bidu tas-snin għoxrin l-arti tal-piroteknika f'pajjiżna kienet għadha fi stat pjuttost primittiv. In-nar tal-festa kien jikkonsisti fi sparar tal-maskli (speċi ta' kanuni żgħar), suffarelli[135] u bombi. Dun Feliċ Tabone[136] jirrakkonta kif, fil-ġranet tat-Tridu, fuq iz-zuntier kienu jitpoġġew serbut ta' dawn il-maskli, b'kull

132 L-Avukat Mifsud Speranza kien il-President tas-Soċjetà Filarmonika Pinto bejn l-1925 u l-1927.

133 Ġorġ Gatt aktarx huwa l-istess persuna li dik il-ħabta kien jokkupa l-kariga ta' Teżorier tal-Banda Pinto. Persuna bl-istess isem li kien fl-amministrazzjoni tal-Banda Pinto fl-1925 kien l-Ispiżjar George Gatt, li kien jokkupa l-kariga ta' Viċi-President.

134 It-tliet postijiet kienu f'tarf Strada Rossa (fejn illum hemm Triq Dun Ġwakkin Schembri), fi Triq il-Vitorja (qrib il-poliklinika tal-gvern) u f'tarf Triq il-Barrakki (fejn eventwalment inbniet).

135 NAM Pol 2, Occorrenze 31.iii.1876, Andrea Fiott (Luqa) jinħaraq waqt li kien qed jaħdem is-suffarelli.

136 Tabone F., Il-Festa ta' San Ġorġ fi Tfuliti, *Programm Festa 2002, Kumitat Festi Esterni.*

wieħed ikun ikkargat (jimtela' bil-porvli). Persuna b'qasba f'idejha, li fit-tarf tagħha kien ikun hemm miċċa, kien jispara dawn il-maskli billi jmiss il-porvli li kienu jikkumnikaw dawn il-maskli. In-nar tal-art kien jikkonsisti l-aktar fi rdieden (*girandoli*) pjuttost sempliċi jew disinji. In-nar tal-art fil-festa ta' San Ġorġ, speċjalment dak ta' Lejlet il-Festa, kienu jieħdu ħsiebu l-membri tal-*Casino Vallone*.



***Sett ta' Maskli li jinsabu fil-mużew parrokkjali***

In-nar ta' Lejlet il-Festa kien igawdi popolarità kbira, hekk li bosta kienu dawk il-persuni minn irħula oħra li kienu jinżlu Ħal Qormi, b'xi kaless jew bil-mixi, sabiex jassistu għal dan in-nar.[137] Minkejja din il-popolarità, il-membri tal-Ġunta tal-Festa, ewlenin fosthom Dun Ġwann Battista Porsella Flores (Segretarju) u Dun Vinċenz Borg (it-Teżorier) ħassew li Ħal Qormi jixraqlu aħjar. Dawn kienu wrew ix-xewqa li l-ispettaklu pirotekniku ta' Lejlet il-Festa jibda jkun iħabbatha ma' spettakli simili li kienu raw fl-Italja. Sabiex il-proteknika tagħmel din il-qabża fil-kwalità kien hemm il-bżonn li jġibu pirotekniċi barranin. B'dan il-għan f'moħħhom,

137 NAM Pol 2, Occorrenze 22.v.1874, Giovanni Fava minn Ħaż-Żebbuġ kien insultat u mweġġa' waqt li kien qed jassisti għan-nar tal-art Lejlet il-Festa.



PASSPORT OFFICE 16 JUL 1923 MALTA

No. 1392 / 1617

A

DECLARATION TO BE MADE BY APPLICANT FOR PASSPORT.

Malta 16 July 1923

I, the Undersigned, Rev Vincent Borg

at present residing at C. Curmi hereby declare that I am

a British subject by birth having been born

at C. Curmi on the 17 day of March 1886

and not having lost the status thus acquired, I hereby apply for a Passport for the purpose of travelling to Italy

(accompanied by my wife (and children under the age of 16), as indicated in the margin, who do not possess separate Passports)

I declare that I have no Passport already in my possession (other than that which I return hereto for cancellation) and that I have made no other application for a passport since the last passport was issued to me.

Signed Rev Vincent Borg

AND I, the Undersigned, Rev. N. Azzopardi Parish P.

of Casal Curmi hereby declare that to the best of my personal knowledge and belief the above made Declaration of the said Mr. Rev. Vincent Borg is true, and that I can from my personal knowledge of him vouch him as a fit and proper person to receive a Passport.

Signed Rev N. Azzopardi Parish P.

Age 37

Profession Clergyman

Domicile or ordinary place of residence C. Curmi

Place and date of birth Curmi - 17 March 1886

Height 5 feet 10 inches

Colour of eyes hazel

Colour of Hair dark brown

CAUTION

IMPORTANT

*L-applikazzjoni għall-passaport minn Dun Vinċenz Borg sabiex imur Sqallija*

Dun Ġwann Porsella Flores u Dun Vinċenz Borg għamlu kuntatt ma' Filippo Caffarelli minn Catania.[138] F'Jannar tas-sena 1923, il-Kumitat beda diskussjonijiet mal-membri tal-*Casino Vallone,* sabiex jinġieb pirotekniku Taljan biex jaħdem in-nar ta' Lejlet il-Festa.[139] Tlett ijiem wara, delegazzjoni mill-*Casino Vallone* - magħmula minn Giovanni Farrugia, Giuseppe Falzon, Giorgio Azzopardi u Michele Falzon - iddiskutiet u qablet li għall-festa ta' dik is-sena (1923) jinġieb Filippo Caffarelli u li dan kellu jitħallas £25 għal xogħlu.[140] Il-partijiet kien qablu li din l-ispiża kellha tinqasam bejniethom, bil-Kumitat tal-Festa joħroġ £10 u jipprovdi l-akkomodazzjoni waqt li l-*Casino Vallone* joħroġ id-differenza.[141] Din l-ispiża ta' £25 kienet waħda konsiderevoli għal dik l-epoka, l-aktar meta wieħed iqis li din kienet ekwivalenti għal sitt xhur paga ta' persuna li taħdem fil-qasam tal-agrikoltura.[142] Barra minn hekk il-*Casino Vallone* dik is-sena kien daħal ukoll għall-ispiża sabiex jinxtara nar ieħor mingħand Antonio Caruana, spiża li kienet tammonta għal £15[143]. F'dik is-sena wkoll tissemma għall-ewwel darba l-*Fabrica delle Bombe.*[144]

F'Lulju tas-sena 1925, il-Kumitat tal-Festa kien rikostitwit biex jinkludi l-membri tal-Casino Vallone. B'hekk l-organizzazzjoni tal-piroteknika

138 Grima J. F. (2011), 34.
139 KFE Minuti, Seduta Nru 23, 25.i.1923.
140 *Ibid.,* Seduta Nru 24, 28.i.1923.
141 *Ibid.,* Seduta Nru 24, 28.i.1923.
142 NAM, Blue Book, 1922, Wages and Cost of Living.
143 KFE Minuti, Seduta Nru 26, 8.ii.1923.
144 *Ibid.,* Seduta Nru 27 13.v.1923. Tagħrif miġbur minn Pawlu Sammut. Fl-1923, il-Kumitat tal-Festa kien indennizza (forsi ħallas bħala kera) is-somma ta' £1 lill-propjetarji ta' din l-art.

tal-festa ta' San Ġorġ issa saret responsabiltà ta' dan il-Kumitat. Il-Kumitat Festi Esterni minnufih medd għonqu għax-xogħol sabiex ikompli jibni fuq dak li kien inbeda mill-amministrazzjoni preċedenti. Għal darba oħra l-għażla waqgħet fuq il-pirotekniku Sqalli Filippo Caffarelli, li issa kien talab ħlas ta' nofs lira sterlina kuljum. L-ingaġġ ta' Caffarelli kien jammonta għal spiża ta' £20 li għamlu tajjeb għaliha sitt membri tal-kumitat.[145] Ix-xogħol ta' Caffarelli jidher li kien intogħġob hekk li kien ingaġġat sabiex jaħdem in-nar tal-festa ta' wara. Jekk l-ispiża u s-sagrifiċċju li saru sabiex



PROGRAMM

tax-xogħol tan nar maħdum mil Prof. Alfio Samperi u Carlo Famoso, għal okkażjoni tal

MEGALOMARTIRI SAN ĠORĠ

GHAL LEJLIET IL FESTA FIT-22 T' APRIL 1928. 10.45 p.m.

LEWWEL TAQSIMA

Jisparaw tliet tiri ta Kanun bħal Avvis
Jitilgħu 6 mortali tal kulur, cioè
2 mortali bil beraq u r-rgħad
2 „ tal beraq ikkulurit
2 „ friefet ikkuluriti
Mortal kbir tad-deheb brillanti b'ċentru kulurit blisparar

IT-TIENI TAQSIMA

a. San Ġorġ fuq iż-żiemel
b. Reddiena infernali btibdil ta kulur ta ġiżimin
c. Reddiena bl-elettriku bi xhit ta ġiżimin
d. Hruq ta biċċa li titbiddel f'Salib
e. Reddiena fantastika
f. Reddiena Romana bit-tibdil tas-sufarelli
g. 15 il sparatura bil parakudati li jitbiddlu f'aħdar elettriku
h. Reddiena kbira mgħamula katina bit-tibdil tal funtani ta kulur b'fin-nofs roti tal ward.
i. Hruq ta raddiena f'ħames roti bl'aħdar eletriku li jispiċċa b'kulur ta ġiżimin.
j. Reddiena għamla ta siġra bi xhit tal fidda, b'mosketterija kulurita.
k. Reddiena b'tibdil tal kulur b'hafna [illegible] fl'aħħar
l. Reddiena għamla ta siġra bil beraq u r-rgħad.
m Reddiena bil figuri
n. Final kbir b'disinn tal kulur, fontani kuluriti li jirrappreżentaw il-Lyra Mużikali.

IT-TIELET TAQSIMA

Introduzjoni
Tluħ ta erba' mortali b'ħafna kuluri, aħdar, aħmar vjola, isfar, blù, fidda u bisparar.
1. Mortal kbir brillanti. b'fond aħdar u vjola.
2. Mortal fond li jitbiddel fi slaleb b'ċentru kulurit.
3. Mortal b'ward tal ġiżimin
4. Mortal bil fidda u bl'aħmar
5. Mortal isfar, aħdar, u vjola
6. Mortal aħmar b'ċentru tal fidda
7. Mortal isfar brillanti b'ċentru aħdar u vjola
8. Mortal bi tliet sqaraturi f'dakka u tisfir, u jinbidel f'aħmar bil fidda
9. Mortal bi tliet kuluri differenti, aħmar u fidda, aħmar u aħdar u xita tad-deheb.
10. Mortal bil parakaduti u bil beraq.
11. Mortal bi sparar u tisfir btibdil aħmar awrora
12. Mortal isfar bid-deheb, b'ċentru aħmar
13. Mortal bil parakaduti kuluriti li jitbiddlu
14. Tluħ ta erba' bombi vesuvjani bil beraq u r-rgħad, raġġi bi ftuħ aħdar ikħal u aħmar.
15. Mortal bil parakaduti u ftuħ ta raggi
16. Mortal ta raġġi u ftuħ kulurit.
17. Mortal bil parakaduti bi 500 kolp kulurit.
18. Telgħa ta tliet bombi bil beraq oskur, beraq kulurit, friefet kuluriti isfar, brillanti, u għamla ta raġġira
19. Mortal kbir b'xita tad-deheb b'ħafna kolpi
20. Xgħejl tal faċċata Il Vatikan
Final Xhit ta raġġi kuluriti b'batterija li tissokta.
Xhit ta xita tal fidda, u xemgħa Ruman.
Kaxxa infernali u kolp ta l'aħħar.

jinġieb Caffarelli kienu kbar, daqstant kbir kien is-suċċess u l-benefiċċju miksub. F'dik is-sena (1927) minbarra n-nar tal-art, Caffarelli kien ħadem sett ta' murtali tal-kulur imsejħa *Bajocchi,*[146] l-ewwel murtali tal-kulur li dehru Malta. Żvilupp ieħor kien l-introduzzjoni tal-kaxxa tal-kulur li nħarqet fi tmiem in-nar tal-art ta' Lejlet il-Festa.[147] L-inizjattiva Qormija, minbarra li introduċiet lid-dilettanti tal-piroteknika Maltin għal kunċetti ġodda fil-piroteknika, kienet ħalliet ukoll impatt fuq it-terminoloġija

145 KFE Minuti, Seduta Nru 33, 10.ii.1926. Federico Maempel, ir-Rev Giorgio Scicluna u Giorgio Baldacchino ħarġu £5 kull wieħed; Carmelo Fava u Carmelo Caruana ħarġu £3 kull wieħed; waqt li Dun Ġwann Porsella Flores ħareġ £2. Giorgi Cassar kien offra li jagħmel tajjeb jekk l-ispiża taqbeż it-£23 miġbura.

146 Programm tan-Nar - Festa 1927.

147 Sa issa kien maħsub li l-kaxxa nfernali kienet introdotta fl-1932, iżda l-programm tan-nar tas-sena 1928 kien diġà jagħmel referenza għal dan it-terminu.

wżata. It-terminu "*kaxxa infernali*" jaf l-oriġini tiegħu propju dakinhar. Dun Vinċenz Borg, hekk kif ra dak in-nar tiela' f'daqqa u gassijiet ħomor, kien esklama "*così l'inferno*",[148] espressjoni li tat l-isem lill-batterija tal-kulur. Sas-sena ta' wara (1928), dan it-terminu kien daħal fil-vokabularju tal-piroteknika Maltija.

Skont il-proverbju Taljan *l'appettito vien mangando*; u hekk ġralhom il-Qriema. Għall-festa tas-sena 1928 xtaqu xi ħaġa akbar. Il-Kumitat dik is-sena għamel kuntatt mal-Professur Alfio Sampieri[149] li ġab miegħu lil Carlo Famoso. Dawn it-tnejn apparti l-logħob tan-nar tal-art mekkanizzat li kien jinkludi rappreżentazzjoni ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel, ippreżentaw ukoll sett ta' sitt murtali imsejħa *mortali tal-beraq*.[150] Tnejn minn dawn il-murtali kienu dawk li llum jissejħu bħala 'beraq pront' waqt li tnejn oħra kienu beraq tal-kulur. Il-final kien wieħed spettakolari. Dan kien jinvolvi " *Xħit ta' raġġi kuluriti b'batterija li tissokta, Xħit ta' xita tal fidda u xemgħa Ruman, Kaxxa nfernali u kolp tal-aħħar.*"[151] Jidher li l-kelma li l-Qriema kienu qed jikkummissjonaw pitotekniċi Sqallin bdiet timxi sew fi Sqallija stess, hekk li fis-sena ta' wara, il-Kumitat irċieva xejn anqas minn tliet offerti, li minnhom intgħażlet dik ta' Caffarelli.[152]

Id-dilettanti Qriema, approfittaw mill-preżenza tal-pirotekniċi Taljani biex huma jitgħallmu dawn il-metodi ġodda. Bl-iskuża li qed joffru l-għajnuna fil-manifattura tal-logħob tan-nar, id-dilettanti Qormin, apparti li tgħallmu t-teknika, "akkwistaw" ukoll ir-riċetti tat-Taljani. Il-logħob tan-nar kien jinħadem fil-*Camera dello Sparo*, li kienet tinsab fuq art proprjetà tal-Fratellanza tas-SS. Sagrament.

148 Grima J.F. (2011), 34.
149 KFE Minuti, Seduta Nru 42, 30.x.1927.
150 *Programm tax-xogħol tan-nar maħdum mil Prof Alfio Samperi u Carlo Famoso, għall-okkażjoni tal-Megalomartri San Ġorġ*. Programm volanti.
151 *Ibid*.
152 KFE Minuti, Seduta Nru 51a, 3.ii.1929.

Il-progress miksub mill-proteknici Qriema, ewlenin fosthom l-aħwa Tonna,[153] kien evidenti fil-festa tas-sena 1929. Dakinhar kienet tnediet l-ewwel gara piroteknika bejn it-Taljani u l-Maltin. F'din il-kompetizzjoni ta' Lejlet il-Festa bejn l-aħwa Tonna u Caffarelli, l-aħwa Tonna kienu ħarqu sett ta' sitt murtali tal-kulur bi tliet fetħiet.[154] Fir-rigward in-nar tal-art, apparti x-xogħol ta' Caffarelli, kien inħadem nar tal-art (*facciata pirotecnica*) minn ċertu Nazzarenu.[155] Xogħol tan-nar ieħor maħdum mill-pirotekniċi Qriema kien in-nar tal-ajru li ttella' fl-Aħħar Jum tat-Tridu li nħadem minn Carmelo Sammut (iż-Żepp) u Ġużeppi Caruana (Il-Bezzi).[156] Caffarelli reġa' kien ikkumissjonat jaħdem in-nar tal-festa tas-sena 1930.[157]

Il-gara piroteknika u l-ispettaklu li kienet toffri kienet waħda mill-aktar avvenimenti annwali mistennija minn bosta nies. Il-Kumitat Festi Esterni ma xtaqx jiddiżappunta l-aspettattiva tal-poplu u għalhekk għall-gara tas-sena 1931 apparti lil Filippo Caffarelli, kien stieden ukoll lill-aħwa Ignazio u Giacomo Potenzone minn Messina.[158] Giacomo Potenzone[159] kien isem stabbilit fil-qasam tal-piroteknika kontinentali fejn, ftit taż-żmien qabel (1928), kien rebaħ premju b'wirja piroteknika kbira fl-Esposizioni ta' Milan.[160] Ħu Giacomo, Ignazio, kellu biss dsatax-il sena meta ġie l-ewwel darba Malta ma' ħuh.[161] Jikkompetu ma' dawn il-pirotekniċi barranin insibu lil Carmelo Cassar (Żgiċċi l-lampi), Giovanni Micallef (il-Beċċun) u

153 Aquilina I. (2010), 88: L-aħwa Tonna (tewmin) kienu minn Ħal Qormi iżda joqogħdu l-Belt. Kienu jaħdmu n-nar tagħhom il-Għargħur.

154 KFE Minuti, Seduta Nru 53a, 24.ii.1929. L-aħwa Tonna tħallsu £5 ta' dawn il-murtali.

155 Aktarx dan kien Żaren Buhagiar (Ta' Silla) mis-Siġġiewi. Żaren Buhagiar flimkien ma' ħutu kienu ngaġġati minn Dun Vinċenz Borg sabiex jgħinu lil Caffarelli fil-manifattura tan-nar għall-festa ta' San Ġorġ. Schembri J. (1996).

156 *ibid*, Seduta Nru 52a, 17.ii.1929.

157 *ibid*, Seduta Nru 58, 8.ii.1930.

158 *ibid*, Seduta Nru 60, 5.i.1931. Huma tħalsu 35 lira taljana.

159 Archivio di Stato Messina, Atti di Nascita Nru 4, Giacomo Potenzone twieled nhar it-3 ta' Marzu 1894 fil-*contrada* ta' Villa Sant Agata di Messina.

160 Program tal-Festa 1930, 3.

161 Archivio di Stato Messina, Atti di Nascita Nru 29, Ignazio Potenzone twieled nhar id-26 t'Awwissu 1912.

Giuseppe Coleiro.[162] Il-fatt li l-piroteknici Maltin kellhom il-kuraġġ jisfidaw lil dawn il-ġganti tal-piroteknika jindika l-livell u l-kunfidenza tal-Maltin. Il-kompetizzjoni kienet kemm fil-qasam tan-nar tal-art fejn il-Maltin kellhom jippreżentaw tnax-il disinn li kellhom ikunu differenti minn ta' Potenzone u sitt irdieden (*girandoli*), kif ukoll fil-qasam tan-nar tal-ajru fejn kellhom jippreżentaw sett ta' murtali tal-kulur.[163] Is-sena ta' wara, il-kompetizzjoni kienet biss bejn l-aħwa Potenzone. F'Lejlet il-Festa (1932), dawn l-aħwa ppreżentaw sett ta' murtali tal-kulur kull wieħed kif ukoll bosta bċejjeċ tan-nar tal-art. Il-programm ta' Lejlet il-Festa kien intemm b'kaxxa infernali. Is-sena ta' wara (1933), l-aħwa Potenzone kienu mill-ġdid ikkummissjonati jaħdmu n-nar ta' Lejlet il-Festa waqt li n-nar ta' Jum il-Festa kien fdat f'idejn Gianmarì Arapa (il-Bully) u Ġużeppi Caruana (il-Bezzi). Dawn it-tnejn kienu ppreżentaw bejniethom tużżana murtali tal-kulur u kaxxa tal-kulur.[164] Din hija l-ewwel referenza għall-piroteknici Qriema li tellgħu kaxxa tal-kulur. F' Jum il-Festa ta' dik is-sena, Potenzone introduċa novità piroteknika ġdida għal Malta – il-kaxxa tal-bomba jew kif inhi magħrufa wkoll bħala l-kaxxa Spanjola. Dan it-terminu kien użat għall-ewwel darba s-sena ta' wara fil-programm tal-festa.

In-nar ta' Lejlet il-Festa tas-sena 1934 kien fdat f'idejn il-Professur Salvatore Grasso minn Messina[165]. Grasso, li għal dax-xogħol tħallas ħamsa u għoxrin lira Taljana kuljum, kellu lavrant impjegat miegħu.[166] Il-professur Grasso, dik is-sena kkompeta ma' Ġianmarì Arapa, fejn it-tnejn ippreżentaw programm li kien jinkludi l-ħruq ta' murtali tal-kulur u kaxxa tal-kulur.[167] Is-sena ta' wara, l-ispettaklu ta' Lejlet il-Festa kien ippreżentat

162 KFE Minuti, Seduta Nru 62, 1.iii.1931.

163 KFE Minuti, Seduta Nru 63, 7.iii.1931.

164 *ibid*, Seduta Nru 73, (mhux datat).

165 *Ibid,* Seduta Nru 8, 17.xii.1933. KFE Registro Nro III Pirotecnica, 18: Grasso b'kollox tħallas £10.

166 KFE Registro Nro III Pirotecnica Pġn 18. Carmelo Sammut kien impjegat bħala lavrant ma' Salvatore Grasso bi ħlas ta' £1 għal sitt ijiem xogħol.

167 *Il-Berka*; 19.iv.1934, 5.

minn Ġianmarì Arapa u Potenzone,[168] fejn dawn it-tnejn ikkompetew fuq il-murtali tal-kulur, waqt li kaxxa infernali kienet fdata f'idejn Arapa.[169]



PROGRAMMA

Fl'10 precisi jinsparau xi bombi bhala avvis biex in-nies tingiabar fi Piazza Vallone.

Fl'10.15 precisi il Prof. Ignazio Potenzone jispara 10 murtali ta culur ta daks u ftuh differenti chif ucoll uiehed mhux bhall'iehor.

Bomba ohra tati sinjal li spicciau il mortali ta Ignazio Potenzone.

Immediatament bomba ohra thabbar il mortali tal culur, 10 fin-numru tal Prof. Giacomo Potenzone ucoll colla differenti.

Bomba ohra thabbar it-tmiem tal mortali tal culur.

Uara li icunu spicciau il mortali tal culur Prof. Ignazio jati in nar tal loghob tighu li jicconsisti f'sitt irdieden colla differenti bhal ma huma :

1 Tigrija tal bicycles
2 Patist isinn is-schiechen
3 L'arblu ta Meiju
4 Rota tal Musaic
5 Rota indiavolata
6 Rota fantastica
7 Villa fuk in-naturali

Fl'ahhar icun hemm final l'actar sabieh u fantasticu li katt ma deher bhalu.

Il Cumitat.

***Programm tan-nar ta' Lejlet il-Festa tas-sena 1932***

Issa l-Maltin kienu daħlu sew fin-namra tal-piroteknika speċjalment fil-qasam tal-batteriji tal-kulur (kaxxi infernali) b'diversi gruppi jaħdmu u jaħarqu minn diversi bnadi waqt il-purċissjoni.[170] Ġianmarì Arapa issa kien stabilixxa ruħu sew f'dan il-qasam. Apparti s-sehem tiegħu f'Lejlet il-Festa, huwa kien ikun ikkummissjonat jaħdem in-nar kollu li jakkumpanja l-purċissjoni bħall-musketteriji, il-bombi, il-batterija Spanjola u l-murtali tal-kulur.[171] Sabiex jikkumplimenta x-xogħol maħdum mill-pirotekniċi Taljani u Qriema, il-Kumitat kien ukoll jimporta nar minn Sqallija.[172]

---

168 KFE Registro Nro III Pirotecnica Pġn 34. Potenzone tħallas £34.13.16 ta' 65 jum xogħol. Huwa kien megħjun minn Arapa li wkoll kien tħallas ta' xogħlu.

169 *Il-Berka*; 27.iv.1935.

170 KFE Minuti, Seduta Nru 9, 31.xii.1933.

171 *Il-Berka,* 27.iv.1935.

172 KFE Registro Nro III Pirotecnica Pġn 14 u 16, *Bombe di giorno dalla Sicilia* £2.15s; *dazio per dette bombe* 13s.

L-ispettaklu piroteknìku ta' Lejlet il-Festa, kull sena stimulat minn kompetizzjoni ħarxa bejn il-piroteknìċi Maltin u Taljani, kien jiġbed folol kbar lejn Ħal Qormi. Carmelo Psaila, fil-ktieb tiegħu Il-Knisja ArċiMatriċi ta' Ħal Qormi 1436-1936, jgħid li "*għal ħabta tad-disgħa ta' bil-lejl, kotra kbira ta' nies jibdew ġejjin għalbiex jaraw il-logħob tan-nar li jsir ġewwa l-wied, naħseb li nkunu jinsabu nies għal-ħin tal (guocu di foco) mal-20,000 ruħ bejn wieħed u l-ieħor*".[173] Sabiex jakkomodaw l-ammont kbir ta' nies li kienu jerħula lejn Ħal Qormi fil-jiem tal-festa, is-servizz tal-karozzi tal-linja kien joffri servizz dirett lejn Ħal Qormi mill-Mosta, in-Naxxar, Ħal Lija, Ħ'Attard u Birkirkara.[174] Dan is-servizz kien ikun jibqa' jaħdem sa tard bil-lejl u jiggarantixxi li jibqa' għaddej "*sa kemm kulħadd jittieħed lura pajjiżu.*"



Bħalma wieħed jistenna, it-Taljani kienu pjuttost għajjurin għat-teknika u r-riċetti tagħhom. Caffarelli kien iżomm ir-riċetti tat-taħlit f'bagalja msakkra b'ċavetta li kien iżomm fil-but tas-sidrija.[175] Għaldaqstant, wieħed jistaqsi kif irnexxielhom il-Maltin jakkwistaw dawn ir-riċetti u t-teknika mingħand dawn il-piroteknìċi barranin? L-awtur kemm-il darba sema' minn fomm ċerti dilettanti tan-nar bħal Ġorġ Baldacchino (Ċanċi), Ġużi Baldacchino (tal-Paċċ) u oħrajn li kienu jiffrekwentaw il-ħanut li kien hemm biswit il-post tan-nar, jirrakkuntaw li kienu jintasbu wara xi ħajt josservaw lil dawn it-

173 Psaila C. (1937), 190.
174 *Il-Berka* 26.iv.1935.
175 Aquilina I. (2010), 95.

Taljani jaħdmu. Strataġemmi simili kienu ntużaw fil-Għargħur.[176] Waqt li t-teknika tista' takkwistaha permezz tal-osservazzjoni, l-akkwist tar-riċetti huwa iktar ikkumplikat u delikat peress li l-inqas żball jista' jwassal biex it-taħlita tisħien (kombustjoni kaġun ta' reazzjoni kimika). Iżda, kif jgħid il-qawl, il-ħtieġa omm il-kisba.

Missier l-awtur kien jirrakkonta kif xi Qriema, fosthom Ġianmarì Zammit (iċ-Ċojja), kienu offrew biex jgħinu lit-Taljani. Caffarelli kien aċċetta lil Zammit għax dan tah x'jifhem li kien illitterat u għalhekk Caffarelli assuma li Zammit ma setax jikkupjalu r-riċetti. Iżda Zammit kellu ħsieb ieħor. Huwa kien ikun miftiehem ma' persuna li kienet tkun mistoħbija wara ċint b'lapes u karta f'idu. Kull darba li Caffarelli kien jitlob lil Zammit inewwillu l-kimika, Zammit kien jagħmel ta' bir-ruħu li ma semax u kien jirrepeti b'vuċi għolja taparsi biex jikkonferma ma' Caffarelli. Il-persuna ta' wara ċ-ċint kienet tniżżel kollox fuq karti taz-zokkor. Strataġemma oħra kienet dik li l-lavrant kien jagħmel ħżuż b'ġebla fuq ħajt, b'kull sinjal ifisser l-ammonti u l-materjal użat. L-aħwa Buhagiar, li kienu ngaġġati bħala lavranti ta' Caffarelli, darba minnhom indunaw li Caffarelli kien nesa l-bagalja miftuħa. Dawn minnufih marru xtraw pitazz u kkupjaw ir-riċetti u disinji kollha li kellu t-Taljan.[177] L-ikkupjar tar-riċetti ta' Caffarelli kienet saret bħal ossesjoni fost id-dilttanti tan-nar. Wara l-festa ta' San Ġorġ tas-sena 1927, l-Għargħurin kien stiednu lil Caffarelli għal ikla kbira ad unur tiegħu. Wara li temgħuh u sqewh sew, stednuh sabiex imur jistrieħ ftit u sa mitraħ ipprovdewlu. Hekk kif Caffarelli marret għajnu bih, huma ħadu ċ-ċavetta tal-bagalja mill-but tas-sidrija, fetħulu l-bagalja, ikkupjawlu r-riċetti u poġġew kollox lura f'posthom. Saħansistra kienu kkomponew għanja sabiex tiċċelebra din il-'bravata'.[178]

176 *Ibid.*
177 Grech J. (2018), 13.
178 Aquilina I. (2010), 95.

L-ispettakli pirotekniċi fil-festa ta' San Ġorġ kienu mfittxija ħafna. L-aspettattiva kienet kbira u l-Kumitat Festi Esterni ħadem qatigħ sabiex jiżgura li kull sena l-ispettaklu offrut kien ikun jisboq dak ippreżentat fis-sena preċedenti. Li wieħed iġib pirotekniċi barranin u ta' fama kien pass li fisser piż kbir fuq ir-riżorsi finanzjarji diġà prekarji tal-Kumitat. L-ispiża tal-ewwel pirotekniku barrani kienu għamlu tajjeb għaliha l-membri tal-kumitat stess, iżda dan il-metodu ta' finanzjament ma kienx wieħed sostenibbli. Għaldaqstant, l-amministrazzjoni l-ġdida kostitwita fl-1925 kienet innominat persuna sabiex jieħu ħsieb il-ġbir għan-nar tal-art. Fis-sena 1929 l-ispiża tan-nar kienet tammonta għal madwar 70% tan-nefqa totali tal-festa. Għall-festa tas-sena 1929, il-Kumitat kien bi ħsiebu jonfoq £9 għal 6 murtali tal-bomba, £6 għal 20,000 bomba waqt li madwar £30 kienu allokati għall-ħlas tal-pirotekniċi barranin.[179] Minkejja li dik is-sena l-ġbir għan-nar kien jisboq dak tas-sena ta' qabel, dik is-sena l-festa xorta spiċċat bi żbilanċ ta' £27.13s.10d. Sabiex jagħmel tajjeb għad-differenza bejn il-ġbir u l-infiq, il-Kumitat Festi Esterni, minn żmien għal żmien, kien jorganizza fieri li għalihom ikunu mistiedna jieħdu sehem il-baned tal-lokal.

L-ispettaklu pirotekniku ta' Lejlet il-Festa, apparti li kien qiegħed jiġbed lejn Ħal Qormi eluf kbar ta' nies, kien qiegħed iservi wkoll ta' reklam għax-xogħol tal-pirotekniċi Qriema. Dan beda jwassal sabiex il-Kumitat Festi Esterni, b'mod konsistenti jirċievi kummissjonijiet sabiex jaħdem nar għall-festi oħra.[180] Id-domanda kienet hekk kbira li, fi Frar 1930, il-Kumitat Festi Esterni kien lest jingaġġa lil Filippo Caffarelli sabiex, minbarra n-nar tal-festa ta' San Ġorġ, jaħdem ukoll nar għal bnadi oħra.[181]

179 KFE Minuti, Seduta Nru 56, 13.i.1929

180 KFE, Libro Esigenziale della Festa Esterna di San Giorgio MM.

181 KFE Minuti, Seduta Nru 58, 8.ii.1930

Sas-sena 1933, ix-xogħol tan-nar għall-festi oħra kien qiegħed iħalli qligħ ta' madwar £44,[182] qligħ li kien jikkumplimenta l-ġbir. Minkejja l-qligħ mix-xogħol għal irħula oħra u l-ġbir, il-*Camera dello Sparo* xorta kienet tirreġistra żbilanċ sostanzjali.[183]

Minn ħarsa lejn il-kotba finanzjarji tal-Kumitat wieħed jista' jieħu stampa ċara tal-piroteknika fil-festi Maltin ta' dik l-epoka. Eżempju klassiku huwa l-ordni għan-nar li saret mill-kappillan tal-Kalkara għall-festa ta' San Ġużepp tas-sena 1933, iċċelebrata f'dik il-parroċċa. Għal dik il-festa, il-*Camera dello Sparo* Qormija ħadmet 14,000 bomba; 3,000 *bombe lampo*; 2,000 bomba tal-kulur; tlettax-il tużżana gassijiet; 23 murtal tal-kulur; għaxar irtal porvli (għall-maskli); sittin xemgħa Rumana; erba' kaxxi infernali u ammont ta' nar tal-art.[184] Għal dan in-nar kollu, il-kappillan tal-Kalkara kien ħallas £28, somma pjuttost kbira għal dak iż-żmien. Festi oħra li għalihom in-nar kien ikun ikkumissjonat minn Ħal Qormi kienu dawk tal-Birgu (San Lawrenz u San Duminku), il-Ħamrun (kummissjonijiet miż-żewġ baned u l-prokuratur tal-vara), l-Isla, il-Marsa, iż-Żejtun, Ħal Balzan, San Ġiljan, ir-Rabat, il-Għargħur (Corpus Christi), il-Mellieħa (Każin La Vittoria), il-Belt Valletta (Madonna tal-Karmnu), Tas-Sliema (Stella Maris), l-Imsida, l-Imdina (tal-Karmnu), tal-Pietà (Festa Maria Addolorata) u



| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 63 | | | | | |
| 1937 | | Riporto | £141 | 18 | 8 |
| Novembre | 29 | Da D. Vincenzo Borg per profitto nella Festa dell'incoronazione del Re | 15 | " | " |
| 1938 | | | | | |
| Febbrajo | 25 | Dalla Vittoriosa per Bombe | 6 | 16 | " |
| Marzo | 27 | Raccolta per colore | " | 2 | 8 |
| Aprile | 3 | " " | " | 1 | 3 |
| " | 15 | Dal Ritlu per bombe | 2 | 12 | " |
| " | | Dalla Fil. S. Giorgio " | 1 | 8 | " |
| | | Da Salv. Baldacc per 1 pacco acido | " | 4 | " |
| Maggio | 19 | Da Victoria Club p. Bombe | 10 | 8 | " |
| " | | Dal Casino S. Franc " | 8 | 9 | " |
| " | | Da Sirchuia " | 1 | 6 | " |
| " | 31 | Dai P. Domenicani per lavori pirot | " | 10 | " |
| | | Da Spirid Cini per bombe | 1 | 4 | " |
| | | Conto Festa Cintura | " | 10 | 6 |
| | | | £190 | 10 | 1 |

**Rendikont tad-dħul minn bejgħ ta' nar 1937**

182 KFE Registro III, Pirotecnica

183 KFE Registro Nro III Pirotecnica, 34. Fis-sena 1935 il-qligħ min-nar u l-ġbir ammontaw għal £147.7.5, ftit anqas minn żewġ terzi tal-ispiża.

184 KFE, Libro Esigenziale della Festa Esterna di San Giorgio MM, Introito 1932-33.

saħansitra kienet tirċievi kummissjonijiet minn Għawdex (San Lawrenz u n-Nadur).[185] Dawn il-kotba jixħtu wkoll dawl fuq l-attività tal-għaqdiet oħra Qriema. Hekk wieħed isib li għall-festa tas-sena 1933, apparti n-nar kbir ikkumissjonat mil-Kumitat Festi Esterni, kienu kkummissjonati mal-elfejn bomba mill-*Filarmonica San Giorgio*; elfejn bomba oħra mill-każin tal-Orkestra San Francesco Saverio, elf bomba mid-Domus Pio X u elf bomba oħra mid-dilettanti ta' Triq Santa Katerina.[186] Iż-żewġ baned Qriema, meta kien imisshom idoqqu nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu kienu jikkummissjonaw in-nar tal-art li kien jinħaraq fi tmiem il-marċ tagħhom. Hekk għamlet il-Filarmonica San Giorgio għall-festa tal-1934[187] u l-Filarmonica Pinto għall-festa tal-1935.[188]

Il-festa ta' San Ġorġ ma kinitx l-unika festa Qormija li għaliha kien jinħadem in-nar. Il-prokuraturi tal-fratellanzi kienu jikkompetu bejniethom dwar min kien jorganizza bl-akbar pompa l-festa tal-fratellanza tiegħu. Fost il-festi Qormin li għalihom kien ikun ikkummissjonat in-nar insibu dawk ta' San Ġużepp, San Massimo, San Mikiel, il-Madonna tar-Rużarju, il-Madonna taċ-Ċintura, il-Kunċizzjoni, San Alwiġi u San Franġisk. Dun Ġorġ Borg kien jieħu ħsieb jikkummisjona n-nar għall-festa ta' Corpus Domini. L-Orkestra San Francesco Saverio, li kienet ukoll tieħu sehem fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù, kienet tikkummissjona n-nar għal din il-festa. Festi Qriema oħra li għalihom kien ikun ikkummissjonat in-nar kienu dawk tal-knejjes filjali ta' San Sebastjan, il-Madonna tal-Vitorja[189] u Santa Marija tal-Blat.

Fost il-kummissjonijiet tan-nar li l-Kumitat Festi Esterni kien irċieva, kien hemm dik għan-nar fl-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ VI. Bid-

185 *Ibid,* 5-30.
186 *Ibid,* 16.
187 *Ibid,* 19.
188 *Ibid,* 31.
189 Il-Festa tal-Vitorja kienet tieħu ħsiebha l-familja Casha waqt li dik ta' San Sebastjan kella lil L Mizzi bħala prokuratur.

dħaħen tal-gwerra resqin lejn pajjiżna u b'Mussolini jħambaq fuq l-Italjanità ta' Malta, il-Gvern Kolonjali ried juża l-festi tal-Inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ VI bħala attività ta' propaganda favur l-Ingilterra u l-Imperu. Kienu organizzati programmi mużikali f'kull belt u raħal,[190] il-faċċati tal-knejjes kienu nxtegħlu bid-dawl elettriku u kienu organizzati diversi festini.[191] Il-qofol tal-festi ntlaħaq bi spettaklu fil-Port il-Kbir, b'diversi bċejjeċ tal-baħar mixgħula, waqt li minn fuq il-Forti Sant Anġlu ttella' spettaklu



piroteknku, li parti sostanzjali minnu kien xogħol li nħadem fil-*Camera dello Sparo* ta' San Ġorġ.[192]

Ir-responsabilità tal-post tan-nar, wara l-fużjoni bejn il-*Casino Vallone* u l-*Giunta della festa,* issa kienet totalment tal-Kumitat Festi Esterni. Il-*Camera dello Sparo* kienet tinnomina tliet delegati sabiex iservu bħala membri tal-Kumitat Festi Esterni.[193] Il-membri tal-*Casino San Giorgio*[194] kienu involuti ferm fl-amministrazzjoni tal-kamra tan-nar, hekk li bosta mill-membri nominati sabiex imexxu dan il-każin, fosthom Giorgio Baldacchino u Carmelo Fava kienu responsabbli mill-kamra tan-nar. Prova oħra tar-rabta bejn il-*Casino San Giorgio* u l-amministrazzjoni tal-*Camera dello Sparo* joħroġ mill-fatt li d-dħul mill-każin kien jinqasam nofs

190 Bugeja J.A. (2014), 146-147.

191 *Il-Berka,* 8.v.1937.

192 KFE Registro III, Pirotecnica, 61. Ix-xogħol kien tant kbir li l-kumitat kien ta' b'appalt parti minn dan ix-xogħol lill xi persuni li ma kinux jaħdmu nar f'Ħal Qormi. Il-qliegħ minn dan ix-xogħol kien ammonta għal aktar minn £36. Dan il-qliegħ kien ippermetta li jinġiebu tliet baned oħra għall festa.

193 KFE Minuti, Seduta Nru 36, 10.x.1926.

194 Il-*Casino San Giorgio,* li kien jaqa taħt il-Kumitat Festi Esterni, kien każin differenti mill-*Casino San Giorgio* li minnu kienet topera l-Banda San Ġorġ Martri.

bin-nofs bejn in-nar u l-ispejjeż l-oħra tal-festa.[195] Kuntrarju għal dak li jiġri, fejn l-ispiża tan-nar tagħmel tajjeb għaliha l-għaqda tan-nar (bil-Kumitat Festi Esterni jagħti donazzjoni fissa), dak iż-żmien il-Kumitat Festi Esterni mhux biss kien jagħmel tajjeb għall-ispiża tal-proviżjon u l-materjal użat, iżda saħansitra kien iħallas bil-ġurnata lil dawk li kienu jaħdmu n-nar għall-festa.[196] Prova oħra kemm il-Kumitat kien l-unika entità responsabbli għall-post tan-nar hu dak li seħħ fl-1928, meta il-post tan-nar kien ġarrab ħsarat kbar. Dakinhar il-Kumitat, kien qabbad lil Ġorġ Cassar (ta' Mastranġ) sabiex jibni mill-ġdid dan il-post tan-nar.[197]

Il-miġja tal-piroteknići barranin, minbarra l-ispiża konsiderevoli, kienet tinvolvi wkoll xogħol amministrattiv. Hekk kif kien ikun maqbul il-prezz, l-ewwel pass kien ikun li ssir talba sabiex il-persuna mqabbda jinħarġilha permess sabiex titħalla tidħol Malta. Qabel jirfsu pajjiżna, dawn il-piroteknići barranin, minbarra depożitu, kienu jitolbu garanzija li ser jitħallsu. Din il-garanzija kienet tkun f'forma ta' garanzija bankarja li l-Kumitat kien joħroġ tramite l-*Banco di Roma* li kellu fergħa fil-Belt Valletta.[198] Mal-wasla tagħhom Malta, il-Kumitat kien jipprovdi t-trasport mid-Dwana għal Ħal Qormi.[199] Il-ħlas maqbul mal-piroteknići barranin ma kienx ikun jinkludi l-akkomodazzjoni u din kienet ir-responsabiltà tal-Kumitat Festi Esterni. Il-Kumitat kien jakkomoda dawn il-barranin fil-binja magħrufa bħala l-*Misteri* jew il-mezzanin żgħir faċċata tal-istess post.[200] Ġorġ Mangion jirrakkonta kif jiftakar lil Ignazio Potenzone jaħdem il-gassijiet għan-nar tal-art f'dan il-post. Dawn il-piroteknići barranin kienu jiġu Malta għal perjodu ta' xahar jew aktar. Sabiex jirrendi

195 KFE Seduta Nru 71, 4.xi.1932.

196 KFE Fireworks Accounts Register 1937. Il-ħlas kien ta' madwar tliet xelini għal kull ġurnata xogħol.

197 KFE Minuti, Seduta Nru 45, 26.vi.1928.

198 Consiglio J.A (2001), 77. Il-Banco di Roma kien magħruf mal-poplu bħala banca dei Preti, dan għaliex il-maġġor parti tal-entitajiet ekleżjastići kienu jinqdew b'dan il-bank.

199 KFE, Registro Introito e Esito 1934, 12. Sar ħlas għall-kiri ta' dgħajjes u *porters* sabiex iġorru l-apparat li l-piroteknići Taljani kienu ġabu magħhom minn Sqallija.

200 Mangion Ġ (2010) .

dawn il-postijiet abitabbli u joffri ċerti kumditajiet, il-Kumitat tal-Festa kien minn żmien għall-żmien jixtri saqqijiet, imħaded, kutri u bjankerija ġdida kif ukoll trepiedi, friskaturi u twaletta (il-prekursuri tal-kamra tal-banju).[201] Il-Kumitat kien jaħseb ukoll biex jipprovdi l-ikel kemm lit-Taljani kif ukoll lil-lavranti tagħhom.[202]

### ARMAR ĠDID U RESTAWR



Minkejja li l-piroteknika kienet tassorbi l-parti l-kbira tar-riżorsi finanzjarji, l-amministrazzjoni taħt il-presidenza tat-tabib Federico Maempel xejn ma ttraskurat l-elementi l-oħra importanti tal-festa, fosthom l-armar. Għall-kuntrarju, din l-amministrazzjoni mill-ewwel ħadet f'idha r-responsabiltà tal-armar tal-parti ta' Triq il-Kbira mill-pjazzetta sal-kappella tal-Lunzjata. L-ewwel proġett imniedi minn din l-amministrazzjoni kien it-tisbieħ tal-palk prinċipali. Carlo Tonna, skultur mir-Rabat, kien għalhekk ikkummissjonat biex jaħdem l-iskultura għal dan il-palk. Din l-iskultura kienet ġiet tiswa madwar £8, li nofshom kienu mislufin miż-żagħżugħ Giorgio Zammit,[203] dak iż-żmien student tal-Liġi, li mhux l-ewwel darba kien daħħal idejh fil-but sabiex ikun jista' jsir l-armar tal-festa. Hekk għamel sitt xhur wara meta xxierek ma' Dun Vinċenz Borg, Giorgio Baldacchino, Giorgio Borg u Giorgio *ta' Bamba* biex ħarġu bejniethom aktar minn £26[204] ħalli jkopru l-ispejjeż relatati

201 KFE, Registro Introito e Esito 1934, 8-9.
202 *ibid*, 10: *caffe e biscotti per lavoranti.*
203 KFE Minuti, Seduta Nru 37, 12.xii.1926.
204 *ibid*, Seduta Nru 41, 12.vi.1927.

mar-restawr ta' tmien trofej[205] u x-xogħol fuq żewġ trofej ġodda.[206] Is-sett ta' tnax-il trofew tkompla s-sena ta' wara billi żdiedu żewġ trofej oħra. Dan ix-xogħol ġdid kien possibbli biss grazzi għall-flus li ħareġ Giorgio Cassar, membru tal-Kumitat. Il-festa tas-sena 1928 kienet tat kedda sewwa lill-armar. Maltempata bir-riħ u ħalbiet tax-xita kienu għamlu ħerba mill-armar. L-istima tal-ħsarat kienet ammontat għal madwar £70.[207]

Issa li l-Kumitat kien ħa r-responsabilità tal-parti bejn il-pjazzetta u l-kappella tal-Lunzjata, beda jaħdem sabiex jibdel l-armar li kien hemm. L-ewwel ma saru kienu erbatax-il arma ġdida. Ftit snin wara, fl-1932, inbeda x-xogħol fuq il-pedestalli għall-puttini.[208] Jidher li dawn il-pedestalli kienu



***Dekorazzjoni tat-trofej għat-triq tal-knisja***
***Quddiem mix-xellug: Massu Mangion, Pawlu Debono u Ġorġ Cassar***
***Wara mix-xellug: Peppinu Muscat, Ġorġ Attard u Leli Debono***

205 *ibid*, Seduta Nru 37, bla data.
206 *ibid*, Seduta Nru 42, 30.x.1927.
207 *ibid*, Seduta Nru 56a, 13.i.1929.
208 *ibid*, Seduta Nru 68, 13.x.1932.

lesti sas-sena ta' wara, hekk li l-Kumitat ikkummissjona x-xogħol sabiex isiru l-ħofor u jitqiegħdu pedamenti taż-żonqor għalihom.[209] Kien imiss issa li jsiru t-trofej għal din it-triq. Għal dan il-għan, Giorgio Cassar kien xtara l-injam meħtieġ.[210] Ix-xogħol tal-injam tħalla f'idejn Luigi Formosa li għalihom tħallas is-somma ta' £12.10s. Dawn it-trofej kienu lesti, stukkjati iżda mingħajr żebgħa, fi żmien tliet xhur. Issa li t-trofej kienu lesti, il-Kumitat beda jaħseb għall-bnadar tagħhom li d-drapp tagħhom tagħhom kellu jkun abjad u aħmar biss.

Il-Kumitat Festi Esterni, minkejja li f'dak li kien armar kellu r-responsabiltà diretta tal-parti ta' Triq il-Kbira miz-zuntier sal-ark li kien jintramà mal-ħajt tal-kappella tal-Lunzjata, kien responsabbli għad-dawl tat-toroq kollha u wkoll kien jgħin gruppi oħra li kienu jieħdu ħsieb l-armar tal-inħawi tagħhom. Fost dan il-grupp, f'dik l-epoka nsibu l-grupp tal-armar tan-naħa tal-Vitorja li kien jieħu ħsieb l-armar kollu mill-pjazza tal-Vitorja sa fejn illum hemm l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, il-grupp tal-armar ta' Strada Rocca, il-grupp tal-armar ta' Triq San Bartilmew u l-grupp tal-armar li kien jieħu ħsieb l-armar tal-akkwata tan-Naġġar ħdejn l-istatwa ta' San Pawl. Il-Kumitat tal-Festa, minkejja r-riżorsi limitati tiegħu, kemm-il darba għen lil dawn il-gruppi kemm fil-ġbir kif ukoll billi pprovdielhom armar. Każ partikolari ġara fl-1935 meta l-Kumitat Festi Esterni pprovda pedestalli u anġli sabiex tkun tistà tintrama l-Pjazza tal-Vitorja.[211]



***L-ark li kien jintrama mal-kantuniera tal-kappella tal-Lunzjata***

209 *ibid,* Seduta Nru 3, 2.vii.1933.
210 *ibid,* Seduta Nru 8, 17.xii.1933.
211 *ibid,* Seduta Nru 24, 19.v.1935.


*Uħud mill-iskudetti li kienu jintramaw fi pjazza San Franġisk*

L-armar ta' Pjazza San Franġisk kien f'idejn grupp ta' persuni fosthom Giovanni Farrugia. L-armar f'din il-pjazza prinċipali kien jikkonsisti f'ark tal-ħadid fuq erba' kolonni, pilandri żgħar bi skudetti mpittra magħqudin flimkien b'arki tal-ħadid li magħhom kienu jiddendlu tazzi taż-żejt u palk kbir bl-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ fuqu. Il-Kumitat Festi Esterni, sa mill-ewwel snin tiegħu, kien wera x-xewqa li jieħu f'idejh u jkabbar l-armar ta' din il-pjazza. In-nuqqas ta' fondi kienet waħda mir-raġunijiet li żammew lill-Kumitat Festi Esterni milli jidħol għal dan il-proġett. Fortunatament, ġrajjiet li seħħew fi ħdan il-Banda San Ġorġ għenu sabiex il-proġett tal-armar ta' Pjazza San Franġisk sar realtà.

Fl-1924 kienet riesqa l-Elezzjoni Ġenerali għall-Assemblea Leġislattiva. Robert Bencini, li sa ftit żmien qabel kien President Onorarju tal-Banda San Ġorġ Martri, kien inħatar President ta' din is-soċjetà. Wara din il-ħatra, Bencini telaq mill-Partit tal-Ħaddiema, li flimkien ma' ħuh kien waqqaf ftit snin qabel, u kkontesta f'isem il-Partit Kostituzzjonali. Il-fatt li Bencini kien ser jikkontesta ma' partit li kellu politika imperjalista xejn ma kien niżel tajjeb ma' bosta membri ta' din l-għaqda li għal bosta snin kienu appoġġjaw u sofrew għall-kawża nazzjonali u għaldaqstant, xejn ma ħassewhom komdi li kellhom lil Bencini bħala l-President tal-għaqda tagħhom.

Robert Bencini ma kienx l-uniku individwu li kellu l-ħsieb li jikkontesta dik l-elezzjoni. Il-Prokuratur Legali Fortunato Ellul kien ukoll tefa' n-nomina sabiex jikkontesta, iżda f'isem l-*Unione Politica Maltese.*[212] Mhux eskluż li s-Sur Fort Ellul kien ukoll tefa' ħarstu fuq il-kariga ta' President ta' din il-banda. Dan kollu wassal biex bosta membri ta' dan il-każin infatmu minn din l-għaqda u flimkien ma' Fort Ellul u t-tabib Giuseppe Baldacchino waqqfu, fil-fond numru 81 Strada San Francesco, orkestra ġdida li bdiet iġib l-isem ta' Orkestra San Francesco Saverio.[213] Id-direttur mużikali ta' din l-orkestra kien Rafel Muscat.[214]

L-Orkestra San Francesco Saverio għamlet bħala l-għanijiet ewlenin tagħha t-tagħlim tal-mużika u l-armar ta' Pjazza San Franġisk.[215] Rigward l-armar tal-pjazza, il-ħsieb oriġinali kien li jsiru sett ta' erba' trofej u sett ta' gastri li jikkumplimentaw il-palk li kien jintrama f'dik il-pjazza. Ix-xogħol fuq dawn it-trofej u l-gastri kien fdat f'idejn Giuseppe Muscat. Fis-sena 1930 iżżanżanu l-ewwel biċċiet ta' armar ġdid għal din il-pjazza.[216]

## IL-BANED FIL-FESTA

Is-sehem taż-żewġ baned tal-parroċċa kien regolat mill-ordni tal-pulizija datata 30 ta' Mejju 1895 u mill-ftehim li sussegwentement kien intalaħaq bejniethom fis-snin qabel twaqqaf il-Kumitat Festi Esterni. Il-Kumitat Festi Esterni, għalkemm ma kellu l-ebda ġurisdizzjoni fuq is-sehem tal-baned lokali fil-festa, dejjem kien jikkopera bis-sħiħ magħhom sabiex ikabbar l-element mużikali fil-festa ta' San Ġorġ. Lejn tmiem is-snin Għoxrin, iż-żewġ baned urew ix-xewqa li jżidu s-sehem tagħhom fil-festa

212 Is-Societa Filarmonica San Giorgio kellha tradizzjoni ta' appoġġ għall-Monsinjur Ignazio Panzavecchia, mexxej u fundatur tal-*Unione Politica Maltese*.

213 Bugeja J.A. (2014), 113-114.

214 Rafel Muscat sa ftit snin qabel kien bandist u delegat tal-Banda Pinto.

215 Kuntratt bejn il-Banda San Ġorġ Martri u t-Tabib Giuseppe Baldacchino (President tal-orkestra) datat 28 ta' Mejju 1950.

216 Programm tal-Festa 1930, 3.

u pproponew li jiżdiedu servizzi nhar l-ewwel u t-Tieni Jum tat-Tridu kif ukoll sabiex ikun hemm il-possibiltà li jdoqqu ż-żewġ baned nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu.[217] F'kuntratt datat 4 ta' Marzu 1928, iż-żewġ baned, flimkien mal-prokuratur tal-festa u l-Kumitat Festi Esterni daħlu fi ftehim legali sabiex jikkoordinaw din iż-żieda fis-servizzi.[218]

Dan il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1929. Dik is-sena, nhar l-Ewwel Jum tat-Tridu l-Orkestra San Francesco kienet ippreżentat programm mużikali fi Pjazza San Franġisk waqt li l-għada l-Banda San Ġorġ Martri kienet tellgħet programm mużikali quddiem il-każin tagħha.[219] Bi sfortuna kbira, kien hemm min interpreta dan il-pass min-naħa tal-baned bħala opportunità biex jgħabbi lill-baned b'parti mill-ispiża tal-illuminazzjoni elettrika. Il-proposta kienet li l-għaqdiet mużikali kellhom jagħmlu tajjeb għall-ispiża tad-dawl nhar l-ewwel u t-tieni tat-tridu waqt li waħda mill-baned tħallas l-ispiża għall-konsum tad-dawl ta' Pjazza San Franġisk nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu. Fis-sena 1928, maltempata kbira kkawżat ħsarat kbar fl-armar. Il-Kumitat Festi Esterni, sabiex jiffinanzja t-tiswijiet ta' dawn il-ħsarat kien organizza fiera kbira li għaliha l-Banda San Ġorġ Martri kienet aċċettat li tieħu sehem mingħajr ħlas.[220] Bħala


FESTI TA BARRA.

19 t'April f'leuuel tat-tridu fil Piazza San Frangisc issir mixghela bid-daul elettricu, u d-dokk l'orchestra "San Francesco Saverio" ta l'istess raħal. Fil 10-30 giocdifogu fl'istess Piazza San Frangisc.

20 t'April, it-tieni tat-tridu, issir mixghela bid-daul elettricu t-triek tal Cnisja Parrochjali, il Banda "San Ġorġ" ta l'istess raħal tgħamel programm ħdejn il casin tagħha. Fil 10. 30. giocdifogu krib il Parroċċa.

21 t'April l'aħħar tat-tridu, issir mixghela generali mar-raħal collhu bid-daul elettricu u d-dokk il banda "Pintu" ta l'istess raħal fuk il palc principali, fost il bcejjec l'oħra tal Programm sejra d-dokk Innu lil Glorius San Giorġ, mictub mil l'imfaħħar surmast Cav:, Uff:, Jean Gatt, li fieh jieħdu parti Chorijet ta tfal u Artisti tat-Teatru. Fil 11. p.m. giocdifogu ħdejn il Parroċċa.

22 t'April lejliet il Festa f'nofsinhar il Banda "Pintu" fost id-dakk ferrieħi tal knipen u sparar tal murtali u murtaletti tghaddi mit-triekat principali tar-raħal id-dokk marci trionfali biex tħabbar il bidu tal Festa popolari tal Cbir patrun ta Ħal Kormi. Fit-8. p.m. issir mixgħela generali mar-raħal collu bid-daul elettricu.

Daun il baned li gejjin jieħdu parti f'lejliet il festa mit-8. p.m. il kuddiem fil postijet msemmija haun taħt, uara li cul uaħda minnom teseguixxi is-soliti Marci mat-triekat principali tar-raħal.

Il Banda Kormija "San Gior-ġ" Fuk il palc principali.
Il Banda tal Mosta Nicolò Isouard. Ħdejn l'istatua tal Principessa Alessandra
L'orchestra ta l'istess raħal iffurmata min 70 musicant fil Piazza San Frangisc

Fil piazza Vallone icun hemm giocdifogu cbir ta l'Imfaħħar Enricu u Espeditu Camilleri min Birchircara. Fil 10. 45 p.m. Din is-sena sejra issir gara ta mortali bejn il Maltin u Filippo Caffarelli ta Catania.

L'euuel li jisparau il mortali tad delettanti Kormin, ittieni ta l'oħus Tonna, flaħħar tal Prof. Caffarelli. Uara li jispicciau il mortali tal kulur, jibdeu jinħarku l-irdiden ta kabel il giocdifogu maħdumin min Filippo Caffarelli. F'laħħarnett il giocdifogu li jispiċċa b'caxxa infernali.

23 t'April jum il festa, f'nofsinhar il banda kormija "San Gorġ" tghamel bħas-soltu daura mar-raħal iddokk marci popolari. Uara nofs inhar fit-3 p.m. uara li cul banda min dànn li gejjin id-dokk il marci mat-triekat principali tar-Raħal, teseguixxi programma musicali fil postijet haun msemmija.

1. Fuk il palc Principali, — King's Own.
2. Krib l'istatua tal Principessa "San Giorgio" ta Bormla.
3. Fi Piazza San Frangisc. — Duke of Edinburgh.
4. Fi Piazza San Paolo. — San Giuliano.

Uakt li tkun dieħla il purcisjoni jisparau il Murtali tal culur maħdumin min Filippo Caffarelli.

***Programm Festi Esterni 1929. Għall-ewwel darba l-festa esterna tinfirex għall-jiem kollha tat-Tridu***

217 KFE Minuti, Seduta Nru 40;,16.iv.1927.

218 ANV, Atti Notarili Frendo Randon tas-sena 1928, Att Nru 42.

219 KFE, Programm Festa 1929.

220 KFE Minuti, Seduta Nru 51, 17.v.1928.

rikonoxximent ta' dan is-sehem mill-Banda San Ġorġ Martri f'din il-fiera, il-Kumitat kien offra li jeżenta lill-Banda San Ġorġ Martri mill-ispiża tad-dawl tat-Tieni Jum tat-Tridu .[221]

Il-kwistjoni dwar il-ħlas għall-illuminazjoni elettrika fil-jiem tat-Tridu iżda qamet is-sena ta' wara (1930), meta l-Banda Pinto kienet tellgħet programm nhar it-Tieni Jum tat-Tridu waqt li l-Banda San Ġorġ Martri kienet għamlet marċ nhar l-Ewwel Jum tat-Tridu.[222] Dawn il-kwistjonijiet bejn il-baned fuq naħa u l-Kumitat Festi Esterni fuq in-naħa l-oħra wasslu sabiex il-ftehim dwar is-sehem tat-tieni banda nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu ma jidħolx fis-seħħ. Fir-rigward is-sehem tal-baned fl-ewwel jumejn tat-Tridu, l-ewwel l-orkestra, imbagħad il-Banda Pinto rtiraw mill-ftehim bir-riżultat li, fis-sena 1931, kienet il-Banda San Ġorġ Martri biss li tellgħet programm nhar l-Ewwel Jum tat-Tridu. Fis-sena 1932, sehem il-baned lokali kien limitat għall-jiem li l-Kumitat Festi Esterni kien lest li jixgħel it-toroq minn butu.

Minkejja li l-kwistjoni dwar il-ħlas għall-illuminazzjoni kienet għadha friska, il-baned xorta kienu jagħtu s-sehem tagħhom f'attivitajiet ta' ġbir ta' flus organizzati mill-Kumitat Festi Esterni. Fis-sena 1934, il-Kumitat Festi Esterni kien organizza żewġ fieri, waħda nhar il-Ħadd fuq l-Għid il-Kbir, ħdejn l-istatwa ta' San Bastjan, bis-sehem tal-Banda Pinto, u l-oħra nhar Ħruġ tal-Vara Titulari min-Niċċa, fil-pjazza tal-knisja, li fiha kienet ħadet sehem il-Banda San Ġorġ Martri.[223] Il-Kumitat Festi Esterni kien jiżgura li, minbarra s-sehem tal-għaqdiet mużikali tal-parroċċa, ikunu mistiedna diversi baned oħra għal lejlet u nhar il-festa. Għal dan il-għan il-kumitat kien kull sena jaħtar sotto kumitat ta' tliet persuni li kienu jkunu inkarigati mill-ġbir u l-kummissjoni ta' dawn il-baned barranin. Fis-snin Għoxrin, il-baned mistiedna kienu jkunu ż-żewġ baned tal-Belt Valletta,

221 *ibid*, Seduta 53, 24.ii.1929.
222 KFE, Programm Festa 1930.
223 KFE Minuti, Seduta Nru 12, 18.ii.1934.

il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu u l-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Is-sehem tal-banda Bormliża kien marbut ma' kundizzjoni li l-organizzaturi ta' Bormla jixtru n-nar mingħand il-Kumitat Festi Esterni. Dawn il-baned kienu jesegwixxu programmi mużikali fuq il-palk prinċipali, fuq il-palk ta' Pjazza San Franġisk u quddiem il-pedestall tal-Prinċipessa.[224] B'differenza għal dak li jsir illum, dawn il-programmi kienu jibdew kmieni wara nofsinhar, dopo pranzo. Fis-snin Tletin, bdew ikunu mistiedna baned oħra fosthom Nicolò Isouard, De Rohan, Sliema u l-Queen's Own tal-Isla. Il-Kumitat Festi Esterni ma kienx jaħseb biss għall-baned fit-triq prinċipali biss, iżda kien jikkummissjona baned biex itellgħu programmi f'toroq oħra fosthom quddiem il-knisja ta' San Sebastjan. Fost il-baned li kienu kkummissjonati sabiex itellgħu programm f'din l-akkwata nsibu l-baned Duke of Edinburgh (1927), King's Own (1930), Sant' Elena (1931 u 1932) u Sant' Andrija (1935).




224 L-istatwa tal-Prinċipessa kienet tintrama fil-kantuniera ta' Triq il-Kbira faċċata ta' Sqaq il-Misraħ Nru 3.



*Il-pedestall il-ġdid xogħol Salvu Bugeja (ta' Zoli), imżanżan fis-sena 1936*

Il-poplu Qormi sa mill-bidu tas-snin Tletin beda jħejji bis-sħiħ sabiex jiċċelebra bil-kbir dak li kien maħsub li kien il-Ħames Ċentinarju mit-twaqqif tal-parroċċa.[225] Il-Kappillan Dun Anton Vella, flimkien mal-prokuratur tal-festa, nedew il-proġett tal-pittura tal-koppla u l-lunetti, proġett li kien fdat f'idejn l-artist Joseph Briffa. Il-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura kkummissjonat ventartal tal-fidda, xogħol id-ditta Fabrica Ronchi ta' Milan, fuq disinn tal-artist Qormi Ġużè Duca.[226] Fejn jidħol l-armar ta' barra l-akbar proġett kien dak ta' Pjazza San Franġisk. Dan il-proġett kien daħal għalih il-każin tal-Orkestra San Francesco Saverio. Għas-sena 1936 kienu tlestew is-sett ta' trofej u l-gastri, xogħol fdat f'idejn Ġużeppi Muscat. Minħabba li l-palk tal-orkestra ma kienx fi stat tajjeb, dan twarrab u minfloku sar pedestall kbir, xogħol il-mastrudaxxa Salvu Bugeja.[227] Salvu Bugeja, magħruf bħala *ta' Zoli* jew *is-Siġġiewi,* kien membru tal-każin tal-orkestra u kellu l-bottega tiegħu quddiem fejn illum hemm il-knisja ż-żgħira ta' San Sebastjan.[228]

Waqt li l-Qriema kienu għalenija jippreparaw għal dan l-anniversarju hekk importanti, fuq Ħal Qormi kien qiegħed jinġabar sħab ta' nkwiet u saram.

225 Din l-asserzjoni kienet ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata ta' dak li hu magħruf bħala r-*Rollo* tal-Isqof Senatore de Mello tal-1436. Fil-fatt, ir-*Rollo* jsemmi l-parroċċi, fosthom ta' Ħal Qormi, li kienu diġà jeżistu fl-1436 u mhux li twaqqfu parroċċi ġodda. Ara Grima J.F. (2003), 1.

226 *Il-Berka* 9.iii.1932, 2.

227 Dun Feliċ Tabone, "*Il-Festa ta' San Ġorġ fi Tfuliti*" Programm tal-Festa 2002, 73-75.

228 Sammut P (2008), 45.

F'Ottubru 1935, f'Ħal Qormi twaqqfet parroċċa ġdida, ħolqien li wassal għal inkwiet kbir, hekk li l-festa tal-1936 kellha tiġi posposta mill-anqas tliet darbiet, l-ewwel għal Mejju,[229] imbagħad għal Lulju[230] u finalment għal Awwissu. Mal-inkwiet parrokkjali żdied ukoll l-inkwiet politiku. Fl-1935, l-Italja ta' Mussolini invadiet l-Abbissinja. L-Imperu Brittaniku impona sanzjonijiet ekonomiċi fuq l-Italja li wasslu sabiex l-Italja tersaq lejn allejanza mal-Ġermanja. L-allinjament politiku tal-Italja wassal sabiex il-Gvern Kolonjali jniedi kampanja biex jeqred kull influwenza Taljana minn fostna. Is-surmastrijiet Taljani tal-baned Maltin raw il-permessi tas-soġġorn tagħhom irtirat[231] waqt li l-piroteknIċi Taljani kellhom l-applikazzjonijiet tagħhom miċħuda. Għaldaqstant, kull ħsieb tal-Qriema li jinġiebu piroteknIċi Taljani għall-festa spiċċa tar mar-riħ.[232] Battalja oħra tal-Gvern Kolonjali kienet dik li jissostitwixxi l-lingwa Taljana bil-lingwa Inġliża jew bl-Ilsien Malti. Bosta organizzazzjonijiet, fosthom il-Kumitat Festi Esterni biddlu isimhom mill-verżjoni Taljana, *Giunta della Festa di San Giorgio*, għal dik Ingliża, cioè *St George Outdoor Festivities Committee,*[233] u l-Minuti tas-Seduti bdew jinkitbu bl-Ilsien Malti.[234] Bl-Ilsien Malti wkoll bdew jinkitbu s-sunetti li kienu jkunu pubblikati fil-jiem tal-festa waqt li l-innijiet li kienu miktuba bit-Taljan kienu tradotti għall-Malti. Hekk ġara f'dik is-sena meta Ġorġ Zammit qaleb għall-Malti l-kliem tal-Innu l-Kbir li kienet iddoqq il-Banda San Ġorġ Martri fil-festa.

Fl-1936, il-festa eventwalment saret f'Awwissu. Minkejja d-diversi ostakoli li sab quddiem wiċċu l-Kumitat Festi Esterni, dawn il-festi xorta kienu suċċess. Il-Banda San Ġorġ Martri, issa l-unika banda tal-parroċċa, kienet għamlet servizzi nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu, Lejlet il-Festa filgħodu u filgħaxija u marċ kbir nhar Jum il-Festa. Il-marċ ta' Jum il-Festa filgħodu

229 KFE Minuti Seduta Nru 30, 29.iii.1936.
230 *Ibid*, Seduta Nru 33, 25.vi.1936.
231 Frendo H (2012), 515.
232 KFE Minuti Seduta Nru 29, 8.iii.1936.
233 *ibid*, Seduta Nru 47, 5.xi.1939.
234 L-ewwel Minuti li nkitbu bil-Malti kienu dawk tas-Seduta li nżammet nhar il-11 ta' Ġunju 1933.

kien wieħed indimentikabbli hekk kif iż-żewġ baned Ġorġjani, San Ġorġ Martri u La Stella tar-Rabat Għawdex ingħaqdu f'marċ grandjuż mat-toroq ewlenin tal-parroċċa. Il-purċissjoni bl-istatwa titulari wkoll ħadet rotta ġdida, hekk li issa bdiet tgħaddi wkoll minn Triq Pinto u kif tasal ħdejn il-knisja tal-Vitorja bdiet tinżel l-isfel tul Triq Santa Katerina għal Triq San Pietru.

Is-snin tletin  raw il-festa ta' San Ġorġ tilħaq livelli li jħabbtuha mal-aqwa festi patronali ċċelebrati f'Malta u Sqallija. Fil-qasam pirotekniku, Ħal Qormi kien laħaq l-eċċellenza, l-armar kien mifrux mar-raħal kollu, waqt li ż-żewġ baned u l-orkestra kienu f'kompetizzjoni bejniethom dwar min itella' l-isbaħ programm. Iżda s-sena li fiha kellu jkun iċċelebrat l-anniversarju ta' Ħal Qormi bħala parroċċa waħda spiċċat biex saret l-annata li fiha nżergħet il-pika parrokkjali li kienet sors ta' tant inkwiet fis-snin ta' wara.

# IL GIORGIANI REBHU

## Lill Bastjani l'Armar kollu

1 Itla xemx ul pxara xerred
Ta dal jum li ma deher qatt
Illi dan il ferh wahdieni
Jibqa mnaqqax f-qalb kullhatt

2 Dan il jum ta ferh ghalina
Dan il jum ghalina xkien
Il ghaliex spicciat il kawsa
Li kelnha l-Qriema flimkien

3 Xkienet taghna din il kawsa
Dina saret fuq larmar
Illi dan zmienijiet ilu
Ta San Giorg ghal festa sar

4 Billi saret il Parroccia
Il gdida ta San Bastjan
Il partit ta dic innahha
Ippertenda larmar; dan.

5 Kif qatt jista isir dana ?
Jekk ghal festa dan kien sar
Ta San Giorg, mhix ghal festa ohra
Kien intghamel dan larmar

6 Dan il jum ilu mistenni
Li il kawsa tkun maqtugha
Il Giorgjani gew rebbieha
Imsejknin lohrajn tilfugha.

7 Ta San Giorg larmar hu kollu
Dak larmar lippertendew
Kien ahjar ghala l'Bastjani
Lil kawsa mlewwel cedew.

8 Mill prim awla issentenza
Ta San Giorg giet favur taghhom
Ghaliex rehbu l'armar kollu
Bil haqq kollu ghax kien taghhom

9 Mhux kuntenti b'dissentenza
Il Bastjani appellaw
Imma ghalxejn l'istess sentenza
Limhalfin ikkonfermaw.

10 Giet mghaqtuha issentenza
Ta San Giorg gew rebbehin
Spicciat issa sgur ittama
L'ohrajn hargiu tellifin

11 Tilfu iva larmar kollu
Mill prim awla w mill appell
Issa sgur bhal meta l'hajta
Din tispiccia mirrukkell

12 Ghalxejn kellom lesti l'karti
Ghaliex marru imqarqin
Issa dawn tajbin ghal hwienet
Biex isorru issardin.

13 Ghalxejn kienu ppreparati
Dawn il karti issa fihom
Sorru tonn u xi incova
Jew imshu xi hagia bihom

14 Jekk xi twiebet kelkom lesti
Issa morru ndifnu fihom
Jew kissruhom laqxa laqxa
Biex il hwejjeg tghallu bihom

15 Ma tarawx li inthom boloh
L'Issentenza appellajtu
Mortu nfaqtu hafna flesjjes
Biex bxiter imnieher bqajtu.

16 Imma hekk xmar ifettlilkom
Tippretendu dan larmar
U xrittuha din il kawsa
Biex sfghatilkom izied ghar.

17 Kien ahjar lghamiltu xopra
Gewwa l'Knisja zzejnu bih a
Ma tafux lil Knisja taghkom
Li armar ghad xejn ma fiha ?

18 Rittu wkoll tghamlu limhatri
Tohorgu kontu ta hmir
Dan ghalfejn biex tonfqu l'flejjes
Kien ikun aktar kont kbir.

19 Fdak il jum ta qtuh il kawsa
Hafna nies il Korti gew
Biex jaraw kif ser tispicca
Dawn ximkien marru jinhbew

20 Ma ghaliex ma ridux jidru
Gewwa l'korti qalb innies
Mhux ghax pasru li jitilfu
Kien maqtuh taghhom il jies.

21 Ta San Giorg ulied gheziez
Ahna dan ma nichdu qatt
Viva Giorgi l'qaddis taghna
Li mahbub hu min kullhatt.

22 Birragun innies ta Malta
Wisq thobbu lill dal kaddis
Gewwa lqub inizzel lhena
Giol qlub kollha hu ghaziz

23 Kbar u zghar kullhatt ihobbu
Dal Qaddis ghaziz ghalina
Huwa deher fuq is-Saqqajja*
Biex mittork jiddefendina.

24 San Giorg hu l'Patrun Ewlieni
Fdan irrahal mahbub taghna
Hu Patrun ta wlied ohra
Li illum ma ghadomx maghna.

25 Ferhanin il koll kemm ahna
Fdan il jum wisq ferhanin
Ghaliex ahna wlied veri
Ta San Giorg, veri Qormin.

26 Fideikom lestu l'imfietah
Ghax gejjin niehdu larmar
Jekk intom ma tkunux pronti
Ghalikom ikun wisq ghar.

*Skond Kornelio a Lapide fissena 1427 dehru San Paul u Santa Agta fuq is-Saqqajja.

LUPI PRESS 36, Sda. Zaccaria Valletta

*Sunett ta' inkejja li kien ippublikat fi żmien il-kwistjoni tal-armar*

# Il-Ħolqien ta' Parroċċa Ġdida

*"L-akbar ġlieda hija bejn l-aħwa"*[235]



**_Il-Kappillan Vella f'jum il-pussess tiegħu quddiem il-każin San Ġorġ flimkien mal-presidenti taż-żewġ baned Ritratt: Arkivju Banda S. Ġorġ_**

Il-ħsieb tal-Kurja Maltija li jaqsam lil Ħal Qormi f'żewġ parroċċi kien ilu jberren. Fl-1918, il-knisja filjali ta' San Sebastjan saret viċi parroċċa bil-limiti territorjali tagħha.[236] L-iżmembrament imminenti kien evidenti fid-digriet tal-ħatra tal-Kappillan Vella fejn il-Kurja Maltija rabtet lil dan il-kappillan li *"jieħu l-pussess ta' din il-parroċċa bil-kundizzjoni li huwa jaċċetta d-dispożizzjonijiet kollha li aħna nkunu għamilna dwar l-iżmembrar tal-parroċċa msemmija"*.[237] Nhar il-25 t'Ottubru 1935, Jum il-Festa tat-Traslazzjoni ta' San Sebastjan, l-Isqof Mauro Caruana ffirma d-digriet li permezz tiegħu l-knisja ta' San Sebastjan twaqqfet bħala parroċċa, bil-konfini tagħha jkunu dawk delinejati fl-1918.[238] Nhar il-5 ta' Jannar 1936, Dun Alwig Psaila ngħata l-pussess tal-parroċċa l-ġdida.[239] Il-qasma ta' Ħal Qormi f'żewġ parroċċi kellha effetti devastanti fuq il-ħajja soċjali ta' din il-belt.

235 Qawl Malti
236 Bugeja G. u Grima J.F. (2007), 15.
237 *Ibid.*, 25.
238 *Ibid.*
239 KFE Registro III Pirotecnica, 39. In-nar tal-festa tal-pussess tal-Kappillan tal-parroċċa l-ġdida kif ukoll tal-festa ta' San Sebastjan tas-sena 1936 kien ikkummisjonat lill-Kamra tan-nar fir-responsabilità tal-Kumitat Festi Esterni.

Il-Banda Pinto, fit-Tletinijiet bdiet miexja lejn ix-xaqliba tal-knisja ta' San Sebastjan. Fis-sena 1930 telqet mis-sede tagħha fi Strada San Francesco u marret tgħammar f'sede ġdida fi Triq San Bartolomew. Sentejn wara, fis-sena 1933, daħlet f'post ieħor fi Triq San Sebastjan, is-sede li fiha għadha tgħammar sal-lum.[240] Fl-istess żmien il-Banda San Ġorġ Martri wkoll biddlet is-sede tagħha u mxiet mill-pjazza tal-knisja għas-sede preżenti. Il-qasma tal-parroċċa għalhekk sabet liż-żewġ baned f'żewġ parroċċi differenti. Dan wassal għall-kwistjoni bejn iż-żewġ baned dwar is-sehem tagħhom fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-Banda San Ġorġ Martri bdiet tisħaq li bħala l-unika banda tal-parroċċa kienet hija li kellha ddoqq quddiem il-vara tal-Kruċifissjoni (magħrufa bħala l-Vara l-Kbira) waqt li l-Banda Pinto saħqet li, minkejja l-qasma ta' Ħal Qormi f'żewġ parroċċi, xorta kellha tibqa' tgawdi l-istess privileġġi li kellha. Sabiex tipproteġi l-pożizzjoni tagħha fil-parroċċa San Ġorġ, Ġorġ Gatt (tal-Ħaddied), membru fil-kumitat tal-Banda Pinto, kien ittrasforma l-ewwel kamra tad-dar tiegħu fi Triq il-Kardinal Xiberras f'uffiċju u sede tal-Każin Pinto.[241] Din il-kwistjoni kompliet tikkomplika ruħha meta kien deċiż li minkejja li Ħal Qormi issa kien maqsum f'żewġ parroċċi, uħud mill-purċissjonijiet, fosthom dik tal-Ġimgħa l-Kbira, kellhom jibqgħu jgħaddu mit-toroq tal-parroċċa l-ġdida.



*Il-Banda San Ġorġ Martri terġà tibda ddoqq quddem il-Vara l-Kbira*
*Ritratt: Arkivju Banda San Ġorġ M.*

240 KFE Minuti, Seduta Nru 10; 6.vi.1934.
241 Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn Vince Peresso .

Lejlet il-Ġimgħa l-Kbira tas-sena 1936 kien hemm tentattiv sabiex tinstab soluzzjoni, tentattiv li ma rnexxiex u għalhekk dik is-sena, minkejja li l-purċissjoni għaddiet miż-żewġ parroċċi, kienet ħadet sehem il-Banda San Ġorġ Martri biss. Għall-Ġimgħa l-Kbira tas-sena 1937 kien intlaħaq forma ta' ftehim. Il-baned kienu qablu li l-Banda San Ġorġ kellha ddoqq quddiem il-Vara l-Kbira waqt li l-Banda Pinto kellha ddoqq fuq il-planċier ħdejn il-knisja ta' San Sebastjan.[242] Dan l-arranġament sfaxxa hekk kif il-baned bdew kwistjoni dwar fejn kellha tieqaf iddoqq il-Banda San Ġorġ. Riżultat ta' dan id-diżgwid, il-Kappillan Vella kien ordna li jekk il-baned ma jilħqux ftehim, il-purċissjoni kienet ser toħroġ mingħajr is-sehem tal-baned. Din l-ordni tal-Kappillan intlaqgħet bi protesti kbar mill-abitanti tal-parroċċa San Ġorġ, hekk li reffiegħa kienu rrifjutaw li jerfgħu l-vari jekk il-Banda San Ġorġ ma titħalliex iddoqq fil-purċissjoni.[243] Iffaċċjat minn dawn il-protesti l-kappillan kien iddeċieda li l-purċissjoni tal-1938 ma toħroġx. Is-sena ta' wara, jiġifieri fl-1939, il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira bdiet tgħaddi minn rotta ġdida bis-sehem tal-Banda San Ġorġ biss.

Is-sehem tal-baned Qriema fil-festa titulari kien anqas problematiku bil-Banda Pinto tibda torganizza l-festa ta' San Sebastjan waqt li l-Banda San Ġorġ tkun l-unika banda Qormija li tieħu sehem fil-festa titulari ta' San Ġorġ. Għall-festa tal-1936, il-Banda San Ġorġ kienet għamlet is-servizzi li kien imiss lilha kif ukoll dawk li kienu jmissu lill-Banda Pinto, b'kollox erba' servizzi.

Il-ħolqien ta' parroċċa ġdida, minbarra li ddefinixxa mill-ġdid ir-rwoli li kull waħda miż-żewġ baned Qriema issa kellha tieħu fil-parroċċa rispettiva tagħha, wassal ukoll għal rijallinjament tal-partitarji taż-żewġ baned. Il-partitarji taż-żewġ baned kienu ġejjin minn kull rokna ta' Ħal Qormi.

242 *Il-Berka* 16.iv.1938
243 Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn Vince Peresso u George Schembri (ex-Teżorier tal-Kumitat Festi Esterni)

Insibu li l-Banda San Ġorġ kellha numru kbir ta' partitarji mix-xaqliba ta' San Sebastjan[244] waqt li l-Banda Pinto kellha bosta partitarji minn ħdejn il-knisja ta' San Ġorġ.[245] B'hekk, il-qasma ta' Ħal Qormi f'żewġ parroċċi poġġa lil dawn il-persuni f'dilemma: jekk ikomplux jimmilitaw f'banda li ma kinitx il-banda tal-parroċċa tagħhom. Dan wassal għal-rijallinijament tal-partitarji bejn il-baned fuq bażi parrokkjali. Żewġ eżempji ta' dan ir-rijalinejament huma l-każijiet tas-surmastrijiet Rafel Muscat u Giuseppe Magri. Rafel Muscat kien bandist kif ukoll delegat tal-Banda Pinto[246] iżda wara l-1936 insibuh bħala bandist mal-Banda San Ġorġ. Min-naħa l-oħra Giuseppe Magri sas-sena 1936 insibuh jattendi l-laqgħat ġenerali bħala bandist tal-Banda San Ġorġ, iżda wara l-gwerra jibda jagħti sehmu fi ħdan il-Banda Pinto, li tagħha eventwalment inħatar Surmast Direttur.

## L-IMPATT FUQ L-GĦAQDIET L-OĦRA

Żewġ għaqdiet ferm attivi f'dawk is-snin kienu s-*Società Mandolinistica Indipendenza* li twaqqfet f'Jannar tal-1917[247] u l-Orkestra San Francesco Saverio. Is-*Società Mandolinistica Indipendenza* kellha s-sede tagħha fid-Domus Pio X li kien jinsab fi Triq il-Kbira.[248] Din l-għaqda kienet ittella' r-rappreżentazzjonijiet tagħha f'sala fil-pjazza tal-knisja.[249] Dan iċ-*Circolo* kien twaqqaf mill-Kanonku Emanuele Gatt Flores u fih kienu jittellgħu numru ta' rappreżentazzjonijiet teatrali akkumpanjati mill-orkestrina li kien hemm fi ħdan l-Indipendenza.[250] Fi ħdan dan iċ-*Circolo* kien iffurmat

244 Bugeja J.A. (2014), 88-89: nhar is-6 ta' Jannar 1913 partitarji Werqisti mix-xaqliba ta' San Sebastjan irregalaw stendardi lill-Banda San Ġorġ. Fl-24 ta' Jannar 1924, il-partitarji minn tan-Naġġar kienu rregalaw bandalora.

245 Ħarsa lejn il-lista tal-membri u bandisti tal-Banda Pinto tas-sena 1907 (kopja mtella' minn Vince Peresso fuq il-facebook page tiegħu) turi li bosta minn dawk il-persuni kienu residenti fil-parti li baqgħet mal-parroċċa San Ġorġ.

246 Lista tal-Bandisti tal-Banda Pinto, bandist numru 25

247 Skrizzjoni fuq kartellun li jidher f'ritratt li dan il-grupp kien ħa fl-1920.

248 Skont is-Sur Emanuel Debono dan il-post kien ftit bibien 'il bogħod mill-kantuniera bejn Triq San Pietru u Triq il-Kbira.

249 Kantuniera ma' Sqaq Numru 1. Fis-sular t'isfel ta' dan il-post illum hemm spiżerija

250 Schembri Ġ. (1980), 7.



***Il-membri tal-Orkestra Indipendenza waqt ħarġa f'San Pawl il-Baħar***

ukoll grupp mandolinistiku li, minn żmien għal żmien, kien itella' serati mużikali. Din l-għaqda kienet waħda miż-żewġ għaqdiet Qriema li kienu ħadu sehem fl-Assemblea Nazzjonali tal-1919 li wasslet sabiex pajjiżna jingħata l-ewwel gvern responsabbli.[251] Bil-mewt tal-Kanonku Gatt Flores ftit snin qabel, l-għaqda kienet tilfet il-persuna li kien jispiraha u jmexxiha. Is-sitwazzjoni kompliet tikkumplika ruħha meta sid il-post fejn din l-għaqda kienet tiltaqa', magħruf bħala d-Domus, sfratta minn dan il-lok lil din l-orkestra u l-grupp teatrali. Mingħajr dar u dik l-id soda fit-tmun li tagħti direzzjoni, il-maltempata li ġabet magħha t-twaqqif tal-parroċċa l-ġdida għarqet lil din l-għaqda. Il-maġġor parti tal-assi ta' din l-għaqda, fosthom il-mejda tal-biljard[252] u l-istendard tagħha, kienu ttieħdu fil-Każin San Ġorġ waqt li l-membri ta' din l-għaqda daħlu fl-orbita taż-żewġ każini tal-baned.

251 *La Voce del Popolo,* 29.i.1919: Adezione Nro 50 datata 23.xii.1918

252 Memorji ta' Emmanuel Debono waqt il-programm *mill-Arkivji tal-Baned Ġorġjani* imxandar fuq Leħen il-Belt Ġorġjana, Skeda 2010.

L-Orkestra San Francesco Saverio wkoll ħasset l-effett negattiv tal-qasma parrokkjali. Bosta mill-mużiċisti tagħha, li kienu mix-xaqliba ta' San Sebastjan, ma baqgħux attivi f'din l-orkestra b'riżultat li l-attività mużikali tagħha naqset drastikament. L-amministrazzjoni ta' din l-orkestra issa ikkonċentraw l-enerġija tagħhom fuq il-ġbir għall-armar ta' Pjazza San Franġisk. Kien bis-saħħa ta' din l-għaqda li, f'din il-pjazza, minbarra s-sett ta' erba' trofej u sitt anġli ppjanati, saru wkoll sett ta' sitt gastri u żewġ trofej oħra waqt li t-tribuna li fuqa kienet tintrama' l-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ kienet ittrasformata fil-pedestall li naraw illum. Din l-għaqda twaħħdet mal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri fl-1950.[253]

In-namra għall-palk ma tmutx malajr. Bosta mill-membri tas-*Società Mandolinistica Indipendenza* flimkien ma' bosta mill-membri tal-Orkestra San Francesco Saverio, bdew jiffrekwentaw il-Każin tal-Banda San Ġorġ.




***L-ewlenin membri tal-Kumpanija Teatrali Anici***

253 Kuntratt datat 28 ta' Mejju 1950 bejn l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri u l-amministraturi tal-każin tal-Orkestra San Francesco.

Dan il-grupp ta' rġiel, li kien jinkludi lil Rafel Muscat (l-eks Direttur tal-Orkestra San Francesco Saverio), Ġorġ Briffa, Ġorġ Azzopardi (Viċi-Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni), G. Galea, C. Bartolo, A Attard, P. Fenech, P. Caruana, Anthony Xerri, Ġorġ Baldacchino (membru tal-Banda San Ġorġ u l-Kumitat Festi Esterni), A. Ciappara, Rafel Diacono, Corrado Attard (membru kemm tal-Kumitat Festi Esterni kif ukoll tal-Każin San Ġorġ), Gawdenz Barbara, M. Zammit, Ġużeppi Attard, C.Grech,[254] Joe Muscat Scerri (eks membru tas-*Società Mandolinistica Indipendenza*) u wħud mill-grupp mandolinistiku fi ħdan il-każin tal-Banda San Ġorġ Martri waqqfu kumpanija teatrali ġdida bl-isem ta' Kumpanija Teatrali Anici.[255] Għaqdiet tejatrali oħra fil-parroċċa San Ġorġ li raw il-bidu tagħhom wara l-gwerra kienu l-*Qormi Amateur Drammatic Company* (QADC), l-i*Stage Chevaliers, il-Caballeros* (immexxija minn Emanuel Debono - membru tal-Kumitat Festi Esterni)*, l'Amicizia,*[256] ir-*Radjani* u l-*Għaqda Qawmien.*[257]

Dawn l-għaqdiet tejatrali ħadmu id f'id mal-għaqdiet festivi l-oħra tal-parroċċa, fosthom il-Kumitat Festi Esterni biex jinġabru l-fondi meħtieġa biex ikunu jistgħu jitħallsu l-ispejjeż tal-festa. Il-kontribuzzjonijiet ta' dawn l-għaqdiet kienu strumentali sabiex l-għaqdiet festivi Ġorġjani, b'mod speċjali l-Kumitat Festi Esterni, jimmitigaw it-tnaqqis sostanzjali fil-ġbir, issa li l-ispiża tal-festa bdiet tinġabar minn nofs il-popolazzjoni. Il-kobor tal-impatt finanzjarju huwa evidenti mill-fatt li, minn dik is-sena, għal deċennji sħaħ, ta' kull sena il-Kumitat tal-Festa beda jirreġistra żbilanċ konsiderevoli.

254 Diacono (2011), 'Kumpanija Teatrali Anici – 75 sena ta' Ħidma b'risq il-Kultura', *Programm tal-Festa Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri*.

255 Leħen il-Belt Pinto, Nru 15 Jannar-Frar 1958, 4: Il-Palk f'Ħal Qormi

256 Rafel Muscat kien id-Direttur tal-Kumpanija Amicizia. Wara l-qasma tal-parroċċa din l-għaqda teatrali qorbot lejn il-Każin Pinto.

257 Bugeja J.A. (2014), 182-183.

Sa mill-ewwel snin tas-seklu għoxrin, bosta dilettanti tal-festa fit-toroq San Sebastjan, San Bartilmew, permezz ta' diversi attivitajiet il-Vitorja u l-akkwata tan-Naġġar kienu jixxierku u jiġbru l-finanzi meħtieġa sabiex jarmaw it-toroq tagħhom fil-jiem tal-festa. Dawn l-attivitajiet kienu jinkludu bosta fieri. Waħda minn dawn il-fieri kienet tkun organizzata mir-residenti fl-akkwata tan-Naġġar (ħdejn l-istatwa ta' San Pawl) fl-okkażjoni tal-festa tal-Konverżjoni ta' dan il-qaddis. F'din il-fiera kienet tieħu sehem il-Banda San Ġorġ Martri u b'ringrazzjament l-abitanti ta' dik l-akkwata fl-1924 kienu rregalaw bandalora lil din l-għaqda.[258] Wara s-sena 1918, meta r-rotta tal-purċissjoni kienet inbidlet biex bdiet tgħaddi mill-akkwati tan-Naġġar, tal-Vitorja u l-knisja ta' San Sebastjan, l-armar f'dawn l-inħawi tant żdied li l-kappillan kien jikri mħażen f'dawn l-akkwati sabiex fih ir-residenti jkunu jistgħu jerfgħu fihom l-armar ta' dawn it-toroq. Parti minn dan l-armar, apparti fil-festa titulari kien jintramà wkoll fil-festi sekondarji. Hekk wieħed issib li l-armar ta' Triq San Sebastjan kien jintrama' wkoll għal festa ta' dan il-qaddis,[259] waqt li l-armar ta' ħdejn il-Vitorja kien jintrama' wkoll fl-okkażjoni tal-festa ċċelebrata f'din il-knisja filjali.[260] Sakemm Ħal Qormi kien għadu parroċċa waħda, il-prinċipju li l-armar jintuża għal aktar minn festa waħda kien aċċettat.

L-ewwel inkwiet jidher li nqala' meta l-armar tat-toroq, li issa bdew jiffurmaw parti mill-parroċċa l-ġdida, intrama għall-festa ta' San Sebastjan li dik is-sena saret f'Jannar. Il-Kumitat Festi Esterni, fis-seduta li saret nhar it-13 ta' Mejju 1936,[261] iddelega lil Giorgio Baldacchino (tal-Paċċ), l-Avukat Giuseppe Speranza, Giorgio Cassar u lil Antonio Zammit sabiex jiġbru l-armar li kien jinsab maħżun fil-limiti ta' San Sebastjan.

258 Bugeja J.A. (2014), 88.

259 KFE Minuti, Seduta Nru 36, 15.xi.1936.

260 Ebejer F. (2004), 84. It-trofej tal-pjazza tal-Vitorja saru bil-kundizzjoni li jintramaw fil-festa ta' din il-knisja filjali u għalhekk għandhom simboli Marjani.

261 KFE Minuti, Seduta Nru 33; 13.v.1936.

Il-persuni li għandhom kien merfugħ l-armar, fuq il-premessa li dan l-armar kien sar minnhom u għalhekk qisuh tagħhom, irrifjutaw li jikkonsenjawh lill-persuni delegati mill-Kumitat Festi Esterni. Il-kumitat jidher li rrikorra għand il-kappillan sabiex jipprova jsib soluzzjoni. Sfortunatament, din it-triq kienet magħluqa hekk kif il-Kurja Arċiveskovili ordnat lill-kleru biex ma jidħolx f'din il-kwistjoni.[262] Kaġun tal-pożizzjoni li ħadet il-Kurja, il-Kumitat Festi Esterni ma kellux triq oħra ħlief li jirrikorri għall-mezzi legali. Wara li l-ittri legali li ntbagħtu lis-sinjuri Muscat u Saliba (il-persuni li għandhom kien maħżun l-armar) ma tawx ir-riżultat mixtieq, f'Mejju tas-sena ta' wara (1937) inbdew il-Proċeduri Legali fil-Qrati Maltin. Il-ftuħ ta' din il-kawża wassal sabiex dawk li kienu kollegi saru avversarji. Biżżejjed wieħed jara l-każ ta' Emmanuele Bonnici, persuna li kien ilu fil-kumitat għal aktar minn għaxar snin. Din il-persuna kienet kostretta li tiddimetti, bir-raġuni li tingħata kienet li "*hua jokod fil-limiti ta parrocca San Bastjan u ma ghandux ictar raguni li jappartjeni fil-Cumitat ta' San Giorgio.*" Ftit ġimgħat wara nsibu lill-istess Emmanuele Bonnici jirrappreżenta l-interessi tal-festa ta' San Sebastjan f'din il-kawża.[263]



***Giorgio Baldacchino***

Giorgio Baldacchino (il-Paċċ) f'isem il-Kumitat ta' San Giorgio, fetaħ kawża kontra Antonio u Crocefisso Muscat, is-sidien tal-imħażen fejn kien jinsab l-armar.[264] Bħala Avukat Difensur il-Kumitat Festi Esterni

---

262 *Ibid.*, Seduta Nru 36, 15.xi.1936.

263 Manwel Bonnici kien wieħed mill-persuni li kien oġġezzjona li tintneħħa l-istatwa ta' San Ġorġ mill-Każin Pinto. *Leħen il-Belt Pinto* Nru 8. Nov-Diċ 1956

264 KFE, Registro Introito e Esito 1934, 63. Sar Mandat ta' Inibizzjoni kontra Crocefisso Muscat u Protest Ġudizzjarju kontra G. Saliba. Il-ħlasijiet tal-kawżi u n-notifiki ammontaw għal £24.18s.

ħatar lill-Professur Giuseppe Degiorgio.[265] Sabiex forsi tinstab soluzzjoni kien daħal medjatur il-Perit Annetto Mifsud Ellul.[266] Jidher li l-kumitat tal-Festa ta' San Sebastjan talbu li l-armar li kien jintramà fi Triq San Sebastjan, li jintramà għaż-żewġ festi, jibda jintramà għall-festa ta' San Sebastjan biss, waqt li l-armar tat-toroq l-oħra fil-limiti tal-parroċċa San Sebastjan jinqasam bejn iż-żewġ parroċċi. Il-Kumitat Festi Esterni rrifjuta din il-proposta.[267]

Il-kawża tal-armar issoktat tkun tratata fil-Qorti. Il-promuturi tal-festa ta' San Sebastjan ibbażaw il-każ tagħhom fuq il-premessa li dan l-armar inġabar minnhom sabiex jintramà f'toroq partikolari u għalhekk dan kien proprjetà tagħhom. L-argument tal-Kumitat Festi Esterni kien ibbażat fuq tliet punti: (i) li la l-promuturi tal-festa ta' San Sebastjan u lanqas is-sidien ta' fejn kien maħżun l-armar ma kienu ġabu l-ebda prova li l-armar kien sar minnhom; (ii) li l-armar kien sar speċifikament għall-festa ta' San Ġorġ, u li l-flus għalih kienu nġabru minn attivitajiet li għalihom ipparteċipaw u kkontribwew persuni minn Malta kollha, kif ukoll li għal dawn l-attivitajiet kienet tat sehemha l-banda tal-parroċċa San Ġorġ; u (iii) li meta s-sidien tal-imħażen kienu aċċettaw li jirċievu l-ħlas tal-kera mingħand il-kappillan tal-parroċċa San Ġorġ, huma kienu qed jirrikonoxxu lill-kappillan bħala s-sid tal-armar maħżun. Bħala xhieda, il-Kumitat Festi Esterni kien ħarrek lill-prokuraturi tal-festa Dun Salvatore Sammut u Dun GioMaria Cassar kif ukoll lil Giorgio Portelli, Giovanni Micallef, Giorgio Calafato, Giuseppe Fenech, Antonio Debono, Giuseppe Formosa u Alessandro Attard. Is-sentenza ngħatat fis-seduta tal-10 t'Ottubru 1938 u kienet favur il-Kumitat Festi Esterni.

Ir-rappreżentanti tal-festa ta' San Sebastjan appellaw fil-Qorti tal-Appell, u s-sentenza tal-Appell ingħatat tmien xhur wara, nhar id-19 ta' Ġunju

265 KFE Minuti, Seduta Nru 8, 28.x.1945.
266 *Ibid.,* Seduta Nru 41, 6.x.1936.
267 *Ibid.,* Seduta Nru 48, 26.ii.194.

1939. L-istennija għas-sentenza ħolqot ansjetà kbira fost il-partitarji taż-żewġ festi.[268] Folol kbar inġabru fil-pjazez ewlenin taż-żewġ parroċċi. Is-sentenza tal-appell ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Inferjuri, deċiżjoni li kienet taqra hekk:

> *"Ġie definit mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ġunju 1939, allura ġie assodat mill-provi kollha illi l-oġġetti li jiffurmaw l'odierna kawża kienu ġew akkwistati bil-ġbir, bil-kontribuzzjonijiet, bit-tombli, bil-fieri ta' l-abitanti kollha ta' Ħal Qormi, mhux biss imma wkoll mill-proventi tal-lotteriji miġbura minn Malta kollha għall-festa ta' San Ġorġ patrun tal-Parroċċa ta' Ħal Qormi.*
>
> *Illi 'l-kustodja materjali ta' dan l-armar kienet affidata lill-Kumitat Festi Esterni presedut mill-Kappillan tal-parroċċa mwaqqfa żmien twil u li jinsab rikonoxxut tant mill-Awtorità Ekkleżjastika kemm mill-Awtorità Ċivili. Dan il-Kumitat kien jieħu u ħa dejjem il-ħsieb tal-kustodja ta l-armar, tal-ħlas tal-kera tal-lokal fejn kien jiġi konservat u anki tar-riparazzjoni ta' l-istess.*
>
> *Il-lokal fejn jinżamm l-armar għand Antonio u Crocefisso Muscat kienu jirċievu l-ħlas mill-Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġorġ ta' tliet liri kera fis-sena biex iżomm l-armar in kwistjoni allura kellhom id-dover li jikkonsenjaw dak l-armar.*
>
> *Illi meta l-Awtorità Ekkleżjastika żmembrat il-parroċċa ta' San Bastjan minn dik ta' San Ġorġ fis-sena 1936, mhux biss ma ipprovdietx fuq dan l-armar in kwistjoni anzi rrifjutat li tagħmlu u għalhekk il-propjetà ta' dan l-armar baqgħet investita fil-parroċċa ta' San Ġorġ."*

L-aħbar li l-kawża kienet inqagħatet favur il-Kumitat Festi Esterni ntlaqgħet b'applawsi kbar mill-folla preżenti, indaqqu l-qniepen u ġew sparati l-murtali. Il-Kumitat Festi Esterni malajr ikkummisjona l-kuntrattur

268 KFE, Sunett (1938)

sabiex l-għada, 20 ta' Ġunju tinxtegħel Triq il-Kbira, waqt li l-Banda San Ġorġ Martri ħarġet iddoqq fit-toroq. Dan il-marċ għal darba oħra kien akkumpanjat mill-ħruq ta' murtali. Il-ħruq ta' dawn il-murtali kien imur kontra l-ordinanza tal-pulizija li kienet tipprojbixxi l-ħruq tan-nar. Il-pulizija kienet għalhekk ħarket lis-Segretarju tal-*Casino San Giorgio* talli, minn fuq il-bejt tal-istess każin kien spara bombi mingħajr permess.[269]

Kien biss ftit jiem wara li delegazzjoni mmexxija minn Giorgio Baldacchino marret għand Antonio u Crocefisso Muscat u ħadet l-armar tal-festa. Dan l-armar issa ttieħed proviżorjament għand Nazzareno Micallef (iċ-Ċalanga).[270] Għand Micallef kien ittieħed ukoll l-armar li kien jintramà għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù li kien jinsab fil-kustodja ta' Giuseppa Vella.[271] Hekk kif għaddiet il-gwerra, dan l-armar tqassam f'diversi mħażen ta' persuni privati.[272]

Il-qasma fil-parroċċa kienet ferita kbira li ġabet għawġ u nkwiet kbir. Il-Kumitat Festi Esterni kien għamel dak kollu possibbli sabiex mhux biss ikompli jorganizza l-festa fuq l-istess livell ta' qabel, iżda wkoll jiddefendi l-interessi tal-parroċċa Ġorġjana.

269 Taħrika li ġġib id-data 8 ta' Lulju 1939.
270 KFE Minuti, Seduta Nru 4, 17.x.1944.
271 *Ibid.*, Seduta Nru 50, 25.ix.1941.
272 *Ibid.*, Seduta Nru 4, 17.x.1944.

# Ventennju bi sfidi kbar 1937-1955

*"Is-suċċess mhux kollox, huwa l-kuraġġ li tkompli li jgħodd"*[273]

Il-problemi u l-kwistjonijiet li ġabet magħha l-ħolqien ta' parroċċa ġdida kien biss il-prologu ta' kwart ta' seklu ta' tribulazzjonijiet u taqlib. Gwerra, diżgrazzji tan-nar, emigrazzjoni, kwistjoni Politiko-Reliġjuża u taqlib soċjali kienu fost il-ħalel illi l-Kumitat Festi Esterni kellu jitqabad magħhom sabiex kull sena mhux biss jorganizza l-festa patronali iżda jassigura li din tkun ta' livell li tilħaq l-aspettattivi tal-parruċċani.

## L-AĦĦAR FESTI TA' QABEL IL-GWERRA

Il-ħolqien ta' parroċċa ġdida wassal għat-tnaqqis sostanzjali fl-introjtu tal-organizzaturi tal-festa. Il-Kumitat Festi Esterni għalhekk kellu jaħdem aktar minn qatt qabel sabiex mhux biss jibbilanċja l-kotba, iżda wkoll ħalli jilħaq l-aspettattiva tal-Ġorġjani, issa li f'Ħal Qormi kienet nibtet il-pika parrokkjali. Għall-festa tas-sena 1937, il-Kumitat ħaseb sabiex jibda jaħdem fuq il-manutenzjoni tal-armar li kien jintramà fil-parti ta' Triq il-Kbira bejn il-pjazzetta[274] u l-knisja parrokjali, inkluż il-palk prinċipali.[275] L-illuminazzjoni permezz tal-elettriku kienet ukoll qed tinfirex saħansitra f'toroq li fihom lanqas għadha daħlet is-sistema tad-dawl. Għall-festa tal-1938, il-Kumitat kien inkariga lil Antonio Zammit sabiex jikkummissjona lil Filletti sabiex jieħu ħsieb l-illuminazzjoni bis-sistema elettrika.[276] Fit-toroq fejn diġà kellhom is-sistema elettrika tal-gvern, l-illuminazzjoni elettrika tqabbdet ma' din is-sistema u l-vultaġġ ta' kull bozza ma kellux

273 Winston Churchill.

274 Strada Pjazzetta llum hija Pjazza San Franġisk li tibda minn ħdejn il-post fejn sa tmiem is-snin Tmenin kienet tintrama l-istatwa tal-Prinċipessa.

275 KFE Minuti Seduta Nru 34, 4.x.1936.

276 KFE Minuti, Seduta Nru 42, 3.iv.1938.

ikun anqas minn 25W. F'dawk it-toroq fejn ma kienx għadu daħal l-elettriku, l-illuminazzjoni saret permezz tal-ġeneraturi u l-vultaġġ ta' kull bozza f'dawn it-toroq ma kellux ikun anqas minn 16W.[277] Il-kuntrattur, li kien jitħallas għal kull bozza li jarma, intrabat li għal kull bozza li l-vultaġġ tagħha jkun anqas minn dak stipulat, huwa ma jitħallasx.



*L-istatwa ta' San Ġorġ li kienet takkumpanja l-Banda San Ġorġ nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu*

Il-qasma fil-parroċċa wasslet ukoll sabiex tinbidel ir-rotta tal-purċissjoni li issa bdiet tgħaddi minn Triq Pinto. Dan it-tibdil wassal sabiex jiżdied l-entużjażmu fost id-dilettanti ta' dik l-akkwata li sa minn snin qabel kienu ffurmaw kumitat. Ewlenin fost dawn insibu lil Indrì Ebejer u Ġorġ Agius. Sabiex tikber il-festa f'din l-akkwata, il-marċ tal-Aħħar Jum tat-Tridu beda jkun akkumpanjat bl-istatwa ta' San Ġorġ fil-Glorja[278], statwa li fi tmiem il-marċ kienet tittella' fuq il-pedestall fi Triq Santa Katerina, kantuniera ma Triq Pinto. Kien f'dawn is-snin li ddaħħlet id-drawwa li l-membri tal-Kumitat Festi Esterni, flimkien mal-professjonisti tar-raħal, jakkumpanjaw id-dħul tal-vara bit-torċi, xemgħat b'erba' ftejjel kull waħda.[279]

Fil-qasam tal-piroteknika, il-Kumitat Festi Esterni kien wera x-xewqa li jkompli joffri spettakli pirotekniċi ta' kwalità billi jinġiebu pirotekniċi Taljani. Għal dan l-għan Dun Vinċenz Borg għamel kuntatt ma' Alfio Foti, minn Cerami fi Sqallija. Ma' Foti kien intlaħaq ftehim li jiġi Malta sabiex jaħdem in-nar tal-art ta' Lejlet il-Festa għall-prezz ta' elf lira Taljani kif

277 *Ibid.*, Seduta Nru 44, 12.iii.1939.
278 Mangion S. (2018), 28: Din l-istatwa hi xogħol Karmenu Mallia.
279 Azzopardi G. (1991), 42.



ukoll tliet murtali tad-disinn (tal-kulur) għall-prezz ta' 500 lira Taljani. Sfortunatament, dan il-ftehim sfratta peress li l-Gvern Kolonjali rrifjuta li joħroġ lil Foti l-permessi neċessarji.[280] In-nuqqas ta' permess lit-Taljani ma kinitx l-unika problema li ffaċċja l-Kumitat dik is-sena. Permezz ta' ordni tal-pulizija datata 5 t'Ottubru 1936, il-kmamar tan-nar kollha kellhom jinżammu magħluqa.[281] Din l-ordni tal-pulizija kienet tefgħet dubji serji kemm seta' jinħadem in-nar għall-festa ta' San Ġorġ tal-1937.[282] Kien biss bis-saħħa taċ-ċelebrazzjoni relatata mal-Inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ VI u r-rieda tal-Gvern Kolonjali li jagħmel festi kbar, li reġgħu nħarġu l-permessi biex jinfetħu l-kmamar tan-nar. Mill-1937 'il quddiem, in-nar tal-festa beda kollu jinħadem mill-Maltin. Għall-festa tal-1939, l-aħħar festa ta' żmien il-paċi, in-nar tal-art ta' Lejlet il-Festa kien ikkummissjonat lil ċertu Abela waqt li l-kumplament kien fdat f'idejn il-pirotekniċi Qriema, fosthom Ġianmarì Arapa.[283]

280 NAM CSG01-876-1937.
281 KFE Minuti Seduta Nru 35, 17.x.1936.
282 *Ibid.*, Seduta Nru 39, 07.iii.1937.
283 *Ibid.*, Seduta Nru 43, 08.i.1939.

Il-festa tiġi biex tferraħ, iżda min ma kellux għaxja ta' lejla, ftit kien jista' jifraħ. Id-diriġenti tal-Kumitat Festi Esterni kienu għalhekk, minbarra li jieħdu ħsieb li jarmaw it-toroq bl-isbaħ armar, jikkummissjonaw l-aqwa nar u jġibu bosta baned, kienu jaħsbu wkoll f'dawk il-fqajra. Nhar Lejlet il-Festa kien jitqassam il-ħobż[284] u kienu jitqassmu mal-mitejn ikla. Dan l-ikel kien jissajjar f'borma kbira li kienet tinżamm fil-każin tal-festa.[285] Benefattur kbir ta' din l-opra tal-ħniena kien il-President tal-Kumitat, it-Tabib Federico Maempel.[286]

## IX-XALATA TAL-GĦADA TAL-FESTA

Fil-perjodu ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinija, il-festi patronali kienu wieħed mill-mezzi ewlenin ta' divertiment tal-poplu. Il-poplu kien nieqes minn sfog alternattiv. Kien f'dan iż-żmien li beda jkun hemm moviment sabiex il-ġranet fi fihom ikunu ċċelebrati l-festi esterni jiżdiedu. F'Ħal Qormi, għal ftit snin, il-festi esterni infirxu wkoll fl-ewwel u t-Tieni Jum tat-Tridu wkoll. Imma l-poplu kien qisu jrid xi ħaġa differenti. Hekk nibtet ix-xalata tal-għada tal-festa. F'Ħal Qormi, l-inizjattiva ttieħdet mill-Kumitat Festi Esterni. Dan il-kumitat, sabiex jirringrazzja b'xi mod lill-koperaturi tiegħu, beda jikri xi omnibus u, aktar tard xi xarabank (tiksira tal-kelma Franċiża *char à banc,* li tfisser vettura bil-bankijiet), sabiex jieħu lil dawn il-koperaturi għal ħarġa ħdejn il-baħar l-għada tal-festa.[287]

L-idea ntgħoġbot u l-familjari ta' dawn il-koperaturi bdew jixxierku u huma wkoll jikru xi xarabank u jingħaqdu f'din ix-xalata. Dawn ix-xarabanks kienu jiżżejnu bi friegħi tal-palm, bnadar u liedna. Fi ftit snin ix-xalata saret attività tar-raħal kollu. Minn ftit qabel iż-żerniq, dawn ix-xarabanks

284 *Ibid.,* Seduta Nru 24, 24.iii.1935.

285 Min-noti ta' Pawlu Sammut.

286 KFE Minuti Seduta Nru 20, 10.iii.35.

287 *Leħen il-Belt Pinto,* Nru 11, Mejju-Ġunju 1957, 2.

kienu jibdew iduru mad-diversi nħawi tar-raħal, jiġbru l-kerrejja tagħhom sabiex imbagħad kollha jiltaqgħu fil-pjazza ta' quddiem il-kappella ta' San Franġisk. Ma' dawn ix-xarabanks kienu jingħaqdu numru kbir ta' trakkijiet tal-burdnara Qriema, li l-għada tal-festa jkunu ħaduha vaganza. Fuq dawn it-trakkijiet kien ikun hemm familji sħaħ, waqt li xi banda jew tnejn, u aktar tard xi *jazz band* ma kinux jonqsu. Għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu, kien jibdà l-eżodu. Bħal serbut ta' nemel, dawn il-vetturi kienu jħallu din il-pjazza ewlenija u jerħulha lejn San Pawl il-Baħar, id-destinazzjoni favorita tal-Qriema f'dik l-epoka. Hemmhekk kien ikun hemm għors sħiħ; tfal jieħdu l-ewwel għawma, ġenituri jippreparaw xi kisra ħobż daqs dgħajsa, imħammra bit-tadam u mimlija sax-xfar bl-inċova, żebbuġ, kappar u l-kumplament tal-barka t'Alla. Ġgajtiet ta' żgħażagħ kienu jinġabru madwar xi daqqaqa u jkantaw taqbiliet ibbażati fuq in-noti ta' xi kanzunetta popolari ta' dik l-epoka. Qrib inżul ix-xemx, kulħadd kien jaħseb biex jinġabar fuq it-trakk jew ix-xarabank tiegħu u, għal darba oħra f'serbut kbir u storbjuż, jerħulha lejn Ħal Qormi. Il-kant, daqq, ħruq ta' suffarelli u xi botta jew tnejn kienu jikkaratterizzaw dan ir-ritorn.

Sfortunatament, xi persuni konservattivi, din ix-xalata bdew jarawha bħala opportunità ta' dnub u bdew iħeġġu sabiex din ix-xalata tinqata'. Fost il-vuċijiet voċiferi kontra x-xalata, kien hemm il-promoturi tal-ġurnal *Leħen il-Belt Pinto*. Fil-ħarġa ta' Mejju - Ġunju 1957, l-editorjal tkellem fuq ix-xalata bħala okkażjoni ta' taħlit tas-sessi u fastidju, waqt li skruplaw fuq il-ħela ta' flus. Dan l-editorjal kien ippropona li minflok ix-xalata, tkun organizzata ħarġa lejn postijiet marbuta ma' San Ġorġ. Jidher li dan l-appell ma waqax fuq widnejn torox, hekk li dik is-sena stess, jiġifieri fl-1957, l-Arċipriet Dun Ġerald Frendo kien beda kampanja kontra l-organizzazzjoni tax-xalata.[288]

288 *Leħen il-Belt Pinto*, Nru 12, Lulju – Awwissu 1957.

Il-Gvern Kolonjali, bi gwerra fuq ix-xefaq, nieda numru ta' inizjattivi bil-għan li jikseb is-simpatija tal-poplu. Waħda minn dawn l-inizjattivi kienet iż-żjarat fl-irħula mill-Gvernatur Bonham Carter.[289] Fost l-ibliet u l-irħula li żar il-Gvernatur Bonham Carter kien hemm Ħal Qormi. Nhar il-15 ta' Frar 1937, il-Gvernatur akkumpanjat mis-sinjura tiegħu ġie Ħal Qormi.[290] Il-Gvernatur intlaqa' mill-Banda San Ġorġ Martri fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Ġorġ bid-daqq tal-Innu Ingliż u wara ssokta bi żjara fil-każin ta' San Ġorġ. Wara nofsinhar, il-Gvernatur żar il-parroċċa ta' San Sebastjan. Il-festi tal-Inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ VI, ippreżentaw opportunità oħra għall-Gvern Kolonjali sabiex isaħħaħ is-simpatija tal-Maltin għall-Ingliżi. Bħal fl-okkażjoni tal-Festi tal-Ġublew tar-Re Ġorġ V, l-attivitajiet kienu mifruxa ma' Malta kollha, bil-qofol jintlaħaq fl-aħħar ġurnata fil-Belt Valletta bi spettaklu pirotekniku kbir. Fost il-bosta logħob tan-nar li nħaraq dakinhar kien hemm dak tal-pirotekniċi Qriema.



***1939 - Il-Kungress tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla***

289 Frendo H. (2012), 578.

290 *Il-Berka* 16.ii.1937 – Rapport taż-żjara tal-Gvernatur Bonham Carter.

F'Mejju 1937, f'Ħal Qormi kien organizzat il-Kungress tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla. Dan il-Kungress, minkejja li s-sena ta' qabel ir-raħal kien inqasam f'żewġ parroċċi, xorta kien organizzat fuq bażi ta' raħal sħiħ. Il-Kungress beda b'korteo minn tarf Triq il-Kbira sa quddiem il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. F'dan il-korteo ħadu sehem iż-żewġ baned Qormin.[291] Għal din l-okkażjoni kienet intramat tribuna kbira fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali.

Il-festa tas-sena 1939, l-aħħar festa ta' żmien il-paċi, kienet organizzata bħas-snin ta' qabel, fejn minbarra l-banda tal-parroċċa, kienu mistiedna xejn anqas minn għaxar baned oħra. Il-maġġor parti tan-nar tal-festa kien fdat f'idejn id-dilettanti Qriema, fosthom Ġianmarì Arapa (il-Bully), Giuseppe Caruana (il-Bezzi), Carmelo Sammut (Taż-Żepp), Spiridione Cassar (Iċ-Ċojja), Giorgio Debattista (ta' Itlaqhulu), Carmelo Cassar (Ta' Mastranġ), Giovanni Bonello (il-Beċċun), Giuseppe Coleiro (ta' Slika), Salvu Baldacchino (il-Mejlaq), Angelo u ħuh Carmelo Fava (Ta' Qalleb), Giuseppe Zahra u Giuseppe Cauchi (l-Mesmerun).[292] Iżda l-festa tal-1939 tibqa' magħrufa għall-fatt li dik is-sena l-poplu Qormi żejjen l-istatwa titulari b'palma ġdida tad-deheb.

Minkejja li s-sħab iswed ta' gwerra dinija kien qed jinġabar fuq l-Ewropa, bosta kienu dawk li baqgħu bit-tama li fl-aħħar mument ikun hemm trattat ta' paċi, bħal dak iffirmat fi Munich sabiex b'hekk il-gwerra tkun evitata. Jidher li l-membri tal-Kumitat Festi Esterni wkoll kienu ta' din il-fehma. F'laqgħa li nżammet nhar il-15 t'Awwissu 1939, il-membri ta' dan il-Kumitat kienu ħadu diversi deċiżjonijiet importanti rigward ix-xiri ta' armar ġdid, l-akkwist tal-proviżjon għax-xogħol tan-nar u wkoll approvaw proposta sabiex issir statwa ġdida ta' San Żakkarija li kellha tintrama quddiem il-każin San Ġorġ.[293]

291 Grima J.F. (2003), 123.
292 Sammut P. (2013), 56.
293 KFE Minuti Seduta Nru 45, 15.viii.1939.

Lanqas biss kienu għaddew għoxrin jum li dawk il-pjanijiet kollha ma sfumawx fix-xejn. Nhar l-1 ta' Settembru 1939, il-Ġermanja invadiet il-Polonja u ħamest ijiem wara, l-Imperu Brittaniku ddikjara gwerra kontra l-Ġermanja. Peress li l-Italja ma kinitx għadha daħlet fil-gwerra, is-sitwazzjoni f'Malta kienet pjuttost kwieta. Il-festa tal-1940 saret mingħajr is-soliti marċijiet u l-purċissjoni kienet saret f'forma ta' pellegrinaġġ.[294] Iżda jidher li l-Qriema ma felħux jaraw l-istatwa titulari għaddejja mingħajr il-briju tas-soltu. Hekk kif il-purċissjoni qabżet il-knisja ta' San Franġisk, persuna għajtet "Viva San Ġorġ". Din l-għajta xegħlet il-fjamma li kienet tħeġġeġ fi qlub il-Ġorġjani u minnufih intesa għal mument it-twegħir imminenti tal-gwerra u l-poplu akkumpanja l-istatwa titulari bil-briju.[295]



Nhar l-10 ta' Ġunju tal-1940, l-Italja ddikjarat gwerra kontra Franza u l-Imperu Brittaniku. Ftit siegħat wara niżlu l-ewwel bombi fuq Malta. Dan wassal sabiex jibdà eżodu, pjuttost diżorganizzat, mill-ibliet tal-port lejn l-irħula, fosthom lejn Ħal Qormi. Madwar 8,500 persuna kienu spiċċaw refuġjati f'Ħal Qormi. Dan l-influss kien ifisser li l-popolazzjoni ta' dan ir-raħal prattikament irdoppjat.[296] Kull min kellu xi qraba jew proprjetà fil-kampanja, ra kif għamel sabiex iġorr ħwejġu lejn dawn il-postijiet siguri. Il-ħbit mit-Taljani, għalkemm preċiż, ftit kellu effett devastanti u kienu bosta dawk li kienu ħarbu mill-ibliet li bdew jerġgħu lura lejn djarhom. Is-sitwazzjoni nbidlet

294 Azzopardi G. (1991), 42.
295 *Ibid.*
296 Bugeja G. u Grima J.F. (2007), 35.

drastikament f'Jannar 1941 bit-trasferiment tal-Fliegererkorps X[297] fi Sqallija. Il-battalja ta' Malta issa ħraxet. L-ibliet ta' madwar il-Port il-Kbir u l-ajrudromi kienu suġġetti għal attakki kontinwi. Dan wassal għat-tieni influss ta' refuġjati f'Ħal Qormi. Minkejja li fis-snin tal-gwerra l-Kumitat kien inattiv, mhux eskluż li l-każin tal-Kumitat Festi Esterni, bħal fil-każ tal-Każin tal-Banda San Ġorġ,[298] laqa' fih xi wħud minn dawn ir-refuġjati. Fl-1940, il-Gvern Kolonjali rrekwiżizzjona l-fabbrika tan-nar biex fiha seta' jinħadem il-munizzjon tal-gwerra.[299]

L-intermezz bejn id-dikjarazzjoni tal-gwerra mit-Taljani (Ġunju 1940) u l-wasla tal-Luftwaffen fi Sqallija (Jannar 1941), ta l-opportunità lill-Maltin sabiex jibdew iħaffru numru ta' refuġji kontra l-ħbit mill-ajru (xelters). F'Ħal Qormi tħaffru numru ta' xelters,[300] fosthom ix-xelter fil-pjazza tal-knisja. Dan ix-xelter kellu żewġ bokok, waħda quddiem id-dar tat-Tabib Maempel u l-oħra fil-bidu ta' Strada Piazzetta. Dan ix-xelter kien iservi ta' refuġju għal numru kbir ta' Qriema u r-refuġjati li kienu joqogħdu fl-akkwati tal-knisja.

Il-perjodu bejn Frar tal-1941 u Awwissu 1942 kienu l-agħar żminijiet tal-gwerra. L-attakki mill-għadu kienu bla heda. Minkejja li l-attakki kienu kkonċentrati fuq il-port u l-ajrudromi, Ħal Qormi ma ħelishiex minn dawn l-attakki. Tul is-snin tal-gwerra, f'Ħal Qormi, tnejn u sittin persuna ċivili tilfu ħajjithom, bl-agħar diżgrazzja tkun dik tal-10 ta' Frar 1942, meta ajruplan Ġermaniż kien xeħet numru ta' bombi fuq Ħal Qormi, fejn intlaqtu djar fi Triq il-Kardinal Xiberras, Triq Santa Katerina

297 *Fliegererkorps X* kienet skwadrijla tal-ajru Ġermaniża, ibbażata Sqallija taħt il-kmand tal-Ġeneral tal-Ajru (*Luftwaffe Generalfeldmarschall*) Albert Kesselring.

298 Bugeja J.A. (2014), 151.

299 KFE Korrispondenza. Ittra datata 28.vi.1944 indirizzata lill-Command Pay Office fejn il-Kaxxier jitlob li jkunu mġedda ċ-ċekkijiet li ħarġu tal-kera.

300 Xelters oħra tħaffru fi Triq il-Kbira, fi Triq il-Blata (fejn il-Mesmerun), quddiem il-każin tal-Banda San Ġorġ, fil-pjazza tal-Vitorja, fi Triq San Franġisk (quddiem ta' Perpiera), fil-pjazza tal-iskola, quddiem il-knisja ta' San Bastjan u taħt l-għassa tal-Pulizija.

u l-akkwata ta' bejn il-kunvent tal-Agostinjani u l-pjazza ta' San Pawl.[301] F'dan l-attakk tilfu ħajjithom sittax-il persuna. Attakk ieħor li seta' ħalla warajh traġedja akbar kien dak tat-13 ta' Mejju 1941 li sar fuq l-iskola tal-Gvern fi Pjazza Frederiku Maempel.[302] Dakinhar waħda mit-tfal, tifla jisimha Lucy, fettlilha daqqet il-qanpiena tal-allarm u t-tfal u l-għalliema kienu niżlu fix-xelter li kien hemm taħt il-pjazza; għalhekk, meta l-bombi laqtu l-iskola, din kienet vojta. Ftit xhur qabel, f'Novembru 1940, żewġ ajruplani tat-tip Wellington, huma u sejrin sabiex jibbumbardjaw Napli waqgħu fuq Ħal Qormi. L-ewwel ajruplan kien waqa' n-naħa tal-Ħandaq, waqt li t-tieni wieħed kien waqa' fuq numru ta' djar fi Triq Dun Mario. Wieħed mill-bdoti ta' dan l-ajruplan kien spiċċa fil-barriera li hemm wara l-binja magħrufa bħala 'ir-razzett tal-bank' u kien il-kuntistabbli Carmelo Camilleri li b'kuraġġ kbir niżel u salva lil dan il-bdot Ingliż.[303] Għal dan l-att ta' qlubija, il-Kuntistabbli Camilleri kien ingħata l-*George Medal*. Att erojku ieħor kien twettaq minn Joseph Sammut, *sapper* mal-militar Ingliż, li daħal fit-tifrik u salva wlied il-familja Axisa.[304] Nhar is-27 ta' Lulju 1942 kienu ntefgħu fuq Ħal Qormi numru ta' bombi forma ta' flixkun tal-metall. L-għan ta' dawn il-bombi kien li jimmanka jew joqtol lil kull min imisshom, l-aktar it-tfal.[305]

Il-waqgħu ta' Tripli u l-offensiva tal-alleati fit-Tuneżija, wasslu biex l-attakki mill-ajru jonqsu drastikament. Għalhekk fl-1943 bdew jerġgħu jkunu organizzati l-purċissjonijiet u l-festi esterni iżda b'mod limitat. Il-festa ta' San Ġorġ tas-sena 1943, saret nhar id-9 ta' Mejju, iżda ma jidhirx li kienu kkummissjonati xi baned jew li ntrama xi armar.[306] Din il-festa, apparti li kienet l-ewwel festa ta' żmien il-gwerra, ħabtet ukoll fl-istess jum tar-

301 Mizzi J.A. u Vella M.A. (2001), Vol IV, 1364 – 1365; għal aktar tagħrif dwar l-ismijiet u ċ-ċirkustanzi tal-imwiet tal-pajżana kollha li nqatlu f'Ħal Qormi tul il-gwerra, ara Grima J.F. (1990-1991).

302 Grima J.F. (2003), 126.

303 *Times of Malta* 4.xi.1940.

304 Mizzi J.A. u Vella M.A. (2001), Vol I, 319-322.

305 Hili C: (2000), mhux ippaġnat.

306 Bejn il-25 ta' Settembru 1941 u l-1 ta' Marzu 1944, il-Kumitat Festi Esterni ma tlaqqax.

rebħa tal-alleati f'Biżerta u Tuneż. Wara nofsinhar, ħarġet il-purċissjoni mmexxija mill-Isqof Emmanuel Galea. Fid-dħul tal-purċissjoni, il-Qriema mingħajr ma qagħdu jaħsbuha darbtejn, bdew idoqqu l-qniepen. Dan kien urta bis-sħiħ lill-Isqof Galea għaliex aġir bħal dan seta' kkompromettieh mal-awtoritajiet ċivili.[307]

L-invażjoni ta' Sqallija u l-armistizju ffirmat mit-Taljani f'Settembru tas-sena 1943 biegħdu għal kollox il-gwerra minn Malta. F'Marzu tas-sena 1944 reġgħu saru l-purċissjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Fl-istess xahar, wara assenza ta' tliet snin, reġa' tlaqqa' l-Kumitat Festi Esterni sabiex jibda l-preparamenti għall-festa ta' dik is-sena. Minkejja li l-gwerra kienet tbiegħdet minn xtutna, numru ta' restrizzjonijiet fuq iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi xorta baqgħu fis-seħħ. Fost dawn ir-restrizzjonijiet insibu li t-toroq ma setgħux jinxtegħlu bid-dawl elettriku (il-faċċata tal-knisja biss setgħet tinxtegħel) u wkoll li ma setax ikun hemm ħruq ta' logħob tan-nar.[308] Għall-festa ta' dik is-sena kienu mistiedna diversi baned, fosthom il-Banda Pinto.[309] Dan il-ġest kien reċiprokat mid-diriġenti tal-festa ta' San Sebastjan, li dik s-sena kienu stiednu lill-Banda San Ġorġ Martri sabiex tipparteċipa f'dik il-festa.[310]

### INNU POPOLARI ĠDID

Fis-snin Tletin, l-ilsien Malti beda jieħu post dak Taljan mhux biss fil-qrati u fl-iskejjel, iżda wkoll fil-festi. Il-Kumitat Festi Esterni wkoll ħass li għandu jkun hemm innu popolari li jkun miktub b'ilsien il-poplu, sabiex b'hekk kulħadd mhux biss ikun jaf x'qiegħed ikanta, iżda wkoll iħoss dak li jkun qiegħed ilissen. Għaldaqstant, id-diriġenti tal-Kumitat Festi

307 Tul is-snin tal-gwerra kien hemm divjet fuq id-daqq tal-qniepen. Għal deskrizzjoni ta' x'seħħ dakinhar, mill-Kanonku Dun Ġwakkin Schembri li kien preżenti, ara Grima J.F. (2003), 126.

308 KFE Minuti Seduta Nru 2, 16.iii.1944.

309 *Ibid.*

310 Bugeja J.A. (2014), 157. F'dik is-sena (1944) kienet iżżanżnet il-vara titulari ta' San Sebastjan.



*Rafel Muscat*

Esterni avviċinaw lill-poeta Karmenu Vassallo sabiex jikteb il-versi. Mill-pinna ta' Vassallo ħarġet poeżija li tibda bil-kliem *"Żiemel Sbejjaħ Fieres Isbaħ"*. Dawn il-versi kienu mmużikati mill-Qormi Rafel Muscat. Dan l-innu kien approvat nhar il-25 ta' Marzu 1938 u ndaqq l-ewwel darba fil-festa ta' dik is-sena stess. Dan l-innu kompla jitkanta fis-sentejn ta' wara. Hekk kif il-gwerra bdiet riesqa lejn tmiemha, il-Kumitat Festi Esterni wera x-xewqa li jinkiteb innu popolari ġdid. Għal dan il-għan, avviċinaw lil Dun Beneditt Axisa biex jikteb il-versi, waqt li s-Surmast Giuseppe Camilleri, il-*Maestro di Cappella* tal-parroċċa, intalab jikkomponi l-mużika. Jidher li l-versi ta' Dun Beneditt ma tantx għoġbu lil Mro Camilleri. Kien għalhekk li Ġorġ Azzopardi, is-segretarju tal-Kumitat Festi Esterni, bl-għajnuna ta' Dun Ġorġ Zammit, avviċina lill-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila sabiex inissel il-kliem ta' dak li kellu jkun l-innu popolari lil San Ġorġ. Il-versi ta' dan l-innu kienu lesti fi żmien ġimagħtejn.

Mro Camilleri kkompona tliet verżjonijiet għal dan l-innu u talab lill-Kumitat sabiex jagħżlu waħda minnhom.[311] Għal dan il-għan, il-Kumitat talab lil Giorgio Cassar, Saver Farrugia u Gianmarì Ciantar[312] biex imorru l-Oratorju Festiv Sagra Familja, fejn hemm Mro Camilleri daqq it-tliet verżjonijiet fuq il-pjanu. Dawn it-tliet persuni lkoll qablu fuq verżjoni minnhom. Mro Camilleri rregala l-verżjoni magħżula lill-Kumitat Festi Esterni.

L-innu l-ġdid intbagħat il-Kurja għall-approvazzjoni. Nhar it-22 ta' Marzu 1945, il-Professur Paolo Tabone tal-Ordni Franġiskan Minuri ħareġ in-*Nihil Obstat*. Bil-festa xahar biss 'il bogħod, il-Kumitat Festi Esterni nieda

311 Waħda mill-verżjonijiet ta' dan l-innu saret l-innu lil San Ġużepp tal-Qala Għawdex

312 Dawn it-tlieta ntgħażlu peress li bħala bandisti (mal-Banda San Ġorġ Martri) kienu meqjusa li jifhmu fil-mużika.

kampanja sabiex jippopolarizza dan l-innu. Kienu stampati għand il-*Lupi Press* mijiet ta' karti volanti bil-kliem ta' dan l-innu. Is-sur Ismael Mizzi għaqqad kor ta' ġuvintur u tfajliet sabiex ikantaw dan l-innu ġdid. Ħu Ismael, Abel J. Mizzi, ħadem sabiex isiru l-partituri għall-baned,[313] waqt li Mro Camilleri ħa ħsieb il-partituri għall-orkestra.



***Mro Giuseppe Camilleri***

L-innu *Fjur ta' Martri* ndaqq l-ewwel darba mill-Banda San Ġorġ Martri waqt il-programm li ttella' fil-ġurnata tal-Ħruġ tal-Vara min-niċċa. Fil-knisja ndaqq għall-ewwel darba nhar id-19 t'April 1945, l-Ewwel Jum tat-Tridu, fi tmiem il-funzjoni. Nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu, il-Banda San Ġorġ Martri, akkumpanjata mill-kor tat-tfal tal-Azzjoni Kattolika, esegwiet dan l-innu fuq il-Palk Prinċipali. Il-baned mistiedna dik is-sena wkoll daqqew dan l-innu waqt is-servizz li huma taw fil-festa.

## L-EWWEL SNIN TA' WARA L-GWERRA



***Fort Ellul***
***President 1950-1952***

Fis-sena 1950, minħabba saħħtu, it-Tabib Federico Maempel irriżenja l-presidenza tal-Kumitat Festi Esterni. Minfloku nħatar il-Prokuratur Legali Fortunato Ellul. Is-Sur Ellul dam f'din il-kariga sentejn biss u t-Tabib Maurice Ellul sar il-President tal-Kumitat Festi Esterni nhar it-8 ta' Marzu 1952. Tul dan il-perjodu, il-Kumitat beda jipprova jerġa' jsib saqajh u jaddatta għar-realtajiet ġodda, fosthom li l-popolazzjoni tal-parroċċa naqset

313 Informazzjoni mogħtija lill-awtur waqt il-programm *Mill-Arkivji tal-Baned Ġorġjani.*

kważi bin-nofs, il-bidliet fil-mentalità tal-poplu u l-emigrazzjoni. Dawn il-fatturi wasslu sabiex id-dħul mill-ġbir u l-attivitajiet jonqos drastikament. Il-Kumitat ħadem kemm setaʼ sabiex iżomm l-istess livell milħuq fis-snin taʼ qabel il-gwerra, kemm fʼdak li kellu xʼjaqsam maʼ baned kif ukoll mannar. Dan kollu sar a skapitu tal-armar. Apparti l-proġett tal-armar taʼ Pjazza San Franġisk, proġett li kien fʼidejn il-Każin San Francesco, armar ġdid tistaʼ tgħid li ma sar xejn.

Il-manutenzjoni tal-armar ukoll sofriet. In-nuqqas taʼ manutenzjoni u kura tul iż-żmien tal-gwerra, kien wassal sabiex bosta mill-istatwi kellhom bżonn tiswija urġenti. Għal dan il-għan, il-Kumitat kien qabbad lil Alessandro Mallia[314] sabiex jibda xogħol taʼ restawr fuq numru taʼ statwi, xogħol li, minħabba nuqqas taʼ fondi, dam ikarkar għal erbaʼ snin sħaħ.[315] Maʼ din l-ispiża żdiedet waħda akbar ikkaġunata minn inċident serju li setaʼ kellu konsegwenzi serji u li seħħ fl-1949.



***Xandru Mallia***

Taʼ kull sena, lejlet l-Ewwel Jum tat-Tridu, ġemgħa mdaqqsa kienet tinġabar fil-pjazza taʼ quddiem il-knisja taʼ San Franġisk sabiex tassisti għat-tlugħ tal-istatwa ekwestrija taʼ San Ġorġ. Din l-istatwa kienet tittellaʼ permezz taʼ parank magħmul minn żewġ antarjoli marbutin maʼ xulxin. Nhar is-17 taʼ Mejju 1949, bħas-snin taʼ qabel, folla mdaqqsa nġabret sabiex tassisti għal dan l-avveniment annwali. Iżda ġara li hekk kif l-istatwa nqagħtet ftit metri mill-art, il-ħabel li kien jorbot dan il-parank mal-kappella ċeda,

314 Alessandro Mallia, iben l-istatwarju Carmelo Mallia, kellu l-bottega tiegħu fil-post bin-numru 178, Strada Reale San Giorgio u fʼ21, Strada San Giuseppe (minn *letterheads* taʼ riċevuti maħruġa minnu).

315 Riċevuti maħruġa minn Alessandro Mallia juru li fl-1944 sar xogħol taʼ restawr fuq l-istatwi taʼ San Ġorġ in Gloria, Santa Margerita u l-istatwa ekwestrija taʼ San Ġorġ. Fit-tliet snin taʼ wara sar restawr fuq numru taʼ anġli.

bil-parank u l-istatwa jinżlu b'tisbita mal-art. L-istatwa, speċjalment iż-żiemel u d-dragun, ġarrbet ħsarat kbar. Il-Kumitat ma xtaqx li din il-pjazza tibqa' mingħajr din l-istatwa. Għaldaqstant, l-istatwa ttieħdet fil-maħżen u kien avviċinat l-istatwarju Qormi Alessandro (magħruf bħala Xandru) Mallia[316] sabiex jara kif jirranġa din l-istatwa b'mod temporanju. Xandru Mallia ħadem litteralment lejl u nhar, bil-membri tal-Kumitat jiżguraw li ma jonqoslux "*l-ispirtu*". L-istatwa kienet f'postha ħamest ijiem wara. Wara l-festa, l-istatwa kienet ittieħdet fl-istudju (jew *bottega*) ta' Mallia biex tissewwa b'mod permanenti, waqt li Salvu Debono ġie nkarigat sabiex jibdel il-mekkaniżmu ta' kif tittella' f'postha din l-istatwa.

## IL-FESTA TINFIREX LEJN INĦAWI ĠODDA

Hekk kif sħab tal-gwerra beda jitbiegħed minn fuq pajjiżna, il-Kumitat Festi Esterni reġa' beda jitlaqqa' frekwentement u beda jaħseb sabiex il-festa terġa' tkun organizzata fuq l-istess livell tas-snin tletin. Il-ħolqien tal-parroċċa l-ġdida kien naqqas kważi bin-nofs il-konfini parrokkjali. L-effett primarju tat-tibdil fil-konfini parrokkjali kien fuq ir-rotta tal-purċissjonijet. Il-purċissjonijiet, inkluża dik titulari, issa bdew jgħaddu



***Gastra fuq stil art nouveau***

minn inħawi ġodda speċjalment lejn in-naħa tal-Vitorja. L-abitanti ta' din l-akkwata laqgħu b'idejhom miftuħa dan it-tibdil u f'qasir żmien waqqfu kumitat sabiex il-festa f'din il-parti tal-parroċċa tikber ukoll. Fost il-membri attivi ta' dan il-kumitat insibu lil Salvu Ciantar, Ċensu Bigeni, Indrì Ebejer

316 Alessandro Mallia kien tqabbad jirranġa din l-istatwa sentejn qabel.

u Lazzru Falzon. L-ewwel sfida quddiem dawn id-dilettanti kienet dik li jarmaw bl-aħjar mod possibbli r-rotta l-ġdida tal-purċissjoni, speċjalment Triq Pinto u Triq il-Vitorja. Sa dak iż-żmien, l-armar fil-Pjazza tal-Vitorja u Triq Pinto kien wieħed limitat, ħafna drabi kien ikun armar antik li qabel kien jintrama fit-triq prinċipali.[317] Fost l-ewwel proġetti kien hemm dak li jsir sett ta' sitt gastri fuq stil *art nouveau*. Sfortunatament, minn dan is-sett kulma laħqet saret kienet gastra waħda.[318]

Ir-riżoluzzjoni tal-kawża tal-armar wassal sabiex dak l-armar li kien jintrama fin-naħa t'isfel ta' Triq il-Vitorja (minn Triq Santa Katerina sa Triq San Sebastjan) jgħaddi f'idejn dan il-kumitat. Il-Kumitat Festi Esterni mhux biss għaraf l-impenn li wrew dawn id-dilettanti iżda, sabiex jiżgura li kollox ikun koordinat, innomina żewġ persuni minn dan il-kumitat biex iservu bħala membri fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni.[319] Inizjattiva li ttieħdet kienet dik li r-rotot tal-marċi tal-baned jibdew jinkludu t-toroq ta' dik l-akkwata.




***Riċevuti maħruġa minn Xandru Mallia għal xogħol ta' restawr ta' statwi***

Il-Banda San Ġorġ Martri, bi ftehim mal-Kumitat Festi Esterni, mhux biss biddlet ir-rotta tal-Aħħar Jum tat-Tridu, iżda l-marċ tagħha beda wkoll ikun akkumpanjat minn statwa ta' San Ġorġ.[320] Il-firxa tal-festa f'din

317 KFE Minuti, Seduta Nru 24, 19.v.1935.

318 Ebejer F. (2004), 84.

319 KFE Minuti, Seduta tas-6.x.1947.

320 Din l-istatwa tintrama f'tarf Triq Santa Katerina kantuniera mal-bidu ta' Triq Pinto.

l-akkwata wasslet ukoll għall-ħolqien tal-Victoria Orchestra, orkestra li bħall-Orkestra San Francesco Saverio bdiet torganizza attivitajiet b'risq l-armar ta' dawk l-inħawi.



*1948 - Il-palk prinċipali armat fuq il-Fossos tal-Furjana għal-Inkurunazzjoni tal-Madonna tas-Saħħa*

## IL-FESTI ĊINKWANTINARJI TAS-SENA 1953

It-Tabib Mifsud Ellul mill-ewwel kien medd għonqu għax-xogħol, għax quddiemu ma kellux biss l-organizzazzjoni imminenti tal-festa ta' dik is-sena, imma wkoll kellu jibda l-preparamenti għall-festivitajiet li kellhom isiru s-sena ta' wara, fl-okkażjoni tat-33 Ċinkwantinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ. Sabiex ikun żgurat is-suċċess ta' dawn l-festi, inħatret Ġunta komposta minn rappreżentanti tal-Kumitat Festi Esterni, il-Banda San Ġorġ u l-*Victoria Orchestra*.

Il-Ġunta ltaqgħet diversi drabi u pproponiet bosta inizjattivi. Fost il-proposti kien hemm dik li ssir petizzjoni lill-Arċisqof sabiex il-parroċċa San



*It-Tabib Maurice Ellul*
*President 1952 - 1954*

Ġorġ tkun elevata għad-dinjità Arċipretali. Din il-proposta tressqet quddiem il-Kumitat Festi Esterni li bi ħġaru approvaha u sar il-promutur prinċipali tagħha[321]. Il-Kappillan Vella, permezz ta' Dun Lawrenz Saliba, informa lill-Kumitat li ma kienx jaqbel ma' din il-proposta.[322] Milli jidher, il-Kappillan Vella kien ressaq diversi talbiet lill-Arċisqof sabiex il-parroċċa San Ġorġ tingħata din id-dinjità, liema tentattivi jidher li kienu waqgħu fuq widnejn torox u għalhekk, il-kappillan ma xtaqx li jerġa' jkun umiljat b'rifjut ieħor.[323] Jidher li l-President tal-Banda San Ġorġ Martri, l-Avukat Ġorġ Zammit, sar jaf b'din l-problema u ħa l-inizjattiva biex jelimina kull intopp li seta' kien hemm.[324] L-isforzi ta' Dott. Zammit jidhru li ma kinux għalxejn, hekk li Dun Lawrenz Saliba, fis-seduta ta' Novembru 1952, informa lill-Kumitat Festi Esterni li Mons. Arċisqof kien assigura li sal-festa, il-parroċċa ta' San Ġorġ tkun ingħatat id-dinjità Arċipretali.[325] Ir-rikors tal-Kappillan Vella ntlaqa' mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi u d-digriet, iffirmat minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi u l-Kanċillier il-Kanonku G. Mifsud, inħareġ nhar it-30 ta' Marzu 1953.[326] Permezz ta' dan id-digriet il-Knisja Parrokkjali u Arċimatriċi tal-Belt Pinto ġiet mgħollija għad-dinjità Arċipretali u Dun Anton Vella sar l-ewwel Arċipriet tal-Parroċċa San Ġorġ.

Il-Ġunta taċ-Ċinkwantinarju issa bdiet taħdem bis-sħiħ fuq l-attivitajiet relatati mal-festa. Sfortunatament, għal xi raġuni, mingħajr ma

321 KFE Minuti, Seduta tat-8.ix.1952.
322 Ibid., Seduta tas-6.x.1952.
323 Ibid., Minuti Seduta tat-3.xi.1952.
324 Bugeja J.A. (2014), 177.
325 KFE Minuti, Seduta tat-3.xi.1952.
326 Grima J.F. (2003), 134.

kkonsulta mal-Ġunta, l-Arċipriet iffissa d-data tal-festa, hekk li ġab fix-xejn il-preparamenti li kienu saru. Il-membri tal-Ġunta irrabjaw u fformulaw protesta mal-Arċisqof rigward l-atteġġjament tal-Arċipriet fil-konfront tagħhom.[327] Minkejja l-protesta, il-Ġunta ma kellhiex triq oħra għajr dik li tallineja ruħha mad-data mħabbra mill-Arċipriet.



***L-Arċisqof Gonzi għolla l-Parroċċa San Ġorġ għad-dinjità t'Arċipretali***

L-ewwel attività kienet serata mużiko-letterarja fl-Oratorju Sagra Familja nhar il-Festa Liturġika. Kien hemm il-ħsieb li din is-serata tkun taħt il-patroċinju tal-Kardinal Teodoro Clemente de Gouvera,[328] li dik il-ħabta kien jinsab Malta. Sfortunatament, minħabba impenji oħra, la dan il-Kardinal u lanqas l-Arċisqof ma setgħu jattendu. Il-programm ta' din is-



***Snin Ħamsin - Il-Banda San Ġorġ Martri nhar il-Festa***
***Ritratt: Arkivju Banda San Ġorġ Martri***

327 KFE Minuti, Seduti tad-19.i.1953 u tat-2.ii.1953.
328 *Ibid.*, Seduta tal-31.iii.1953.

serata mużiko-letterarja kien jinkludi diskorsi u poeżiji minn Dr Maurice Ellul, il-Professur Ġużè Galea, Dott. Ġorġ Zammit, Vincenzo Bonello u Vincent Ungaro. L-orkestra kienet taħt id-direzzjoni tas-Sur G. Valente.[329] Dakinhar stess, il-Banda San Ġorġ Martri għamlet marċ mat-toroq ewlenin tal-parroċċa. Il-festi ssuktaw tlett ijiem wara meta, nhar is-26 t'April ġiet iċċelebrata f'Ħal Qormi l-festa ta' San Ġużepp. Dakinhar Patri Ġorġ Debono ċċelebra l-*Prima Messa* tiegħu. Wara l-quddiesa, il-Banda San Ġorġ Martri esegwiet programm fi Pjazza San Franġisk.[330] Filgħaxija, Patri Ġorġ kien mexxa l-purċissjoni ta' San Ġużepp organizzata mill-Fratellanza ta' San Ġużepp u bil-parteċipazzjoni tal-fratellanzi tal-parroċċa.

Il-qofol tal-festi ntlaħaq bejn it-3 u l-10 ta' Mejju. Nhar it-3 ta' Mejju, il-Banda San Ġorġ Martri inawgurat il-planċier il-ġdid tagħha bi programm mużikali varjat li ntemm bl-eżekuzzjoni tal-*Inno A San Giorgio Martire* ta' Vincenzo Carabott. Il-Kumitat Festi Esterni, minbarra s-servizzi tal-banda ċittadina, kien ikkummissjona wkoll xejn anqas minn erbatax-il banda li taw is-servizz tagħhom tul il-ġimgħa kollha. Il-qofol intlaħaq il-Ħadd 10 ta' Mejju, fejn xejn anqas minn sitt baned tellgħu programmi mużikali f'diversi toroq tal-parroċċa.[331] Il-programm ta' dawn il-festi offra spettaklu kbir lid-dilettanti tal-piroteknika. Kuljum kien organizzat in-nar tal-art f'parti differenti tal-parroċċa. In-nar kollu, apparti dak tal-Aħħar Jum tat-Tridu, li nħadem minn G. Cilia, kien inħadem mid-dilettanti Qriema.

Il-Kumitat Festi Esterni ħa ħsieb li jippubblika fuljett sabiex jibqa' tifkira dejjiema ta' dawn il-festi. Dan il-fuljett, apparti l-programm tal-festa, kien jinkludi kitbiet fuq ħajjet il-qaddis, numru ta' poeżiji li jagħtu ġieħ lil San Ġorġ, kif ukoll riproduzzjonijiet tat-testi tar-rikors u d-digriet li eleva lill-

329 *Il-Berqa* 25.iv.1953.

330 *Ibid.*

331 *Tifkira tat-33 Ċinkwantinarju mil-Mewt tal-glorjuż S Ġorġ Martri Imfakkar fil-parroċċa Matriċi, Primarja u Arċipretali tal-Belt Pinto,* 14-15.

parroċċa għad-dinjità Arċipretali.[332] Xahar biss wara l-festa, nhar l-Ewwel ta' Ġunju, l-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ tmexxiet tul Strada Rjali fil-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-festi tal-Inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II.[333]

Minkejja dawn il-preparamenti, dawn il-festi għal ftit ma tħassrux hekk kif maltempata kbira laqtet il-Gżejjer Maltin nhar l-4 ta' Mejju.[334] Kaġun ta' din il-maltempata, apparti li tħassar il-programm ta' dak il-jum, l-armar tal-festa ġarrab ħsarat kbar.




***1953 - Tablaeu vivant bl-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ għall-okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II***
***Ritratt: Arkivju Banda San Ġorġ Martri***

332 KFE Minuti, Seduta tas-16.iii.1953.
333 *Il-Berqa,* 3.vi.1953.
334 KFE Minuti. Seduta tal-5.vi.1953.

Fis-snin immedjati ta' wara l-gwerra, kien sar tentattiv sabiex il-baned Qormin jerġgħu jibdew jipparteċipaw fil-festi taż-żewġ parroċċi. Fil-fatt, matul is-sena 1951, fil-*Leħen is-Sewwa* u l-*Berqa* kienu dehru numru ta' ittri f'dan is-sens u fl-1952 kien twaqqaf kumitat bl-iskop li jressaq lill-għaqdiet viċin xulxin; iżda l-kwistjoni ta' Triq Anici qatlet kull tama li dan iseħħ.

Is-sena 1953, minbarra li kienet is-sena taċ-Ċinkwantinarju, kienet ukoll is-sena li fiha bdiet titkebbes il-kwistjoni ta' Triq Anici. Din il-kwistjoni taf il-bidu tagħha fl-1917 meta l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi ddikjaraw il-knisja filjali ta' San Sebastjan bħala viċi parroċċa bil-limiti tagħha. Dak iż-żmien, fejn illum hemm Triq Anici kien biss raba' u għaldaqstant, meta ġew biex jimmarkaw il-limiti, dawn qatgħu linja dritta. Meta għall-ħabta tal-1924 inħasset il-ħtiega li tinfetaħ triq minn Sqaq numru 50 fi Triq il-Kbira sa quddiem l-iskola tal-Gvern,[335] il-linja tal-limiti spiċċat taqsam din it-triq. Sakemm Ħal Qormi kien għadu parroċċa waħda ħadd ma ta kas ta' din l-anomalija, iżda meta twaqqfet il-parroċċa l-ġdida bil-limiti delinejati fl-1917, beda d-diżgwid. Is-sitwazzjoni saret kritika meta kien deċiż li l-purċissjonijiet tal-parroċċa San Ġorġ jgħaddu mil-limiti tal-parroċċa biss. Dan wassal sabiex il-purċissjonijiet jibdew jitilgħu u jinżlu mill-istess triq - Triq Santa Katerina. Fil-każ tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, il-purċissjoni kien ikollha tistenna li l-ewwel titla' l-purċissjoni kollha qabel ma tibda terġa' tinżel lura. Fis-sena 1950, Triq Anici tniffdet ma' Triq il-Kbira[336] u ma' Triq il-Vitorja. Il-parruċċani tal-parroċċa San Ġorġ għalhekk talbu li Triq Anici kollha kemm hi tibda tifforma parti mill-parroċċa San Ġorġ sabiex b'hekk il-purċissjonijiet ikunu jistgħu jgħaddu aħjar.

335 *Malta Tagħna*, 10.vii.1924.

336 Oriġinarjament, Triq Anici kellha tiżbokka fi Triq San Bartilmew iżda, wara tibdil fil-pjanti, din tniffdet ma' Triq il-Kbira minn dak li kien Sqaq numru 50 fi Triq il-Kbira. It-triq kienet inawgurata mill-Prim Ministru ta' Malta Dott Ġorġ Borg Olivier nhar it-23 t'April 1951.

Il-kumitat tal-Banda San Ġorġ jidher li kien beda jieħu din il-kwistjoni f'idejh, hekk li f'Jannar 1953 iddiskuta x-xogħol li kien għaddej f'din it-triq fil-kuntest tal-limiti tal-parroċċa[337]. L-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi komplew jgħarrqu s-sitwazzjoni billi ordnaw lill-kleru biex ma jindaħalx f'din il-kwistjoni u b'hekk qatlu kull possibiltà ta' soluzzjoni bejn il-mexxejja spiritwali taż-żewġ parroċċi. Din id-deċiżjoni tal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi għalhekk ħalliet l-inizjattiva f'idejn l-għaqdiet ċivili. Sabiex tiġi trattata



***Dott Ġorġ Zammit***
***Stinka sabiex tissolva b'mod sodisfaċenti l-kwistjoni ta' Triq Anici***

aħjar il-kwistjoni u jkunu salvagwardjati l-interessi tal-parroċċa San Ġorġ, f'Ottubru tal-1953 kien twaqqaf Kumitat Rappreżentattiv Distrettwali, iffurmat minn rappreżentanti tal-għaqdiet tal-parroċċa, fosthom il-Kumitat Festi Esterni.[338] Dan il-Kumitat Rappreżentattiv kien jiltaqa' fil-każin tal-Banda San Ġorġ[339]. Fil-frattemp, l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi kienu ddeċidew li jippruvaw isolvu l-problema ta' Triq Anici billi jassenjaw din it-triq liż-żewġ parroċċi, b'kull parroċċa tkun assenjata naħa waħda tat-triq. Din id-deċiżjoni, minflok solviet il-problema, aktar qajmet ferment, l-aktar fost il-poplu tal-parroċċa San Ġorġ. F'Marzu 1954, il-kolletturi tal-festa kellhom iwaqqfu l-ġbir minħabba reazzjoni negattiva mill-poplu fil-konfront tad-deċiżjoni tal-Kurja.[340] Numru sostanzjali tal-parruċċani Ġorġjani kienu tal-fehma li l-festi ma jsirux sakemm tiġi solvuta l-problema. Din il-fehma kienet riflessa waqt il-laqgħa tal-Kumitat Festi Esterni li saret nhar it-23 ta' Mejju 1954.[341] Bħala sinjal ta' appoġġ lejn din il-kawża, il-Kumitat Festi Esterni kien ivvota s-somma ta' £5 bħala kontribuzzjoni

337 Bugeja J.A. (2014), 186.
338 Bugeja G. u Grima J.F. (2007), 46.
339 Bugeja J.A. (2014), 186.
340 KFE Minuti, Seduta tad-19.vii.1954.
341 *Ibid.*, Seduta tat-23.v.1954.

għall-ispejjeż tal-Kumitat Distrettwali. B'dan il-ferment kollu u bit-tama li l-kwistjoni tkun riżolta f'qasir żmien, il-Kumitat Festi Esterni ddeċieda li jittrasferixxi l-festa għall-Ewwel t'Awwissu.[342] Eventwalment il-festa ta' dik is-sena ma saritx.



***Bosta nisa u tfal iħejju Triq Anici sabiex minnha tgħaddi l-ewwel purċissjoni tal-parroċċa San Ġorġ***

Id-deċiżjoni li Triq Anici tinqasam bejn iż-żewġ parroċċi kienet ikkonfermata permezz ta' reskritt datat 25 ta' Marzu 1955 u ffirmat mill-Arċisqof Gonzi. Il-Kumitat Distrettwali ma qabilx ma' din id-deċiżjoni u għalhekk ressaq appell quddiem is-Santa Sede.[343] Għal dan il-għan, Dott. Ġorġ Zammit[344] mar Ruma fejn dam madwar xahrejn jippreżenta l-każ u jiddefendi l-argumenti tal-parroċċa San Ġorġ. Il-ħidma u s-sagrifiċċju ta' Dott. Zammit ħallew il-frott mixtieq għaliex is-Santa Sede lejn nofs Mejju, kienet iddeċidiet li Triq Anici tkun assenjata kollha kemm hi lill-parroċċa San Ġorġ. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata b'Digriet tal-Kurja Maltija maħruġ nhar id-29 ta' Lulju 1955.

342 KFE Minuti, Seduta tad-19.vii.1954.

343 Rikors mill-Kumitat Distrettwali lis-Santa Sede Nru 2637/54.

344 Dr Ġ Zammit kien lettur fil-*Collegio Romano* ta' Ruma.



***1955 - Triq Anici armata għall-festa ta' Corpus***

Kif wieħed seta' jistenna, hekk kif Dott. Ġorġ Zammit wassal l-aħbar tad-deċizjoni tas-Santa Sede, fil-parroċċa San Ġorġ kien  hemm ferħ kbir.  Il-Banda San Ġorġ Martri kienet għamlet marċ mat-toroq tal-parroċċa li naturalment laħaq il-qofol tiegħu fi Triq Anici. Ftit jiem wara, nhar id-9 ta' Ġunju 1955, kellha tgħaddi minn Triq Anici l-purċissjoni ta' *Corpus Domini*. Il-Kumitat Festi Esterni ħaseb biex għal din l-okkażjoni storika jżejjen din it-triq bil-pavaljuni u antarjoli.

Bħala rikonoxximent għall-impenn li kien wera Dott. Ġorġ Zammit f'din il-kwistjoni, fuq proposta ta' Ġużè Cardona, il-Kumitat Festi Esterni kien ħatar lil dan l-avukat żagħżugħ President Onorarju ta' dan il-Kumitat.

## DIŻGWID INTERN

L-aħħar snin tal-parrokat ta' Dun Anton Vella kienu snin karatterizzati minn diżgwid bejnu u bejn il-membri tal-Kumitat Festi Esterni. L-inkwiet jidher li kellu l-oriġini tiegħu fid-deċiżjoni ta' Mons Arċisqof li l-membri

tal-Kumitat kellhom jinħatru mill-kappillan.[345] Din id-deċiżjoni jidher li ġiet interpretata li l-funzjoni tal-Kumitat hi biss li jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Awtoritajet Ekkleżjastiċi. Din kienet l-ewwel daqqa ta' ħarta għal dik l-awtonomija li kellu dan il-Kumitat, awtonomija li fis-snin ta' qabel kienet issarfet fi krejattività u inizjattiva. Id-deċiżjonijiet mingħajr konsultazzjoni bdew ikunu frekwenti u sors ta' inkwiet intern u nuqqas ta' ħeġġa fost il-membri. Waqt li fis-snin ta' qabel, il-membri tal-Kumitat kienu kollha entużjażmu sabiex iżidu l-armar, tant li saħansitra kienu jagħmlu tajjeb minn buthom għal kull żbilanċ, issa bdiet dieħla ċerta apatija, hekk li mill-armar ġdid ippjanat għall-festa tas-sena 1946[346] spiċċa ma sar xejn.[347] L-inċident tal-1949 (il-waqgħa tal-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ), li kien attribwit għall-fatt li l-ħbula kienu tħallew sena jitqarqċu fix-xemx u li ma kinux qed jinstabu voluntiera sabiex jintrama l-armar,[348] huma indikazzjonijiet oħra tad-diżinteress fost il-membri.

L-attitudni tal-Kappillan Vella jidher li bdiet tkun imitata wkoll minn ċerti membri tal-kleru. Id-deċiżjoni arbitrarja min-naħa tal-prokuratur tal-festa li jnaqqas il-kontribuzzjoni tal-prokura tiegħu minn £43 għal £15[349] u li sussegwentement lanqas ried jagħti l-£15 miftiehma, kienet il-bidu ta' numru ta' kwistjonijiet interni bejn il-membri lajċi u s-saċerdoti fi ħdan dan il-Kumitat. Inċident bejn l-Arċipriet u Ġorġ Baldacchino (il-persuna inkarigata



***Il-Perit Anthony Borg***
***President bejn l-1954 u l-1957***

345 KFE Minuti, Seduta Nru 6, 20.ii.1945.

346 *Ibid.*, Seduta tat-28.x.1945: suppost li kellhom isiru sett ta' erba' pavaljuni għal Pjazza San Franġisk u anġli u pedestalli ġodda għal-Triq il-Kbira.

347 *Ibid.*, Seduta tat-3.ii.1946.

348 *Ibid.*, Seduta tad-19.iv.1950.

349 *Ibid.*, Seduta tat-8.ix.1952

mil-lotteriji), fejn dakinhar Baldacchino kien spiċċa mkeċċi minn fuq iz-zuntier, kompla jgħarraq is-sitwazzjoni.[350] L-imġiba arroganti ta' diversi membri tal-kleru fi ħdan il-Kumitat, xejn ma bdiet tgħin din is-sitwazzjoni. It-Teżorier, li kien membru tal-kleru, kemm-il darba b'mod pjuttost arroganti, irrifjuta li jpoġġi għall-iskrutinju tal-membri r-rendikont finanzjarju[351] u saħansitra kien jonqos milli jattendi għas-seduta li kienet titlaqqa' apposta sabiex ikunu ppreżentati l-kontijiet tal-festa.[352]

Il-preparamenti għall-festi taċ-Ċinkwantinarju kienu wkoll punteġġjati bi kwistjonijiet kontinwi. Il-mod arbitrarju kif l-Arċipriet għażel id-data tal-festa, mhux biss ħoloq ferment bejn il-membri tal-Kumitat, iżda wkoll antagonizza l-għaqdiet l-oħra tal-parroċċa, hekk li din il-kwistjoni spiċċat quddiem l-Arċisqof.[353] Dawn il-kwistjonijiet kollha ħarġu fil-beraħ fl-ewwel seduta ta' wara l-festi taċ-Ċinkwantinarju. Bosta mill-membri għarrfu lill-Arċipriet li huma ma kellhomx interess li jkomplu jiffurmaw parti mill-Kumitat. Is-Segretarju saħansitra ilmenta li l-Kumitat kien qiegħed jingħata l-ġenb u spiċċa biex sar "*il-fattiga tal-Arċipriet*".[354]

L-inkwiet jidher li issa beda jiġri qisu dell wara l-Kumitat Festi Esterni. Ir-relazzjonijiet bejnu u l-Kumitat tal-Vitorja marru għall-agħar hekk kif bħala President tal-Kumitat tal-Vitorja nħatret persuna mdaħħla fil-politika.[355] Din il-persuna, flimkien mal-membri l-oħra, bdiet tisħaq li kienu indipendenti mill-Kumitat Festi Esterni. Il-pretensjonijiet tal-Kumitat tal-Vitorja kienu bbażati fuq il-fatt li, fl-imgħoddi, il-Kumitat Festi Esterni kien talab ħlas sabiex il-Kumitat tal-Vitorja jagħmel użu minn armar li ma kienx jintuża, sabiex jarmaw it-toroq ta' dik l-akkwata.

350 *Ibid.*, Seduta tal-15.vi.1953.
351 *Ibid.*, Seduta tat-3.xi.1952.
352 *Ibid.*, Seduta tat-3.vii.1953.
353 *Ibid.*, Seduta tal-20.vii.1953.
354 *Ibid.*, Seduta tal-15.vi.1953.
355 *Ibid.*, Seduta tat-8.ix.1952.

Din il-kwistjoni kompliet tikkomplika ruħha meta għalqet il-kirja tal-post fejn kien jinħażen l-armar tal-Vitorja u dan ittieħed fil-kantina tal-familja Zerafa.[356] Il-President tal-Kumitat tal-Vitorja ħataf l-opportunità sabiex, għall-għanijiet politiċi tiegħu, jippreżenta ruħu bħala l-paladin tan-nies ta' din l-akkwata. Hawn bdew numru ta' akkużi, fosthom li l-Kumitat tal-Festa ma kienx jimpurtah min-nies ta' ħdejn il-Vitorja. Il-kwistjoni mal-Kumitat tal-Vitorja kompliet tkarkar bosta snin.

Fis-snin ta' wara l-gwerra, il-Kumitat Festi Esterni kellu jiffaċċja problemi kbar. Sfortunatament, f'dan il-maltemp kbir, il-Kumitat kien tilef persuni viżjonarji bħal Dun Ġwann Porsella Flores, Dun Vinċenz Borg u t-Tabib Federico Maempel. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar beda jsir evidenti li sabiex il-Kumitat Festi Esterni jirkeb il-ħalel, fit-tmun kellu bżonn id soda li tmexxi u tagħti direzzjoni. Il-Providenza bagħtet lil Dun Ġerald Frendo.

356 *Ibid.,* Seduta tal-31.iii.1952

# It-Tmexxija ta' Dun Ġerald Frendo 1955-1978

*"Mexxej tajjeb hu dak li jaf it-triq, juri t-triq u jakkumpanja fil-mixja"*[357]

Il-parrokat ta' Dun Ġerald Frendo kien wieħed imqalleb, mimli tribulazzjonijiet. F'dawn l-għoxrin sena Malta rat taqlib kbir: minn kolonja saret indipendenti; il-kwistjoni Politiko-Reliġjuża li wasslet għal feriti profondi; it-taħlit u modi ġodda ta' għajxien; u taqlib soċjali. Dan kollu kellu effett negattiv fuq l-organizzazzjoni tal-festa.

## L-EWWEL SNIN TAL-ARĊIPRIET FRENDO



**Dun Ġerald Frendo**
**President 1957 - 1978**

Dun Ġerald Frendo twieled Ħal Qormi fl-1916 u rċieva l-Ordni Sagri nhar l-20 t'Awwissu 1941. Fl-età ta' sitta u tletin sena, inħatar kappillan tal-parroċċa matriċi tal-Gudja. Tliet snin wara, nhar is-27 ta' Novembru 1955, ingħata l-pussess tal-parroċċa San Ġorġ bħala t-tieni Arċipriet. Quddiemu sab problemi kbar. Il-festi taċ-Ċinkwantinarju kienu instigaw entużjażmu kbir fost il-Ġorġjani. Sfortunatament, l-Arċipriet Vella kien naqas milli jikkontrolla dan l-entużjażmu u jikkoordina l-inizjattivi. Riżultat t'hekk, inqabdu bosta truf. Il-Fratellanza tar-Rużarju bdiet tiġbor għal stendard ġdid, Ġorġ Baldacchino beda jiġbor għal ventartal tal-fidda għall-artal tad-Duluri,[358] il-Każin San Ġorġ għal planċier ġdid - kulħadd jiġbor mill-istess bwiet. Dan kollu beda

357 John C. Maxwell.
358 KFE Minuti, Seduta tal-4.vi.1956.



***Dun Ġerald Frendo f'jum il-Pussess tiegħu***
***Ritratt: Arkivju Banda San Ġorġ Martri***

jwassal għat-tnaqqis fil-ġbir ordinarju. Il-parroċċa bdiet takkumula d-djun. Il-kredituri saħansitra bdew iduru fuq il-Kumitat Festi Esterni biex forsi jiġbru flushom. Hekk għamel il-fornitur tax-xemgħa li dar fuq il-Kumitat sabiex forsi jiġbor parti mill-ħlasijiet pendenti relatati mal-fornitura tax-xema' lill-parroċċa. Il-kwistjoni ta' Triq Anici (1954-55) kienet wasslet ukoll sabiex il-ġbir kollu waqaf.[359] Kaġun t'hekk, is-sitwazzjoni finanzjarja kompliet sejra mill-ħażin għall-agħar. In-nuqqas ta' kontabiltà, speċjalment mill-prokuraturi tal-knisja, kien fattur ieħor li kkontribwixxa għall-kriżi finanzjarja. Bosta kienu dawk li bdew jissuspettaw li dawk responsabbli mill-finanzi tal-parroċċa kienu qed ibillu subgħajhom mhux fl-ilma mbierek biss. Ittri li dehru fil-ġurnal *Leħen il-Belt Pinto,* ilmentaw li d-deheb li kien jingħata bħala wegħda ħadd ma kien jaf x'qed isir minnu.[360] L-istess intqal rigward il-ventartal tal-artal tal-kor, ventartal irrakkmat, li għosfor wara l-gwerra.[361]

359 *Ibid.*, Seduta tad-19.vii.1954.
360 *Leħen il-Belt Pinto,* Nru 8, Novembru-Diċembru 1956, 2: *'Id-Deheb ta' San Gorg'.*
361 *Ibid.*

L-ewwel pass tal-Arċipriet Frendo kien li jiġbed ir-riedni u jibda jikkoordina l-inizjattivi. Minnufih ħa f'idejh il-ġbir għall-ventartal tad-Duluri u l-proġett tat-Tabernaklu. Beda jattakka l-problemi waħda, waħda. L-ewwel proġett li ġab fi tmiemu kien dak tat-Tabernaklu. Dan ix-xogħol fid-deheb u mżejjen b'numru ta' ħaġar prezzjuż, li nħadem minn F. Cassar ta' Bormla, fuq disinn ta' Joseph Grima min-Naxxar u Manwel Buhagiar minn Raħal Ġdid u l-mudell tad-Ditta Farina (Catania, fi Sqallija), iżżanżan fl-1956.[362] It-tieni proġett li wiret u temm minnufih kien dak tal-ventartal ġdid tal-fidda għall-artal tad-Duluri li żżanżan sena wara, fl-1957.



***It-Tabernaklu mżanżan fl-1956***



***Mejju 1957 - Mons Carmelo Sammut ilibbes l-istatwa titulari b'dijadema ġdida***

Il-mod ta' tmexxija effiċjenti tal-Arċipriet Frendo joħroġ fid-dieher minn kif kien tratat il-proġett tad-dijadema. Is-Sinjura Karmena Borg u s-Sinjorina C. Camilleri xtaqu jżejnu l-istatwa titulari b'dijadema ġdida. Taħt il-gwida ta' Dun Ġerald, Manwel Buhagiar ġie fdat bid-disinn, waqt li l-manifattura ħarġet minn idejn l-arġentier Ġużeppi Pirotta, min-Naxxar. Din id-dijadema kienet imżanżna sena biss wara li nħolmot, nhar is-26 ta' Mejju 1957.[363] Dakinhar il-Banda San Ġorġ

362 Il-benefatturi ewlenin ta' din l-opra kienu s-Sinjorina Ċetta Muscat, il-familja ta' Dun Viċenz Borg u Dun Salv Cilia. Bosta Qriema kienu wkoll irregalaw oġġetti prezzjużi sabiex ikunu ingastati f'dan it-Tabernaklu, flimkien ma' għotjiet ta' flus. Ara *Leħen il-Belt Pinto*: Nru 2 Novembru-Diċembru 1955, 1; Nru 8, Novembru-Diċembru 1956, 1; Nru 9, Jannar-Frar, 2. L-inawgurazzjoni saret nhar it-23 ta' Settembru 1956.

363 *Leħen il-Belt Pinto*, Nru 11, Mejju-Ġunju 1957, 3: 'It-Tberik tad-Dijadema'.

Martri kienet akkumpanjat lit-tfajjel Twanny Borg (iben Karmena Borg) mat-toroq ewlenin.[364] Kif il-banda, akkumpanjata minn ġemgħa kbira ta' nies, waslet taħt iz-zuntier, ħarġet purċissjoni bis-salib tal-kleru u l-istatwa titulari. Monsinjur Carmelo Sammut, fost id-daqq tal-banda u ċ-ċapċip tal-poplu, kien xedd fuq din l-istatwa titulari din id-dijadema ġdida.

Dun Ġerald Frendo, b'differenza mill-predeċessur tiegħu, beda jieħu sehem attiv fil-laqgħat tal-Kumitat Festi Esterni. Sentejn qabel, it-Tabib Maurice Ellul, minħabba li kien trasferit lejn Għawdex, kien irriżenja mill-presidenza tal-kumitat u l-fardell għadda fuq spallejn il-Perit Anthony Borg. Il-Perit Borg, waqt li fl-ewwel sentejn kien tħalla jgħum waħdu fl-inkwiet li kien qed jiffaċċja l-Kumitat, issa fl-Arċipriet Frendo kien sab spalla tajba fuqiex iserraħ. L-ewwel kwistjoni li ġiet trattata kienet dik tas-Sotto-Kumitat tal-Vitorja. Dan il-Kumitat, wara l-festi taċ-Ċinkwantinarju, kien inħakem minn ċerti persuni li qalftu 'l barra l-persuni li kienu involuti fil-festi taċ-Ċinkwantinarju. Milli jidher, il-President il-ġdid ta' dan il-kumitat, aktar mill-imħabba għall-festa, iktar kien xprunat minn ambizzjonijiet politiċi.[365] Il-Kaxxier, min-naħa tiegħu, beda jikkunsidra l-flus tal-Kumitat tal-Vitorja bħala flusu. Bosta persuni minn din l-akkwata kienu sikwit jilmentaw mal-Kumitat Festi Esterni li l-Kumitat tal-Vitorja ma kienx qiegħed jagħti rendikont tal-ġbir. Barra minn hekk, il-flus li kien hemm imfaddla bdew jitnaqqru ftit ftit, hekk li minn bilanċ ta' madwar £300 fil-bank, issa dan il-kumitat spiċċa midjun.[366] F'temp ta' sena dan il-kumitat kien wassal lill-*Victoria Orchestra* għall-iżbandament. Il-Kumitat Festi Esterni mmexxi mill-Perit Borg, beda jipprova jsib tarf din il-kobba mħabbla. Sfortunatament, l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, waqt li kienu jagħtuh raġun, ma ħadu

364 Bugeja J.A. (2014), 192.
365 KFE Minuti, Seduta tal-11.viii.1952.
366 *Ibid.*, Seduta tal-25.x.1954.

l-ebda azzjoni konkreta.[367] Kull tentattiv sabiex il-persuni fil-Kumitat tal-Vitorja jagħtu rendikont ta' għemilhom kien jinkalja fl-indifferenza tal-awtoritajiet ekleżjastiċi. Dawn il-persuni, meta ndunaw bin-nuqqas ta' appoġġ mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi, bl-aktar mod arroganti lanqas biss bdew jirrikonoxxu l-awtorità tal-Kumitat Festi Esterni. Waqt din il-kwistjoni, xi nies saħansitra ppruvaw ipoġġu f'dell ikrah lill-Kumitat Festi Esterni. Ittra li dehret fil-ġurnal *Leħen il-Belt Pinto,* iffirmata mill-*Għaqda tal-Minsijin,* allegat li l-organizzaturi tal-festa ta' San Ġorġ kienu qed jaħdmu minn taħt sabiex jeqirdu l-festa tal-Vitorja, li kienet issir nhar l-aħħar Ħadd ta' Settembru sabiex b'hekk il-ġbir isir biss għall-festa ta' San Ġorġ.[368]

L-arroganza ta' dawn l-hekk imsejħa Għaqda tal-Minsijin laħqet il-quċċata tagħha fil-festa titulari tal-1956 meta din l-għaqda marret tippreżenta bukkett għal quddiem l-istatwa bil-kliem "*tal-minsijin*" miktubin fuqu. Quddiem attitudni daqshekk arroganti, l-Arċipriet Frendo kien severissmu. Il-bukkett kien irrifjutat milli jiddaħħal fil-knisja u nbeda Proċeduri Legali kontra l-kaxxier ta' din l-għaqda.[369] Iffaċċjati minn din l-azzjoni, l-arroganza tal-membri tal-Għaqda tal-Minsijin malajr għosfrot u l-kaxxier tħalla jaqdef waħdu. Min-naħa tiegħu, dan mill-ewwel resaq sabiex jirregola ruħu u jrodd lura l-flus li kien misapproprija. L-Arċipriet Frendo flimkien mal-Kumitat Festi Esterni, avviċinaw numru ta' persuni ta' fiduċja u mill-ġdid iffurmaw is-Sotto Kumitat tal-Vitorja.

L-inkwiet donnu jiġri wara l-Kumitat Festi Esterni. Hekk kif il-kwistjoni mal-Għaqda tal-Minsijin inġabet taħt kontroll, il-Kumitat Festi Esterni kellu jiffaċċja problema akbar, dik tal-manifatturar tan-nar għall-festa.

---

367 Skont parir li kellu l-Kumitat Festi Esterni, l-unika persuna li setgħet tieħu passi legali kien l-Arċipriet.

368 *Leħen il-Belt Pinto,* Nru 7, Lulju-Awwissu 1956, 3: 'Ghax neqirdu l-festa tal-Vitorja'.

369 KFE Minuti, Seduta tat-3.vii.1956.

Fis-snin ta' wara l-gwerra, in-nar tal-festa kien fdat f'idejn il-piroteknići Qriema. Hekk kif intemmet il-gwerra, il-Gvern radd lura l-post tan-nar[370] u grupp imdaqqas ta' Qriema reġgħu bdew jiltaqgħu fil-fabbrika tan-nar sabiex jaħdmu n-nar għall-festa ta' San Ġorġ. Apparti dan il-grupp ta' persuni, kien hemm bosta individwi li kienu jaħdmu n-nar għal rashom. L-inċidenti ma kinux jonqsu. Fl-1954, Andrew Briffa (il-Biedi) tilef ħajtu traġikament waqt li kien qiegħed jaħdem in-nar fil-garaxx tiegħu fi Triq il-Kanun.[371]



***Il-post tan-nar mibni mill-ġdid***
***Ritratt: Għaqda tan-Nar 23 t'April***

Minkejja dawn l-inċidenti, il-grupp li kien miġbur fil-fabbrika tan-nar kien jaħdem qatigħ sabiex mhux biss jaħdmu n-nar tal-festa titulari, iżda wkoll kienu jipproduċu n-nar għal postijiet oħra ħalli jtaffu l-piż minn fuq il-

370 Debono E. (2007), Programm tal-Festa, Għaqda Dilettanti tan-Nar 23 t'April, 63.
371 NAM POL 2, *Occorenze*, 3.iii.1954.

Kumitat tal-Festa. Fost dawn id-dilettanti nsibu lil Anġlu Fava u Carmelo Zammit. Nhar is-Sibt 15 ta' Diċembru 1956, dawn iż-żewġ persuni, bħassoltu, kienu jinsabu fil-post tan-nar meta għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar instemgħet splużjoni fil-post tan-nar. Parti kbira millfabbrika tan-nar inqerdet, waqt li Anġlu Fava u Carmelo Zammit tilfu ħajjithom traġikament. Il-Kumitat Festi Esterni kien tlaqqa' b'urġenza u sar qbil li jorganizza l-funeral l-għada. Il-Kumitat stieden lill-Banda San Ġorġ Martri biex tmexxi l-korteo funebri ta' dawn iż-żewġ vittmi, waqt li permezz ta' avviż fuq ir-Rediffusion[372] stieden lill-għaqdiet festivi Maltin sabiex jattendu bl-istendardi tagħhom.[373]

Issa l-Kumitat kien spiċċa mingħajr post fejn jinħadem in-nar. Għall-festa tas-sena 1957, il-Kumitat għamel l-arranġamenti meħtieġa sabiex jixtri n-nar tal-art mingħand id-dilettanti tan-nar ta' San Ġużepp, Ħaż-Żebbuġ, u n-nar tal-ajru mingħand id-dilettanti tal-Qrendi.[374] Dawn l-arranġamenti kienu temporanji għaliex it-tir tal-Kumitat kien dak li jerġa' jibni l-post tannar. Qabel Lulju 1957, il-Gvern kien ħareġ il-permessi meħtieġa sabiex jerġa' jinbena l-post tan-nar[375]. Dun Ġużepp Zammit, Corrado Attard u Ġorġ Azzopardi kienu inkarigati biex jiġbru l-finanzi meħtieġa sabiex ikopru l-ispiża involuta ħalli jerġa' jinbena l-post.[376] Il-Qriema jidhru li kienu ferm ħerqanin biex jibnu mill-ġdid il-post tan-nar, hekk li sa Ottubru s-somma miġbura kienet taqbeż l-£20.[377] Ix-xogħol tal-bini jidher li kien lest sa Diċembru tant li dakinhar id-dilettanti Qriema ntrabtu li jaħdmu n-nar tal-art għall-Festa Liturġika tas-sena ta' wara.[378]

---

372 Is-servizz tar-Rediffusion kien servizz radjufoniku bil-fil. Kważi kull dar f'Malta kellha installat dan l-apparat li kien speċi ta' kaxxa ta' kulur blu.

373 KFE Minuti, Seduta tas-16.xii.1956.

374 *Ibid.*, Seduta tat-13.iii.1957.

375 *Leħen il-Belt Pinto*, Nru 12, Lulju-Awwssu 1957.

376 KFE Minuti, Seduta tat-28.viii.1957.

377 *Ibid.*, Seduta tat-18.x.1957.

378 *Ibid.*, Seduta tal-15.xii.1957.



***1958 - Il-funeral ta' Ġamri Zammit***
***Ritratt: Arkivju Banda San Ġorġ***

Il-bini mill-ġdid tal-post tan-nar reġa' xegħel l-entużjażmu fost id-dilettanti. Bi ħġarhom wieħed wieħed reġgħu bdew jersqu lejn il-post tan-nar. Din il-fjamma ta' entużjażmu iżda ftit kellha ddum tħeġġeġ. Nhar il-25 ta' Settembru 1958, seħħet splużjoni żgħira f'waħda mill-kmamar viċin il-post tan-nar fejn kien qiegħed jaħdem Ġanmarì Zammit (iċ-Ċojja). Kaġun ta' din l-isplużjoni, Zammit inħaraq u ntradam. Huwa nqala' minn taħt ir-radam minn sħabu li kienu qed jaħdmu n-nar fil-kmamar viċin[379] u ttieħed l-isptar fejn miet dakinhar stess. Il-funeral sar tlett ijiem wara, is-Sibt 27 ta' Settembru.[380] Dan it-tieni inċident fatali f'daqstant ieħor snin, werwer lid-dilettanti  Qriema hekk li kważi ħadd ma baqa' jersaq lejn il-fabbrika tan-nar. Dawn id-dilettanti għarrfu lill-Arċipriet bl-intenzjoni tagħhom li ma jkomplux jaħdmu n-nar u kkonsenjawlu l-imfietaħ tal-post tan-nar.[381]

Fuq xewqet id-dilettanti tan-nar, in-nar u l-materjal li kien fadal inbiegħ u r-rikavat ingħadd mas-somma li dawn id-dilettani kienu ġemmgħu tul is-snin sabiex tkun ikkumissjonata opra artistika fil-knisja. Fuq disinn ta' Manwel Buhagiar, inħadem pedestall u sett gandlieri, kollha tal-fidda, biex jintużaw waqt il-funzjoni tat-translazzjoni. Din l-opra swiet madwar £1700.[382]

379 Missier l-awtur (Carmelo Bugeja), li kien qiegħed jaħdem xi nar flimkien ma' Zammit, kien jirrakkonta kif lil Zammit kienu ħaduh l-isptar f'vann tal-ħobż.
380 *Leħen il-Belt Pinto*, Nru 19, Settembru-Ottubru 1958.
381 KFE Minuti, Seduta tal-14.xii.1958.
382 Bianchi C. (1978), 11.



***Il-gandlieri u l-pedestall tal-fidda li saru wara li nbiegħet il-propjetà tad-dilettanti tan-nar***

Minn issa 'l quddiem, il-Kumitat Festi Esterni kellu jibda jerfa' l-piż tal-ispiża għal-logħob tan-nar. Fis-sena 1960, in-nar tal-festa kien ikkummissjonat lil Ġorġ Debattista.[383] Iżda mis-sena ta' wara n-nar tal-festa beda jinxtara minn barra r-raħal.

## IL-KWISTJONI POLITIKO-RELIĠJUŻA

Waqt li l-Qriema kienu qed iħabblu rashom fuq in-nar u t-trikkitrakki tal-festa, fuq ix-xena politika bdew jinstemgħu trikkitrakki akbar, dawk tal-kwistjoni Politiko-Reliġjuża. L-Arċipriet Frendo mill-ewwel induna li kien ġej żmien diffiċli u, wara kwistjoni kbira bejn il-membri lajċi u l-membri tal-kleru fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni, bi ftehim mal-Perit Borg, assuma l-Presidenza tal-Kumitat Festi Esterni.[384]

Il-kwistjoni Politiko-Reliġjuża taf l-għeruq tagħha fl-eżitu ta' referendum li permezz tiegħu l-poplu Malti kien issejjaħ biex isemma' leħnu dwar jekk Malta kellhiex issir parti mir-Renju Unit. Ir-riżultat ta' dan ir-referendum

383 KFE Minuti, Seduta tat-2.ii.1960. KFE Reġistru Dħul-Ħruġ 1958-1990: Debattista tħallas is-somma ta' £169 tax-xogħol tan-nar kollu tal-festa.

384 KFE Minuti, Seduta tas-6.iii.1957.

kien wieħed inkonklussiv. Wara ftit snin ta' battibekki bejn il-Maltin, il-Gvern Kolonjali kien tilef l-interess fil-proposta tal-Integrazzjoni ta' Malta mar-Renju Unit u r-relazzjonijiet bejn il-Gvern Malti u dak Kolonjali marru għall-agħar. Dan wassal sabiex il-Gvern Malti jagħti d-dimissjoni tiegħu u l-MLP u l-GWU jordnaw jum ta' protesta nazzjonali msejjaħ għat-28 t'April 1958.[385] Il-jum ta' protesta nazzjonali ttrasforma f'ġurnata ta' rvellijiet u ġlied. Il-Gvern Kolonjali ħa diversi miżuri, fosthom il-projbizzjoni tal-marċijiet, speċjalment  dawk ta' filgħodu. Il-festa ta' San Ġorġ ta' dik is-sena kienet minn fost tal-ewwel li laqqtet dawn is-sanzjonijiet. Fil-Kumitat saret diskussjoni taħraq jekk il-festa dik is-sena kellhiex issir[386] iżda wara li kienu ċċarati l-provvedimenti tal-ordinanza, ġie deċiż li l-festa kellha ssir xorta iżda l-baned idoqqu biss minn fuq il-planċier. Għaldaqstant, minflok il-marċ tal-Aħħar Jum tat-Tridu, il-Banda San Ġorġ kienet tellgħet programm biswit il-knisja tal-Vitorja, waqt li l-marċ ta' Jum il-Festa ma sarx. L-inkwiet tal-kwistjoni imminenti beda jinħass ukoll fil-ġbir, hekk li diversi parruċċani ma bdewx jikkoperaw fil-ġbir għad-dawl. Dan wassal sabiex il-Kumitat jieħu d-deċiżjoni li dawk it-toroq li jonqsu li jiġbru għad-dawl ma kellhomx jintramaw.[387]

Il-festa tal-1958 kienet ukoll karatterizzata mill-maltemp li wassal biex tkun trasferita għall-25 ta' Mejju. Il-maltemp li laqat il-festa ta' dik is-sena kien bħal ħabbâr tal-maltemp politiku, soċjali u reliġjuż li kellu jolqot il-ġżejjer Maltin fid-deċennju li kien ġej. Il-kwistjoni bejn il-Knisja u l-MLP bdiet hekk kif l-Arċisqof Gonzi kien ħareġ jikkundanna l-atti vjolenti li seħħew f'April. Il-MLP interpreta dan l-intervent bħala rabta bejn il-Knisja u l-Gvern Kolonjali.[388] Dawn l-akkużi fil-konfront tal-Arċisqof Gonzi komplew jiħraxu meta, fl-Lulju ta' dik is-sena, l-Arċisqof Gonzi intervjena

385 Pirotta J.M. (2001), 47-52.
386 KFE Minuti, Seduta tal-5.v.1958.
387 KFE Minuti, Seduta tas-6.v.1958.
388 Pirotta J.M. (2001), 79-94

mal-Gvernatur sabiex ineħħi s-sospensjoni fuq il-marċi tal-festi.[389] Dawn l-akkużi kienu l-bidu tal-kwistjoni Politiko-Reliġjuża li ddominat is-snin Sittin.

Fl-1960 Malta ċċelebrat id-Dsatax-il Ċentinarju mill-Miġja ta' San Pawl fostna. Dawn il-festi, kif jikteb Oliver Friggieri,[390] kienu bħal preludju għall-ġlieda l-kbira li faqqgħet fis-sena ta' wara. F'April 1961 kien impost l-interdett. Il-festi parrokkjali ċċelebrati bejn l-1961 u l-1964 iċċelebrawhom taħt id-dell ta' dan l-interdett. L-interdett kien ifisser li s-simpatizzanti tal-MLP kienu impediti milli jieħdu sehem f'attivitajiet tal-Knisja. Ir-reazzjoni ta' bosta partitarji Laburisti kienet li jibbojkottjaw il-festi.[391] F'Ħal Qormi, uħud mid-dilettanti tan-nar Qriema kienu għarrfu lill-Kumitat tal-Festa li ma kinux bi ħsiebhom jaħdmu nar għall-festa tal-1962.[392] Dan seħħ ukoll f'diversi rħula oħra. L-azzjoni minn dawk li jaħdmu n-nar madwar Malta, wasslet sabiex dik is-sena, il-Kumitat Festi Esterni sabha ferm diffiċli li jsib min kien lest jaħdem in-nar għall-festa ta' San Ġorġ.[393]

L-interdizzjoni ma kinitx limitata għall-persuni biss, iżda wkoll għal għaqdiet li f'għajnejn l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi ma kinux qed jappoġġjaw biżżejjed il-kawża tal-Knisja. Waħda minn dawn l-għaqdiet kienet il-Banda San Ġorġ ta' Bormla, li bħala President tagħha kellha l-mexxej tal-MLP. Din il-banda kienet interdetjata milli tipparteċipa fil-festi Maltin.[394] Kaġun t'hekk, il-Banda San Ġorġ ta' Bormla, wara numru ta' snin ta' parteċipazzjoni regolari fil-festa ta' Ħal Qormi, ma kinitx aktar mistiedna tieħu sehem fil-festa. L-interdett fuq il-banda ta' Bormla kien ukoll il-kaġun ta' diżgwid bejn il-

389 *Ibid.*, 192.
390 Friggieri O. (2008), 200-204.
391 Boissevain J. (2006), 121.
392 KFE Minuti, Seduta tat-28.ii.1962.
393 *Ibid.*, Seduta tal-14.v.1962.
394 Farrugia S., *In-Nazzjon*, 19.xii.2012.

Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu u l-organizzaturi tal-festa tal-Birgu.[395] L-Arċipriet Frendo, b'solidarjetà mal-Arċipriet tal-Birgu, fl-1962 ma stedinx lill-banda Vittoriosana għall-festa ta' San Ġorġ.




***Nhar il-festa fis-snin Sittin. Fuq il-bieb tal-knisja jidher kartellun bi kliem ta' appoġġ għall-Arċisqof***

L-interdett f'Ħal Qormi ħoloq ukoll inkwiet intern. L-irjus bdew jisħnu u kull mossa bdiet tkun interpretata jew bħala nuqqas ta' lealtà lejn il-Knisja jew li kont pupazz tal-Knisja. L-ewwel inkwiet feġġ fi ħdan il-Banda San Ġorġ Martri. Ta' kull sena l-Arċisqof kien ikun mistieden biex imexxi l-Pontifikal tal-festa. Kienet saret konswetudni li l-Arċisqof jintlaqa' mill-kleru u l-poplu fi Pjazza San Franġisk u minn hemm kien ikun akkumpanjat mill-Banda San Ġorġ Martri sal-knisja. Fl-eqqel tal-kwistjoni Politiko-Reliġjuża, dan il-korteo ttrasforma ruħu f'dimostrazzjoni favur l-Arċisqof. Numru ta' soċi fi ħdan il-Banda San Ġorġ oġġezzjonaw li l-banda tieħu sehem f'din id-dimostrazzjoni, meqjusa bħala politika, lill-Arċisqof.[396] Kwistjoni akbar, li kważi swiet lill-Banda San Ġorġ Martri l-interdett, kienet tirrigwarda x'mużika l-banda kellha ddoqq waqt li takkumpanja saċerdot novell. L-Arċipriet u l-kleru bdew jisħqu mal-banda li din kellha ddoqq l-innijiet li kienu jitkantaw fil-laqgħat tal-Ġunta Djoċesana, waqt li d-diriġenti talbu li jibqgħu jdoqqu l-istess marċi bħas-snin ta' qabel. Il-kleru tal-parroċċa, permezz ta' ittra ddatata 4 t'Awwissu 1961, ħareġ

395 Bugeja J (2014), 201.
396 Bugeja J (2014), 199

b'ultimatum lill-Każin San Ġorġ li, jekk ma kienx ser idoqq l-innijiet mitluba mill-Arċipriet, il-banda kienet ser titħalla barra mill-festi.

Il-Kumitat Festi Esterni, immexxi mill-Arċipriet Frendo, persuna li kien iqis ruħu bħala l-garanti tal-kawża tal-Knisja fil-parroċċa tiegħu, ma tantx kellu triqat oħra ħlief li jissekonda lill-Arċipriet. Il-Kumitat Festi Esterni għalhekk beda jkun meqjus bħala estensjoni tal-Knisja u ħafna kienu dawk li tbiegħu mill-organizzazzjoni tal-festa. Kif wieħed jista' jistenna, id-dħul, speċjalment mill-ġbir, ħa majnata 'l isfel. In-numru ta' membri naqas ukoll, hekk li l-Kumitat kien kostrett li jqabbad persuni bi ħlas sabiex jgħinu fl-armar.[397] Min-naħa l-oħra, l-Arċipriet u l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi kienu jesiġu li l-festi jibqgħu jsiru bl-istess pompa, jekk mhux aktar minn qabel. Il-kwistjoni Politiko-Reliġjuża kellha wkoll impatt ieħor, pjuttost pożittiv, fuq Ħal Qormi. Il-Knisja Maltija, sabiex turi l-qawwa tagħha u l-inutilità tal-bojkott, imbarkat fuq numru ta' proġetti u opri fil-knejjes. Il-parroċċa San Ġorġ ma baqgħetx lura. Fl-eqqel ta' din il-kwistjoni, l-Arċipriet Frendo beda l-proġett tal-induratura tas-saqaf tal-knisja, waqt li kien sar xogħol strutturali kbir fuq il-parti ta' wara tal-binja. Minflok 'iċ-ċimiterju tal-erwieħ', inbnew imħażen ġodda, Awla Presbiterali u Mużew Parrokkjali. L-artali tad-Duluri u l-Kunċizzjoni kienu mmodifikati u, għal fuq l-artal tal-Kunċizzjoni, fl-1960 kien ikkummissjonat sotto-kwadru ta' San Franġisk t'Assisi, xogħol ta' Emvin Cremona. Iżda żgur l-akbar inizjattiva kienet dik li tirrigwarda l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Il-kwistjonijiet politiċi kienu biegħdu numru ta' persuni milli jipparteċipaw fil-purċissjonijiet speċjalment dik tal-Ġimgħa l-Kbira, waqt li oħrajn ma tħallewx jieħdu sehem. Il-purċissjoni diġà kienet tinkludi xi lbies Bibliku u Ruman iżda, forsi sabiex jinjetta interess ġdid f'purċissjoni li donnha bdiet tnin, Dun Ġerald Frendo kompla jittrasforma l-purċissjoni tal-Ġimgħa

397 KFE Reġistru Dħul u Ħruġ 1958-1990.

l-Kbira minn waħda pjuttost penitenzjali għal waħda aktar spettakolari, bl-introduzzjoni ta' *tableaux vivants.* Tibdil ieħor kbir fil-purċissjoni Qormija seħħ fl-ikonografija tal-vari. Sal-bidu tas-snin Sittin, f'Ħal Qormi, is-sett tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kien jikkonsisti f'sett ta' disa' vari. Barra minn hekk, numru ta' vari, bħal dawk tal-Flaġellazjoni, l-Ecce Homo u l-Veronika, kienu vari bi statwa waħda li kienu jintrefgħu minn gajjiet ta' sitt persuni, ħafna drabi żgħażagħ adolexxenti.




***Il-vara ta' l-Aħħar Ċena, ħarġet għall-ewwel darba fl-1961***

L-ewwel tibdil seħħ fl-1961 meta f'Ħal Qormi nġiebet il-vara tal-Aħħar Ċena.[398] Din il-vara kienet inġabret minn fost il-poplu Qormi bit-tħabrik ta' Salvu Debono u Ġużeppi Agius (ta' Bramel), żewġ membri attivi tal-Kumitat Festi Esterni. F'dik is-sena wkoll kienet ħarġet għall-ewwel darba l-vara ta' Kristu jiltaqa' ma' Ommu (magħrufa bħala r-Raba' Stazzjon), għotja ta' Consiglio D'Amato. Is-sena ta' wara, Antonio Cassar irregala lill-parroċċa żewġ vari ġodda, dawk tal-Flaġellazjoni u l-Ecce Homo. Dawn iż-żewġ vari, bħall-vari mżanżna s-sena ta' qabel, kienu xogħol ta'

398 Grima J.F. (2003A), *passim.*

Salvatore Bruno. Fl-1965, mill-ġdid bit-tħabrik ta' Salvu Debono, kienet inġiebet vara oħra ġdida, dik tal-Veronika, vara li wkoll kienet bi tliet figuri. Fl-istess sena, il-Konti Consiglio d'Amato ħallas minn butu l-vara tad-Depożizzjoni, xena ġdida fil-purċissjoni Qormija.

L-investiment fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u l-kwistjoni Politiko-Reliġjuża kienu minn naħa l-oħra qed ikollhom impatt negattiv fuq il-finanzi tal-Kumitat Festi Esterni. Ma' dawn il-fatturi wieħed irid iżid il-ħolqien ta' għaqdiet oħra, bħall-klabb tal-futbol (1961), li ftit jew wisq huma wkoll bdew jikkompetu għall-but tal-poplu. Is-sittinijiet ġabu magħhom ukoll l-ewwel lukandi u l-cabarets tagħhom. Iż-żgħażagħ bdew jibirdu mill-festi u jfittxu dawn il-mezzi ġodda ta' divertiment. Xi għaqdiet, inkluż dawk relatati mal-festa, bħall-Każin tal-Banda San Ġorġ Martri, bdew jaġġustaw għal dawn il-modi ġodda ta' divertiment u huma wkoll bdew jorganizzaw l-hekk imsejħa 'id-dances'.[399] Iżda għall-Kumitat Festi Esterni, kumitat immexxi minn membri tal-kleru, l-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili kienet impensabbli. Għalhekk, il-metodu ta' kif jinġabru l-fondi baqa' antikwat. Kif wieħed jistenna, l-iżbilanċ beda jiżdied minn sena għal oħra.

Fis-sena 1962, terz tal-ispiża (£370) ma nġabritx.[400] Din is-sitwazzjoni ma kinitx aktar sostenibbli u l-Kumitat Festi Esterni kien kostrett li jibda jnaqqas mill-ispejjeż. L-ewwel daqqa kienet fir-rigward tal-baned barranin. In-numru ta' baned naqas minn madwar tmienja fl-1958 għal erbgħa fl-1963. Sabiex ikun ikkumpensat dan it-tnaqqis, fl-1962, il-banda ċittadina żiedet servizz ieħor, dak ta' Jum il-Ħruġ min-Niċċa. F'dan is-servizz il-banda bdiet tagħmel marċ min-naħa tal-Vitorja, tilqa' l-istatwa titulari fuq iz-zuntier u wara ttella' programm fuq il-palk prinċipali. Waqt dan il-programm mużikali, il-Kumitat tal-Festa kien jorganizza fiera b'risq

399 Numru ta' żgħażagħ kienu jiżfnu mar-ritmu tal-mużika *Rock*. Il-mużika kienet tkun provduta minn banda Rock , ħafna drabi komposta minn żgħażagħ tal-lokal.

400 KFE Minuti, Seduta tat-28.ii.1962.

il-festa. Servizz ieħor li żiedet il-Banda San Ġorġ Martri kien dak tat-Tieni Jum tat-Tridu. Dan il-marċ jaf il-bidu tiegħu fil-festa tal-1969, meta l-banda bdiet tkun akkumpanjata bl-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ.[401] Dan il-marċ jilħaq il-qofol tiegħu fil-pjazza prinċipali tal-parroċċa, fejn l-istatwa tittella' fuq il-pedestall tagħha. Minkejja dawn iż-żidiet fis-servizzi, il-kontribuzzjoni li l-Kumitat kien jagħti lill-Banda San Ġorġ baqa' l-istess bħas-snin ta' qabel, jiġifieri £10.[402]



***1959 - Il-Qriema jinġabru fuq iz-zuntier għall-marċ ta' Jum il-Festa.***
***Wieħed jinnota li l-pedestalli taz-zuntier kienu pariġġ dawk tal-anġli tal-kuruna***
***Ritratt: Arkivju Banda San Ġorġ Martri***

Il-kriżi finanzjarja li kien fiha l-Kumitat wasslet ukoll sabiex mhux biss ma sarx investiment f'armar ġdid iżda lanqas ma baqgħet issir il-manutenzjoni meħtieġa.[403] L-unika manutenzjoni kien jipprovdiha Pawlu Debono. Fl-1965 il-kundizzjoni tal-armar kienet tant ħażina li bilfors kellu jsir xi ħaġa.

401 KFE, Programm tal-Festa 1969. 3.

402 KFE, Reġistru Dħul u Ħruġ 1958-1990. Waqt li l-Banda San Ġorġ Martri kienet tingħata kontribuzzjoni ta' £10 għal ħames servizzi, il-baned barranin kienu jitħallsu bejn £23 u £27 ta' kull servizz.

403 KFE, Reġistru Dħul u Ħruġ 1958-1990. Fis-snin Sittin l-ispiża fuq il-manutenzjoni tal-armar rari qabżet l-£10 fis-sena



*L-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ li mis-sena 1969 bdiet takkumpanja l-Banda San Ġorġ fil-marċ tat-Tieni Jum tat-Tridu*

Peress li flus biex jinxtara l-injam ma kienx hemm, numru ta' pedestalli kellhom ikunu żmontati sabiex bl-injam tagħhom jissewwew oħrajn.[404] L-interess u l-parteċipazzjoni fil-Kumitat ukoll kienet naqset. Waqt li sa ftit snin qabel kienu ħafna dawk li kienu juru x-xewqa li jkunu parti minn dan il-Kumitat, issa l-Arċipriet kien kostrett jagħmel appelli fil-knisja biex jinteressa aktar nies jissieħbu fil-Kumitat tal-Festa.[405] F'dan s-isħab iswed, il-Providenza bagħtet lill-Kumpanija Teatrali Anici, li bl-attivitajiet tagħha, bdiet twieżen mhux ħażin l-ispiża tal-festa.

## IL-KUMPANIJA TEATRALI ANICI

Din il-kumpanija teatrali twaqqfet fl-1936 u, fis-snin sittin, din il-kumpanija kompliet bil-ħidma tagħha sabiex tkabbar il-kultura tal-palk. F'dawn is-snin, id-direzzjoni tal-kumpanija kienet għaddiet f'idejn Joseph Camilleri (il-Perè), li għal xi żmien serva wkoll bħala Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni. Taħt id-direzzjoni tiegħu, il-Kumpanija Teatrali Anici għamlet progress kbir fejn bdiet tieħu sehem f'bosta konkorsi għall-palk. Is-snin Sittin kienu s-snin tad-deheb għal din l-għaqda teatrali. Il-Kumpanija Anici kemm-il darba pparteċipat fil-Konkors Nazzjonali tal-Palk organizzat fis-Sala Dun Edgar, l-Imġarr, u kważi dejjem ħarġet bl-unuri. L-ewwel parteċipazzjoni f'dan il-konkors kienet fl-1958, bid-dramm "Id-Driegħ t'Alla", tradott għall-Malti mit-Taljan minn John Curmi.[406] B'dan id-dramm il-kumpanija kienet rebħet l-ewwel premju. Imsaħħa b'dan is-suċċess, il-Kumpanija Anici fl-1960 ipparteċipat bid-dramm Dar Missieri ta' J.C. Muscat, fl-1961 bid-dramm Ir-Raba' Kmandament u fl-1962 bid-dramm Il-"Każ tal-Imħallef Helmer". F'dawn is-snin għal tliet darbiet wara xulxin, kienet ikklassifikat fit-tieni post. Fis-snin 1963 u 1964, bid-drammi "L-għajta tal-Kuxjenza" u "Taħt Ħakma Russa", kienet ikklassifikat fit-

404 KFE Minuti, Seduta tal-1.xi.1965.
405 *Ibid.*, Seduta tal-10.x.1965.
406 John Curmi kien attur Qormi membru ta' din il-kumpanija teatrali.

tielet post. Wara nuqqas ta' ftit snin, fl-1972 il-kumpanija Anici daħlet mill-ġdid għal dan il-konkors nazzjonali bid-dramm "Fariżej", ta' Ġino Muscat Azzopardi, fejn kienet rebħet l-ewwel post. Fis-snin sussegwenti, għal tliet snin in fila, il-kumpanija Anici rebħet it-tieni post. Is-sodisfazzjon tal-kumpanija kien ikun akbar meta l-atturi tagħha kienu jirbħu l-premju għall-aħjar attur jew attriċi. Fost ir-rebbieħa ta' dan il-premju nsibu lil Joseph Camilleri (1960), Ġorġ Zammit Schembri (1963 u 1972), Vitorin Galea (1964), Ġorġ Portelli (1974), Lawrence Agius (1975) u Nathalie Micallef (1979). Konkors ieħor li fih il-Kumpanija Anici kienet għamlet suċċess kien il-konkors organizzat fiċ-Ċentru Kattoliku ta' Ħal Luqa fejn fl-1962 bid-dramm "Ħej Toro" kienet rebħet l-ewwel premju.

Il-Kumpanija Teatrali Anici minbarra s-sodisfazzjon mis-suċċessi f'dawn il-konkorsi, għandha s-sodisfazzjon li mhux biss rawmet uħud mill-aqwa atturi ta' pajjiżna iżda wkoll li tat spazju liż-żgħażagħ Qriema sabiex jiżviluppaw it-talenti tagħhom. Fost l-atturi li f'xi żmien iffurmaw parti




***Il-membri tal-Kumpanija Anici fis-snin Sittin***
***Ritratt: Arkivju Kumpanija Teatrali Anici***

mill-Kumpanija Anici nsibu lil Carmena Giacomotto, Mary Zarb, Miriam Cianco, Lorenza u Ġuża Diacono, Olga Spiteri, Elsa Romei, Doris Frendo, Josephine Mahoney, Patricia Mahoney, Ġorġina Caruana, Ġorġina Sciberras, Mary Ripard, Lina Lanzon, Melita Cutajar, Ġemma Portelli u oħtha Connie Azzopardi, Terry L. Bencini, Joan Azzopardi, Miriam Vella, Emanuela Vidal, Margaret Borg, Marthese Fenech, Doris Fleri Soler, Rose Dimech, Tessie Cassar, Maryrose Mallia, Anna Cachia, Connie Vella, Joan u Marie Aquilina, Julie Cassar, Giorgette Apap, Ċettina Schembri, Lilian u Antoinette Galdes, l-aħwa Ismael u Abel Mizzi, Ninu Scerri, Joseph Vella, Ġorġ Schembri (id-Dess) u wliedu Ġorġ u Charlie Schembri, Joe Spiteri, Emmanuel Portelli, Joseph Camilleri (il-Perè) u ibnu Nestru, Gawdenz Galdes, Ġorġ Baldacchino, Ġuzi Azzopardi, Ġuzi Bezzina, Charlie u Jimmy Portelli, Gerry u Joe Farrugia, Pawlu Salnitro, Ġorġ Portelli (l-ewwel Sindku tal-Belt Pinto), Alfio Mifsud, Carlo Baldacchino, Carmel Bianchi, Ċensu Cortis, Mike Saliba, Charles Mamo, Joseph F. Grima, Pawlu Theuma, John Curmi, Corrado Attard, Philip Abela, Pawlu Farrugia, Manwel Cassar, Joseph Sammut, Johnny Vella, Vince Apap, Victor Apap, Ninu Micallef, Silvio Fleri Soler u Eugenio Apap.[407]

## IL-FESTA FL-ERA POST-KOLONJALI

Ftit snin wara li Malta kisbet l-Indipendenza fl-1964, l-effett tal-interdett beda jbatti. Minkejja li kien biss fl-1969 li dan tneħħa, is-saħna tal-battalja, bħan-nar mingħajr ħatab, beda jnin. Il-festi esterni tal-1967 kienu ċċelebrati bil-kbir ma' Malta kollha speċjalment f'dak li kellu x'jaqsam man-nar.[408] F'Ħal Qormi, is-sitwazzjoni kienet ftit anqas sabiħa. Minkejja li kienu bosta d-dilettanti tan-nar, ftit kienu dawk li kienu jaħdmu għall-festa, ħafna minnhom fi gruppi indipendenti. Għaldaqstant, il-Kumitat Festi Esterni kien kostrett li jixtri n-nar minn kmamar tan-nar oħra. Imma

407 Spiteri J. (2004).
408 Boissevain J. (2006), 122.

mhux li taqbad u tgħid tixtri. Sabiex tixtri jrid ikollok il-flus, u l-flus għall-Kumitat Festi Esterni kienu kommodità rari. Il-qawl Malti jgħid li ta' li tħallas tieħu. Il-livell tan-nar fl-aħħar tas-snin Sittin kien wieħed pjuttost baxx.[409] Kienu bosta dawk li kienu jilmentaw mal-Kumitat. B'nostalġija għas-snin tal-piroteknici Taljani, kienu bosta t-tentattivi sabiex jerġgħu jinġiebu piroteknici Taljani[410] iżda kull tentattiv kien destinat li jfalli minħabba l-ispiża involuta.[411]



***Dilettanti tan-nar iħawlu waħda mid-diversi batteriji li kienu jakkumpanjaw il-purċissjoni***
***Ritratt: Għaqda tan-Nar 23 t'April***

Lejn tmiem l-1969, id-dilettanti tan-nar, xprunati wkoll mill-istat pjetuż tan-nar, ixxierku mill-ġdid sabiex jaħdmu n-nar għall-festa. Sfortunatament, fis-satra tal-lejl tat-2 ta' Settembru 1970, splodiet il-kamra tan-nar. Din l-isplużjoni ma ħalliet l-ebda vittma u xejn ma affettwat il-moral tad-dilettanti. Għall-kuntrarju, b'ħeġġa kbira, id-dilettanti tan-nar bnew mill-ġdid din il-fabbrika f'qasir żmien. L-isplużjoni tal-kamra tan-nar f'nofs ta' lejl ma kienx l-uniku inċident pirotekniku dik is-sena. F'Lulju kienet taret kamra tan-nar privata li fiha kienu ħallew ħajjithom Carmelo Abela u Pawlu Formosa.[412] Minkejja dawn iż-żewġ inċidenti, id-dilettanti tan-nar issoktaw bil-ħidma tagħhom u b'hekk il-livell tan-nar fil-festa ta' San Ġorġ beda jagħmel passi ta' ġgant 'il quddiem.

409 KFE Minuti, Seduta tas-16.i.1966.

410 *Ibid*, Seduta tas-16.x.1965.

411 *Ibid.*, Seduta tad-19.ii.1969.

412 Bugeja J.A. (2014), 242.

Il-ħidma u l-attivitajiet tal-Kumpanija Teatrali Anici beda wkoll iħalli l-effett pożittiv tiegħu. Id-dħul mill-attivitajiet tejatrali fl-1969 kien laħaq is-somma ta' £172 -12s-4d. Dan id-dħul għamilha possibbli għall-Kumitat Festi Esterni sabiex jerġa' jibda jinvesti fl-armar.[413] F'dik is-sena, il-Kumitat kien kompla x-xogħol fuq il-bdil tal-bandalori, proġett li kien ilu jkarkar is-snin, waqt li l-armar tat-triq prinċipali beda jkun restawrat, miżbugħ mill-ġdid u rħamat minn Dun Pawl Genovese. Fl-1971, minħabba l-Elezzjonijiet Ġenerali li kienu ssejħu f'Ġunju, il-festa kienet trasferita għal Settembru. Il-festa issa bdiet tinfirex lil hinn mit-toroq prinċipali. Nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu, is-sotto-kumitat ta' Triq il-Barrakki kien jaħseb biex jorganizza n-nar fi Pjazza Federico Maempel, quddiem l-iskola governattiva. Għall-ħabta tas-sena 1973, din il-pjazza nbidlet fi *playing field* u għalhekk in-nar tal-Aħħar Jum tat-Tridu ġie trasferit għal quddiem il-knisja parrokkjali. It-triq tal-knisja ma kinetx il-post ideali fejn jinħaraq in-nar tal-art u wara inċident żgħir li seħħ fil-festa tal-1975, Ġeranz Azzopardi intriga sabiex jorganizza l-festa nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu fin-naħa tal-Vitorja.[414] Sfortunatament, il-pjanijiet tal-Kumitat u ta' Azzopardi kienu sorpassati minn serje ta' kwistjonijiet bejn il-Kumitat tal-Festa, l-Arċipriet Frendo u d-dilettanti tan-nar.



***Il-marċ tal-Banda San Ġorġ fl-akkwata tal-Vitorja***
***Ritratt: Arkivju Banda San Ġorġ Martri***

413 KFE Minuti, Seduta tal-15.x.1969.
414 *Ibid.*, Seduta tal-20.xii.1975.

Ix-xogħol pirotekniku fil-festa ta' San Ġorġ fis-snin Sebgħin ħa spinta 'l quddiem hekk kif numru ta' dilettanti żgħażagħ Qriema, fosthom Duminku Coleiro, Joe Cauchi, Alfred Mangion[415] u l-aħwa Falzon, ingħaqdu mad-dilettanti anzjani. Ta' kull sena, dawn id-dilettanti bdew itellgħu programm kbir tan-nar, waqt li l-ispettaklu pirotekniku ta' Lejlet il-Festa reġa' daħal fid-djarju tad-dilettanti Maltin. In-nar tal-art ukoll kien tjieb fil-kwalità. F'Lejlet il-Festa, il-wied kien jittrasforma ruħu f'foresta ta' logħob tan-nar tal-art. Ta' kull sena l-aspettattiva tal-Ġorġjani kienet qed tkun kbira. Imma mhux lakemm taqbad u tgħid tagħmel programm tan-nar akbar minn ta' qabel. Minkejja li dawn id-dilettanti kienu jagħmlu x-xogħol mingħajr ħlas, l-ispiża tal-materja prima kienet qed tiżdied kull sena. Is-sitwazzjoni internazzjonali, l-aktar bil-kriżi tal-OPEC,[416] wasslet għal żidiet fenomenali fil-prezz taż-żejt, u sussegwentament, tal-kimika wżata għal-logħob tan-nar. Id-dilettanti tan-nar, iffaċċjati minn dawn iż-żidiet fl-ispejjeż, talbu lill-Kumitat Festi Esterni sabiex jirdoppja l-kontribuzzjoni tiegħu minn Lm240 għal Lm500. Il-Kumitat Festi Esterni, li dik il-ħabta ma kienx qed jgħum fil-flus, ma tantx kien f'pożizzjoni li jaċċetta din it-talba.[417] Il-Kumitat kien qiegħed jipprova jara kif ser jagħmel tajjeb għaż-żidiet kbar fil-prezz tal-elettriku u kif ser jaddatta ruħu għall-miżura tal-Gvern li jitnaqqas l-ammont ta' vultaġġ ipprovdut.[418]

It-talba għal żieda fil-kontribuzzjoni ġiet imtennija s-sena ta' wara (l-1975), fejn id-dilettanti tan-nar għamluha ċara li jekk ma jingħatawx din

415 *Ibid.*, Seduta tat-8.i.1974.

416 L-OPEC hija l-għaqda dinija tal-produtturi taż-żejt. F'Ottubru 1973, il-pajjiżi Għarab membri ta' din l-għaqda imponew embargo taż-żejt kontra stati li fl-opinjoni tagħhom kienu qed jappoġġjaw lil Israel fil-gwerra msejħa tal-Yom Kippur. Dan l-embargo kien wassal għal żieda fenominali fil-prezzijiet tal-enerġija u *fuels*.

417 *Ibid.*

418 KFE Minuti, Seduta tas-6.iii.1974.

iż-żieda, ma setgħux jiggarantixxu l-istess ammont ta' nar bħas-snin ta' qabel. L-Arċipriet Frendo, konsapevoli tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kumitat Festi Esterni kif ukoll tal-ispejjeż tad-dilettanti tan-nar, offra li joħroġ Lm100 minn butu sabiex il-kontribuzzjoni titla' għal Lm350.[419] Delegazzjoni mill-Kumitat Festi Esterni kienet iltaqgħet mad-dilettanti tan-nar sabiex tissottometti din il-proposta. Ir-risposta tad-dilettanti tan-nar kienet waħda netta: "*jew Lm500 jew xejn*".[420] Wara li ddiskuta l-pożizzjoni meħuda mid-dilettanti tan-nar, il-Kumitat aċċetta li l-kontribuzzjoni titla' għal Lm500 fis-sena. Sabiex jagħmlu tajjeb għal din iż-żieda, il-membri qablu li jżidu żewġ lotteriji oħra. B'sorpriża għall-Kumitat, id-dilettanti tan-nar, filwaqt li aċċettaw iż-żieda kif mitluba minnhom, bdew jitolbu ħlas addizzjonali għall-musketteriji u logħob tan-nar ieħor.[421] Ir-reazzjoni tal-Arċipriet u l-membri kienet waħda ta' rabja, iżda fl-aħħar is-sens komun ipprevala u d-dilettanti tan-nar aċċettaw il-kontribuzzjoni, waqt li wiegħdu li jipprovdu l-istess ammont ta' nar bħas-snin ta' qabel. Il-festa tas-sena 1975 kienet għalhekk iċċelebrata fil-kwiet u l-armonija bħas-snin ta' qabel. Sfortunatament, kien hemm xi nies li ma ħamlux dan u bdew ikebbsu n-nar tal-kwistjonijiet.

Il-festa dik il-ħabta kienet tkun iċċelebrata qrib l-ewwel Ħadd ta' Ġunju. Il-festa tal-1976 kienet għalhekk iffissata għall-Ħadd, 30 ta' Mejju. Ftit jiem qabel il-Milied, id-dilettanti tan-nar ikkomunikaw mal-Kumitat fejn għarrfuh li jridu li l-festa timxi għall-aħħar Ħadd ta' Ġunju[422]. Il-Kumitat Festi Esterni informa lid-dilettanti tan-nar li dan ma kienx possibbli għal numru ta' raġunijiet, kollha raġunijiet validi. Sfortunatament, kien hemm min beda jwebbes rasu u d-dilettanti tan-nar għarrfu lill-Arċipriet li huma ma kinux ser jaħdmu nar għall-festa ta' dik is-sena.[423] Quddiem dan l-att

419 *Ibid.,* Seduta tal-1.iii.1975.
420 *Ibid.,* Seduta tat-12.iii.1975.
421 *Ibid.,* Seduta tat-18.iii.1975.
422 *Ibid.,* Seduta tal-20.xii.1975.
423 *Ibid.,* Seduta tal-4.ii.1976.

ta' suppervja, l-Arċipriet talab li jingħata lura l-imfietaħ tal-post tan-nar (mibni fuq proprjetà tal-parroċċa) u tal-każin tan-nar, ukoll proprjetà tal-parroċċa. Id-dilettanti tan-nar min-naħa tagħhom, ittrasformaw ruħhom f'għaqda u rrifjutaw li jikkonsenjaw l-imfietaħ. Iż-żewġ partijiet issa kienu ħadu pożizzjoni ta' battalja. Il-Kumitat Festi Esterni b'mod unanimu appoġġja d-deċizjoni tal-Arċipriet li jittieħdu passi legali sabiex il-parroċċa tirkupra l-proprjetà tagħha.

Il-Kumitat Festi Esterni minnufih beda l-preparamenti sabiex jikkummissjona n-nar tal-festa għal dik is-sena (l-1976). Id-deċiżjoni tal-Kumitat Festi Esterni, li xorta jagħmel il-festa u jikkummissjona n-nar minn Ħaż-Żebbuġ, jidher li ħassret il-pjanijiet ta' xi wħud li f'qalbhom żgur ma kellhomx il-ġid tal-festa. Sabiex dawn il-persuni jippruvaw jilħqu l-għan malinn tagħhom, bdew jibagħtu ittri anonimi lid-dilettanti tan-nar Żebbuġin, jhedduhom li ser itajrulhom il-kamra tan-nar.[424] Ittra simili ntbagħtet lill-Banda San Ġorġ u lil ċerti bandisti tal-post fejn dawn ġew mhedda li jekk il-banda tieħu sehem fil-Ġimgħa l-Kbira u l-festa, il-bandisti ser ikunu msawta.[425] Fid-djar tal-parroċċa bdew ukoll jitqassmu karti bi kliem intenzjonat li jkebbes il-firda u l-inkwiet.[426]

Il-pressjoni fuq il-membri tal-Kumitat Festi Esterni kienet waħda kbira. Numru ta' soċi fi ħdan il-Banda San Ġorġ Martri kienu ressqu petizzjoni sabiex dawk il-membri tal-Kumitat tal-Banda li kienu wkoll membri tal-Kumitat Festi Esterni jitkeċċew mill-Kumitat tal-Banda.[427] Il-Kumitat tal-Banda kien warrab din il-petizzjoni għaliex ħass li pass bħal dan kien ser idaħħal lill-banda fil-kwistjoni. Minflok, il-Kumitat tal-Banda San Ġorġ ħa d-deċiżjoni li jidħol medjatur bejn l-Arċipriet u l-Għaqda tan-Nar. Il-medjazzjoni tmexxiet mill-President tas-Soċjetà, is-Sur Victor

424 *Ibid.*, Seduta tat-12.iv.1976.
425 Bugeja J.A. (2014), 236.
426 KFE Minuti, Seduta tat-22.iii.1976.
427 Bugeja J.A. (2014), 238.

Formosa. Fuq l-inizjattiva tas-Sur Formosa ġiet organizzata laqgħa li għaliha attendew il-partijiet kollha. Sfortunatament, minħabba l-kburija u l-aġendi personali ta' xi wħud, din il-laqgħa konċiljatorja ma rrendiet ebda progress. Is-Sur Formosa għalhekk biddel it-tattika u beda jiltaqa' separatament mal-partijiet fil-kwistjoni. Dawn il-laqgħat jidher li ħallew ir-riżultat mixtieq u, nhar id-19 ta' Mejju 1977, kien intlaħaq ftehim bejn l-Arċipriet, il-Kumitat Festi Esterni u l-Għaqda tan-Nar.



***Dilettanti tan-nar bidu tas-snin Sebgħin***
***Ritratt: Għaqda tan-Nar 23 t'April***

Fl-eqqel tal-kwistjoni tan-nar, l-Arċipriet Frendo beda jistinka u kiseb id-dritt li l-purċissjoni titulari tkun akkumpanjata minn banda. Il-Kumitat Festi Esterni għalhekk ħaseb sabiex jikkummissjona banda sabiex din iddoqq quddiem l-istatwa titulari. Dan id-dritt ġdid ħoloq problema oħra: x'innijiet kienu ser jindaqqu? Dik il-ħabta, l-uniċi żewġ innijiet għad-dispożizzjoni tal-Kumitat Festi Esterni kienu l-Innu Popolari u l-innu ta' Rafel Muscat. Grazzi għall-intervent tas-Sur Emmanuel Cremona, il-Kumitat irċieva b'self, mingħand il-banda ċittadina numru ta' innijiet

iddedikati lil San Ġorġ. L-ewwel banda li daqqet quddiem l-istatwa titulari kienet il-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem.



***Pjazza San Franġisk armata għall-festa. Jidhru l-pedestalli tal-anġli li kienu jintramaw f'tarf il-pjazza***
***Ritratt: Arkivju Banda San Ġorġ***

Waqt li f'Ħal Qormi kienet qed tħeġġeġ il-kwistjoni tan-nar, feġġet fuq ix-xefaq kwistjoni oħra li nkwetat mhux ftit lid-dilettanti tal-festa. Il-Gvern kien ippropona regolamenti, li minbarra li jipprojbixxu li jsiru festi matul il-ġimgħa, il-festi esterni kellhom ikunu limitati għas-Sibt u l-Ħadd biss. Numru ta' każini tal-baned u prokuraturi tal-festa kienu ħadu d-deċizjoni li, jekk dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ, il-festi ma jsirux. Il-Banda San Ġorġ Martri ddeċidiet li ma tiħux sehem fil-festa waqt li l-Kumitat Festi Esterni ddeċieda li jnaqqas drastikament il-festi esterni. Dawn il-passi kienu ser jagħtu daqqa ta' ħarta lill-festi. Il-*Malta Band Clubs Association* għamlet numru ta' laqgħat mal-Gvern li fortunatament wasslu biex tinstab soluzzjoni sodisfaċenti. Sar qbil illi l-festi esterni setgħu jkomplu jsiru matul il-ġimgħa b'restrizzjonijiet fuq il-ħinijiet matul il-ġimgħa, li

l-purċissjonijiet kellhom jibdew isiru biss fil-ġranet tas-Sibt jew Ħadd, waqt li marċijiet oħra matul is-sena mhux relatati mal-festa ma kinux ser jingħataw permess ħlief jekk isiru s-Sibt u l-Ħadd.[428] Konsegwenza ta' dawn ir-regolamenti, il-festi esterni fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika ma baqgħux isiru.

Ir-riżoluzzjoni tal-kwistjoni tan-nar kienet l-epilogu tal-parrokat ta' Dun Ġerald Frendo. Dun Ġerald mexxa l-parroċċa u l-Kumitat Festi Esterni fi żminijiet ferm diffiċli. Il-karattru dominanti tiegħu wassluh sabiex kienu bosta dawk li ħabbtu kushom miegħu. Jista' jkun li mhux dejjem kellu raġun u li, bi ftit aktar paċenzja u diplomazija, setgħu ġew evitati ċerti kwistjonijiet. Iżda llum, meta nħarsu lura lejn is-snin ta' tmexxija tiegħu, żgur nikkonkludu li kien il-bniedem tal-Providenza li mexxa l-Kumitat Festi Esterni tul l-akbar maltemp li dan il-Kumitat iffaċċja fl-istorja tiegħu. Fil-memorja kollettiva tal-poplu Qormi, Dun Ġerald jibqa' miftakar bħala Arċipriet li ħabb u żejjen it-tempju dedikat lil San Ġorġ. F'kull rokna ta' dan it-tempju, il-wirt ta' Dun Ġerald ikun iħares lejk. B'rikonoxximent għall-ħidma fejjieda tiegħu, fi tmiem il-parrokat tiegħu l-għaqdiet kollha tal-parroċċa kienu organizzaw festa kbira.

428 Bugeja J.A. (2014), 239.

## Kapitlu 7

# Entużjażmu Ġdid 1978-1999

*"L-entużjażmu jgħinek issib bibien ġodda, il-passjoni tgħinek tiftaħhom."*[429]

Is-snin Tmenin u Disgħin nisslu entużjażmu ġdid fost il-Ġorġjani riżultat ta' diversi fatturi ewlenin fosthom kienu t-tibdil fil-mod ta' tmexxija u parteċipazjoni akbar mil-lajċi. Id-deċiżjoni tal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi li jillimitaw l-opri ġodda fil-knejjes wasslet ukoll biex id-dilettanti u l-benefatturi jikkonċentraw aktar l-isforzi tagħhom fuq il-festi esterni. In-nuqqas tal-festa kaġun ta' diżgrazzja tan-nar, wasslet lill-Ġorġjani japprezzaw aktar il-festa tagħhom. Dan kollu wassal sabiex il-fjamma tal-entużjażmu u l-ħeġġa li kienet qed tnemnem fi qlub il-Ġorġjani tivvampja u tinbidel f'passjoni u dedikazzjoni akbar.

### RIORGANIZZAZZJONI



***Dun Pawl Attard***
***President 1979-1981***

Il-prassi mdaħħla mill-Arċipriet Frendo, li l-arċipriet ikun il-President tal-Kumitat, għalkemm m'hi miktuba mkien, kienet aċċettata mingħajr oppożizzjoni. Għaldaqstant, hekk kif Dun Pawl Attard ħa l-pussess tal-parroċċa fl-1979, huwa awtomatikament beda jkun ikkunsidrat bħala l-President tal-Kumitat Festi Esterni. Sa ftit snin qabel, il-persuni attivi fil-Kumitat tal-Festa kont tgħoddhom fuq is-swaba' ta' jdejk. Dun Pawl Attard, konxju tal-kwistjoni kbira li l-parroċċa kienet għadha kemm ħarġet minnha, ħa l-inizjattiva sabiex iwessa' l-parteċipazzjoni fil-Kumitat billi stieden lill-Għaqda tan-

429 Ray T. Bennet: Light in the Hearth (2016)

Nar u l-Banda San Ġorġ Martri sabiex jipparteċipaw fil-laqgħat. F'dawn is-snin, grupp ta' persuni mix-xaqliba tal-Vitorja, fosthom Salvu Mamo, Ġorġ Cutajar, Joe Borg, Pawlu Spiteri, Ninu Agius u Ġeranz Azzopardi, intrigaw sabiex jieħdu ħsieb l-armar ta' dik l-akkwata. Dan il-grupp, fuq l-inizjattiva ta' Ġeranz Azzopardi, ikkonvinċa lill-Kumitat Festi Esterni li, ladarba nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu l-banda tal-parroċċa kienet qed ittemm il-marċ tagħha ħdejn il-Vitorja, ikun xieraq ukoll illi n-nar tal-art ikun armat f'dik l-akkwata. Il-ħeġġa u l-ħidma ta' dan il-grupp wasslu sabiex huma wkoll ikunu mistiedna sabiex jinnominaw żewġ delegati fil-Kumitat Festi Esterni.



In-numru ta' kooperaturi fi ħdan il-Kumitat beda jiżdied ukoll. L-imħabba lejn il-festa bdiet iddakkar il-ġenerazzjoni żagħżugħa. L-aħwa Ġorġ u Charlie Schembri, l-aħwa Carmelo u Ġorġ Fenech, l-aħwa Joe u Ġorġ Mamo (ulied Kola Mamo), Vincent Azzopardi, Joseph Spiteri, Alfred Debono u Karmenu Xerri ngħaqdu ma' Giuseppe Agius, Emidio Mamo, Ġorġ Schembri, Pawlu Sammut u Kola Mamo sabiex jieħdu ħsieb l-armar ta' Triq il-Kbira, Triq Santa Katerina u Triq Anici. Minkejja li Dun Pawl Genovese kien beda xogħol ta' żebgħa u rħamar fuq xi armar, in-nuqqas ta' manutenzjoni, l-abbandun u l-maltemp kienu għamlu l-effett tagħhom fuq il-parti l-kbira ta' dan l-armar, b'mod partikolari l-palk prinċipali.[430] Dan il-palk tant kien fi stat ħażin li għal xi snin ma kienx jintrama u kien hemm min anki beda jaħseb sabiex jitqassam lill-fran għall-ħatab. Fl-ewwel seduta preseduta mill-Arċipriet Attard, Dun Pawl Genovese offra li jintriga mir-restawr ta' dan il-palk antik.[431]

430 KFE Minuti, Seduta tal-15.vii.1976.
431 *Ibid.*, Seduta tas-7.iii.1978.

Fil-bidu tat-Tmeninijiet, apparti t-triq tal-purċissjoni, ftit kienu dawk it-toroq li kienu jkunu armati. It-toroq sekondarji kienu jintramaw frott l-inizjattiva ta' persuna jew numru ta' persuni, x'aktarx tal-post. Eżempju ta' dan kienu Triq il-Kardinal Xiberras u Triq il-Barrakki; tal-ewwel kienet tintrama bil-pavaljuni fuq l-inizjattiva tal-familja Psaila (tal-*Godi*) waqt li l-oħra kienet tintrama bi bnadar fuq l-inizjattiva ta' Ġużeppi Vella (*l-isfar*).[432] Triq Anici, minkejja li kienet tifforma parti mir-rotta tal-purċissjoni, ftit li xejn kienet tintrama. Kien fuq l-inizjattiva ta' Vincent Azzopardi, Ġorġ Saliba u Karmenu Farrugia li din it-triq bdiet tkun armata aħjar. Iżda mhux la kemm wieħed jgħid iżid l-armar. Wieħed ried jaħseb fejn dan kellu jinħażen. L-armar ta' Triq il-Kardinal Xiberras, Triq l-Isqof Scicluna u Triq il-Barrakki kien jinżamm fi djar privati. L-armar l-ieħor kien jinżamm fl-imħażen fil-kustodja tal-Kumitat tal-Festa jew is-sotto-kumitat tal-Vitorja. Dawn il-postijiet kienu jkunu mikrija, bis-sidien sikwit jagħmluha ċara li



***L-ewwel pavaljuni għal Triq Anici***

432 *Ibid.,* Seduta tad-19.ii.1981.

jippreferu jikru dawn l-imkejjen lil ħaddieħor, naturalment b'kera ogħla. Din kienet is-sitwazzjoni li kontinwament kien jiffaċċja s-Sotto Kumitat tal-Vitorja.[433] Postijiet ta' ħażna oħra kienu proprjetà tal-Knisja, iżda dan bl-ebda mod ma kien jiggarantixxi serħan il-moħħ. Hekk ġara fi Frar 1981, meta l-Kunsill Presbiterjali ddeċieda li jiftaħ librerija parrokkjali fil-post fejn il-Kumitat Festi Esterni kien qed jaħżen id-drapp.[434]

## AKTAR BANED FIL-FESTA

Bejn tmiem is-snin Sittin u l-aħħar tas-Sebgħinijiet, is-sehem tal-baned fil-festa kien baqa' l-istess, bil-Banda San Ġorġ Martri tagħti ħames servizzi: nhar il-Ħruġ tal-Vara min-Niċċa, fit-Tieni u l-Aħħar Jum tat-Tridu, nhar Lejlet il-Festa u nhar il-festa filgħodu. Il-Kumitat Festi Esterni min-naħa tiegħu kien jikkummissjona numru ta' baned għal nhar il-festa filgħaxija. Fil-bidu tat-tmeninijiet, il-Kumitat Festi Esterni kien qiegħed isibha ferm diffiċli li jsib baned li jaċċettaw li jagħmlu servizz f'Jum il-Festa. F'sena partikolari, kienu avviċinati xejn anqas minn 22 banda u, minn dawn kollha, tnejn biss kienu aċċettaw l-istedina.[435] Il-problema prinċipali jidher li kienet il-ħlas li l-Kumitat Festi Esterni kien qiegħed joffri. Kien biss grazzi għall-interventi ta' Abel Mizzi,[436] surmast Qormi ta' diversi baned, li l-Kumitat Festi Esterni rnexxielu jikkummissjona it-tliet baned għal-Jum il-Festa.[437] Ġużeppi Vella (*l-Isfar*), persuna ferm ħabrieka, kien ħa l-inizjattiva sabiex jiġbor il-flejjes meħtieġa sabiex jikkummissjona banda oħra għal Jum il-Festa, biex tagħti s-servizz tagħha fi Triq Anici. Vella jidher li kien jaf sew l-id magħluqa tal-Kumitat u għalhekk ħa ħsieb li

433 *Ibid.*, Seduta tat-28.viii.1980.

434 *Ibid.*, Seduta tad-19.ii.1981. Oriġinarjament, qabel saru n-niċeċ għall-vari tal-Ġimgħa Mqaddsa fis-sagristija l-qadima tal-knisja parrokkjali fi żmien l-Arċipriet Frendo, f'dan il-post kienu jinżammu dawn l-istatwi u kien magħruf bħala *Tal-Misteri*, billi hekk kienu jirreferu għalihom l-antenati Qriema.

435 KFE Minuti, Seduta tal-11.v.1981.

436 *Ibid.*, Seduta tal-5.iii.1981.

437 Ħafna drabi l-Banda San Ġorġ kienet tidħol fi ftehim ta' reċiproċità ma' banda oħra, fejn il-banda barranija kienet taċċetta li ddoqq fil-festa bil-prezz baxx offrut mill-Kumitat Festi Esterni, bil-kundizzjoni li l-Banda San Ġorġ iddoqq fil-festa ta' dik il-banda bl-istess prezz.

jinnegozja hu stess mal-banda barranija. Dan l-atteġġjament jidher li kien urta xi ftit lil xi membri tal-Kumitat Festi Esterni.[438] Grazzi għall-intervent tal-Arċipriet Attard, is-Sur Vella kien mistieden sabiex huwa wkoll jibda jifforma parti mill-Kumitat Festi Esterni. Żeppi Vella, apparti li kien jieħu ħsieb il-ġbir għar-raba' banda fil-festa, kien jieħu ħsieb l-armar ta' Triq il-Barrakki u Triq San Pietru, kif ukoll jikkontribwixxi sostanzjalment għall-banda barranija li kienet tkun ikkummissjonata biex iddoqq quddiem il-vara ta' Kristu fl-Ort fil-Ġimgħa l-Kbira.[439] Minkejja dawn l-impenji kollha, Vella daħal għal impenn ieħor, dak li jikkummissjona banda nhar l-Ewwel Jum tat-Tridu.



Fl-1929 u l-1930, meta Ħal Qormi kien għad hawn parroċċa waħda, wara qbil bejn iż-żewġ baned Qormin (Pinto u San Ġorġ), sehem dawn il-baned kien infirex għall-Ewwel u t-Tieni Jum tat-Tridu.[440] Il-kwistjoni dwar il-ħlas għall-illuminazzjoni spiċċat biex qatlet din l-inizjattiva fin-nieqa tagħha. Fl-1978, Lawrence Agius, dak iż-żmien l-Kaxxier tal-Banda San Ġorġ, beda jaħdem fuq il-ħsieb ta' baned fil-jiem kollha tal-festa. Sfortunatament, is-Sur Agius ma rax il-ħolma tiegħu titwettaq għax miet f'qasir il-għomor.[441] Iżda s-Sur Agius kien webbel lil Żeppi Vella u lill-aħwa Mula b'din l-idea. Vella permezz tal-ġbir u l-aħwa Mula minn buthom, ikkummissjonaw

438 KFE Minuti, Seduta tad-9.viii.1979.

439 Għall-banda ta' quddiem l-Ort kienu jħabirku wkoll Salvu Debono u Ġużeppi Agius.

440 KFE, Programmi Tal-Festa 1929 u 1930.

441 Bugeja J.A. (2014), 247.

żewġ baned sabiex jagħtu s-servizz tagħhom nhar it-Tlieta tal-festa u nhar l-Ewwel Jum tat-Tridu. Il-baned mistiedna kienu l-Banda Lourdes tal-Qrendi (imħallsa mill-aħwa Mula) u l-Banda Mount Carmel tal-Gżira (miġbura minn Żeppi Vella).[442] Interessanti hu l-fatt li hekk kif il-banda kkummissjonata minn Żeppi Vella waslet quddiem il-kappella ta' Santa Katerina, din laqgħet statwa ta' San Ġorġ (proprjetà ta' Vella stess) li ttieħdet f'dimostrazzjoni mat-toroq tal-parroċċa. Din kienet l-ewwel darba li saret dimostrazzjoni bi statwa ta' San Ġorġ nhar l-Ewwel Jum tat-Tridu. Mis-sena ta' wara (1981), il-Kumitat Festi Esterni stess beda jieħu ħsieb l-ikkummissjonar tal-baned f'dawn il-jiem. Inizjattiva oħra ta' Żeppi Vella kienet l-introduzzjoni ta' marċ wara d-dħul tal-purċissjoni bil-vara titulari.

It-tkabbir fis-sehem tal-baned li seħħ fl-1981 ma kienx wieħed każwali. Dik is-sena, il-parroċċa fakkret il-250 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali mill-Isqof Alferan de Bussan. Bħala parti minn dawn



***It-tberik tal-bankun il-ġdid għall-istatwa titulari***

442 Peress li dawn il-baned ma kinux ikkummissjonati mill-Kumitat Festi Esterni, ma ġewx inklużi fil-programm tal-festa ta' dik is-sena (1980).

il-festi, nhar it-22 ta' Ġunju kienet ittellgħet akkademja mużiko-letterarja li l-qofol tagħha ntlaħaq meta Monsinjur Vincent Borg għarraf lill-poplu Qormi bis-sejba tiegħu li l-vara titulari kienet xogħol il-Qormi Pietru Felici.[443] Il-festi kbar li saru fl-1981 u l-fatt li sar magħruf l-iskultur li naqqax l-istatwa titulari, xprunaw lil Salvu Debono, eks membru ħabrieki tal-Kumitat, sabiex, flimkien ma' numru ta' Qriema oħra, jinbeda l-ġbir tal-fondi meħtieġa ħalli jsiru bradella u bankun ġodda għall-istatwa titulari. Dan il-proġett kien ilu jberren f'moħħ il-Qriema, tant li fl-1980 Ġorġ Mamo kien ippreżenta d-disinn ta' dan il-bankun u l-bradella lill-Kumitat, li iżda , minħabba prijoritajiet oħra, ma setax jimbarka fuq proġett bħal dan.[444]

#### TRAĠEDJA U S-SEHEM MILL-ĠDID TAL-BANDA PINTO



*Il-ħerba li ħalliet warajha l-isplużjoni tal-kamra tan-nar*

Il-festi speċjali tas-sena 1981 kienu xegħlu entużjażmu ġdid. Iż-żieda ta' żewġ baned li bdew jgħaddu minn toroq fil-periferija tar-raħal, xprunat lir-residenti sabiex jibdew huma wkoll jarmaw it-toroq tagħhom. Il-preparamenti għall-festa tas-sena 1982 kienu fl-aqwa tagħhom. Il-piroteknići Qriema kienu qed jaħdmu fuq programm kbir ta' logħob tan-nar. Dawn il-preparamenti ntemmu ħesrem hekk kif, nhar is-17 ta' Mejju 1982, għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija, Ħal Qormi theżżeż bl-isplużjoni tal-kamra tan-nar. Dakinhar tilfu ħajjithom Nenu Zammit u Twanny Cefai, waqt li Ġużeppi Agius kien ferut gravement u kien fil-periklu tal-mewt tant li miet ftit jiem wara.

443 Grima J.F. (2003), 140.
444 KFE Minuti, Seduta tal-5.v.1980.

Dakinhar stess tlaqqa' l-Kumitat Festi Esterni sabiex jorganizza l-funeral tal-ewwel żewġ vittmi. Waqt din il-laqgħa kien intervjena l-Onorevoli Ġorġ Hyzler li ppropona li l-funeral isir miż-żewġ parroċċi.[445] Din il-proposta kienet milqugħa minnufih u l-Kumitat Festi Esterni stieden lill-Banda Pinto sabiex, flimkien mal-banda tal-parroċċa, hi wkoll tieħu sehem fil-korteo funebri li kellu jibda minn quddiem il-knisja ta' San Sebastjan. L-istedina ntlaqgħet u l-Banda Pinto ħadet sehem fiż-żewġ funerali.[446]



***Il-Funeral tal-vittmi tan-nar***
***Ritratt: Arkivju Banda San Ġorġ***

L-intervent tal-Onorevoli Hyzler ma kienx wieħed każwali. Fis-sena 1979 kienu nqalgħu numru ta' inċidenti fil-festi titulari u, għalhekk, il-kumitati taż-żewġ baned kienu bdew jiltaqgħu ħalli jaraw kif inċidenti simili jkunu evitati.[447] Wara diversi laqgħat, ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ baned tjiebu tant li, waqt laqgħa li saret nhar l-4 ta' Mejju 1982 (tlettax-il jum qabel id-diżgrazzja tan-nar), il-Banda San Ġorġ kienet mistiedna sabiex iddoqq fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-knisja l-ġdida ta' San Sebastjan.[448] Ħamest ijiem wara kien intlaħaq ftehim li ż-żewġ baned idoqqu fil-festi ta' xulxin fuq bażi ta' reċiproċità. Dan il-ftehim kien ratifikat f'Ottubru tal-istess sena waqt laqgħa bejn ir-rappreżentanti taż-żewġ baned, il-Kumitat Festi Esterni u

445 *Ibid.*, Seduta tas-17.v.1982.
446 Billi Ġużeppi Agius miet ftit jiem wara, kellu jsir funeral ieħor billi Nenu Zammit u Twanny Cefai kienu diġà ndifnu.
447 Bugeja J.A. (2014), 257.
448 *Ibid.*, 258.

l-Kappillan tal-Parroċċa San Sebastjan. F'din l-laqgħa, il-Kappillan tal-Parroċċa San Sebastjan, kien stieden lill-Banda San Ġorġ Martri biex iddoqq f'Jum il-Festa ta' San Sebastjan waqt li l-Kumitat Festi Esterni stieden lill-Banda Pinto biex iddoqq fil-festa ta' San Ġorġ. Hekk wara nuqqas ta' aktar minn tletin sena, il-Banda Pinto reġgħet bdiet tieħu sehem fil-festa ta' San Ġorġ.

## ĦEĠĠA IKBAR

Il-ħames snin ta' wara d-diżgrazzja tan-nar kienu snin li fihom il-festa ta' San Ġorġ esperjenzat rinaxximent. Bosta kienu dawk li bdew jieħdu l-inizjattiva sabiex jibdlu l-armar tat-triq tagħhom. F'Lulju tas-sena 1981, kien inbeda x-xogħol fuq ir-restawr tal-armar ta' Triq il-Vitorja.[449] Alfred Debono u Joe Attard bdew jirsistu sabiex isiru pavaljuni ġodda għal din it-triq kif ukoll għal Triq Santa Katerina.[450] Ir-residenti ta' Triq il-Kbira u Triq



***Wieħed mill-pavaljuni ta' Triq Santa Katerina mżanżna fis-sena 1983***

449 KFE Minuti, Seduta tat-28.vii.1981.
450 *Ibid.*, Seduta tal-24.vi.1982.

Pinto nidew skemi ta' ġbir sabiex jinħadmu settijiet ta' pavaljuni ġodda għal dawn it-toroq ukoll.[451] Ġużeppi Bartolo (l-Għawdxi), flimkien ma' grupp ta' residenti fi Triq San Ġorġ, ħadu l-inizjattiva sabiex mhux biss iżejnu t-triq tagħhom bil-pavaljuni u t-trofej, iżda wkoll bdew jikkummissjonaw nar tal-art għall-Ewwel Jum tat-Tridu. Bi qbil bejn il-Kumitat tal-Festa u dawn ir-residenti, il-marċ tal-Ewwel Jum tat-Tridu beda jintemm f'din l-akkwata.[452]

Il-ħeġġa tal-parruċċani ma kinitx limitata biss għall-armar tal-festa. Il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira kien qiegħed jaħdem bis-sħiħ sabiex jibdel numru ta' vari waqt li jirrestawra oħrajn. Dun Mikiel Zammit daħal għall-proġett sabiex issir iz-zokklatura tal-irħam madwar il-knisja. Għal dan l-proġett, il-Kumitat tal-Festa kkontribwixxa s-somma ta' Lm420, somma li kopriet iz-zokklatura tal-pilastru biswit l-artal maġġur.[453] Dun Mikiel Zammit u Dun Pawl Genovese kienu wkoll qed jaħdmu fuq ir-restawr tal-palk prinċipali.

Il-Kumitat Festi Esterni, sabiex ikabbar il-briju wera x-xewqa li jsir innu marċ ġdid. Dun Pawl Genovese kien avviċinat biex jikteb il-versi waqt li Mro. Archibald Mizzi kien inkarigat mill-mużika.[454] Bħalma jiġri dejjem, l-oppożizzjoni u l-kritika ma naqsux: min jgħid li mhux sew li dan l-innu jibda jindaqq fil-knisja, min deherlu li dan ser inaqqas mill-importanza tal-Innu Popolari u min qal li l-mużika ma togħġbux. Minkejja dan iżda, il-Kumitat tal-Festa xorta baqa' għaddej bil-pjan tiegħu u, meta semgħu dan l-innu marċ jindaqq fuq il-pjanu, il-membri preżenti kellhom kummenti ferm pożittivi. Tal-istess opinjoni kien Mro Joseph Vella, li kien intalab jagħti parir fuq dan l-innu marċ ġdid.[455] Dan l-innu marċ ġdid beda jkun magħruf bl-ewwel kliem tar-ritornell tiegħu, *Ġorġ Tagħna*. Sabiex dan

451 *Ibid.*, Seduta tad-19.viii.1982.
452 *Ibid.*, Seduta tat-23.viii.1983.
453 *Ibid.*, Seduta tal-21.x.1982.
454 *Ibid.*
455 KFE Minuti, Seduta tat-23.xi.1982.

l-innu jkun popolarizzat, bi ftehim mal-Banda San Ġorġ Martri, dan l-innu ġie inkluż f'mużiko-kassetta (*cassette recording*) li nħarġet bi sħab bejn il-Kumitat Festi Esterni u l-Banda San Ġorġ Martri.[456] Il-Kumitat Festi Esterni ħa ħsieb li ma' dan il-każett jitqassam opuskolu (*brochure)* b'informazzjoni fuq l-istatwa titulari, waqt li l-kliem ta' dan l-innu marċ ġie riprodott fuq il-programmi kollha tal-festa. L-innu *Ġorġi Tagħna* ndaqq l-ewwel darba fil-festa tas-sena 1983.

Il-festa tas-sena 1984 kienet waħda speċjali, hekk kif il-parroċċa fakkret l-erba' mitt sena mill-bidu tal-bini tal-knisja u s-Sbatax-il Ċentinarju mit-twelid tal-qaddis patrun. Sabiex ifakkar dawn l-anniversarji l-Kumitat Festi Esterni flimkien mal-Kunsill Presbiterali, ħejja programm vast mifrux fuq ħmistax-il jum. Ix-xogħol fuq ir-restawr tal-palk kien lest u din l-opra kienet ġiet inawgurata mill-ġdid nhar l-1 ta' Lulju, bi programm mużikali mill-Banda San Ġorġ Martri.[457] Il-Kumitat kien ħaseb ukoll sabiex ifakkar dan l-avveniment permezz ta' grupp statwarju ġdid li kellu jintrama fuq iz-zuntier.[458] Sfortunatament, l-artist inkarigat ma lestiex fil-ħin u għalhekk il-Kumitat Fesi Esterni kien kostrett jikkanċella din il-kummissjoni.



***1 ta' Lulju 1984***
***Inawgurazzjoni tal-palk prinċipali***

456 *Ibid.*
457 KFE Minuti, Seduta tat-28.ii.1984.
458 *Ibid.*, Seduta tat-28.vii.1983.



*4 ta' Mejju 1986 - Il-marċ fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-post tan-nar*

Minkejja li fl-oqsma tal-baned u l-armar kien qiegħed ikun reġistrat progress kbir, il-festa kien jonqosha l-element tan-nar. Wara d-diżgrazzja tal-1982, id-dilettanti tan-nar ma kellhomx post fejn jipprattikaw in-namra tagħhom. Ħafna minnhom b'sagrifiċċju kbir, kienu jaħdmu n-nar ġo fabbriki tan-nar imbiegħda. Il-Kumitat Festi Esterni min-naħa tiegħu, apparti l-għajnuna finanzjarja lil dawn id-dilettanti, kien jikkummissjona n-nar tal-art tal-Aħħar Jum tat-Tridu u ta' Lejlet il-Festa. Il-pirotekniċi Qriema kienu applikaw sabiex jingħataw permess li jibnu mill-ġdid il-fabbrika tan-nar tagħhom. F'dan il-proċess iltaqgħu ma' diversi intoppi, fosthom li kellhom iwaqqfu għaqda li jkollha s-sede tagħha. Għal dan il-għan, fl-1985 dawn id-dilettanti waqqfu l-Għaqda tan-Nar 23 t'April. Bħala sede huma xtaqu li jużaw il-post numru 10 f'Triq il-Kbira,[459] post li kien amministrat mill-Kumitat Festi Esterni. Il-Kumitat Festi Esterni aċċetta din il-proposta u b'hekk, din l-għaqda tan-nar ġdida bdiet tiffunzjona minn dan il-post.[460] Ladarba kienet iffurmata l-Għaqda u kellha s-sede uffiċjali, il-proċess għall-ħruġ tal-permess seta' jissokta.

Fis-sena 1985, il-Fratellanza tar-Rużarju fakkret il-125 anniversarju mill-wasla tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju preżenti. Bħala parti minn

459 Fatt interessanti huwa li f'dan l-post twaqqfu l-Każin San Ġorġ (1872), il-Banda San Ġorġ Martri (1893), il-Kumitat Festi Esterni (1919) u issa l-Għaqda tan-Nar.

460 KFE Minuti, Seduta tat-30.xi.1984.

dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, il-purċissjoni ta' dik is-sena saret bis-sehem tal-banda tal-parroċċa. Waqt id-dħul ta' din il-purċissjoni, waslet l-aħbar li l-Għaqda tan-Nar 23 t'April kienet ingħatat il-permessi meħtieġa biex tibni mill-ġdid il-post tan-nar tagħha. Ix-xogħol fuq il-post tan-nar il-ġdid mexa b'ħeffa kbira tant li seba' xhur wara, eżattament nhar l-4 ta' Mejju 1986, kien inawgurat. Għal din l-okkażjoni l-Banda San Ġorġ Martri, akkumpanjata minn numru kbir ta' dilettanti tal-festa, kienet għamlet marċ sa quddiem il-post tan-nar. Dik is-sena wkoll, l-Għaqda tan-Nar 23 t'April kienet żanżnet innu ġdid, versi ta' Ġorġ Bianchi u b'mużika ta' Mro Archibald Mizzi.

Tul is-snin, il-Kumitat Festi Esterni dejjem sab sostenn konkret fil-Kumpanija Teatrali Anici. Fil-bidu tas-snin Tmenin, din il-kumpanija teatrali kienet ferm attiva b'serati kważi kull nhar ta' Ħadd, fis-sajf fil-bitħa tal-Każin San Ġorġ u fix-xitwa fl-Oratorju Festiv Sagra Familja. F'dawk is-snin ukoll, il-kumpanija Anici, għal tliet snin konsekuttivi, kienet organizzat il-*Qormi Song Festival*. Fis-sena 1986, il-Kumpanija Anici ċċelebrat il-50 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Sabiex tfakkar dan l-avveniment, din il-kumpanija teatrali organizzat akkademja mużiko-letterarja bis-sehem tal-banda tal-parroċċa. Sfortunatament, is-sena 1986 kienet ukoll is-sena li rat lill-Kumpanija Teatrali Anici tnaqqas mill-attività tagħha. F'dik is-sena, inbeda xogħol strutturali fl-Oratorju Sagra Familja. Minħabba dawn ix-xogħlijiet, il-kumpanija kellha twaqqaf ir-rappreżentazzjonijiet tagħha. Ix-xogħlijiet fl-Oratorju Festiv karkru għal numru ta' snin, bl-attività ta' din il-kumpanija teatrali dejjem tonqos u kważi tgħib. Sfortunatament, in-nuqqas ta' apprezzament lejn il-patrimonju teatrali Qormi wassal sabiex l-arkivju tad-drammi u buzzetti, flimkien max-xenarji li kienu miżmuma fl-Oratorju Sagra Familja, inqerdu kważi għal kollox.

Ħidmet il-Kumitat Festi Esterni b'risq il-festa ta' San Ġorġ, minkejja d-diversi diffikultajiet, bdiet tilħaq l-għanijiet tagħha. Minkejja dan l-avvanz, xi wħud kienu kritiċi speċjalment għall-ftehim li kien intlaħaq bejn il-baned taż-żewġ parroċċċi li, permezz tiegħu, ma baqgħux jindaqqu ċerti marċi insolenti. Meta dawn il-ftit persuni raw li l-għajta tagħhom ma kinitx mismugħa la mill-banda u wisq anqas mill-Kumitat Festi Esterni, dawn ħadu l-inizjattiva sabiex Lejlet il-Festa filgħodu tinġieb banda sabiex tagħmel marċ in-naħa tal-Vitorja li fih riedu li jindaqqu l-marċi li riedu dawn il-persuni.[461] Dan il-pjan sfaxxa fix-xejn hekk kif il-Kumitat tal-Festa u l-Arċipriet għamluha ċara li l-baned li jieħdu sehem fil-festa jkunu dawk ikkummissjonati mill-Kumitat Festi Esterni. L-aġir kontra l-Kumitat tal-



***Is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas***

461 KFE Minuti, Seduta tas-6.x.1983.

Festa u l-banda tal-parroċċa wassal għal kwistjoni oħra, dik dwar il-festa tal-Madonna tal-Ħlas.

Lejn l-bidu tas-snin Tmenin, il-kappella tal-Madonna tal-Ħlas għaddiet f'idejn il-patrijiet Benedittini. Il-kappella bdiet tkun amministrata minn raħeb Benedittin li kien ukoll jgħammar fil-post, filwaqt li persuna lajka kienet tieħu ħsieb il-ħtiġijiet materjali ta' din il-kappella.[462] Tul is-sentejn ta' wara, kien intlaħaq ftehim sabiex il-Kumitat Festi Esterni jorganizza fiera marbuta mal-festa ta' din il-kappella. Ġara iżda, li wħud minn dawk il-persuni wara l-idea tal-marċ ta' Lejlet il-Festa filgħodu, issieħbu mal-persuna inkarigata mill-kappella tal-Ħlas u ddeċidew li jorganizzaw il-fiera huma. Tnejn minn dawn il-persuni saħansitra daħlu fil-kappella ta' Santa Katerina u minn hemm ħadu armar proprjetà tal-Kumitat Festi Esterni sabiex jarmawh għal din il-festa.[463] Il-Kumitat Festi Esterni minnufih ħa l-passi neċessarji biex jikseb lura dan l-armar. Membri tal-Kumitat irħewlha lejn din il-kappella u, fost l-insulti ta' dawk preżenti, żarmaw u ħadu dak l-armar lura lejn l-imħażen.

Il-kwisjoni kompliet tikkarga hekk kif, waqt li l-Kumitat Festi Esterni organizza l-fiera fix-xaqliba ta' Fuq tal-Blat, dan il-grupp ta' persuni, fl-istess jum organizza l-festa tal-Madonna tal-Ħlas. Għall-festa tal-Ħlas dan il-grupp ta' persuni kkummissjona lill-Banda San Pietru fil-Ktajjen ta' Birżebbuġa sabiex tagħmel marċ mat-toroq ta' Ħal Qormi u b'inkejja għaddew il-marċ minn quddiem il-Każin tal-Festa. Persuna partikolari saħansitra kkummissjonat statwa proċessjonali ta' Marija Assunta sabiex tibda tintuża fil-festa tas-sena ta' wara.[464] Il-Kumitat Festi Esterni xamm li, jekk din il-kwistjoni ma tinqatilx fin-nieqa, din ser tikber u tkun ta' ħsara kbira għall-parroċċa. Għal dan il-għan, il-Kumitat Festi Esterni kiteb lill-Kunsill Presbiterali, lill-Banda San Ġorġ Martri u lill-Għaqda

462 *Ibid.*, Seduta tas-6.x.1981.

463 *Ibid.*, Seduta tas-27.viii.1984.

464 Kien sar depożitu ma' statwarju Għawdxi.

tan-Nar fejn talab li din il-kappella terġa' tibda taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Parroċċa San Ġorġ. Il-Kunsill Presbiterali, ippresedut minn Dun Lawrenz Zammit dak iż-żmien membru wkoll tal-Kumitat Festi Esterni) qabel mal-pożizzjoni meħuda mill-Kumitat tal-Festa u ressaq l-ilment mal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi. Din l-azzjoni wasslet sabiex il-kappella tal-Madonna tal-Ħlas, kif mixtieq mill-maġġor parti tal-poplu Qormi, għaddiet f'idejn l-Arċipriet tal-Parroċċa San Ġorġ. Il-festa tal-Madonna tal-Ħlas mill-ġdid bdiet tkun organizzata mill-Kumitat Festi Esterni u bis-sehem tal-Banda San Ġorġ Martri.

### L-AĦĦAR SNIN TAL-ARĊIPRIET EDGAR ATTARD



*Wieħed mit-trofej restawrati mid-dilettanti ta' Triq Anici*

Il-perjodu bejn l-1985 u l-1987 kien żmien fejn il-Kumitat Festi Esterni kompla jifrex il-ħidma tiegħu. Issa l-parroċċa kellha l-fabbrika tan-nar tagħha u għalhekk dak l-element kruċjali tal-festa Maltija issa wkoll reġa' kien jinsab fil-festa ta' San Ġorġ. Il-Kumitat Festi Esterni, issa li tneħħa minn fuqu l-fardell tal-kummissjoni tan-nar, beda jikkonċentra aktar fuq l-armar tal-festa. F'dan il-perjodu, inbeda x-xogħol fuq il-bdil tad-drapp kollu ta' Triq il-Kbira, u settijiet ta' pavaljuni ġodda għal Triq l-Isqof Scicluna u Triq Pinto.[465] F'dan il-perjodu wkoll, grupp ta' residenti minn Triq Anici, immexxija minn Henry Attard u Vincent Azzopardi, waqqfu

465 KFE Minuti, Seduta tal-15.x.1985.

kumitat sabiex jieħu ħsieb l-armar aħjar ta' din it-triq. Il-proġett ta' dawn il-persuni kien jinvolvi r-restawr ta' trofej antiki u l-użu mill-ġdid ta' statwi li kienu fl-imħażen.[466] Din l-inizjattiva ta' dan il-grupp xprunat l-idea li jkun restawrat l-armar l-antik sabiex dan jerġa' jibda jitgawda fil-jiem tal-festa. Il-Kumitat Festi Esterni ħa din il-missjoni ġdida b'serjetà kbira. Fl-1985, beda x-xogħol fuq sett pedestalli u l-anġli tagħhom, sabiex dawn jibdew jintramaw fil-parti ta' Triq il-Kbira magħrufa bħala *Ħdejn l-Abatija.*[467] Xogħol ieħor ta' restawr sar fuq il-pedestalli tat-triq tal-knisja u l-brazzi ta' Pjazza San Franġisk.[468]

L-aħħar nofs tat-Tmeninijiet raw il-festa tkompli tinfirex lejn il-periferiji. Bosta kienu dawk ir-residenti li bdew jieħdu l-inizjattiva li jżejnu t-triq tagħhom. Sabiex ikun hemm koordinament aħjar, minn żmien għal żmien, il-Kumitat Festi Esterni kien ilaqqa' lil dawn il-persuni sabiex jispjegalhom il-proċedura dwar il-kummissjoni tad-dawl u joffri għajnuna fir-rigward



***Triq ir-Rignu - Waħda mit-toroq tal-periferija li bdew jiżżejnu fuq inizjattiva tar-residenti***

466 *Ibid.,* Seduta tal-14.vi.1985.
467 *Ibid.,* Seduta tal-11.xi.1985.
468 *Ibid.,* Seduta tat-18.ii.1986.

ta' disinji għall-armar ġdid.[469] Sabiex ikompli jħeġġeġ lil dawn id-dilettanti fil-periferija, il-Kumitat minn żmien għal żmien kien jibdel ir-rotta tal-marċijiet sabiex b'hekk jilħaq aktar toroq. Hekk ġara fis-sena 1986 meta r-rotot tal-marċi nbidlu sabiex jibdew jilħqu n-naħa ta' Farsina.[470]

Mis-snin Sebgħin, il-festa ta' San Ġorġ bdiet issir fl-aħħar Ħadd ta' Ġunju. Kull erba' snin, din id-data bdiet toħloq problema peress li ħafna drabi bdiet taħbat mal-finali kalċistika tat-Tazza tad-Dinja. Meta kien jinzerta hekk, il-konkorrenza għall-festa kienet tkun fjakka waqt li l-ingaġġar tal-baned kien ikun aktar diffiċli. Fl-1986 din il-problema tfaċċat u l-Kumitat talab biex il-festa tkun trasferita. Fuq proposta tar-rappreżentant tal-Banda San Ġorġ, twaqqfet kummissjoni b'żewġ rappreżentanti minn kull waħda mill-għaqdiet festivi (Kumitat Festi Esterni, l-Għaqda tan-Nar 23 t'April u l-Banda San Ġorġ Martri) sabiex, taħt il-presidenza tal-Arċipriet, isir qbil fuq id-data tal-festa.[471] Din l-inizjattiva kienet iż-żerriegħa li nibbtet il-Kummisjoni Festa.

L-inizjattivi tal-Kumitat Festi Esterni ma kinux limitati biss għal dak li jirrigwarda l-armar u l-baned fil-festa. Il-membri tal-Kumitat, imħeġġa b'amor proprju lejn dak kollu li hu Qormi, kienu minn żmien għal żmien iħeġġu lill-Kumitat sabiex jieħu inizjattivi ħalli jkun salvagwardjat u jitgawda aħjar il-patrimonju komuni tal-Qormin. Fost dawn l-inizjattivi nsibu r-restawr tal-istatwa ta' San Ġorġ li tinsab fi Triq San Sebastjan,[472] l-introduzzjoni mill-ġdid tal-mużika tas-surmast Giuseppe Camilleri fil-Festa Liturġika u sussegwentement fil-jiem tal-festa,[473] u l-bdil tal-kanċell tan-niċċa fejn tinżamm il-vara titulari.

469 *Ibid.,* Seduta tat-12.viii.1986.
470 *Ibid.,* Seduta tat-18.ii.1986.
471 *Ibid.,* Seduta tal-11.xi.1986.
472 *Ibid.,* Seduta tat-30.vii.1987.
473 *Ibid.,* Seduta tad-29.iv.1986.

Lejn l-aħħar nofs tas-sena 1987, il-Kanonku Dun Karm Aquilina nħatar Arċipriet tal-Parroċċa San Ġorġ. Kif kienet il-prassi, fl-ewwel seduta tal-Kumitat Festi Esterni wara l-ħatra, huwa kien maħtur ukoll President tal-Kumitat Festi Esterni.[474] F'dik l-ewwel seduta tiegħu, huwa kien iffaċċjat bi problema ġdida, dik ta' twaqqif ta' banda oħra fil-parroċċa. Fis-seduta tal-15 t'Ottubru 1986, il-Kumitat irċieva ittra mingħand il-Qormi Rockers Football Club fejn dawn għarrfuh li kienu qegħdin fi trattativi ma' grupp ta' persuni sabiex f'dan il-post titwaqqaf banda ġdida li kellha l-ħsieb li tibda tieħu sehem fil-festa ta' San Ġorġ. Ir-reazzjoni mill-membri tal-Kumitat Festi Esterni kienet waħda ta' preokkupazzjoni, speċjalment meta sar magħruf li, fost il-promoturi ta' din il-banda l-ġdida, kien hemm il-persuni li kienu involuti fil-kwistjoni tal-festa tal-Madonna tal-Ħlas. L-Arċipriet Aquilina beda jiddiskuti ma' din il-banda l-ġdida u beda jaħdem sabiex din il-banda tkun aċċettata.[475] Sabiex ikunu eliminati xi intoppi lejn l-għarfien tal-banda l-ġdida, fis-seduta tal-15 ta' Frar 1988, il-Banda San Ġorġ Martri u l-Għaqda tan-Nar 23 t'April kienu mgħarrfa li mhux ser ikollhom iktar rappreżentanza (delegati) fil-Kumitat Festi Esterni. Fattur ieħor li kien qed iwassal għal reżistenza fil-ħdan il-Kumitat kien il-biża' li d-dejn li l-Qormi Rockers FC kellu mal-Kumitat Festi Esterni ma kienx ser jitħallas. Għal darb'oħra, bl-intervent tal-Arċipriet intlaħaq ftehim sabiex id-dejn tal-Qormi Rockers FC tagħmel tajjeb għalih l-amministrazzjoni tal-banda l-ġdida.

F'April 1988 kienet inawgurata l-għaqda bandistika l-ġdida, bl-isem ta' *Anici Band & Social Club*. L-amministraturi ta' din l-banda l-ġdida minnufih kitbu lill-Kumitat Festi Esterni sabiex huma wkoll jibdew jieħdu sehem fil-festa, billi jagħmlu marċ nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu u Nhar il-

474 *Ibid.*, Seduta tal-15.x.1987.
475 KFE Minuti, Seduta 19.xi.1987

festa filgħodu. Il-Kumitat Festi Esterni, waqt li qabel mal-marċ tal-Aħħar tat-Tridu, wera li ma jaqbilx li jsiru żewġ marċijiet nhar il-festa filgħodu u minflok issuġġerixxa li jsir marċ Lejlet il-Festa filgħodu. Il-proposta tal-Kumitat Festi Esterni ma kinitx aċċettata u l-banda l-ġdida ħadet sehem għall-ewwel darba fil-festa titulari tas-sena 1988 b'żewġ servizzi, wieħed fl-Aħħar Jum tat-Tridu u l-ieħor f'Jum il-Festa filgħodu. Il-Kumitat Festi Esterni kien irregala lil din il-banda l-ġdida l-innijiet *Fjur ta' Martri* u *Ġorġi Tagħna*.



***Statwa ta' San Ġorġ li mis-sena 1990 bdiet issebbaħ il-pjazza tal-Vitorja***

Il-Kumitat Festi Esterni, wara li ra li s-sehem tal-banda l-ġdida ma ħoloq l-ebda inkwiet, offra liż-żewġ baned tal-parroċċa sabiex idoqqu minflok il-baned barranin fil-jiem tat-Tlieta u l-Erbgħa tal-festa. Il-Banda Anici aċċettat din il-proposta waqt li l-Banda San Ġorġ esprimiet ir-riservi tagħha speċjalment rigward il-marċ li kien jgħaddi minn quddiem il-każin tagħha fil-jum tal-Erbgħa. Il-Kumitat Festi Esterni kien ukoll ikkummissjona statwa ġdida ta' San Ġorġ, li kellha tittella' fuq il-pedestall magħruf bħala 'tal-Prinċipessa'. Din l-istatwa żżanżnet fil-Jum tat-Tlieta tal-festa tas-sena 1989. Il-Banda Anici kienet talbet ukoll li tagħmel servizz ieħor Lejlet il-Festa filgħaxija. Din il-proposta kienet aċċettata mill-Kumitat bil-kundizzjoni li dan il-marċ isegwi r-rotta mogħtija mill-Kumitat. In vista tal-fatt li r-risposta tal-Banda Anici rigward il-marċ tal-Erbgħa waslet tard u l-Kumitat kien diġà kkummissjona banda

għal dak il-jum, il-Kumitat wasal fi ftehim mal-banda barranija sabiex, minflok l-Erbgħa, hija ddoqq Lejlet il-Festa filgħodu.



*Statwa ta' San Ġorġ li mis-sena 1990 bdiet issebbaħ il-pjazza tal-Vitorja*

Mill-festa tas-sena 1989 sallum, is-sehem taż-żewġ baned fil-festa baqa' l-istess: il-Banda San Ġorġ Martri f'Jum il-Ħruġ tal-Vara min-Niċċa, it-Tieni u l-Aħħar Jiem tat-Tridu, Lejlet il-Festa u Nhar il-festa filgħodu u filgħaxija waqt li sehem il-Banda Anici huwa nhar it-Tlieta u l-Erbgħa tal-festa, nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu, Lejlet il-Festa u Nhar il-festa filgħodu. Fl-1990, il-Kumitat Festi Esterni kkummissjona statwa ġdida sabiex tittella' fil-Pjazza tal-Vitorja. Din l-istatwa ttellgħet għall-ewwel darba l-Aħħar Jum tat-Tridu tas-sena 1992 akkumpanjata miż-żewġ baned.

Il-pika bejn il-baned bdiet xi ftit jew wisq tiħrax, hekk li bdew jinqalgħu xi inċidenti, speċjalment meta l-Banda Anici kienet tgħaddi minn quddiem il-Każin San Ġorġ u meta ż-żewġ baned kienu jiltaqgħu fil-Pjazza tal-Vitorja. Sabiex ikun evitat dan l-inkwiet, il-Kumitat Festi Esterni daħal bejn il-baned sabiex fl-Aħħar Jum tat-Tridu l-istatwa ta' San Ġorġ fejn il-Vitorja tittella' sena minn banda u sena minn oħra. Rigward il-problema tar-rotot din kienet solvuta permezz ta' kuntratt legali quddiem in-Nutar Gerald Spiteri Maempel, datat 19 ta' Marzu 1997, fejn l-għaqdiet festivi kollha (Banda San Ġorġ Martri, Kumitat Festi Esterni, Għaqda tan-Nar 23 t'April u l-Banda Anici) ftiehmu dwar ir-rotot il-ġodda. Dan il-kuntratt

irxoxta mill-ġdid il-kunċett tal-Kummissjoni Festa, entità li użurpat id-drittijiet tal-Kumitat Festi Esterni f'dak li għandu x'jaqsam mar-rotot tal-baned.

## RIGAL LIL SAN ĠORĠ

Is-sena 1991 kienet taħbat il-250 Anniversarju mill-Inawgurazzjoni tal-istatwa titulari fl-1741. Il-Kumitat Festi Esterni, minn snin qabel, beda jħejji sabiex dawn il-festi jkunu verament speċjali. L-ideat kienu diversi: min xtaq aktar baned, min aktar nar, iżda x-xewqa prevalenti kienet dik li ssir opra li tibqa'. Wara diskussjoni twila, kien deċiż li f'dik l-okkażjoni l-istatwa titulari tiżżejjen b'sandli tad-deheb.[476] Il-Kumitat għaldaqstant ressaq il-proposta tiegħu quddiem il-Kunsill Presbiterali sabiex jitressaq rikors il-Kurja. Il-Kumitat għalhekk beda jaħseb sabiex iġib diversi stimi.




***L-arġentier Louis Carabott waqt ix-xogħol fuq is-sandli l-ġdid għall-istatwa***

476 KFE Minuti, Seduta tat-28.vii.1988.

L-għażla waqgħet fuq l-arġentier Louis Carabott. L-istatwarju Alfred Camilleri Cauchi tqabbad jieħu l-forma waqt li l-induratur Horace Farrugia kien inkarigat jissorvelja x-xogħol u jiżgura li ma ssir l-ebda ħsara lill-istatwa. Ftit xhur wara, il-Kumitat ġie mgħarraf li l-piż tas-sandli kien ser ikun ta' 2.274 kilogrammi.

Ir-rikors ġie aċċettat mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi b'numru ta' kundizzjonijiet, fosthom: (i) għal din l-opra ma kellu jsir l-ebda ġbir la fil-knisja u lanqas jintużaw fondi tal-parroċċa; (ii) li l-opra tkun purament aċċessorja, mhux fissa, u bl-ebda mod ma tiġi mimsusa l-istatwa; (iii) l-opra tkun mogħtija bħala donazzjoni mill-Kumitat Festi Esterni lill-parroċċa; (iv) ma jkun hemm ebda talbiet għal dekorazzjonijiet oħra għall-istatwa; u (v) il-kontribuzzjoni mill-parroċċa lill-Kumitat Festi Esterni fil-ħames snin segwenti kellha tonqos b'Lm100 fis-sena liema somma kellha tintuża għall-ħtiġijiet pastorali tal-parroċċa.[477] Ix-xogħol fuq din



***Il-membri tal-Kumitat Festi Esterni waqt l-iffirmar tal-kuntratt ta' donazzjoni tas-sandli lill-parroċċa***

477 Digriet tal-Kurja datat 30 ta' Jannar 1991.

l-opra kien miexi ġmielu waqt li l-membri kienu għalenija jistinkaw sabiex jiġbru l-flus meħtieġa. Kienu bosta l-Qriema li resqu bid-donazzjonijiet tagħhom, kemm fi flus kif ukoll f'oġġetti tad-deheb. Disat ijiem qabel kellu jiżżanżan is-sandli, l-arġentier għarraf lill Kumitat li l-ispiża kienet ser tkun ta' Lm3,000 aktar mill-istima.[478] Il-Kumitat, għalkemm maħsud b'din l-aħbar, iddeċieda li jonora l-obbligi tiegħu mas-Sur Carabott kif ukoll fil-konfront tal-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi. Lejlet il-jum li fih kellu jiżżanżan dan is-sandli tad-deheb, seħħ sgass fil-ħanut tas-Sur Carabott minn fejn insterqu bosta oġġetti ta' valur. Fortunatament, is-sandli ma ntmessx.



***22 ta' Ġunju 1991 - Folla mdaqqsa mliet il-knisja u z-zuntier biex tassisti għaċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni***

Nhar is-Sibt 22 ta' Ġunju 1991, folla mdaqqsa mliet il-knisja parrokkjali. Iż-żewġ baned tal-parroċċa għamlu marċ mat-toroq ewlenin, marċijiet li ntemmu quddiem il-knisja parrokkjali. Fi tmiem akkademja mużiko-letterarja mtella' mill-kor tal-parroċċa, l-Arċipriet, f'isem il-Kumitat Festi Esterni, kixef dan is-sandli fost iċ-ċapċip u l-ferħ tal-poplu.

478 KFE Minuti, Seduta tal-21.vi.1991

Il-ħolqien tal-Kummissjoni Festa wassal sabiex il-Kumitat Festi Esterni jkollu r-rwol tiegħu ridott għal dak li jindokra l-armar u jikkummissjona l-baned ta' Jum il-Festa. Iż-żieda fl-attività tar-restawr ħolqot il-ħtieġa ta' aktar spazju. L-ewwel pass ittieħed fl-1987, meta nbeda xogħol ta' kostruzzjoni fil-parti ta' wara tal-maħżen ta' Triq il-Blata. Fin-naħa tal-Vitorja ġie akkwistat maħżen ġdid sabiex b'hekk intemmu l-kwistjonijiet endemiċi li l-Kumitat kellu kull sena ma' sid il-kera. Beda wkoll iberren il-ħsieb li jinbena ċentru tal-armar, proġett li kellu jitwieled fil-millennju l-ġdid.



*Sett ta' pavaljuni ġodda*
*għal Triq il-Kardinal Xiberras*

Aktar spazju fisser aktar ħidma. Il-bidu tad-Disgħinijiet raw it-tnedija ta' diversi proġetti fosthom l-armar ta' Trejqet Pinto, ta' Triq il-Kardinal Xiberras u fit-toroq ta' wara l-għassa tal-Pulizija. Dawn l-proġetti kienu kumplementari ma' proċess kontinwu ta' tibdil tad-drapp kollu fit-triq tal-purċissjoni. Fis-snin Disgħin, il-ħidma tal-Kumitat bdiet tkun iktar orjentata fuq ir-restawr. F'dawn is-snin tlesta r-restawr ta' sett anġli (xogħol Karmenu Mallia, il-Lhudi) ta' ħdejn l-Abatija. Dan ir-restawr ħareġ il-preġju ta' dawn l-istatwi, hekk li l-Kumitat iddeċieda li dawn jintramaw fit-triq tal-knisja waqt li l-puttini (xogħol ukoll ta' Mallia) jibdew jintramaw ħdejn l-Abatija. Restawr ieħor sar fuq l-anġli tal-kuruna

u l-pedestalli tagħhom li kienu jintramaw fi Triq il-Vitorja. Għal darba oħra ir-restawr ħareġ il-preġju ta' dawn l-istatwi x'aktarx xogħol ta' Karlu Darmanin hekk li dawn l-istatwi bdew jintramaw fil-pjazza tal-Vitorja. Il-preġju tal-armar fil-festa ta' San Ġorġ kien rikonoxxut fl-1988, meta l-Gvern Malti issellef trofej, gastri u l-istatwa ta' Malta Rebboeħa sabiex dawn iżejnu l-padiljun nazzjonali waqt l-*International Boat Show* li saret f'Earls Court, Londra, dik is-sena.




***Il-padiljun ta' Malta fl-International Boat Show imżejjen bl-armar tal-festa ta' San Ġorġ***

L-armar ta' ċerti toroq, speċjalment dawk fil-konfini bejn iż-żewġ parroċċi, kien kultant joħloq xi kwistjoni bla bżonn. Fis-sena 1989, numru żgħir ta' residenti fil-parroċċa San Ġorġ, li iżda kienu partitarji tal-festa ta' San Sebastjan, stiednu l-banda li kienet qed tieħu sehem fil-festa ta' San Sebastjan sabiex tibqa' ddoqq fil-konfini tal-parroċċa San Ġorġ. Dan qajjem diversi protesti mir-residenti Ġorġjani ta' dawk it-toroq. Is-sena ta' wara (1990), xi partitarji tal-festa ta' San Sebastjan bdew jarmaw toroq li kienu fil-limiti tal-parroċċa San Ġorġ. Għal darba oħra, ir-residenti wrew



*Dilettanti u membri mill-Kumitat Festi Esterni, mal-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel*

in-nuqqas ta’ qbil tagħhom billi immedjatament neħħew dak l-armar. L-Arċipriet, bl-intenzjoni li ma jirrepetux ruħhom l-inċidenti tas-sena ta’ qabel, f’Ġunju 1991, mingħajr konsultazzjoni mal-għaqdiet festivi tal-parroċċa, laħaq ftehim mal-Kappillan tal-parroċċa San Sebastjan sabiex il-partitarji ta’ San Sebastjan residenti fil-parroċċa San Ġorġ b’mod partikolari dawk ta’ Triq il-Ħabbież, Triq it-Tinsila u Triq il-Ġebbieda, ikunu jistgħu jarmaw it-triq tagħhom u jgħaddu l-marċi minn dawn it-toroq. L-Arċipriet ikkomunika dan il-ftehim lir-residenti waqt il-jiem tal-festa. Ir-residenti ta’ dawn it-toroq ipprotestaw bil-kbir mal-Kumitat Festi Esterni. Il-membri tal-Kumitat Festi Esterni, imgħaddba għall-aġir tal-Arċipriet li f’isimhom u minn wara daharhom għamel dan il-ftehim, laqqgħu b’urġenza l-Kumitat f’nofsillejl neqsin kwart fejn b’vot unanimu l-membri ċċensuraw dak li għamel l-Arċipriet. Din kienet l-ewwel darba li l-President tal-Kumitat Festi Esterni safa sfiduċjat mill-membri nnominati minnu. Iż-żewġ mexxejja spiritwali indunaw bl-iżball tagħhom u rtiraw il-ftehim li kien intlaħaq. Ir-residenti Ġorġjani ta’ dawn it-toroq, sabiex jaffermaw l-adeżjoni tagħhom għall-partit ta’ San Ġorġ ikkummissjonaw statwa ġdida li tqiegħdet fuq pedestall qrib id-dar ta’ wieħed mill-promoturi ta’ din il-kwistjoni bla bżonn.

## Millennju Ġdid b'Missjoni Ġdida 2000-2019

*"Flimkien nistgħu niffaċjaw sfidi kbar daqs oċejan"*[479]

Il-bidu tat-Tieni millennju kien żmien fejn id-dinja kollha bdiet tħares b'ottimiżmu lejn il-futur. Kull bniedem u għaqda bdew jaħsbu kif l-eżistenza tagħhom fil-millennju l-ġdid ser tkun differenti u aħjar minn dik tal-passat. Dan ukoll kien il-ħsieb fi ħdan il-membri tal-Kumitat Festi Esterni. L-isfida quddiemhom kienet kif din l-għaqda ser tibqa' tkun relevanti u tentużjażma lill-ġenerazzjonijiet futuri. F'dan l-ewwel ventennju, l-operat ta' dan l-Kumitat ittrasforma ruħu f'għaqda dinamika li, filwaqt li m'abbandunatx il-missjoni oriġinali tagħha, jiġifieri dik tal-kura u r-restawr tal-armar tal-festa, daħlet għal sfidi ġodda li rendew lil din l-għaqda f'waħda innovattiva u l-fulkru tal-komunità.



***Kumitat Festi Esterni fis-sena 2000***

479 Sonia Gandhi



*Pawlu Sammut waqt ir-restawr tal-istatwi ta' Triq il-Kbira*

Hekk kif xiref il-millennju l-ġdid, ħsieb il-membri fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni kien iffukat fuq iċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mat-Tifkira tas-Sbatax-il Ċentinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ. Bi tħejjija għal dawn il-festi, tnieda programm estensiv ta' restawr. L-istatwi l-antiki ta' Triq il-Kbira ġew kollha sgraffjati u indurati, waqt li l-armar tal-akkwata tal-Vitorja nżebagħ mill-ġdid.[480] Tfassal ukoll progamm ta' ħidma sabiex tinbidel parti sostanzjali mid-drapp li jżejjen it-toroq fil-jiem tal-festa. It-toroq Pinto, Anici u Kardinal Xiberras ħadu xejra ġdida b'sett pavaljuni ġodda fuq stil Barokk. Waqt li l-Kumitat kien għaddej b'dan il-programm ambizzjuż, beda jkun evidenti li l-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ kellha ħsarat kbar. Il-bosta esperti miġjuba kienu tal-fehma li restawr ulterjuri ma kienx aktar vijabbli. Għaldaqstant, il-Kumitat Festi Esterni feda f'idejn l-artist qormi Silvio Pace[481] l-inkarigu li jsawwar statwa ekwestrija ġdida minflok dik eżistenti. Din l-istatwa kienet inawgurata ftit jiem qabel il-festa tas-sena 2003, waqt programm mużikali mtella' mill-Kor tal-Parroċċa fil-Knisja Arċipretali.

L-Arċipriet Dun Frans Abdilla u l-Kunsill Presbiterjali kienu wkoll ħejjew programm ta' restawr u xogħlijiet fil-knisja. Dan il-programm kien jinkludi r-restawr tal-pittura tal-koppla, it-tkomplija tad-dekorazzjoni tal-artal tal-kor, kif ukoll ir-restawr tal-binja tal-knisja minn ġewwa. L-Arċipriet Abdilla

480 Sammut P. (2001), 14-15 u (2002), 13-15.
481 Sammut P. (2001), 15.

approfitta mill-fatt li fi ħdan il-Kumitat kien hemm bosta nies tas-sengħa u talab lill-membri sabiex jgħinu kemm jistgħu f'dawn ix-xogħlijiet. Il-Kumitat Festi Esterni, minkejja l-impenji kbar li diġà kellu, daħal għal din l-isfida b'ruħu u ġismu. Il-membri tal-Kumitat ħadu f'idejhom ix-xogħol relatat maż-żebgħa u l-induratura tal-korsija u n-navi, kif ukoll ħadmu mill-ġdid is-sopraporti tal-arkaturi tal-korsija.[482]



***Bosta kienu ż-żgħażagħ li tgħallmu sengħa fil-maħżen tal-armar***

Ix-xogħol kien wieħed kbir iżda l-ħaddiema kienu ftit. Kien għalhekk li fis-sena 2000 fi ħdan il-Kumitat twaqqfet is-Sezzjoni Żgħażagħ. Permezz ta' din is-sezzjoni ġdida, il-Kumitat irnexxielu jassimila l-ħeġġa żagħżugħa u jagħġinha mal-esperjenza tal-membri eżistenti. Dawn iż-żgħażagħ minnufih urew xi jsarrfu. Il-maħżen tal-armar beda jittrasforma ruħu fi skola tal-artiġjanat, fejn il-membri veterani bdew jgħallmu lil dawn iż-żgħażagħ snajja' relatati mal-festa, bħalma huma dawk tal-irħamar u l-induratura. Żgħażagħ oħra, diġà wlied is-sengħa, bdew jipprattikaw

482 Sammut P. (2002), 15.



***Membri tal-Kumitat quddiem l-istatwa f'Ta' Farsina***

is-sengħa tagħhom fl-ambjent tal-maħżen għall-ġid tal-festa. Il-maħżen b'hekk sar pjattaforma minn fejn bosta żgħażagħ, bħal Domenic Xerri (induratura), Antoine Borg (skultura) u Silvio Debono (karpinterija u lostru), qabdu karriera fis-settur tal-artiġjanat. Dawn iż-żgħażagħ, minbarra l-kontribuzzjoni tagħhom fil-qasam tal-armar, xtaqu li ċ-Ċentinarju tal-2003 jkun imfakkar b'tifkira dejjiema. Kienu bosta l-ideat, iżda finalment kien deċiż li jsir monument tal-ġebel fin-naħa ta' Farsina. Dan il-monument kellu jirraffigura lil San Ġorġ bħala d-difensur tal-Belt Pinto. Josef Aquilina, is-Segretarju ta' din is-sezzjoni, flimkien ma' bosta membri intrigaw sabiex jiġbru l-fondi meħtieġa. L-aħwa Qriema Christopher u Antoine Mifsud kienu kkummissjonati sabiex inaqqxu din l-istatwa mill-ġebla Maltija. Din l-istatwa kienet inawgurata f'April 2004. Dakinhar iż-żewġ baned tal-parroċċa għamlu marċ minn quddiem il-każini rispettivi tagħhom sa quddiem dan il-monument. Fost id-daqq tal-baned u l-isparar tal-musketterija, ġiet inawgurata din l-istatwa ġdida. Inizjattiva oħra meħuda mis-Sezzjoni Żgħażagħ kienet il-ħruġ ta' *compact disc* b'ġabra ta' innijiet.

Bis-sena 2003 fuq l-għatba, il-Kumitat Festi Esterni u s-sezzjonijiet fi ħdanu bdew iħejju programm ta' attivitajiet għal dawn il-festi speċjali. L-attivitajiet fetħu b'wirja ta' armar u oġġetti relatati mal-festa. Din il-



*Ġunju 2003 - L-inawgurazzjoni tal-istatwa ekwestrija ta' San Ġorġ, xogħol l-artist Silvio Pace*



*Il-pellegrinaġġ bl-istatwa titulari jasal ħdejn il-kappella tal-Ħlas*

wirja ittellgħet fl-Oratorju Festiv Sagra Familja u għaliha kien hemm konkorrenza kbira. Attività oħra li fiha l-membri ħadu sehem attiv, kien il-pellegrinaġġ bl-istatwa titulari lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas. Il-Kumitat ħa ħsieb li bosta mit-toroq minn fejn għadda dan il-pellegrinaġġ ikunu mżejna kif jixraq. Għall-jiem tal-festa, il-Kumitat ħa ħsieb li jżid in-numru ta' baned mistiedna. Lejlet il-Festa kienet mistiedna l-Banda Pinto sabiex tieħu sehem fit-Traslazzjoni li dik is-sena saret mill-Kappella tal-Vitorja. Għal Jum il-Festa kienet mistiedna l-Banda La Stella tar-Rabat Għawdex li akkumpanjat il-proċessjoni titulari bl-innijiet Ġorġjani.[483]

## IMPENN SOĊJALI U KULTURALI

It-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ ġab fi ħdan il-Kumitat mewġa ta' ideat ġodda. L-ikbar impatt kien fuq il-mod kif tkun iffinanzjata l-festa. Fi żmien meta d-dħul mill-ġbir kien qed jonqos sena wara l-oħra, kien jeħtieġ li jinstabu għejun ġodda ta' dħul. Is-sezzjonijiet taż-żgħażagħ u tan-nisa bdew jorganizzaw numru ta' attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Kien ukoll f'dawn l-ewwel snin tas-seklu l-ġdid li bdew ikunu organizzati l-ewwel wirjiet fl-okkażjonijiet tal-Milied u l-Ġimgħa Mqaddsa. Dawn il-wirjiet illum saru appuntament annwali għad-dilettanti. Attività oħra li tnediet bl-inizjattiva tas-Sezzjoni Żgħażagħ kienet il-Lejla Ġorġjana. Din hi serata ta' talent Qormi mtellgħa fil-jiem qrib il-Festa Liturġika u li kellha wkoll bħala għan il-ġbir ta' fondi b'risq il-festa.

Minkejja l-ħtieġa dejjiema ta' fondi, il-Kumitat xorta ħass id-dover li jorganizza attivitajiet bi skop filantropiku. L-ewwel attività għal dan

483 Fl-okkażjoni ta' dan iċ-ċentinarju, il-parroċċa ppubblikat ukoll tliet kotba minn tliet awturi Qormin: San Ġorġ Martri ta' Kristu – Tagħrif Storiku, minn Patri Ġorġ Aquilina OFM; Kuruna tar-Rand fuq Ras San Ġorġ Martri, minn Dun Pawl Genovese; u Minn Ġrajjet Parroċċa Maltija: San Ġorġ ta' Ħal Qormi ca. 1400-2003, minn Dr. Joseph F. Grima.




*Membri tal-Kumitat u tas-Sezzjoni Żgħażagħ iħejju għal-Lejla Ġorġjana tas-sena 2003*



*L-Akkademja Mużiko-Letterarja fl-okkażjoni tad-90 anniversarju mit-twaqqif tal-kumitat*

l-iskop nobbli ġiet organizzata f'Diċembru 2005. Din l-attività, li bħala skop ewlieni kellha l-ġbir ta' fondi għall-vittmi tal-marda tal-kanċer, ittellgħet fil-maħżen tal-armar fi Triq il-Blata. Din l-attività, ippreseduta mill-Ambaxxatur tar-Repubblika Federali Ġermaniża u l-Isqof Awżiljarju Mons. Annetto Depasquale, kienet tikkonsisti f'kunċert ta' kant natalizju.[484] Is-sena ta' wara, il-Kunċert tal-Milied, din id-darba b'risq id-Dar tal-Providenza, ittella' fil-Kappella tal-Vitorja u kien ippresedut minn Mons Lawrence Gatt. F'dan il-kunċert kienu ħadu sehem il-kantanti Rosabelle Bianchi, Frans Mangion (Tenur), Edmond Apap (Baritonu) u l-mużiċisti Mario Ciantar (vjolin) u Simone Attard (pjanu).[485] Il-kunċert tas-sena ta' wara (2007) kien ippreżentat mill-kor tal-parroċċa *Exsultate Domino.*[486] Din l-attività kienet tant suċċess li s-sena ta' wara (2008), din id-darba fil-Knisja Arċipretali, is-Sezzjoni Żgħażagħ ippreżentat kunċert vokali u strumentali bis-sehem tal-orkestra *Brass and Strings,* diretta mis-surmast Mario Testa, u l-kantanti liriċi Rosabelle Bianchi, Frans Mangion u Rebecca Bonnici.[487] L-attivitajiet tas-snin 2009, 2010 u 2011 għal darba oħra ttellgħu fil-Knisja Arċipretali u kienu jikkonsistu f'serati mużiko-letterarji.[488] L-attività tas-sena 2011 kienet bis-sehem tal-*Unione Brass Quintet.*[489] Waqt din l-attività kienet tnediet il-Fondazzjoni Familji Qriema fil-Bżonn. L-inizjattiva ta' solidarjetà issoktat is-sena ta' wara b'kunċert imtella' mill-kor tal-parroċċa taħt il-patroċinju tal-Isqof Awżiljarju Mons. Charles J. Scicluna.[490]

Idea oħra li nibtet fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ kienet l-organizzazzjoni ta' numru ta' festivals. Fis-sena 2005 ġiet imnedija l-ewwel edizzjoni tal-*Qormi*

484 KFE, Programm tal-Festa 2006, 23.
485 KFE, Programm tal-Festa 2006, 36-37.
486 KFE, Programm tal-Festa 2008, 27.
487 KFE, Programm tal-Festa 2009, 28.
488 KFE, Programm tal-Festa 2011, 43.
489 KFE, Programm tal-Festa 2012, 39.
490 KFE, Programm tal-Festa 2013, 21.




***Qormi Wine Festival 2013***

*Wine Festival*. Dan il-festival tal-inbid, organizzat fix-xahar ta' Settembru, daħal fil-kalendarju kulturali ta' pajjiżna. Il-festival ikun organizzat fil-pjazza ta' quddiem il-knisja, bl-organizzaturi ta' kull sena jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jippreżentaw lill-eluf li jattendu esperjenza unika. Fil-qasam kulinarju, il-membri tas-Sezzjoni Nisa jippreparaw għażla wiesgħa ta' platti tradizzjonali, li mhux biss ipaxxu l-palat iżda wkoll jiftħu tieqa fuq bosta riċetti Maltin li, sfortunatament, qed jagħsfru mill-kċejjen tal-ġenerazzjonijiet il-ġodda. Avveniment ferm mistenni minn dawk li jattendu dan il-festival huwa l-wirja dwar il-produzzjoni tal-inbid u dak kollu li għandu x'jaqsam ma' din l-industrija. Din il-wirja tittella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ fil-maħżen tal-armar.

Inkoraġġit bis-suċċess tal-Qormi Wine Festival, il-Kumitat Festi Esterni daħal għal sfida oħra, l-organizzazzjoni tal-Malta Spring Festival. L-ewwel edizzjoni ta' dan il-festival kienet organizzata fis-sena 2009. Dan il-festival,



***Festa tar-Rebbiegħa 2012***
***Ritratt: Clayton Grech***

li kien jinfirex fuq diversi toroq fosthom Triq Anici, Triq Santa Katerina, Triq il-Kbira u Triq San Pietru, kien ikun vetrina tal-prodott agrikolu Malti. Diversi bejjiegħa kienu jarmaw il-posta tagħhom b'mod kreattiv, hekk li fl-edizzjonijiet suċċessivi bdiet tkun organizzata kompetizzjoni għall-isbaħ posta. Għal din l-attività, it-toroq tal-parroċċa kienu jinbidlu f'mużew apert, fejn bosta għaqdiet festivi minn madwar Malta kollha kienu jesebixxu armar li d-disinjatur jew dak li jkun ħadmu jkun persuna membru tal-Kumitat Festi Esterni. L-organizzaturi ta' dan il-festival, li dejjem jgħarrxu kif ser jagħmluh aktar interessanti, ħarġu bl-idea li waqt il-festival ikun hemm attrazzjoni speċjali. Il-festival tas-sena 2011 ra lill-organizzaturi jibnu forn kbir li fih inħmiet l-akbar ħobża fid-dinja.[491] Mixgħula bis-suċċess tas-sena preċedenti, il-Kumitat flimkien mas-sezzjonijiet fi ħdanu, għas-sena 2012 ħejjew programm aktar ambizzjuż u mifrux fuq aktar jiem. L-attivitajiet relatati mal-Festival tar-Rebbiegħa bdew b'festival ta' korijiet minn madwar Malta, li ppreżentaw kunċert fil-knisja parrokkjali.[492] Biss l-attrazzjoni ewlenija fil-festival ta' dik is-sena

491 KFE, Programm tal-Festa 2011, 38.
492 KFE, Programm tal-Festa 2012, 35.

kienet tazza ġganteska tal-inbid. Fl-aħħar jum tal-festival f'din it-tazza kien imferra' ammont sostanzjali ta' inbid u b'hekk kienet inkluża fil-Guinness World Records bħala l-akbar tazza tal-inbid fid-dinja.[493]




***L-ikbar ħobża tal-Malti fid-dinja***
***Ritratt: Claudio Spiteri***




***L-ikbar tazza tal-inbid fid-dinja***
***Ritratt: Christian Camilleri***

493 KFE, Programm tal-Festa 2012, 29.

Is-Sezzjoni Żgħażagħ kienet ukoll ferm attiva f'attivitajiet barra l-Belt Pinto. Attività ferm impenjattiva kienet is-sehem ta' din is-sezzjoni fil-*European Youth Week 2008*, ġimgħa sħiħa ta' attivitajiet fil-Belt Valletta. Fl-okkażjoni tas-sena Pawlina (2009), din is-sezzjoni ħadet sehem f'wirja mtellgħa fil-każin tas-Soċjetà Filarmonika La Valette waqt li fis-sena 2011, tellgħet wirja tal-armar fil-*Valletta Waterfront*. Fis-sena 2009, il-Kumitat fakkar id-Disgħin Sena mit-twaqqif tiegħu,permezz ta' Akkademja mużiko-letterarja, li ttellgħet nhar is-16 ta' Ġunju fil-knisja parrokkjali.[494]



***L-Akkademja Mużiko-Letterarja fl-okkażjoni tad-90 anniversarju mit-twaqqif tal-kumitat***

L-impenn soċjo-kulturali kien imur lilhinn mill-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali u festivals. F'dan l-ewwel deċennju tal-millennju l-ġdid, il-membri tal-komunità parrokjali li, għal xi raġuni jew oħra, kienu konfinati f'darhom, kien dejjem qed jikber. Il-parroċċa għalhekk ħasset il-bżonn li jinħoloq kuntatt ma' dawn il-persuni sabiex jibqgħu jħossuhom parti mill-komunità parrokkjali. F'dan l-istess żmien fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ beda jfaqqas il-ħsieb li jinħoloq stazzjon tar-radju għall-komunità. Il-

494 KFE, Programm tal-Festa 2009, 47.

proġett kien approvat fi Frar 2008[495] u minnufih bdew it-tħejjijiet għall-ewwel xandiriet. Il-membri fi ħdan din is-sezzjoni, immexxija minn Mark Cremona u bl-għajnuna ta' *Jenton Productions,* bdew ifasslu l-ewwel skeda. Il-post li qabel kien iservi ta' librerija parrokkjali kien trasformat fi *studios*. Kollox kien lest sabiex fl-ewwel jiem ta' Ġunju 2008, fuq il-frekwenza 105.6FM beda jxandar l-istazzjon komunitarju *Leħen il-Belt Ġorġjana.*

Ir-rispons kien wieħed ferm inkoraġġanti. Ftit jiem wara l-festa, fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni, twaqqfet il-Kummissjoni Radju.[496] L-għan ewlieni ta' din il-kummissjoni kien li tamministra b'mod vijabbli stazzjon radjufoniku għall-komunità. L-ewwel sfida kienet li jinxtara l-apparat meħtieġ. F'dan il-qasam il-promoturi ma qagħdux jixxaħħu u nxtara apparat elettroniku modern sabiex il-kwalità tax-xandir tkun fost l-aħjar. It-tieni sfida kienet dik li jinstabu persuni li b'impenn itellgħu programmi ta' kwalità fuq tul ta' żmien. Fis-sajf ta' dik is-sena kienet imfassla l-iskeda ta' programmi, skeda mżewqa bi programmi reliġjużi, programmi ta' laqta storika, edukattiva kif ukoll programmi ta' mużika leġġera u divertiment. L-ewwel xandiriet għas-sena 2009 bdew fl-ewwel jiem tar-Randan u l-iskeda kienet mifruxa fuq erba' xhur (bejn ir-Randan u l-festa titulari). Il-ħidma u l-preparazzjoni taw il-frott mixtieq. Il-parteċipazzjoni fil-programmi ssorprendiet anki lill-promoturi. Ir-reklami bdew deħlin. Fi ftit snin, l-iskeda tax-xandir infirxet matul is-sena kollha. Is-suċċess ta' dan l-istazzjon kien possibbli biss grazzi għal għexieren ta' voluntiera li tul dawn is-snin taw il-kontribut tagħhom bħala preżentaturi, inġiniera tekniċi u fil-qasam amministrattiv.

Il-ħolqien ta' stazzjon radjufoniku komunitarju ma kinitx l-unika inizjattiva meħuda mill-Kumitat Festi Esterni sabiex jistabbilixxi kuntatt dirett mal-poplu. Kongruwenti mal-istazzjon tar-radju, fis-sena 2009 is-Sezzjoni

495 KFE, Programm tal-Festa 2008, 29.
496 KFE, Programm tal-Festa 2009, 33.

Żgħażagħ nediet is-sit elettroniku (*website*) tagħha u aktar tard il-paġna fuq *facebook.* Ix-xandiriet tar-radju bdew ikunu *streamed live.* Permezz ta' dawn il-mezzi ġodda ta' komunikazzjoni, inħoloq kuntatt mhux biss mal-komunità tal-parroċċa iżda wkoll mad-diaspora Ġorġjana mxerrda mad-dinja kollha. Għodda oħra li saħħet il-komunikazzjoni kienet l-istallazzjoni tal-*web cam* li permezz tal-internet, wieħed jista' jassisti għal dak kollu li jkun qiegħed iseħħ quddiem il-knisja.

### QALB WAĦDA MAL-ĠORĠJANI BARRA MINN XTUTNA

It-teknoloġija saħħet ir-rabta bejn il-Kumitat Festi Esterni u l-għaqdiet tal-emigranti Ġorġjani mxerrda madwar id-dinja. Waħda minn dawn l-għaqdiet hija l-Għaqda Festa San Ġorġ f'Toronto, il-Kanada. Din l-għaqda Ġorġjana kienet twaqqfet fis-sena 1987 minn numru ta' emigranti Qriema u Rabtin li kienu fittxew xortihom f'din il-belt. L-għan ta' din l-għaqda, kif jixhed isimha, huwa li torganizza l-festa ta' San Ġorġ fil-belt ta' Toronto. Il-festa tibda b'quddiesa fil-knisja ta' San Pawl ta' Toronto. F'din il-funzjoni tkun armata statwa ta' San Ġorġ, replika tal-istatwa



***Preżentazzjoni ta' pavaljun lill-Għaqda tal-Ġorġjani tal-Kanada***

titulari ta' Ħal Qormi.[497] Il-festi reliġjużi jkunu kumplimentati b'attività soċjali kbira, fejn madwar elf ruħ, il-maġġor parti Qriema u Għawdxin, f'sala kbira mżejna għall-okkażjoni, jiċċelebraw il-festa tal-patrun.[498] L-għaqda tal-Ġorġjani ta' Toronto sa mit-twaqqif tagħha bdiet tistieden banda (Kanadiża) biex iddoqq marċi Maltin u b'hekk toħloq atmosfera ta' briju fost dawk preżenti. Fis-sena 1993, din l-Għaqda ħadet l-inizjattiva sabiex għall-festa ta' dik is-sena tieħu sehem banda minn Malta. Għal dan il-għan kienet mistiedna l-Banda San Ġorġ Martri. Din l-inizjattiva kienet ta' suċċess hekk li fis-snin ta' wara tliet baned oħra Maltin kienu mistiedna jieħdu sehem f'dawn il-festi. Il-Kumitat Festi Esterni wera x-xewqa li jgħin b'mod konkret lil din l-għaqda tal-Ġorġjani. Tul diversi snin, il-Kumitat Festi Esterni rregala lil din l-għaqda diversi pavaljuni u armar ieħor sabiex bihom din l-għaqda tkun tista' żżejjen is-sala u b'hekk tikber l-atmosfera ta' ferħ u briju f'din il-festa.

Għaqda oħra tal-emigranti hija s-*St George's Association* ta' St Albans f'Melbourne, l-Awstralja. Din l-għaqda twaqqfet fis-sena 1981. Il-membri ta' din l-għaqda mill-ewwel ikkummissjonaw statwa ta' San Ġorġ. Ta' kull sena din l-istatwa, akkumpanjata minn banda, tittieħed proċessjonalment madwar it-toroq ta' din il-belt, li għal din l-okkażjoni jkunu mżejna bil-pavaljuni u l-bnadar.[499]

Assoċjazzjoni oħra tal-Ġorġjani li magħha l-Kumitat Festi Esterni għandu rabtiet mill-qrib, hi l-*Associazione San Giorgio Martire* ta' Ragusa fi Sqallija. Din ir-rabta bejn dawn l-għaqdiet Ġorġjani taf il-bidu tagħha fis-sena 2011, meta delegazzjoni minn din l-Assoċjazzjoni żaret Malta għall-festa ta' dik is-sena. Il-laqgħa li ngħataw kienet waħda kbira, hekk li l-Kumitat Festi Esterni kien mistieden sabiex jipparteċipa fil-festi ad unur San Ġorġ

497 Din l-istatwa saret Malta fis-sena 1933 u ttieħdet il-Kanada minn Charles Cardona (Tal-Lupepp).
498 KFE, Programm tal-Festa 2001, 28.
499 KFE, Programm tal-Festa 2002, 37.



iċċelebrati fil-belt ta' Ragusa. Il-membri tal-Kumitat Festi Esterni minnufih aċċettaw din l-istedina u f'Ġunju tas-sena 2012, kontinġent kompost minn diversi membri tal-Kumitat u s-sezzjonijiet fi ħdanu, irħewlha lejn din il-belt sabiex jiċċelebraw din il-festa. Il-kontinġent ta' Ġorġjani Qriema kien milqugħ mill-membri tal-Assoċjazzjoni Ġorġjana Ragusana.[500] Din iż-żjara u żjarat sussegwenti wasslu għal ġemellaġġ bejn dawn iż-żewġ għaqdiet festivi b'għan komuni. F'Mejju 2013, dan il-ġemellaġġ kompla jissaħħaħ hekk kif numru kbir ta' Ġorġjani, immexxija minn membri tal-Kumitat Festi Esterni, reġgħu telgħu Ragusa għall-festa ta' San Ġorġ. F'din l-okkażjoni kienu skambjati stendardi bejn iż-żewġ għaqdiet Ġorġjani.[501]

## INNIJIET ĠODDA

Fis-sena 1976, L-Arċipriet Frendo kiseb id-dritt li l-purċissjoni tkun akkumpanjata minn banda. L-innijiet f'idejn il-Kumitat Festi Esterni sa

500 KFE, Programm tal-Festa 2013, 78-82.
501 KFE, Programm tal-Festa 2013, 23.

dik is-sena kienu tnejn, l-innu *Żiemel Sbejjaħ Fieres Isbaħ,* kompożizzjoni ta' Rafel Muscat fuq versi tal-poeta Karmenu Vassallo, u l-innu popolari *Fjur ta' Martri,* versi tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila u mużika tas-surmast Ġużeppi Camilleri. Il-Kumitat Festi Esterni kien jeħtieġlu biex f'qasir żmien jikkompila librett ta' innijiet. Bl-intervent ta' Emmanuel Cremona, il-Banda San Ġorġ silfet lill-Kumitat Festi Esterni żewġ innijiet antiki ddedikati lil San Ġorġ, wieħed tas-surmast Ġanni Vella u l-ieħor ta' Emmanuel Cremona.[502] Din il-lista kompliet tikber meta ġie inkluż l-innu marċ *Ġorġi Tagħna* (1983), kliem ta' Dun Pawl Genovese u mużika tas-surmast Archibald Mizzi. Fl-okkażjoni tas-Sbatax-il Ċentinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ, il-Kumitat ikkummissjona innu ġdid bl-isem *L-Għanja ta' Qlubna,* versi ta' Dun Pawl Genovese u mużika tas-surmast Joseph Vella. Minkejja ż-żieda ta' dawn l-innijiet, il-Kumitat Festi Esterni xorta ħass li n-numru ta' innijiet kellu jiżdied. Għaldaqstant, fl-2006




***It-tim li ħadem fuq it-tnedija tas-CD***
***Mix-xellug: Ġorġ Bianchi, Mro Archibald Mizzi, Leontine, Rebecca Bonnici, Joseph Farrugia, Luciano Apap***

502 Bugeja J.A. (2014), 238.

l-Kumitat avviċinċa lill-Kanonku Joe Mejlak sabiex jikkomponi l-versi għal innu ġdid bl-isem *Lil San Ġorġ Martri*. Il-mużika ta' dan l-innu ġdid kienet fdata f'idejn is-surmast Raymond Sciberras. Is-sur Carmel Bianchi min naħa tiegħu ħażżeż il-vrus għal innu ieħor bl-isem *Ġorġi l-Ġawhra tal-Qormin,* li ġie mmużikat mis-surmast Qormi Archibald Mizzi. Ma' dawn l-innijiet kien inkluż ukoll l-innu *Inġeddulek Imħabbitna,* versi ta' Ġorġ Bianchi u mużika ta' Henry Attard.[503] Għal ma' din il-lista ta' innijiet is-Sezzjoni Żgħażagħ talbet lis-surmast Archibald Mizzi biex jagħmel arranġament mużikali tal-kanzunetta *Il-Martri ta' Lidda,* versi ta' Ġorġ Bianchi u mużika ta' Andrew Zammit.

Issa li l-librett tal-innijiet kien komplut, kien imiss li dawn l-innijiet ikunu popolarizzati. Is-Sezzjoni Żgħażagħ daħlet għal din l-isfida u bdiet il-preparamenti sabiex dawn l-innijiet ikunu inċiżi fuq *compact disc*. Is-Sur Ġorġ Bianchi intriga sabiex iżewweġ in-noti tal-innijiet ta' Ġanni Vella u Emmanuel Cremona mar-rima ta' żewġ poeżiji ġodda, bl-ismijiet *Ma' Ġorġi Rebbiħin* u *Rabta Dejjiema*. L-inċiżjoni ta' din il-*compact disc,* bis-sehem tal-kantanti Joe Farrugia, Rebecca Bonnici u Leontine, kienet taħt id-direzzjoni tas-surmast Archibald Mizzi. Dawn l-innijiet issa ta' kull sena jakkumpanjaw l-istatwa titulari waqt li tkun għaddejja mit-toroq prinċipali tal-Belt Pinto.

## IMPENN FIL-QASAM TAL-ARMAR

Il-formazzjoni tal-Kummissjoni Festa wasslet sabiex ir-rwol tal-Kumitat Festi Esterni jkun ridott għal wieħed li jieħu ħsieb l-armar u jistieden il-baned f'Jum il-Festa. F'din ir-realtà ġdida, il-Kumitat Festi Esterni aktar minn qatt qabel ikkonċentra r-riżorsi tiegħu sabiex il-festa ta' San Ġorġ tilħaq l-eċċellenza fil-qasam tal-armar. Ħsieb il-Kumitat Festi Esterni kien mill-ewwel kif ser ifakkar b'mod dejjiemi l-ewwel mitt sena tal-

503 KFE, Programm tal-Festa 2007, 373.

ħidma tiegħu. Wara li kienu mgħarbla bosta ideat kien deċiż li sas-sena 2019 it-triq tal-knisja tkun imżejna b'sett ta' statwi ġodda li jirraffiguraw personaġġi storiċi li kellhom rabta ma' San Ġorġ. Il-proġett tnieda fis-sena 2007, fejn Ġorġ Debono u ibnu Silvio kienu fdati bix-xogħol tal-injam relatat mal-pedestalli ta' dawn l-istatwi.[504] Dan is-sett ta' sittax-il pedestall kienu lesti sas-sena 2010. Għall-festa tas-sena 2010, il-Kumitat



*Is-sur Ġorġ Debono flimkien mas-sett ta' pedestalli li ħadem għal Triq il-Kbira*

Festi Esterni żanżan l-ewwel statwa, dik li tirrappreżenta lill-Imperatur Ruman Kostantinu. Din l-istatwa hi xogħol fl-kartapesta tal-istatwarju Aaron Camilleri Cauchi. Tal-istess statwarju huma l-istatwi mżanżna fil-perjodu 2011-2015. Fis-sena 2016, l-artist versatili Manuel Farrugia kien ikkummissjonat jaħdem il-kumplament tal-istatwi, bl-ewwel statwa maħduma minnu tkun dik li tirrappreżenta lill-Kappillan Dun Ġużepp Vella. Statwa oħra, dik tar-Re Dwardu III tal-Ingilterra, kienet



*L-istatwarju Aaron Camilleri Cauchi waqt li qed isawwar l-istatwa tal-Imperatur Kostantinu*

504 KFE, Programm tal-Festa 2007, 13-16.

irregalata lill-Qriema mill-Festa San Ġorġ Association ta' Toronto, il-Kanada.[505] Dan is-sett ta' statwi ser ikun kumplementat minn sett ta' bandalori ġodda bil-pittura, li wkoll jirrappreżentaw qaddisin b'rabta ma' San Ġorġ. Il-pittura ta' dawn il-bandalori hi fdata f'idejn Manuel Farrugia wkoll.



***Diversi żgħażagħ waqt il-ħidma tagħhom fil-maħżen***

Il-Kumitat Festi Esterni, bħala d-depożitarju u l-kustodju ta' armar antik, ta' kull sena jiddedika ammont sostanzjali mir-riżorsi tiegħu għar-restawr u l-manutenzjoni ta' dan l-armar. Dan ix-xogħol kollu jista' jitwettaq għax fil-passat il-Kumitat kien investa fil-ħiliet tal-membri. F'dawn iż-żminijiet fi ħdanu kellu persuni ta' sengħa u arti kbira bħal Silvio Pace (disinn); Laurence Zammit, Dominic Scerri, Raymond Bonello, Clayton Grech, Justin Zahra, George Portelli (induratura); Natalino Xuereb, Etienne Tabone u Joseph Spiteri (irħamar); Henry Attard, Joseph Bezzina, Victor Cilia, Cristina Grech, Chantelle Xerri, Rita Bugeja u Mona Scerri (tfassil u ħjata tal-bandalori u bnadar), George Spiteri (sfumar), Pawlu Sammut (restawr ta' statwi), Rafel Aquilina, Arthur Salnitro, Carmelo Scerri u Twanny Zammit (xogħol fil-metall), Ġużi Xuereb, Ġorġ u Silvio Debono (xogħol fl-injam) Joseph Bezzina (restawr fl-injam) u Antoine Borg (skultura). Ma' dawn jingħaqdu bosta membri u persuni oħra, fosthom Michael Cilia, Stephen Cauchi, George Cauchi, Charlie Agius, George Xuereb, Charlon

505 KFE Program tal-Festa 2017, 37.

Borg, George Cremona, Christian Camilleri, Matthew Azzopardi, Spiro Bonanno, Jurgen Deguara u Pio Curmi li jagħmlu xogħol ieħor daqstant importanti.[506]

Ħidmet il-Kumitat fil-qasam tal-artiġjanat kien rikonoxxut mill-Kunsill Malti tal-Artiġjanat li fis-sena 2017 ippremja ħidmet dan il-Kumitat f'dan il-qasam. Rikonoxximent simili wasal mill-Kunsill Lokali tal-Belt Pinto, li sena wara l-oħra għaraf b'ġieħ il-ħila u l-kontribut kemm tal-Kumitat innifsu kif ukoll tad-diversi membri fi ħdanu.

### ĊENTRU ĠDID TAL-ARMAR



*Il-maħżen il-ġdid ta' Triq San Pietru*

Iż-żieda fin-numru kbir ta' żgħażagħ imħeġġa bir-rieda li jagħtu daqqa t'id fil-qasam tal-armar, wassal lill-Kumitat biex jimbarka fuq proġett ambizzjuż, dak li jittrasforma binja antika f'ċentru tal-armar li jservi bħala skola tal-artiġjanat. Il-post magħżul għal dan il-proġett kien il-fond fi Triq San Pietru li sas-snin Sittin kien iservi bħala mużew tal-bniet u mbagħad ittieħed mill-Kumitat tal-Festa sabiex fih jinżamm l-armar. Il-ħsieb oriġinali kien li dan il-post jitwaqqa' u minfloku tittella' binja ġdida li takkomoda l-ħtiġijiet taż-żminijiet moderni. Fis-sena 2001 kien inkarigat il-Perit Valentino

506 Il-lista ta' dawn il-persuni voluntiera ttieħdet mir-rapporti ta' ħidma għas-snin 2000-2017 kif ippubblikati fil-Programmi tal-Festa maħruġa mill-Kumitat Festi Esterni.

sabiex jiddisinja l-pjanti u jissottometti l-applikazzjoni.[507] Il-Kumitat beda bit-tħejjijiet u l-ġbir tal-fondi sabiex ladarba joħorġu l-permessi jkun jista' jibda x-xogħol minnufih. Iżda l-applikazzjoni ltaqgħet ma' intopp imprevist hekk kif l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Ambjent għarrfet lill-Kumitat li ma kinitx ser tilqa' l-applikazzjoni għat-twaqqigħ tal-post, peress li kien ikkunsidrat bħala post ta' interess arkitettoniku. Għaldaqstant kienet sottomessa applikazzjoni ġdida sabiex il-post, minflok jitwaqqa', ikun restawrat u jittella' sular ieħor. Dan it-tibdil, apparti t-tnaqqis fil-funzjonalità ppjanata oriġinarjament, kien ser ifisser żieda sostanzjali fl-ispiża, li issa kienet mistennija li ser tisboq sew il-mitt elf ewro. L-isfida kienet kbira, imma daqstant kbira kienet id-determinazzjoni tal-membri. Għal dan il-madmad indaħal il-Kaxxier tal-Kumitat, is-Sur Michael Muscat. Sena wara l-oħra, is-Sur Muscat beda jibni fond sabiex ikun jista' jiffinanzja dan il-proġett mingħajr l-ebda ħtieġa ta' self. F'dan il-għan tiegħu sab l-għajnuna tas-Sur Joseph Bugeja, li għen sabiex il-Kumitat jikseb fondi Ewropej taħt il-programm LEADER. Fis-sena 2014, issa li l-fondi meħtieġa kienu assigurati, taħt id-direzzjoni tal-Perit David Zahra, inbeda x-xogħol tal-bini li tlesta sas-sena 2015.[508] Wara l-festa tas-sena 2016, inbeda x-xogħol tar-restawr li xorob ammont sostanzjali mill-fond tal-proġett. Il-proġett seta' jissokta grazzi għad-diversi persuni li ħadmu xogħol mingħajr ma talbu ħlas, kif ukoll għad-diversi membri tal-kumitat li meddew idejhom. Din il-ħidma volontarja kienet kumplementata bl-għajnuna ta' diversi benefatturi li pprovdew il-materjal bla ħlas jew ħallsu għall-materjal meħtieġ.

## LEJN L-AWTONOMIJA SĦIĦA

Il-Kumitat Festi Esterni sa mit-twaqqif tiegħu, dejjem kien meqjus bħala estensjoni tal-Awtorità Ekkleżjastika f'dak li għandu x'jaqsam mal-

507 KFE, Programm tal-Festa 2007, 19-21
508 KFE, Programm tal-Festa 2015, 25-27



organizzazzjoni tal-festa. Fl-ewwel snin tiegħu, minkejja din ir-rabta, kien igawdi ċertu livell ta' awtonomija li kienet issarfet fi kreattività li wasslet għal progress f'diversi oqsma tal-festa. Tul is-snin, din l-awtonomija bdiet titnaqqar, sakemm fi żmien l-Arċipriet Dun Ġerald Frendo, dan il-Kumitat irrenda ruħu bħala grupp ta' persuni li jgħinu lill Arċipriet fl-organizzazzjoni tal-festa. Fi tmiem il-parrokat ta' Dun Ġerald, il-Kumitat reġa' beda jikseb ftit, ftit dik l-awtonomija u l-inizjattiva li kellu fl-ewwel snin. It-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ xprunat mhux ftit sabiex il-Kumitat Festi Esterni jimraħ f'oqsma ġodda mhux relatati mal-festa. L-impenji dejjem jikbru u l-iżvilupp legali li jirregola l-qasam tal-volontarjat, beda jagħmel aktar urġenti li dan il-Kumitat ikun rikonoxxut legalment. Il-ħtieġa li jiffinanzja proġetti permezz ta' fondi Ewropej, irrenda imperattiv li dan il-Kumitat jirreġistra ruħu bħala għaqda volontarja mhux governattiva. Għal dan il-għan, twaqqfet kummissjoni komposta mis-Sinjuri Noel Gauci (Segretarju tal-Kumitat), Pawlu Sammut (Viċi President) u Joseph Bugeja, sabiex tfassal statut ġdid, konformi mal-liġi tal-għaqdiet volontarji. It-tmexxija tal-Kumitat kienet rijorganizzata u twaqqfu diversi direttorati u kummissjonijiet. Il-Kumitat Festi Esterni issa ġie rikonoxxut bħala għaqda awtonoma bl-amministrazzjoni tagħha eletta

mill-membri mingħajr l-ebda ndħil tal-Awtorità Ekkleżjastika. Ir-rwol tal-Arċipriet tal-parroċċa San Ġorġ issa hu dak ta' President ta' din l-għaqda, li jservi ta' garanzija li tassigura li l-qasam amministrattiv jimxi skont il-provvedimenti tal-istatut.

## SENA INDIMENTIKABBLI

Is-sena 2016 żgur li kienet waħda minn dawk is-snin li l-ġenerazzjonijiet futuri ser jibqgħu jiftakruha, kemm fit-tajjeb kif ukoll fil-kruha tagħha. F'din is-sena l-Parroċċa San Ġorġ fakkret il-275 sena mill-inawgurazzjoni tal-istatwa titulari. Għal dan l-avveniment, id-diversi għaqdiet tal-parroċċa organizzaw sensiela ta' attivitajiet, kemm ta' natura soċjali kif ukoll ta' natura reliġjuża. Dawn l-attivitajiet laħqu l-qofol tagħhom fix-xhur t'April u Ġunju.

L-ewwel appuntament kien ix-xahar t'April. Fil-ġimgħa ta' qabel il-Festa Liturġika, is-Sezzjoni Żgħażagħ tellgħet wirja bit-tema "Xbihatek fi Djarna". F'din il-wirja kienu bosta l-oġġetti mill-oqsma kollha tal-arti esebiti li kellhom suġġett komuni: ix-xbiha tal-patrun tal-Belt Pinto. Nhar is-Solennità, wara l-funzjoni, il-Banda San Ġorġ Martri tellgħet programm mużikali fil-pjazza ewlenija tal-Belt Pinto. L-għada, l-24 t'April, Ħal Qormi sebaħ bħal qatt qabel. Minn tarf Wied il-Bonċ sal-Istabal, Ħal Qormi kien imżejjen minn baħar ta' bnadar. Tul il-lejl, il-Kumitat Festi Esterni kien żejjen it-triqat ta' beltna b'festuni, bnadar u pavaljuni. Fid-disgħa ta' filgħodu, mill-Knisja Arċipretali beda ħiereġ serbut ta' fratelli u warajhom l-istatwa titulari akkumpanjata mill-Banda Anici. Dan il-pellegrinaġġ ġibed lejn in-naħa tal-Vitorja, iżda din id-darba l-istatwa ma daritx lejn Triq Anici. Għall-ewwel darba wara tmenin sena, akkumpanjata mill-fratelli u l-kleru tal-parroċċa San Sebastjan u mwennsa bid-daqq tas-Soċjetà Filarmonika Pinto, l-istatwa titulari baqgħet nieżla lejn ix-xaqliba ta' San



*24 t'April 2018 - Il-Belt Pinto minn tarf sa tarf tagħha imżejna*
*Ritratt: Christian Camilleri*




*L-istatwa titulari tasal quddiem il-Knisja ta' San Sebastjan*
*Ritratt: Clayton Grech*



*Il-Wirja 'Xbihatek fi Djarna' armata fil-maħżen tal-armar*



*L-istatwa ta' San Ġorġ Martri quddiem il-maħżen tal-armar fi Triq il-Blata*


FOND. A.D. 1919
Leħen
il-Belt Ġorġ
www.festiesterniqormi.org
sms: 5061 105

Sebastjan. Entużjażmu kbir ħakem il-folla hekk kif l-istatwa titulari waslet quddiem il-knisja l-antika ta' San Sebastjan. Wara diskorsi mill-President ta' Malta u l-mexxejja spiritwali taż-żewġ parroċċi, il-pellegrinaġġ issokta fi triqtu lura lejn il-parroċċa San Ġorġ, fejn hemm sabet tilqgħu l-Banda San Ġorġ Martri. Din il-banda akkumpanjat dan il-pellegrinaġġ tul it-triq prinċipali tal-parroċċa, lejn Fuq Tal-Blat sa ħdejn il-kamra tan-nar. Għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, il-Qriema nġabru għal darba oħra fuq iz-zuntier sabiex jilqgħu u jsellmu lix-xbiha tal-patrun hekk kif din daħlet trijonfalment lura fit-tempju li tiegħu hi titular.

Fl-ewwel jiem ta' Ġunju, bħas-snin l-imgħoddija, it-toroq ta' din il-belt bdew jissebbħu bl-armar. Armar ġdid u armar antik, bl-antik ma jintgħarafx mill-ġdid, frott iż-żelu tal-membri tal-Kumitat Festi Esterni. Il-festa bdiet miexja kif ippjanat. Nhar l-Aħħar Jum tat-Tridu kif hi d-drawwa, beda jintrama d-drapp. Iżda tard filgħodu, ix-xemx ta' Ġunju tgħajbet bi sħab sewdieni. Maltempata qawwija laqtet lill-gżejjer Maltin. Xita bi qliel u żewġ sajjetti għamlu ħerba mill-armar. Il-ħsara setgħet kienet ferm akbar



***Uħud mill-istatwi li ġarrbu ħsarat kbar***

li ma kienx għall-isforz straordinarju li sar mill-membri tal-Kumitat Festi Esterni, li ħadmu bla heda sabiex f'temp ta' siegħa żarmaw ħafna minn dak li kienu ramaw fil-ġimgħat ta' qabel. Dan irnexxielhom jagħmluh grazzi għal numru kbir ta' persuni, minn kull rokna tal-parroċċa, li ħarġu mill-kenn ta' darhom u taħt xita qalila taw daqqa t'id sabiex ikun salvat dak li kien salvabbli. Il-ħsara kienet tammonta għal eluf ta' ewro. Ħsarat simili sofrew id-dilettanti tan-nar, li kellhom in-nar ta' Lejlet il-Festa mħawwel fil-kanen, kif ukoll il-Banda San Ġorġ Martri li kellha l-planċier il-ġdid armat fil-pjazza ta' quddiem il-Kappella ta' San Franġisk.

L-għada, Lejlet il-Festa, sa minn tlugħ ix-xemx, ġgajtiet ta' żgħażagħ u mhumiex, bdew jarmaw mill-ġdid it-toroq ta' din il-belt. Jekk il-maltempata tat tixriba kbira lill-armar, żgur li ma tfietx l-entużjażmu tal-festa fost il-Qriema, hekk li kważi l-armar kollu kien armat sa nofsinhar. Il-festa ssoktat kif ippjanat bil-programmi u marċi miż-żewġ baned tal-parroċċa u dawk mistiedna kkumplementati bi spettaklu pirotekniku bit-tema *Diamonds in the Sky.* Bħal kull sena, il-qofol tal-festi ntlaħaq nhar il-Ħadd bil-purċissjoni bl-istatwa titulari.

Għaddiet il-festa u l-Kumitat beda jivvaluta l-estensjoni tal-ħsarat. Bosta mill-istatwi kienu sofrew ħsarat konsiderevoli. Uħud mill-pedestalli l-antiki tan-naħa tal-Vitorja, tant kienet saritilhom ħsara li ma kienx aktar vijabbli li jissewwew. Kien għalhekk deċiż li l-programm ta' ħidma ppjanat għas-sena 2017 jinbidel drastikament sabiex ir-riżorsi



***Is-Sur Ġużi Xuereb waqt ix-xogħol tiegħu fuq il-pedestalli ta' Triq il-Vitorja***

jkunu kkonċentrati fuq it-tiswijiet. Il-ħidma bla waqfien tal-membri tat il-frott tagħha hekk li għall-festa tas-sena 2017, bosta mill-armar li kien ġarrab ħsarat kien issewwa. Il-maltempata tal-Aħħar Jum tat-Tridu wasslet ukoll sabiex jitnieda proġett ta' sett pedestalli ġodda għan-naħa tal-Vitorja minflok dawk li kienu fi stat irreparabbli. Id-disinn kien fdat f'idejn Silvio Pace, waqt li għax-xogħol tal-injam kien intrigat Ġużi Xuereb. Il-mensoli u l-iskultura tal-pedestalli l-antiki ġew irkuprati u restawrati u sussegwentement, inkorporati fil-pedestalli l-ġodda.

### TITFAKKAR L-EWWEL MITT SENA TA' ĦIDMA

Il-festa tas-sena 2016 kienet il-preludju għal sensiela ta' attivitajiet bil-ħsieb li jkunu kommemorati l-ewwel mitt sena ta' ħidmet il-Kumitat Festi Esterni. Għal dan il-għan twaqqfet kummissjoni sabiex tieħu ħsieb tippjana u torganizza d-diversi inizjattivi. L-inizjattivi huma bosta, bil-ħsieb li jinfirxu fuq diversi oqsma. Fil-qasam kulturali tħejja programm vast ta' attivitajiet li l-qofol tagħhom jintlaħaq b'kunċert sinfoniku kbir fil-jiem ta' qabel il-festa. Fil-qasam tal-armar tfassal pjan ta' ħidma sabiex għal din l-okkażjoni jkun irrestawrat l-ark l-antik u wkoll jitlesta s-sett ta' pedestalli ta' ħdejn il-Vitorja. Dan il-programm ta' ħidma ser ikun kumplimentat bit-tlestija tal-proġett taċ-ċentru l-ġdid tal-armar, li mistenni jkun inawgurat qrib il-Festa Liturġika tas-sena 2019.

It-tifkira tal-ewwel mitt sena ta' ħidma ma tistax tkun kompluta jekk ma jkunx hemm tifkira dejjiema tal-kontribut li diversi persuni u għaqdiet taw fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni b'risq il-festa ta' San Ġorġ. Għal dan il-għan, saret ir-riċerka u l-kitba ta' din il-publikazzjoni, sabiex int li qiegħed taqra tagħraf aħjar l-isforz u s-sagrifiċċji li għamlu missirijietna u b'hekk tapprezza aħjar l-impenn u d-dedikazzjoni li tant huma meħtieġa għall-organizzazzjoni tal-festi li jsiru fil-Belt Pinto f'ġieħ San Ġorġ Megalomartri.

# Il-Kumitat Festi Esterni

## 1919 - 1925

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Vinċenz Azzopardi, |
| Viċi President: | Rev. GioMaria Cassar[509] |
| Segretarju: | Rev. Giovanni B. Porsella Flores |
| Sotto Segretarju: | Francesco Coleiro |
| Teżorier: | Rev. Vinċenz Borg |
| Viċi Teżorier: | Rev Salvatore Cilia |
| Membri: | Carmelo Mallia, Giorgio Stivala, Giuseppe Scerri, Giorgio Cassar, Paolo Caruana, Giorgio Borg, Luigi Cassar, Vincenzo Agius, Antonio Azzopardi, Giorgio Zammit, Giorgio Zarb, GioMaria Scicluna, Carmelo Galea, Vincenzo Pulis, Giuseppe Camilleri, Spiridione Cini, Giuseppe Azzopardi, Rosario Schembri, Carmelo Psaila, Rev. Giuseppe Borg Bonavia, Giorgio Baldacchino u Antonio Cardona |

## 1925 - 1933

| | |
|---|---|
| President: | It-Tabib Frederico Maempel |
| Viċi President: | Rev. Giovanni B. Porsella Flores[510] |
| Segretarju: | Rev. Giorgio Scicluna[511] |

509 Il-karigi ta' Viċi President, Sotto Segretarju u Viċi Teżorier kienu approvati fis-seduti Nru 17 u 23.

510 Fi Frar 1919, bħala Viċi President inħatar ir-Rev. Giuseppe Borg Bonavia.

511 Bħala Segretarju kien maħtur Dun Ġorġ Borg li iżda rrifjuta l-ħatra u minfloku ġie maħtur ir-Rev Giorgio Scicluna. Sussegwentement Antonio Azzopardi serva bħala Segretarju bejn Ottubru 1927 u Jannar 1928. F'Jannar 1928 bħala segretarju kien maħtur Giorgio Zammit li dam fil-kariga sa Ġunju 1929. Minn Ġunju 1929 bħala Segretarju nħatar Antonio Azzopardi. Antonio Zammit inħatar Segretarju f'Jannar 1931.

| | |
|---|---|
| Sotto Segretarju: | Antonio Azzopardi |
| Teżorier: | Rev. Vinċenz Borg |
| Membri: | Carmelo Psaila, Paolo Caruana, Giuseppe Azzopardi, Giorgio Baldacchino (Tal-Paċċ), Ġorġ Baldacchino (Ċanċi), Giorgio Stivala, Giuseppe Scerri, GioMaria Scicluna, Carmelo Fava, Giovanni Borg, Salvatore Sammut, Luigi Cassar, Salvatore Spiteri, Vincenzo Agius, Dott. Giuseppe Mifsud Speranza, Giorgo Gatt, Emmanuele Bonnici, Salvatore Mangion, Giorgio Borg, Giuseppe Borg, Angelo Fava, Carmelo Cardona, Giuseppe Cardona, Francesco Mamo, Saverio Sammut, Giorgio Attard, Massimo Mangion, Antonio Portelli |

**1933 - 1940**

| | |
|---|---|
| President: | It-Tabib Frederico Maempel |
| Viċi President: | L-Avukat Giuseppe Mifsud Speranza |
| Segretarju: | Carmelo Psaila |
| Sotto Segretarju: | Antonio Zammit |
| Teżorier: | Rev. Giovanni B. Porsella Flores |
| Reviżuri: | Rev. Vinċenz Borġ u Giorgio Cassar |
| Membri: | Massimo Mangion, Carmelo Cardona, Antonio Azzopardi, Giorgio Attard, Giuseppe Azzopardi, Paolo Caruana, Giorgio Borg, Luigi Cassar, Francesco Mamo, Poalo Zammit, Giorgio Baldacchino (Ċanċi), Carmelo Briffa, Giorgio Baldacchino (tal-Paċċ), Giorgio Azzopardi, Antonio Portelli, Salvatore Zammit, Vincenzo Agius, Rosario Schembri |

Responsabbli mill-post tan-nar: Giorgio Azzopardi

## 1940 - 1944

| | |
|---|---|
| President: | It-Tabib Frederico Maempel |
| Viċi President: | Il-Prokuratur Legali Fort Ellul |
| Segretarju | Emmanuele Zarb |
| Sotto Segretarju: | Antonio Zammit |
| Teżorier: | Rev. Lawrenz Saliba |
| Viċi Teżorier: | George Baldacchino |
| Membri: | Giuseppe Azzopardi, Paolo Zammit, Luigi Bonnici, Antonio Genovese, Giorgio Baldacchino, Salvatore Sammut, Giorgio Borg, Giorgio Azzopardi, Antonio Frendo, Giorgio Cassar, Carmelo Cassar, Angelo Fava u Andrea Micallef |

Prokuratur tal-Festa: Rev. Salvatore Sammut

## 1944 - 1947

| | |
|---|---|
| President: | It-Tabib Frederico Maempel |
| Viċi President: | Il-Prokuratur Legali Fort Ellul |
| Segretarju: | Emmanuele Zarb |
| Sotto Segretarju: | Antonio Zammit |
| Teżorier: | Rev. Lawrenz Saliba |
| Viċi Teżorier: | George Baldacchino |
| Membri: | Luigi Bonnici, Giorgio Cassar, Orlando Orland, Antonio Frendo, Carmelo Cassar, Giuseppe Azzopardi, Antonio Genovese, Giorgio Azzopardi, Carmelo Aquilina, Paul Chircop, Carmelo Cauchi, Angelo Fava, Alessandro Mallia, Giorgio Zammit, Massimo Mangion, Salvatore Sammut |

Prokuraturi tal-Festa: Rev. Salvatore Sammut u Rev. Giuseppe Borg Bonavia

## 1947 - 1949

President: It-Tabib Frederico Maempel
Viċi President: Il-Prokuratur Legali Fort Ellul
Segretarju: Joe (Ġużè) Cardona
Sotto Segretarju: George Azzopardi
Teżorier: Rev. Lawrenz Saliba
Membri: Luigi Bonnici, Giorgio Baldacchino, George Cassar, Giuseppe Azzopardi, Orland Orlando, Carmelo Cassar, Alessandro Mallia[512], Antonio Zammit, Anġlu Fava, Salvu Baldacchino, Salvu Sammut u Ġamri Cini
Prokuraturi tal-Festa: Rev. Salvatore Sammut u Rev. Giuseppe Borg Bonavia

## 1950 - 1952

President: Il-Prokuratur Legali Fort Ellul
Viċi President: Rev. Kan. Ġorġ Bonello
Segretarju: Ġuże Cardona
Sotto Segretarju: George Azzopardi
Teżorier: Rev Lawrenz Saliba
Viċi Teżorier: Ġorġ Baldacchino
Kuratur tal-maħżen: Ġamri Cini
Membri: Luigi Bonnici, Ġużi Baldacchino, Ġorġ Baldacchino, Anthony Zammit, Pawlu Calleja, Kola Mamo, Ġorġ Briffa, Ġorġ Formosa, Paul Aquilina, Salvu Debono, Ġorġ Genovese, Emmanuel Zammit, Salvu Sammut, Ġorġ Grech, Emanuel Debono, Anglu Fava, Salvu Baldacchino, Wiġi Cassar, Salvu Grech, Ġamri Zammit, Willie Guelfo
Prokuraturi tal-Festa: Rev. Salvatore Sammut u Rev. Giuseppe Borg Bonavia

---

512 Alessandro Mallia, bħal missieru Carmelo Mallia (il-*Lhudi*), kien statwarju u kellu l-bottega tiegħu f'Ħal Qormi.

## 1952 - 1954

President: It-Tabib Maurice Mifsud Ellul
Viċi President: Rev. Kan. Ġorġ Bonello
Segretarju: Ġuże Cardona
Viċi Segretarju: Ġorġ Azzopardi
Teżorier: Rev. Lawrenz Saliba
Viċi Teżorier: Ġorġ Baldacchino
Membri: Rev. Giuseppe Zammit, Salvu Baldacchino, Ġorġ Portelli, Ċensu Agius, Salvu Sammut, Paul Aquilina, Kola Mamo, Ġorġ Baldacchino, Emanuel Debono, Emanuel Zammit, Ġamri Cini, Ġorġ Grech, Ġorġ Schembri, Pawlu Calleja, Ġorġ Genovese, Antonio Genovese, Karmenu Psaila, F Duca, Anġlu Fava, Carmelo Xerri, Ġorġ Schembri(Snr), Giuseppe Baldacchino, Alfred Debono, Antonio Zammit
Prokuraturi tal-Festa: Rev. Salvatore Sammut u Rev. Giuseppe Borg Bonavia

## 1954 - 1956

President: Perit Anthony Borg
Viċi President: Rev. Lawrenz Saliba
Segretarju: Ġuże Cardona
Viċi Segretarju: Ġorġ Azzopardi
Kaxxier: Rev. Giuseppe Zammit
Viċi Kaxxier: Ġorġ Baldacchino
Membri: Kola Mamo, Ġamri Cini, Paul Aquilina, Giuseppe Agius, Ġorġ Genovese, Salvu Sammut, Ġorġ Schembri(Snr), Ġorġ Grech, Anglu Fava, Salvu Baldacchino, Karmenu Scerri, Ġorġ Sammut
Prokuratur tal-Festa: Rev. Lawrenz Saliba

## 1956 - 1957

President: Il-Perit Anthony Borg
Viċi President: Rev. Lawrenz Saliba
Segretarju: Rev. Lawrenz Saliba
Viċi Segretarju: Ġorġ Azzopardi
Kaxxier: Rev. Giuseppe Zammit
Viċi Kaxxier: Ġorġ Baldacchino
Membri: Kola Mamo, Paul Aquilina, Giuseppe Agius, Antonio Genovese, Salvu Sammut, Ġorġ Schembri, Salvu Baldacchino, Paolo Chircop, Giorgio Farrugia, Emmanuel Cremona, Angelo Mifsud, Giuseppe Mallia, Corrado Attard, Salvu Debono, Anġlu Fava, Ġorġ Grech, Paolo Debono, Angelo Mifsud, Antonio Zammit
Prokuratur tal-Festa: Rev. Lawrenz Saliba

## 1958 - 1960

President: Rev. Gerald Frendo (Arċipriet)
Segretarju: Il-Perit Anthony Borg
Viċi Segretarju: Abel J. Mizzi
Kaxxier: Rev. Giuseppe Zammit[513]
Viċi Kaxxier: Ġorġ Baldacchino
Membri: Kola Mamo, Paul Aquilina, Giuseppe Agius, Antonio Genovese, Salvu Sammut, Ġorġ Schembri, Salvu Baldacchino, Paolo Chircop, Giorgio Farrugia, Emmanuel Cremona, Giuseppe Mallia, Coronato Attard, Salvu Debono, Pawlu Debono, Antonio Zammit

513 Dun Ġużepp Zammit dam fil-kariga ftit xhur. Warajh kien appuntat Dun Pawl Genovese li wkoll dam ftit xhur. Fl-1959, il-kariga ta' kaxxier kienet fdata f'idejn il-Kanonku Dun Ġorġ Bonello.

## 1960 - 1963

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Ġerald Frendo (Arċipriet) |
| Segretarju: | Abel J. Mizzi |
| Viċi Segretarju: | Corrado Attard |
| Kaxxier: | Rev. Kan. Ġorġ Bonello |
| Viċi Kaxxier: | Ġorġ Baldacchino |
| Membri: | Ġorġ Schembri, Pawlu Debono, Paul Aquilina, Paolo Chircop, Salvu Debono, Kola Mamo, Antonio Zammit, Giuseppe Agius, Ġorġ Agius, Salvu Mamo |

## 1963 - 1968

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Ġerald Frendo (Arċipriet) |
| Segretarju: | Ġużeppi Camilleri |
| Viċi Segretarju: | Corrado Attard |
| Kaxxier: | Rev. Kan. Ġorġ Bonello |
| Viċi Kaxxier: | Ġorġ Baldacchino |
| Membri: | Ġorġ Schembri, Pawlu Debono, Paolo Chircop, Salvu Debono, Kola Mamo, Antonio Zammit, Giuseppe Agius, Ġorġ Agius, Joseph Mamo, V. Portelli, Ġeranz (Geronzio) Azzopardi, Carmelo Pace, Emidio Mamo |

## 1968 - 1972

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Ġerald Frendo (Arċipriet) |
| Segretarju: | Joseph Vella |
| Kaxxier: | Rev. Kan. Ġorġ Bonello |
| Armar: | Kola Mamo, Ġorġ Schembri, Antonio Zammit, Emidio Mamo, Joseph Mamo u Giuseppe Agius |
| Finanzi: | Lawrence Agius u Joseph Vella Spiteri. |
| Membri: | Geronzio Azzopardi, Paul Sammut, V. Portelli, Salvu Mamo, Carmelo Spiteri |

## 1972 - 1977

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Ġerald Frendo (Arċipriet) |
| Segretarju | Lawrence Agius |
| Kaxxier: | Ġorġ Schembri |
| Membri: | Kola Mamo, Joseph Mamo, Paul Sammut, Carmelo Spiteri, Antonio Zammit, Carmelo Mamo, Ruben Mizzi, Ġorġ Mamo, Joseph Vella, George Schembri, Geronzio Azzopardi, Rafel Aquilina, Ġorġ Schembri Ellul |

## 1978 - 1979

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Kan. Pawl Attard (Arċipriet) |
| Segretarju | Joseph Attard |
| Kaxxier: | Ġorġ Schembri |
| Membri: | Kola Mamo, Joseph Mamo, Carmelo Spiteri, Antonio Zammit, Carmelo Mamo, Ġorġ Mamo, Joseph Vella, Rafel Aquilina, Ġorġ Schembri Ellul. |
| Delegati[514]: | |
| Nar | Rev. Pawl Genovese, Salvu Baldacchino, Antoine Agius, Joe Pisani, Ninu Farrugia |
| Vitorja | Ġeranz Azzopardi, Ġorġ Cutajar, Paul Spiteri |
| Banda S Ġorġ: | Luciano Apap, Spiro Aquilina |

## 1979 - 1981

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Kan. Pawl Attard (Arċipriet) |
| Segretarju | Joseph Attard[515] |
| Kaxxier: | Ġorġ Schembri |
| Membri: | Paul Sammut, Carmelo Spiteri, Charles Schembri, |

514 Id-delegati kienu jinbidlu minn laqgħa għal oħra. Id-delegati f'din il-lista huma dawk il-persuni li attendew laqgħa tal-Kumitat tal-Festa mill-inqas darba.

515 Fl-1981 bħala segretarju nħatar Pawlu Sammut.

| | |
|---|---|
| | Ġorġ Schembri Ellul, Ġorġ Mamo, Vincent Azzopardi, Ġużeppi Vella, Ġorġ Fenech, Ġorġ Cutajar |
| Delegati: | |
| Vitorja: | Ġeranz Azzopardi, Ġorġ Agius |
| Banda San Ġorġ: | Luciano Apap, Spiro Aquilina |
| Nar: | Alfred Mangion, Ġorġ Cauchi, Joe Pisani |

**1981 - 1987**

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Edgar Attard (Arċipriet) |
| Segretarju | Paul Sammut |
| Kaxxier: | Ġorġ Schembri |
| Membri: | Charles Schembri, Joe Spiteri, Ġorġ Schembri Ellul, Ġorġ Mamo, Vincent Azzopardi, Ġużeppi Vella, Ġorġ Fenech, Ġorġ Cutajar, Alfred Debono, Carmelo Xerri, Ġorġ Baldacchino, Michael Muscat, Ġeranz Azzopardi, Ġorġ Agius, Joe Attard, Charlie Camilleri, Joe Bezzina, Joe Curmi, Silvio Pace, Charles Baldacchino u Dun Lawrenz Zammit |
| Delegat: | |
| Banda San Ġorġ: | Emmanuel Cremona |

**1987 - 1991**

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Kan. Karm Aquilina (Arċipriet) |
| Segretarju: | Paul Sammut |
| Kaxxier: | Ġorġ Schembri |
| Membri: | Charles Schembri, Joe Spiteri, Carmelo Xerri, Ġorġ Baldacchino, Michael Muscat, Ġeranz Azzopardi, Joe Bezzina, Silvio Pace, Charles Baldacchino, Frans Mintoff u Dun Lawrenz Zammit |

## 1992 -1994

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Kan. Karm Aquilina (Arċipriet) |
| Segretarju | Paul Sammut |
| Kaxxier: | Ġorġ Schembri |
| Membri: | Charles Schembri, Joe Spiteri, Carmelo Xerri, Ġorġ Baldacchino, Michael Muscat, Ġeranz Azzopardi, Joe Bezzina, Silvio Pace, Charles Baldacchino, Frans Mintoff, Ġorġ Cardona, Simon Bezzina, Carmen Borg, Mario Baldacchino, Lola Scerri, Maria Baldacchino, Phyliss Muscat, Maria Baldacchino, Frans Camilleri, Jesmond Mangion, Lorenza Camilleri |

## 1995 - 1997

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Dun Frans Abdilla (Arċipriet) |
| Viċi President: | Ġorġ Schembri |
| Segretarju: | Paul Sammut |
| Viċi Segretarju: | Charles Schembri |
| Kaxxier: | Ġorġ Schembri |
| PRO: | Silvio Pace |
| Membri: | Ġeranz Azzopardi, Ġorġ Baldacchino, Maria Baldacchino, Mario Baldacchino, Joe Bezzina, Carmen Borg, Frans Camilleri, Lorenza Camilleri, Ġorġ Cardona, Maria Cardona, Mario Cardona, Lola Scerri, Jesmond Mangion, Michael Muscat, Phyliss Muscat, Joe Spiteri, Carmelo Xerri |

## 1998 - 1999

President: Rev. Dun Frans Abdilla (Arċipriet)
Viċi President: Ġorġ Schembri
Segretarju: Paul Sammut
Viċi Segretarju: Charles Schembri
Kaxxier: Ġorġ Schembri
PRO: Silvio Pace
Membri: Ġeranz Azzopardi, Ġorġ Baldacchino, Maria Baldacchino, Mario Baldacchino, Joe Bezzina, Carmen Borg, Frans Camilleri, Lorenza Camilleri, Ġorġ Cardona, Maria Cardona, Mario Cardona, Alfred Chetcuti, Jesmond Mangion, Michael Muscat, Phyliss Muscat, Lola Scerri, Joe Spiteri u Carmelo Xerri

## 2000 - 2002

President: Rev. Dun Frans Abdilla (Arċipriet)
Viċi President: Joseph Spiteri
Segretarju: Paul Sammut
Viċi Segretarju: Charles Schembri
Kaxxier: Michael Muscat
Viċi Kaxxiera: Alfred Chetcuti u Ġorġ Cardona
PRO: Silvio Pace
Membri: Ġorġ Schembri, Ġorġ Baldacchino, Ġeranz Azzopardi, Joe Bezzina, Carmelo Xerri, Jesmond Mangion, Mario Baldacchino, Frans Camilleri, Silvio Debono, Victor Cilia, Lola Scerri, Michael Cilia u Phyliss Muscat

## 2003 - 2004

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Dun Frans Abdilla (Arċipriet) |
| Viċi President: | Joseph Spiteri |
| Segretarju: | Paul Sammut |
| Viċi Segretarju: | Charles Schembri |
| Kaxxier: | Michael Muscat |
| Viċi Kaxxiera: | Alfred Chetcuti u Ġorġ Cardona |
| PRO: | Silvio Pace |
| Membri: | Ġorġ Schembri, Ġeranz Azzopardi, Joe Bezzina, Jesmond Mangion, Frans Camilleri, Lola Scerri, Michael Cilia, Silvio Debono, Carmelo Bezzina u Phyliss Muscat. |
| Żgħażagħ: | Victor Cilia u Josef Aquilina |

## 2005

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Dun Frans Abdilla (Arċipriet) |
| Viċi President: | Joseph Spiteri |
| Segretarju: | Paul Sammut |
| Viċi Segretarju: | Charles Schembri |
| Kaxxier: | Michael Muscat |
| Viċi Kaxxiera: | Alfred Chetcuti u Ġorġ Cardona |
| Membri: | Ġeranz Azzopardi, Joe Bezzina, Frans Camilleri, Lola Scerri, Michael Cilia, Silvio Debono, Carmelo Bezzina u Phyliss Muscat. |
| Żgħażagħ: | Victor Cilia u Josef Aquilina |

## 2006 - 2009

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Kan. Dun Anton Cassar (Arċipriet) |
| Viċi President: | Joseph Spiteri |
| Segretarju: | Paul Sammut |
| Viċi Segretarju: | Josef Aquilina |
| Kaxxier: | Michael Muscat |

Viċi Kaxxiera: Arthur Salnitro u Ġorġ Cardona
PRO: Natalino Xuereb
Membri: Geranzio Azzopardi, Joe Bezzina, Carmelo Xerri, Frans Camilleri, Silvio Debono, Victor Cilia, Lola Scerri, Michael Cilia, Phyliss Muscat, Alfred Chetcuti, Carmelo Bezzina u Justin Zahra

**2010 - 2011**

President: Rev. Kan. Dun Anton Cassar (Arċipriet)
Viċi President: Joseph Spiteri
Segretarju: Paul Sammut
Viċi Segretarju: Josef Aquilina
Kaxxier: Michael Muscat
Viċi Kaxxiera: Noel Gauci u Frans Mintoff
PRO: Robert Cremona
Membri: Ġorġ Cardona, Joe Bezzina, Carmelo Xerri, Silvio Debono, Lola Scerri, Michael Cilia, Phyliss Muscat, Alfred Chetcuti, Carmelo Bezzina u Justin Zahra

**2012 - 2013**

President: Rev. Kan. Dun Anton Cassar (Arċipriet)
Viċi President: Paul Sammut
Segretarju: Noel Gauci
Viċi Segretarju: Justin Zahra
Kaxxier: Michael Muscat
Viċi Kaxxiera: Frans Mintoff
PRO: Mark Cremona
Membri: Joseph Spiteri, Vctor Cilia, Joe Bezzina, Carmelo Xerri, Lola Scerri, Michael Cilia, Phyliss Muscat, Alfred Chetcuti, Carmelo Bezzina, Natalino Xuereb, Stephen Cauchi u Justin Zahra

## 2014 - 2016

| | |
|---|---|
| President: | Rev. Kan. Dun Anton Cassar (Arċipriet) |
| Viċi President: | Paul Sammut |
| Segretarju: | Noel Gauci |
| Viċi Segretarju: | Justin Zahra |
| Kaxxier: | Michael Muscat |
| Viċi Kaxxier: | Mark Cremona |
| PRO: | George Spiteri |
| Direttur Armar: | Karmenu Xerri |
| Viċi Diretturi Armar: | Joseph Bezzina u Michael Cilia |
| Direttur Attivitajiet: | Natalino Xuereb |
| Viċi Diretturi Attivitajiet: | Stephen Cauchi u Victor Cilia |
| Rappreżentanti Nisa: | Phyliss Muscat u Lola Xerri |
| Direttur Żgħażagħ: | Laurence Zammit |

## 2017 - 2019

| | |
|---|---|
| President: | Rev Dun Mario Mangion (Arċipriet) |
| Viċi President: | Paul Sammut |
| Segretarju: | Noel Gauci |
| Viċi Segretarju: | Lawrence Zammit |
| Kaxxier: | Michael Muscat |
| Viċi Kaxxier: | Jurgen Deguara |
| PRO: | George Spiteri |
| Direttur Armar: | Justin Zahra |
| Viċi Direttur Armar: | Victor Cilia |
| Direttur Attivitajiet: | Mark Cremona |
| Rappreżentanta Nisa: | Phyliss Muscat |
| Direttur Żgħażagħ: | Christian Camilleri |

# Sotto Kumitati u Kooperaturi

## 1. Il-Kumitat Amministrattiv tal-*Casino San Giorgio*

**1921-1927**

President: Carmelo Psaila
Segretarju: Antonio Azzopardi
Kaxxier: Giorgio Baldacchino
Membri: Paolo Caruana, Giorgio Falzon, Carmelo Sammut, Giuseppe Coleiro, Paolo Zammit, Salvatore Sammut

**1927**

President: Giorgio Baldacchino (Ċanċi)
Segretarju: Antonio Azzopardi
Kaxxier: Giorgio Zammit
Membri: Giorgio Borg, Giorgio Baldacchino (Tal-Paċċ), Luigi Cassar, Carmelo Fava u Angelo Fava

**1928-1933**

President: Giorgio Baldacchino (Ċanċi)
Kaxxier: Giorgio Zammit
Viċi Kaxxier: Giorgio Baldacchino (Tal-Paċċ)
Membri: Giorgio Borg, Luigi Cassar, Carmelo Fava u Angelo Fava

**1933-1936**

President: Giorgio Baldacchino (Ċanċi)
Segretarju: Massimo Mangion
Kaxxier: Anġlu Fava
Viċi Kaxxier: Paolo Caruana
Membri: Giorgio Borg, Luigi Cassar, Anton Portelli, Salvu Zammit (Gori), Giuseppe Azzopardi u Carmelo Briffa

## 2. Sotto Kumitati Vitorja

### 1950
Salvu Ciantar, Ċensu Bigeni, Indrì Ebejer u Lazzru Falzon

### 1953
Lazzru Farrugia, Ġorġ Ebejer, Ġamri Falzon u Salvu Mamo

### 1956
Ġorġ Mangion, Ġorġ Portelli u Carmelo Mallia

## 3. Pirotekniċi qriema

### 1920-1939[516]
Ġanmari Arapa (il-Bully), Ġorġ Azzopardi (Bamba), Spiridione Azzopardi, Giorgio Baldacchino (Ċanċi), Ġorġ Baldacchino (tal-Paċċ), Salvu Baldacchino (il-Mejlaq), Spridione Baldacchino, Antonio Bartolo, Ġużeppi Cauchi (il-Mesmerun), Giuseppe Caruana (il-Bezzi), Carmelo Cassar (Żgiċċi l-Lampi), GianMarì Cassar (iċ-Ċojja), Spiridione Cassar (iċ-Ċojja), Giuseppe Coleiro (is-Slika), Giorgio Debattista (Itlaqhulu), Salvatore Debono (Patatu), Giuseppe Falzon, Michele Falzon, Giovanni Farrugia, Anġlu Fava (Fufa), Karmenu Fava (ta' Qalleb), Salvatore Micallef (il-Beċċun), Giovanni Micallef (il-Beċċun), Wiġi Said, Antonio Sammut, Carmelo Sammut (taż-Żepp), Giuseppe Zahra, Gianmari Zammit (iċ-Ċojja), Giuseppe Zammit, Michele Zammit (ta' Xiffa)

### 1950-1960
Ġużeppi Agius, Ġanmari Arapa (il-Bully), Ġorġ Azzopardi (il-Bożu), Ġużeppi Azzopardi (l-iskarpan), Ġużeppi Baldacchino (Il-Paċċ), Ġorġ Baldacchino (tal-Paċċ), Pawlu Baldacchino (Is-Swej), Salvu Baldacchino (il-Meljaq), Mikiel Balzan, Karmenu Bugeja (il-Qems), Ġużeppi Cauchi (il-Mesmerun), Ġanni Cini, Ġorġ Cini (l-Għasfur), Ninu Chircop (Il-Kori), Ġorġ Debattista (Itlaqhulu), Ġużeppi Debono (il-Bezzi), Leli Debono (Ta' Nora), Żaren Diacono (il-Waj), Ġorġ Falzon, Anġlu Fava (Fufa), Ġorġ Fava (l-Urbu),

516 Sammut P. (1997), 63-64.

Tony Gauci (il-Ħomer), Ġorġ Grech (iċ-Ċiri), Salvu Grech (ta' Ċomba), Gori Sammut, Karmnu Sammut (iż-Żepp), Salvu Sammut (ta' Mira), Leli Vella (Tota), Karmenu Xerri (id-Dingli), Gianmari Zammit (Iċ-Ċojja), Ġorġ Zammit (il-Bożu), Ġużeppi Zammit (Pixxija).

## 4. Għaqda Nisa Ġorġjani

**L-ewwel membri**
Concetta Attard, Carmela Sammut, Victoria Apap, Salvina Farrugia, Maria Borg, Georgina Caruana, Fazia Formosa u Pawlina Agius

**Sezzjoni Nisa**

**1992-1994**
Carmen Borg, Lola Scerri, Maria Baldacchino, Phyliss Muscat, Maria Baldacchino, Lorenza Camilleri

**1995-1999**
Carmen Borg, Maria Cardona, Lola Scerri, Maria Baldacchino, Phyliss Muscat, Maria Baldacchino, Lorenza Camilleri

**2000-2002**
Rappreżentanti
fil-Kumitat: Lola Scerri u Phyliss Muscat
Membri: Carmen Borg, Maria Baldacchino, Lorenza Camilleri u Maria Cardona

**2003-2005**
Rappreżentanti
fil-Kumitat: Lola Scerri u Phyliss Muscat
Membri: Carmen Borg u Maria Baldacchino

**2016-2018**
Direttriċi: Phyliss Muscat
Membri: Lola Scerri, Jessica Agius, Janet Gauci, Rita Bugeja, Lourdes Zammit, Maria Baldacchino, Gloriane Mangion

## 5. Sezzjoni Żgħażagħ

**2001-2005**

Segretarju: Josef Aquilina
PRO: Pierre Apap
Membri: Natalino Xuereb, Matthew Muscat, Justin Zahra, Antoine Mifsud, Christopher Mifsud, Stephen Cauchi, Antoine Borg, Mark Cremona, Frans Mintoff, Stephen Debono, Stephen Meilaq, Vincent Mifsud, Jonathan Zammit, Pierre Mallia, Mario Sammut, Roderick Cassar, Ray Bonello, Vincent Sammut, Domenic Scerri, Alfred Chetcuti, Charles Agius, Silvio Debono u Victor Cilia

**2006-2009**

Segretarju: Mark Cremona
PRO: Robert Cremona
Membri: Charles Agius, Pierre Apap, Spiro Bonanno, Ray Bonello, Anthony Borg, Christian Camilleri, Roderick Cassar, Stephen Cauchi, , Stephen Meilaq, Antoine Mifsud, Christopher Mifsud, Frans Mintoff, Mario Sammut, Antoine Scerri, Jurgen Scerri, Mario Sammut, George Spiteri, Jonathan Zammit

**2010-2011**

Segretarju: Mark Cremona
PRO: Robert Cremona
Membri: Charlon Borg, Matthew Azzopardi, Spiro Bonanno, Ray Bonello, Christian Camilleri, Stephen Cauchi, Jurgen Deguara, Antoine Falzon, Frans Mintoff, George Portelli, George Spiteri, Jurgen Xerri, George Xuereb, Laurence Zammit

**2012-2014**

Segretarju: George Spiteri
PRO: Christian Camilleri
Membri: Matthew Azzopardi, Spiro Bonanno, Ray Bonello, Juan Cardona, Jurgen Deguara, Antoine Falzon, Redeemer Gatt, Charles Gauci,

Clayton Grech, George Portelli, Daniel Pullicino, Jurgen Xerri, George Xuereb, Laurence Zammit

**2015-2016**

Direttur: Laurence Zammit

Membri: Matthew Azzopardi, Thomas Barry, Spiro Bonanno, Christian Camilleri, Georg Camilleri, Juan Cardona, Gabriel Cassar, Jurgen Deguara, Antoine Falzon, Charles Gauci, Jean Claude Gravina, Clayton Grech, Dorian Grech, Glorianne Mangion, Christian Muscat, Thomas Muscat, George Portelli, Daniel Pullicino, George Spiteri, Carl Vella, George Xuereb, George Zammit u Lourdes Zammit

**2017-2018**

Direttur: Christian Camilleri,

Membri: Jessica Agius, Joel Attard, Matthew Azzopardi, Thomas Barry, Spiro Bonanno, Gabriel G. Camilleri, Georg Camilleri, Kieran Camilleri Bianco, Stephen Cauchi, Gian Luca D'Amato, Jurgen Deguara, Gail Diacono, Antoine Falzon, Kurt Farrugia, Charles Gauci, Jean Claude Gravina, Clayton Grech, Dorian Grech, Jurgen Mallia, Christian Muscat, George Portelli, Carl Vella u Lourdes Zammit

**2019**

Direttur: Christian Camilleri,

Membri: Jessica Agius, Joel Attard, Matthew Azzopardi, Thomas Barry, Andrea Borg, Mattia Borg, Gabriel G. Camilleri, Georg Camilleri, Kieran Camilleri Bianco, Kyle Coppola, Gian Luca D'Amato, Jurgen Deguara, Gail Diacono, Antoine Falzon, Kurt Farrugia, Charles Gauci, Jean Claude Gravina, Clayton Grech, Dorian Grech, Jurgen Mallia, Christian Muscat, George Portelli, Carl Vella u Lourdes Zammit

# Kappillani/Arċiprieti tal-Parroċċa San Ġorġ 1919-2019

| | |
|---|---|
| Rev. Dun Vinċenz Azzopardi: | 1919 - 1936 |
| Rev. Dun Anton Vella: | 1936 - 1955 |
| Rev. Dun Ġerald Frendo: | 1956 - 1977 |
| Rev. Kan. Dun Pawl Attard: | 1978 - 1981 |
| Rev. Dun Edgar Attard: | 1981 - 1987 |
| Rev. Kan. Dun Karm Aquilina: | 1987 - 1995 |
| Rev. Dun Frans Abdilla: | 1995 - 2005 |
| Rev. Kan. Dun Anton Cassar: | 2005 - 2016 |
| Rev. Dun Mario Mangion: | 2017 - |

# Sehem il-Baned tal-Parroċċa fil-Festa

**1927**

L-Aħħar Jum tat-Tridu: Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħodu) Marċijiet mill-baned Pinto u San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Programm mill-Banda San Ġorġ Martri

**1929**

L-Ewwel Jum tat-Tridu: Programm mill-Orkestra San Francesco Saverio
It-Tieni Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Programm mill-Banda Pinto
Lejlet il-Festa (Filgħodu) Marċ mill-Banda Pinto
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Programm mill-Orkestra San Francesco Saverio
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1930**

L-Ewwel Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
It-Tieni Jum tat-Tridu: Programm mill-Banda Pinto
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħodu) Marċ ill-Banda Pinto
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Programm mill-Banda Pinto
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1931**

L-Ewwel Jum tat-Tridu: Programm mill- Banda San Ġorġ Martri
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Programm mill-Banda Pinto
Lejlet il-Festa (Filgħodu) Marċ mill-Banda Pinto
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1932**

L-Aħħar Jum tat-Tridu: Programm mill-Banda San Ġorġ Martri

Lejlet il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Programm mill-Banda Pinto

Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1934**

L-Aħħar Jum tat-Tridu: Programm mill-Banda San Ġorġ Martri

Lejlet il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Programm mill-Banda Pinto

Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda Pinto

**1935**

L-Aħħar Jum tat-Tridu: Programm mill-Banda Pinto

Lejlet il-Festa (Filgħodu) Marċ mill-Banda Pinto

Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Programm mill-Banda San Ġorġ Martri

Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1936**

L-Aħħar Jum tat-Tridu: Programm mill-Banda San Ġorġ Martri

Lejlet il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Programm mill-Banda San Ġorġ Martri

Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1938-1939**

Ħruġ min-Niċċa: Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri

L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri

Lejlet il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Programm mill-Banda San Ġorġ Martri

Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1945**

L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1946-1948**

L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1949-1952**

L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1953**

Ħruġ min-Niċċa: Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1954-1958**

L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1959-1960**

Ħruġ min-niċċa: Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1961**
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1962-1963**
Ħruġ min-Niċċa: Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1964**
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1965-1967**
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1968**
Ħruġ min-Niċċa: Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1969-1981**
Ħruġ min-Niċċa: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
It-Tieni Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1982-1988**

Ħruġ min-Niċċa: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
It-Tieni Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
(Filgħaxija): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1988**

Ħruġ min-Niċċa: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
It-Tieni Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċi mill-Baned San Ġorġ Martri u Anici
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċi mill-Baned San Ġorġ Martri u Anici
(Filgħaxija): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1989-1990**

Ħruġ min-Niċċa: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
It-Tlieta tal-Festa: Marċ mill-Banda Anici
L-Ewwel Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda Anici
It-Tieni Jum tat-Tridu: Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri
L-Aħħar Jum tat-Tridu: Marċi mill-Baned San Ġorġ Martri u Anici
Lejlet il-Festa (Filgħaxija): Marċ u Programm mill-Banda San Ġorġ Martri u Marċ mill-Banda Anici
Nhar il-Festa (Filgħodu): Marċi mill-Baned San Ġorġ Martri u Anici
(Filgħaxija): Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri

**1991**

Preżentazjoni tas-Sandli: Marċi mill-Baned San Ġorġ Martri u Anici
Ħadd qabel il-Festa: Programm mill-Banda Anici
